

Brussell, 9 ta' Lulju 2015
(OR. en)

10549/15

LIMITE

CFSP/PESC 334
COPS 207

NOTA

minn:	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
lil:	Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS)
Suġġett:	Aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-PESK (parti II, punt E, paragrafu 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013) - 2014 - Abbozz ta' rapport Annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tat-2 ta' Diċembru 2013, parti II, punt E, paragrafu 25, jipprevedi li kull sena, ir-Rappreżentant Għoli għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar dokument li jħares 'il quddiem, li ser jistabbilixxi l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-PESK, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, evalwazzjoni tal-miżuri mnedija fis-sena n -1 u valutazzjoni tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħrajn tal-Unjoni.
2. Il-Grupp Nicolaidis eżamina r-rapport u qabel fit-3 ta' Lulju 2015 permezz tal-proċedura ta' silenzju li l-KPS għandu jiġi mistieden japprova l-abbozz tar-rapport emendat kif inniżżel hawn taħt.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa mistieden japprova l-abbozz ta' rapport u jgħaddih lill-Kunsill, permezz tal-Coreper, għall-approvazzjoni.

**Abbozz ta' Rapport Annwali mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet
Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew**

Aspetti prinċipali u għażliet bażiċi tal-PESK

– 2014 –

INTRODUZZJONI	15
1. Eżempji ta' impenn tal-UE fid-dinja.....	16
2. Sfidi fil-ġejjieni	20
A. Ħarsa Ġenerali lejn l-Attivitajiet skont ir-Reġjun	21
1. Viċinat tan-Nofsinhar, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Peniżola Għarbija.....	21
1.1. Afrika ta' Fuq.....	21
1.1.1. Alġerija	21
1.1.2. Marokk.....	22
1.1.3. Tuneżija	23
1.1.4. Libja.....	24
1.2. Lvant Nofsani	25
1.2.1. Eġittu	25
1.2.2. Ġordan	26
1.2.3. Libanu.....	27
1.2.4. Sirja.....	28
1.2.5. Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.....	30

1.3.	Peniżola Għarbija, Iran u Iraq	35
1.3.1.	Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Istati Membri tiegħu	35
1.3.2.	Iran.....	36
1.3.3.	Iraq.....	38
1.3.4.	Jemen	41
1.4.	Kooperazzjoni reġjonali	42
1.4.1.	Lega tal-Istati Għarab	42
1.4.2.	Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OKI)	43
1.4.3.	Unjoni għall-Mediterran (UgħM).....	44
2.	Russja, Viċinat tal-Lvant u Asja Ċentrali	44
2.1.	Federazzjoni Russa.....	44
2.2.	Sħubija tal-Lvant: relazzjonijiet multilaterali.....	48
2.3.	Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.....	51
2.4.	Sħubija tal-Lvant: relazzjonijiet bilaterali	52
2.4.1.	Ukrajna	52
2.4.2.	Belarussja.....	58
2.4.3.	Repubblika tal-Moldova	60
2.4.4.	Georgia	63

2.4.5.	Ażerbajġan.....	66
2.4.6.	Armenja	66
2.4.7.	Il-kunflitt ta' Nagorno Karabakh.....	67
2.5.	Asja Ċentrali.....	68
2.5.1.	Relazzjonijiet reġjonali.....	68
2.5.2.	Relazzjonijiet bilaterali.....	69
3.	Balkani tal-Punent	71
4.	Turkija u Ewropa tal-Punent.....	79
4.1.	Turkija	79
4.2.	Ewropa tal-Punent	83
5.	Asja u l-Paċifiku	86
5.1.	Laqgħa bejn l-Asja u l-Ewropa (ASEM).....	86
5.2.	Asja tal-Lvant	87
5.2.1.	Ċina.....	87
5.2.2.	Hong Kong SAR.....	88
5.2.3.	Tajwan	89
5.2.4.	Ġappun.....	89

5.2.5.	Repubblika tal-Korea.....	90
5.2.6.	Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	91
5.2.7.	Mongolja.....	92
5.3.	Asja tax-Xlokk	93
5.3.1.	Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)	93
5.3.2.	Myanmar/Burma.....	93
5.3.3.	Tajlandja	94
5.3.4.	Kambodja.....	94
5.3.5.	Indoneżja	95
5.3.6.	Filippini	95
5.3.7.	Vjetnam	96
5.3.8.	Singapore.....	96
5.3.9.	Malasja.....	97
5.3.10.	Brunei	97

5.4.	Asja t'Isfel.....	98
5.4.1.	Assoċjazzjoni tal-Asja tan-Nofsinhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC)	98
5.4.2.	Indja.....	98
5.4.3.	Nepal.....	99
5.4.4.	Bhutan.....	99
5.4.5.	Afganistan.....	99
5.4.6.	Pakistan.....	101
5.4.7.	Bangladesh.....	102
5.4.8.	Sri Lanka.....	103
5.4.9.	Maldivi.....	104
5.5.	Paciċiku.....	104
5.5.1.	Awstralja.....	104
5.5.2.	New Zealand.....	105
5.5.3.	Fiġi.....	107
5.5.4.	Gżejjer Solomon	107
5.5.5.	Kwistjonijiet reġjonali	108

6.	Afrika	108
6.1.	Unjoni Afrikana.....	108
6.2.	Afrika tal-Punent	111
6.2.1.	Sigurtà u żvilupp fis-Saħel.....	112
6.2.2.	Mauritania.....	113
6.2.3.	Mali.....	114
6.2.4.	Niger	115
6.2.5.	Burkina Faso	116
6.2.6.	Senegal.....	117
6.2.7.	Il-Gambja	119
6.2.8.	Guinea-Bissau.....	120
6.2.9.	Guinea.....	121
6.2.10.	Sierra Leone	122
6.2.11.	Liberja	122
6.2.12.	Kosta tal-Avorju	123
6.2.13.	Togo.....	124
6.2.14.	Niġerja.....	125
6.3.	Afrika tal-Lvant.....	126
6.3.1.	Djibouti.....	127

6.3.2.	Eritrea	128
6.3.3.	Etjopja.....	129
6.3.4.	Somalja	129
6.3.5.	Sudan t'Isfel	131
6.3.6.	Kenja.....	132
6.3.7.	Madagascar	133
6.3.8.	Mauritius.....	134
6.3.9.	Seychelles	134
6.3.10.	Tanzanija	135
6.3.11.	Uganda.....	136
6.4.	Afrika Ċentrali.....	138
6.4.1.	Ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK).....	138
6.4.2.	Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA).....	143
6.5.	In-Nofsinhar tal-Afrika.....	144
6.5.1.	Angola	145
6.5.2.	Namibja	146
6.5.3.	Botswana.....	146
6.5.4.	Żambja	146
6.5.5.	Żimbabwe	147

6.5.6.	Afrika t'Isfel.....	147
6.5.7.	Swaziland.....	148
6.5.8.	Lesoto	149
6.5.9.	Mozambique	149
6.5.10.	Malawi.....	150
7.	Kontinent Amerikan.....	151
7.1.	Stati Uniti u Kanada	151
7.1.1.	Stati Uniti.....	151
7.1.2.	Kanada	153
7.2.	L-Amerika Latina u l-Karibew.....	154
7.2.1.	Relazzjonijiet bireġjonali.....	154
7.2.2.	Relazzjonijiet sottoreġjonali	155
7.2.3.	Relazzjonijiet bilaterali.....	157
B.	Indirizzar tat-Theddid u l-Isfidi Globali	164
1.	Nonproliferazzjoni u Diżarm	164
1.1.	In-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa u l-vetturi tagħhom	165
1.1.1.	Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni.....	165
1.1.2.	Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari.....	166

1.1.3.	Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).....	167
1.1.4.	Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.....	167
1.1.5.	Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi	168
1.1.6.	Kontroll tal-esportazzjoni	169
1.1.7.	Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi	170
1.1.8.	Attivitajiet spazjali.....	170
1.2.	Armi konvenzjonali.....	171
1.2.1.	Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi	171
1.2.2.	Armi ħfief u ta' kalibru żgħir	172
1.2.3.	Mini kontra l-persunal u munizzjon dispersiv	173
1.2.4.	Kontrolli tal-esportazzjoni	174
1.2.5.	Ftehim ta' Wassenaar	174
2.	Theddid Transreġjonali u Sfidi Globali	174
2.1.	Kriminalità organizzata	174
2.2.	Sigurtà marittima	175
2.3.	Politika ċibernetika u ċibersigurtà.....	177
2.4.	Mitigazzjoni tar-Riskju Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari	178
2.5.	Enerġija	178

2.6.	Tibdil fil-Klima	180
2.7.	Migrazzjoni	181
2.8.	Droga.....	183
2.9.	Provenjenza Responsabbli ta' Minerali	184
2.10.	Ġlieda Kontra t-Terroriżmu.....	185
C. Kontribuzzjoni għal Ordni Multilaterali Aktar Effettiva (NU, KtE, OSKE, G7 /G8 /G20)....		187
1.	NU.....	187
2.	Paċi u Sigurtà	188
3.	Żvilupp uman, ekonomiku u soċjali u Aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015.....	189
4.	Kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).....	191
5.	G7 / G20.....	192
6.	Kunsill tal-Ewropa (KtE).....	193
7.	Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.....	193
D. Appoġġ għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-istat tad-dritt		197
1.	Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt	197
2.	Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika tal-UE	198
3.	Implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem	200

4.	Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika esterna kollha.....	206
5.	Demokrazija u l-istat tad-dritt.....	209
6.	Promozzjoni tal-universalità, ħidma f'livelli multilaterali u reġjonali.....	210
E.	Approċċ Komprensiv, Prevenzjoni tal-Konflitti, Medjazzjoni u Rispons għal Kriżijiet.....	211
1.	Approċċ Komprensiv	211
2.	Prevenzjoni ta' konflitti u medjazzjoni	212
3.	Rispons għall-kriżijiet u koordinazzjoni operazzjonali	214
F.	Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni	215
1.	Aktar kapaċi	215
1.1.	Kapaċitajiet.....	217
1.1.1.	Kapaċitajiet ċivili.....	218
1.1.2.	Kapaċitajiet militari	219
1.1.3.	Ċentru Satellitari tal-UE	221
1.2.	Tagħlimiet meħuda u taħriġ	222
1.2.1.	Tagħlimiet meħuda	222
1.2.2.	Taħriġ u eżerċizzji	223
1.3.	Kunċetti għall-attivitajiet tal-PSDK	226

2.	Aktar effettivi.....	228
2.1.	Sħubiji	228
2.2.	Gruppi tattiċi u reazzjoni rapida.....	232
3.	Aktar Koerenti.....	232
3.1.	Rabta bejn is-sigurtà interna u esterna	232
3.2.	Sinerġiji Ċivili-Militari.....	234
1.	Viċinat.....	235
2.	Ewropa u Asja Ċentrali	242
3.	Afrika	245
4.	Kontinent Amerikan.....	247
5.	Asja-Paċifiku.....	250
6.	Sigurtà Internazzjonali	255
7.	Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija	260
8.	Kwistjonijiet Globali.....	261
	Anness I: Sintesi ta' atti legali fil-qasam tal-PESK (miżuri restrittivi) 2014	264
	Annex II: Appearances before the European Parliament in 2014 .. Error! Bookmark not defined.	
1.	Appearances of the High Representative/Vice-President before the European Parliament in 2014	Error! Bookmark not defined.

2. Appearances on behalf of the High Representative/Vice-President before the European Parliament in 2014..... **Error! Bookmark not defined.**
3. Appearances of Senior EEAS Representatives before the European Parliament in 2014 and Exchanges of views with newly appointed Heads of Delegation.....**Error! Bookmark not defined.**

Anness III: Stqarrijiet u Dikjarazzjonijiet	275
Anness IV: Baġit tal-PESK 2014	291
Anness V: Valutazzjoni tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-UE.....	295

PARTI I: ĦARSA LURA LEJN L-2014

INTRODUZZJONI

L-2014 kienet sena deċiżiva għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-Unjoni Ewropea. Il-kunflitti armati, il-qerda u t-telf ta' ħajjiet umani fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea talbu azzjoni rapida u ddeterminata u wrew il-ħtieġa ta' Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni Ewropea tassew magħquda.

Matul is-sena li għaddiet l-UE użat il-firxa sħiħa tal-għodod tagħha - tal-PESK u mhux tal-PESK - biex twieġeb għal dawn l-isfidi, biex tindirizzahom b'mod integrat u biex ittaffi l-impatt tagħhom fuq il-pajjiżi kkonċernati kif ukoll fuq l-Ewropa. Il-bidliet globali usa' li wasslu għall-bosta kriżijiet simultanji li ħabbatna wiċċna magħhom jenfassizzaw ukoll il-ħtieġa li tinholq strateġija dejjiema għall-azzjoni esterna tal-UE.

Sabiex jirrifletti dan l-approċċ komprensiv, dan ir-rapport jinkludi, fejn adatt, referenzi għal politiki u strumenti mhux tal-PESK, bħall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kummerċ u l-għajnuna umanitarja.

L-2014 rat tmexxija ġdida tidħol fil-kariga, li ddedikat lilha nnifisha għal koordinazzjoni saħansitra akbar bejn is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Eterna, servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex l-UE tibqa' tagħti kontribut globali fl-appoġġ għall-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

Matul is-sena, l-UE akkoppjat id-diplomazija ma' missjonijiet ġodda u eżistenti tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fil-post, intervent umanitarju f'żoni milquta minn kriżi u għajnuna għall-iżvilupp għal dawk fil-bżonn. Ħdimna wkoll mill-qrib ma' sħab internazzjonali, reġjonali u lokali.

Il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà globali f'għadd ta' modi. L-ewwel nett, l-UE tinsab direttament involuta fi – u f'xi każijiet tmexxi – negozjati internazzjonali għall-paċi fisem il-komunità internazzjonali, pereżempju bejn Belgrad u Pristina u fit-taħditiet nukleari mal-Iran.

It-tieni, l-UE tista' tiġbor firxa wiesgħa ta' għodod – politiċi u ekonomiċi – biex tindirizza sfidi importanti tal-politika barranija. F'dinja fejn l-isfidi ta' sigurtà qed isiru dejjem aktar kumplessi, l-approċċ tal-UE għall-azzjoni esterna jżid valur partikolari billi jindirizza d-dimensjonijiet kollha ta' kriżi, mill-għeruq tagħha għall-manifestazzjoni immedjata tagħha. Naraw il-benefiċċji ta' approċċ bħal dan f'sitwazzjonijiet li jvarjaw mill-azzjoni tal-UE biex tindirizza l-kriżi fl-Ukrajna għal kif iġġieldet kontra l-piraterija fil-Qarn tal-Afrika.

It-tielet nett, l-UE taħdem mill-qrib ma' sħab internazzjonali u reġjonali – u tappoġġahom materjalment – biex tindirizza sfidi reġjonali f'każijiet fejn huma biss l-isforzi kollettivi li jistgħu jagħtu riżultati, bħat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-ġestjoni tar-riskju u l-għajnuna f'każ ta' diżastri. L-2014 kienet sena kruċjali fit-tnejn għan-negozjati fi ħdan il-qafas tan-NU lejn l-għanijiet ta' Żvilupp għal wara l-2015, il-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. Biex tippromwovi d-demokrazija, l-Unjoni Ewropea bagħtet gruppi ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet fil-Maldivi, il-Guinea-Bissau, il-Malawi, l-Eġittu, il-Kosovo¹, il-Mozambique u t-Tuneżija. L-UE intensifikat ukoll il-kooperazzjoni mas-sħab reġjonali u strateġiċi tagħha biex tiġġieled theddid u sfidi dinjin.

1. Eżempji ta' impenn tal-UE fid-dinja

Dan ir-rapport juri l-kobor u l-firxa tal-involviment tal-UE fid-dinja. L-eżempji li ġejjin jagħtu ħarsa lejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni fejn l-UE għamlet differenza.

¹ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

Matul l-2014 l-Unjoni Ewropea kkonċentrat l-isforzi tagħha biex ittaffi l-kriżi fl-Ukrajna u ħadmet għal soluzzjoni dejjiema u appoġġat bosta inizjattivi għal dak il-għan. L-inizjattivi politiċi mxew id f'id ma' pakkett kbir ta' appoġġ ta' EUR 11.1 biljuni għas-seba' snin li ġejjin biex tingħata għajnuna biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Ukrajna, tiġi appoġġata transizzjoni paċifika, jitħeġġu riformi politiċi u ekonomiċi u jiġi appoġġat l-iżvilupp inklużiv. Biex tgħin lill-Ukrajna tiżgura s-sigurtà tal-enerġija tagħha, l-UE nnegożjat ftehim biex il-provvisti tal-gass ikomplu sa tmiem Marzu 2015. Tnediet uffiċjalment ukoll Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (Missjoni tal-PSDK) f'Diċembru 2014.

Fl-istess ħin l-UE adottat miżuri restrittivi, fir-rigward tal-annessjoni illegali Russa tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni ta' partijiet tal-Lvant tal-Ukrajna.

In-negożjati ta' Ftehim Ġdid bejn l-UE u r-Russja kif ukoll it-taħdidiet dwar il-Viża ġew sospiżi flimkien ma' bosta programmi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja.

Filwaqt li l-bibien għad-djalogu mar-Russja baqgħu miftuħin, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għamlitha ċara li l-impenn tal-UE għal-liġi internazzjonali u l-valuri universali mhuwiex negozjabbli.

L-UE tikkundanna l-atroċitajiet u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fis-Sirja, partikolarment mir-reġim ta' Assad kif ukoll mill-ISIL/Da'esh, Jabhat al-Nusra u gruppi terroristiċi oħrajn. Bħala reazzjoni għall-ħtiġijiet urġenti tal-poplu Sirjan, l-UE mexxiet ir-rispons internazzjonali b'aktar minn EUR 3 biljun sa mill-bidu tal-kunflitt u l-istabbiliment ta' Fond Fiduċjarju reġjonali tal-UE ("Madad") bħala reazzjoni għall-kriżi ġie approvat mill-Istati Membri. Dan jagħmel lill-UE d-donatur ewlieni fid-dinja biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' din il-kriżi.

Hija appoġġat bis-sħiħ l-isforzi tar-Rappreżentant Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Lega tal-Istati Għarab Lakhdar Brahimi u s-suċċessur tiegħu, il-Mibgħut Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Staffan de Mistura, biex jinkiseb tnaqqis strateġiku fil-vjolenza bħala bażi għal proċess politiku aktar mifruż.

Matul l-2014 l-UE kompliet il-politika tagħha ta' promozzjoni ta' soluzzjoni politika għall-kunflitt filwaqt li imponiet u infurzat ukoll miżuri restrittivi li l-mira tagħhom huwa r-reġim ta' Assad u dawk li jappoġġawh sakemm tkompli r-ripresjoni. L-UE kienet ukoll fuq quddiem fl-appoġġ tal-proposti biex l-armi kimiċi Sirjani ddikjarati jitpoġġew taħt kontroll internazzjonali, li wassal għall-qerda eventwali tagħhom.

Fl-Iraq, l-UE żammet l-impenn tagħha biex tappoġġa lill-pajjiż. Fuq kollox ħeġġiġna lill-gvern Iraqi jtkellem mal-komunitajiet Iraqin kollha u jimxi 'l quddiem bir-rikonċiljazzjoni u r-riformi. Hija u tħabbat wiċċha ma' ambjent diffiċli ta' sigurtà, l-UE kkooperat mill-qrib man-NU u atturi internazzjonali oħrajn fuq il-post.

Ir-Rappreżentant Għoli flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ħejjew l-ewwel strateġija komprensiva tal-UE dwar l-indirizzar tal-kriżijiet fis-Sirja u l-Iraq u t-theddida mill-ISIL/id-Da'esh.

L-istrateġija tiġbor flimkien l-inizjattivi tal-UE u l-Istati Membri u tagħti spinta lill-effiċjenza tagħhom b'pakkett sostanzjali ta' finanzjament biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet li ġejjin: l-għajnuna, l-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp fir-reġjun, kif ukoll il-ġlieda kontra t-theddida li joħolqu l-gruppi terroristiċi. Dawn il-miżuri għandhom fil-mira tagħhom lis-Sirja u lill-Iraq, iżda wkoll lil-Libanu, il-Ġordan u t-Turkija.

Repubblika Ċentru-Afrikana

Matul l-2014, l-UE qdiet rwol attiv flimkien mas-sħab internazzjonali fl-istabbilizzazzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) u biex tpoġġiha fit-triq it-tajba lejn irkupru sostenibbli.

Bħala parti mir-rispons komprensiv tagħha għall-kriżi fir-RĊA, l-UE mmobilizzat l-istrumenti kollha disponibbli għaliha, fosthom operazzjoni militari tal-PSDK. Fl-1 ta' April 2014, il-Kunsill nieda l-operazzjoni EUFOR RCA, biex jgħin l-isforzi internazzjonali biex jipprovdu ambjent sikur fil-belt kapitali Bangui u biex iħarsu l-popolazzjonijiet l-aktar f'riskju. L-UE organizzat Mini-Summit dwar ir-RĊA fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Afrika fit-2 ta' April li kellu parteċipazzjoni ta' livell għoli, inkluż is-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon.

L-UE u l-Istati Membri żiedu sostanzjalment l-involvement umanitarju tagħhom fir-RĊA fl-2014 u ħadmu mill-qrib man-NU u aġenziji oħra biex jimmassimizzaw l-assistenza fuq il-post. Minħabba l-persistenza tat-tensjoni komunitarja u l-qerda totali tan-nisġa soċjali tal-pajjiż, l-UE tat attenzjoni speċifika lill-għieda kontra l-impunità u l-istabbiliment mill-ġdid tal-istat tad-dritt. Hija kkonċentrat ukoll fuq il-promozzjoni tad-djalogu, it-tnaqqis tat-tensjoni u l-bini ta' fiduċja bejn il-komunitajiet. Dan mexxa id f'id mat-tnedija ta' fond fiduċjarju tal-UE għall-iżvilupp b'ħafna donaturi b'appoġġ għall-pajjiż.

Multilateraliżmu Effettiv u Sħubijiet

F'dinja dejjem aktar kumpless u konnessa l-effettività tal-UE biex tindirizza sfidi dinjin tiddependi fuq sħubijiet b'saħħithom. Matul l-2014 l-Unjoni Ewropea ħadmet biex tapprofondixxi r-relazzjonijiet ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja, sew f'għamla ta' rabtiet bilaterali, inkella reġjonali jew multilaterali, aktar b'saħħithom.

L-UE u n-NU huma sħab ewlenin għall-paċi u s-sigurtà. L-UE kompliet tkun sieħeb impenjat u ta' min joqgħod fuqu għan-Nazzjonijiet Uniti, sew fil-prevenzjoni kif ukoll fl-indirizzar ta' kriżijiet, jew fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-ekwità, il-governanza tajba, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

L-UE għandha wkoll viżjoni ċara u leħen influwenti fid-dibattiti dwar l-aġenda għal wara l-2015 u n-negozjati internazzjonali għal ftehim ġdid dwar il-klima globali fl-2015.

2. Sfidi fil-ġejjieni

Il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE tinsab fl-isfond ta' ambjent globali frammentat iżda interdipendenti li huwa dejjem aktar kumpless, ambigwu u mhux prevedibbli. Dan iċ-ċaqliq globali ser jitlob azzjoni deċiżiva fisem l-UE, ibbażata fuq l-għaqda u l-ħila li tidentifika sfidi minn kmieni u tippjana minn qabel, iżda wkoll li tirreaġixxi b'mod rapidu għal ċirkostanzi li qiegħdin jinbidlu.

Fl-2015 l-UE ser tkompli tikkonċentra fuq l-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fil-viċinat tagħha filwaqt li tippromwovi l-paċi u l-prosperità madwar id-dinja. Hija ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv biex issib soluzzjoni paċifika u sostenibbli għall-kunflitt fl-Ukrajna. Fin-nofsinhar tagħha, minbarra li tiddedika l-attenzjoni sħiħa tagħha biex ittemm it-tbatija tal-miljuni milquta mill-kunflitt fis-Sirja u l-Iraq kif ukoll il-biża' u l-vjolenza mxerrda mill-ISIL/Da'esh, l-UE ser iżżid ukoll l-isforzi biex tindirizza l-kriżi li bħalissa hemm fil-Libja u tittratta l-pressjoni migratorja.

Aktar minn għaxar snin wara l-ewwel li ġiet adottata l-Politika Ewropea tal-Viċinat, is-sitwazzjoni fuq il-fruntieri tal-UE nbidlet b'mod konsiderevoli. Huwa għalhekk li fl-2015 ser isir rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat biex jiġi żgurat li l-politiki tal-UE fil-viċinat tagħha jkunu mfassla għas-sitwazzjoni attwali fuq il-post, l-interessi tal-UE u l-oġettivi u l-ħtiġijiet differenzjati tal-pajjiżi inkwistjoni.

Din is-sena hija kruċjali wkoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' bosta negozjati internazzjonali. Il-prospett ta' ftehim nukleari mal-Iran jagħti opportunità storika li jiġi indirizzat it-tħassib dwar in-natura paċifika tal-arrikkiment nukleari tal-Iran u jista' jkonegħed is-sisien għal kooperazzjoni futura mal-Iran f'oqsma politiċi importanti. In-negozjati dwar ftehim għdid dwar il-klima dinjija kif ukoll Qafas Globali għall-Iżvilupp għal wara l-2015, inklużi l-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli ser ikunu passi essenzjali għal ġejjieni aktar sostenibbli. L-UE tinsab f'fażi kruċjali fin-negozjati dwar Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti, li għandha potenzjal biex tagħti spinta lill-impjiegi u t-tkabbir fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Din is-Sħubija għandha wkoll dimensjoni ġeopolitika u ġeoeconomika importanti, billi tfannad ir-rabta transatlantika qalb l-inċertezza globali u tħares l-istandards komuni. Is-sena ser tkun deċiżiva wkoll biex titwitta t-triq 'il quddiem għall-azzjoni esterna tal-Unjoni hekk kif tqis li tallinja l-istrumenti u l-politika esterna kollha tagħha sabiex tirreaġixxi b'mod adegwat għat-theddid, l-isfidi u l-opportunitajiet f'kuntest globali li qed jinbidel. Strateġija Ewropea għdida, ambizzjuża u operattiva dwar is-sigurtà u l-politika barranija ser tkun essenzjali f'dan ir-rigward.

A. Ħarsa Ġenerali lejn l-Attivitajiet skont ir-Reġjun

1. Viċinat tan-Nofsinhar, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Peniżola Għarbija

1.1. Afrika ta' Fuq

1.1.1. Alġerija

L-UE bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali (MEE) għall-elezzjonijiet presidenzjali f'April biex iwettqu valutazzjoni teknika u inqas pubblika tal-proċess, kif kien ikun il-każ b'Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali sħiħa. Il-Missjoni ħarġet sensiela ta' rakkomandazzjoni, li l-iktar li kkonċentraw kien fuq it-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-proċess.

Matul l-2014, id-dinamika ta' djalogu politiku u ta' laqgħat fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kompliet b'suċċess. Il-Ministru Ramtane Lamamra ltaqa' mal-Kummissarju Stefan Füle fi Brussell f'April 2014. Fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Alġerija, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni sar f'Marzu u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni f'Mejju. Ġie inizjalat Protokoll fil-marġini tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex l-Alġerija tkun tista' tieħu sehem fil-programmi u l-aġenziji tal-UE. Saru wkoll bosta sottokumitati tematiċi u djalogi informali matul l-2014. Barra minn hekk, in-negozjati għal Pjan ta' Azzjoni għall-Politika Ewropea tal-Viċinat, li bdew fit-tieni nofs tal-2013, issoktaw bi tliet sessjonijiet oħra fl-2014. L-Alġerija ser tgawdi minn allokazzjoni ta' mhux aktar minn EUR 148 miljun għall-perijodu 2014-2017.

L-Alġerija qdiet rwol prominenti bħala medjatur fil-kriżi tal-Mali. L-UE kienet assoċjata ma' dan l-isforz u r-RSUE għas-Saħel, Reveyrand-de Menthon, ħa sehem fit-taħditiet organizzati mill-gvern Alġerin bejn l-awtoritajiet tal-Mali u gruppi ribelli.

1.1.2. Marokk

Matul l-2014, ir-relazzjoni diġà viċina tal-Marokk mal-UE ġiet żviluppata aktar b'firxa eżawrjenti ta' kwistjonijiet. L-UE żammet livell għoli ta' djalogu politiku mal-Marokk u kompliet tappoġġa l-implimentazzjoni gradwali tar-riformi mwettqa mill-Marokk wara l-adozzjoni tal-Kostituzzjoni l-ġdida fl-2012.

Matul l-2014, il-Marokk u l-UE solvew diffikultajiet marbuta mal-modifika tal-mekkaniżmu tal-prezz ta' dħul għall-frott u l-ħaxix, li essenzjalment jolqot l-esportazzjoni ta' tadam Marokkin lejn l-UE. L-ewwel permessi ta' sajd għal bastimenti tal-UE nħarġu f'Settembru. In-negozjati tad-DCFTA (Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv) jinsabu wieqfa sakemm jinħarġu r-riżultati tal-istudji akkumpanjanti għal ċerti setturi mill-awtoritajiet Marokkini. In-negozjati għal sħubija ta' mobbiltà (ftehim parallel dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u r-riammissjoni) bdew f'Jannar 2015.

Kemm il-Kummissarju Štefan Füle kif ukoll il-Kummissarju Johannes Hahn żaru Rabat f'Mejju u Diċembru rispettivament. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni seħħ fis-16 ta' Diċembru 2014. Fis-snin li ġejjin, is-sħubija tal-UE mal-Marokk ser tkompli tgawdi minn allokkazzjoni konsiderevoli ta' fondi (medja ta' EUR 809 miljuni għall-perijodu 2014-2015), li żżomm lill-Marokk bħala wieħed mill-pajjiżi li l-aktar li jirċievu assistenza finanzjarja u teknika tal-UE fil-Viċinat.

Fir-rigward tas-Saħara tal-Punent, bħalma għamlet fi snin preċedenti, l-UE esprimiet l-appoġġ tagħha għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tal-mibgħut personali tiegħu l-Ambaxxatur Christopher Ross biex tinkiseb soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli. Il-Marokk huwa parti mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għall-2014-2016.

1.1.3. Tuneżija

Fl-2014 saru b'suċċess elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali trasparenti, inklużivi u kredibbli, kif rikonoxxut mill-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE li ntbagħtet minn Settembru 2014 sa Jannar 2015. Dawn il-kisbiet irċewew appoġġ u tifħir mifruxa mill-UE u l-komunità internazzjonali.

Ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u t-Tuneżija mxew 'il quddiem b'mod pożittiv fl-2014. Fl-okkażjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li sar fl-14 ta' April intlaħaq qbil dwar il-Pjan ta' Azzjoni għal Sħubija Privileġġata; f'Marzu, ġiet iffirmata d-dikjarazzjoni konġunta politika dwar Sħubija ta' Mobbiltà għal kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni. B'awtoritajiet ġodda fil-kariga wara l-elezzjonijiet, l-aġenda tar-relazzjoni bilaterali hija mistennija tirritorna għal aktar regolarità, u l-fajls ewlenin għandhom jagħmlu progress (Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, Profond u Komprensiv, Sħubija ta' Mobbiltà). Id-djalogu dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà intensifika fl-2014 bil-ħsieb ta' appoġġ imsaħħaħ mill-UE fil-ġejjieni. Iż-żjarat tal-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy fi Frar, il-Kummissarju Štefan Füle f'Marzu u l-Viċi President tal-Kummissjoni Michel Barnier f'Settembru, kif ukoll l-ambaxxaturi tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà f'Ġunju, urew l-impenn ġenerali tal-UE lejn it-tranżizzjoni tat-Tuneżija.

1.1.4. Libja

Is-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fil-Libja marret għall-aġar b'mod sinifikanti fl-2014. F'Mejju 2014 l-UE ħatret lil Bernardino León, li sa dakinhar kien ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran, bħala Mibgħut Speċjali tal-UE għal-Libja, sabiex jissaħħa l-appoġġ tal-UE. Bernardino León inħatar Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU f'Settembru 2014.

L-isforzi tal-UE għall-kooperazzjoni - bil-għan li tappoġġa t-transizzjoni politika - ġew affettwati bħala riżultat tal-kunflitt li għaddej. Iż-żieda fil-vjolenza wasslet biex l-UE, flimkien mal-biċċa l-kbira tas-sħab internazzjonali l-oħra, kellha tiddeċiedi li ċċaqlaq temporanjament il-persunal tad-Delegazzjoni tagħha u ta' EUBAM, missjoni ċivili tal-PSDK li tipprovdi assistenza u taħriġ tekniku dwar il-ġestjoni tal-fruntieri. Minkejja d-diffikultajiet, l-UE pprovdiet għajnuna teknika fl-2014, b'mod partikolari fl-oqsma tal-amministrazzjoni pubblika, l-appoġġ għall-migranti u Persuni Spostati f'Pajjiżhom, is-sigurtà, l-edukazzjoni, il-mezzi tax-xandir, is-soċjetà ċivili u r-rikonċiljazzjoni. L-UE tappoġġa b'mod attiv l-isforzi ta' medjazzjoni tal-Missjoni tan-NU fil-Libja biex tinstab soluzzjoni paċifika u għall-kontinwazzjoni bla xkiel tal-proċess ta' transizzjoni politika tal-Libja. L-UE bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali fl-elezzjoni tal-Assemblea għall-Abbozzar tal-Kostituzzjoni fi Frar 2014.

Id-deterjorazzjoni kontinwa u ċara fis-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà għadha waħda mill-isfidi ewlenin għall-UE. F'konformità mal-isforzi internazzjonali, l-attività tal-UE ser ikun meħtieġ li tibqa' koordinata u tikkonċentra fuq appoġġ biex jinkiseb qbil/transizzjoni politika, tittejjeb is-sitwazzjoni tas-sigurtà u tiġi żviluppata l-kapaċità istituzzjonali. Id-direzzjoni futura tal-attività tal-PSDK, kif imwettqa minn EUBAM Libya, hija soġġetta għal rieżami strateġiku mill-Istati Membri fl-istanzi rilevanti tal-Kunsill.

1.2. Lvant Nofsani

1.2.1. Eġittu

L-UE hija impenjata li taħdem mal-Eġittu bħala sieħeb ewlieni fir-reġjun. Hija tapprezza l-isforzi magħmula mill-gvern Eġizzjan matul l-2014 għall-waqfien mill-ġlied f'Gaza u biex jospita l-konferenza tad-donaturi sussegwenti. Matul l-2014 l-UE baqgħet involuta mal-Eġittu billi akkumpanjatu fit-transizzjoni li għaddej minnha. Saru żjarat ta' livell għoli u kuntatti regolari biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-inklużività, l-appoġġ ekonomiku u t-tħassib dwar ir-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal transizzjoni politika b'suċċess u sostenibbli lejn sistema demokratika soda.

L-UE baġtet Missjoni ta' Esperti tal-UE f'Jannar 2014 biex tosserva r-referendum tal-Kostituzzjoni l-ġdida u nnutat li l-proċess kostituzzjonali kien nieqes mill-inklużività u spazju għal opinjoni differenti kemm meta nħoloq kif ukoll fil-kampanja elettorali. F'Mejju, l-UE wettqet Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali għall-elezzjonijiet presidenzjali filwaqt li stqarret li saru f'kuntest politiku diffiċli u kkritikat il-fatt li ġew koperti biss parzjalment mill-mezzi tax-xandir u li kien hemm spazju limitat ħafna għal nuqqas ta' qbil. L-elezzjonijiet parlamentari għadhom ma sarux.

Id-djalogu formali bejn l-UE u l-Eġittu fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat reġa' baqa' sospiż de-facto. Il-Pjan ta' Azzjoni ġie estiż sa Marzu 2015, sakemm ma jiġi negozjat Pjan ta' Azzjoni ġdid. Fi Frar u Diċembru 2014 saru konsultazzjonijiet bl-oġettiv li jqajmu mill-ġdid id-djalogu formali bejn l-UE u l-Eġittu bil-għan li bil-mod il-mod jissoktaw il-laqgħat tas-sottokumitati u jinbdew in-negozjati dwar Pjan ta' Azzjoni ġdid lejn il-bidu tal-2015.

Fil-laqgħa tal-Kunsill fl-10 ta' Frar, ġew adottati Konklużjonijiet li jikkundannaw is-sitwazzjoni dejjem aġġir tad-drittijiet tal-bniedem u li jfakkru fil-Konklużjonijiet ta' Awwissu 2013 li jikkonċentraw il-kooperazzjoni fuq is-settur soċjoekonomiku u s-soċjetà ċivili u li jissospendu l-liċenzji ta' esportazzjoni għal tagħmir li jista' jintuża għar-ripressjoni interna².

Għall-2014, il-finanzjament totali disponibbli għall-Eġittu kien ta' madwar EUR 185 miljun li jikkonsistu mill-allokkazzjoni għall-pajjiż (EUR 115-il miljun) u l-fondi tal-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (madwar EUR 70 miljun).

Id-Deċiżjoni inizjali tal-UE f'Marzu 2011 li timponi miżuri restrittivi kontra 19-il individwu assoċjati mill-qrib mar-reġim tal-President ta' qabel, Hosni Mubarak, ġiet estiża għal sena oħra f'Marzu 2014.

1.2.2. Ġordan

L-avvenimenti ta' livell għoli u l-iskambju ta' żjarat bejn l-UE u l-Ġordan komplew matul is-sena (Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan; żjarat tal-Kummissarju Štefan Füle u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni (RGħ/VP) fil-Ġordan u tar-Re Abdullah fi Brussell). Dawn ikkonfermaw livell enormi ta' relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi bejn iż-żewġ naħat, kif ukoll l-apprezzament tal-UE għall-appoġġ u l-ospitalità li l-Ġordan ipprovda lir-refuġjati Sirjani u l-impenn tal-UE li tkompli tappoġġa lill-Ġordan. Il-Ġordan huwa meqjus bħala sieħeb ewlieni fil-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità fil-Lvant Nofsani u lil hinn minnu.

Il-Ġordan kompla jkun ferm milqut mill-kriżijiet li għaddejjin fis-Sirja u fl-Iraq. Minbarra l-fluss li dieħel ta' refuġjati, li jammonta għal aktar minn 619,000 refuġjat Sirjan irreġistrat sa tmiem l-2014, il-kunflitti jimplikaw telf ta' rotot ta' kummerċ, swieq u provvista ta' enerġija.

² Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu fis-6 ta' Frar (2014/2532(RSP)).

L-UE kompliet iżżid l-appoġġ tagħha għall-Ġordan, kemm permezz ta' għajjuna umanitarja kif ukoll miżuri fuq medda twila ta' żmien, biex tiżgura li l-fluss ta' refuġjati ma jipperikolax il-kisbiet fl-iżvilupp li nkisbu f'dawn l-aħħar snin. Sa mill-bidu tal-kriżi Sirjana, l-UE allokat aktar minn EUR 300 miljun biex tappoġġa lill-Ġordan, li minnhom EUR 66 miljun marru speċifikament għall-appoġġ għall-iżvilupp fl-2014.

L-aktar kisbiet sinifikanti f'dik li hija implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE u l-Ġordan huma fl-oqsma tal-Migrazzjoni u l-Mobbiltà, u l-Kummerċ, bil-firma tas-Sħubija ta' Mobbiltà u t-tmiem tat-taħditiet esploratorji għal Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

1.2.3. Libanu

L-UE tappoġġa l-Gvern tal-Libanu u hija impenjata bis-sħiħ għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiż. Matul is-sena, l-UE u l-Libanu żammew livell għoli ta' involviment, kif juru ż-żjarat tar-RGħ/VP, il-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u t-Tkabbir Štefan Füle, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Stavros Lambrinidis u l-Koordinatur tal-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu Gilles de Kerchove, f'Bejrut, kif ukoll iż-żjara tal-Prim Ministru tal-Libanu, Tammam Salam, fi Brussell. Id-djalogu fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat kompli b'disa' laqgħat tas-sottokomitati u b'Komitati ta' Assoċjazzjoni.

L-UE saħqet kemm-il darba dwar il-ħtieġa li l-Libanu jħares id-dati ta' għeluq kostituzzjonali tiegħu biex isiru kemm elezzjonijiet presidenzjali kif ukoll parlamentari. Is-sena kienet immarkata bil-paraliżi tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-Libanu; l-UE ħarġet dikjarazzjonijiet lokali fejn esprimiet id-dispjaċir tagħha għal dawn l-iżviluppi u appellat lill-Gvern biex isejjaħ elezzjonijiet parlamentari kemm jista' jkun malajr u biex il-Parlament jiltaqa' u jeleġġi President.

Sa tmiem is-sena, il-Libanu ospita madwar 1.15 miljun mir-refuġjati rreġistrati mis-Sirja, u b'hekk sar il-pajjiż bl-akbar numru ta' refuġjati r-ras fid-dinja. L-UE hija konxja bis-sħiħ tal-isfidi mill-impatt tal-fluss kontinwu ta' rifuġjati fuq l-ekonomija u l-fibra soċjali tal-pajjiż u għaldaqstant kompliet turi l-apprezzament kbir tagħha għall-appoġġ u l-ġenerożità muri mill-awtoritajiet u l-popolazzjoni lejn in-nies li qed jaħarbu mill-pajjiżi ġirien.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' April faħħru lil-Libanu talli kompli jżomm il-fruntieri tiegħu miftuħa u jipprovd i kenn għar-refuġjati mis-Sirja. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru u tal-15 ta' Diċembru għarfu l-isfidi kbar immens ta' sigurtà li l-kriżi fis-Sirja toħloq għal-Libanu u l-Ġordan u kkonfermaw id-determinazzjoni tal-UE li tfittex modi kif issaħħaħ aktar l-appoġġ tagħha għaż-żewġ pajjiżi f'dan l-aspett. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet faħħru l-isforzi ta' dawn il-pajjiżi, kif ukoll dawk tat-Turkija fl-għoti ta' kenn lil refuġjati mis-Sirja.

L-UE allokat aktar minn EUR 183 miljun għal-Libanu fl-2014, aktar mit-triplu tal-ammont tal-assistenza bilaterali ta' qabel il-kriżi. L-UE ħadet sehem fil-laqgħat tal-Grupp ta' Appoġġ Internazzjonali għal-Libanu mmexxi min-NU biex jiġi mobilizzat appoġġ biex jgħin lil-Libanu jħabbat wiċċu mal-konsegwenzi tal-kriżi Sirjana.

Fid-dawl tas-sitwazzjoni kritika tas-sigurtà tal-Libanu, fosthom attakki fuq il-forzi tas-sigurtà Libaniżi, l-UE avvanzat fit-tiswir ta' programmi tal-UE biex jiġi appoġġat is-settur tas-sigurtà u l-Forzi Armati Libaniżi.

1.2.4. Sirja

Fir-raba' sena tagħha fl-2014, il-kriżi Sirjana kompliet ikollha impatt devastanti u dejjiemi fuq is-Sirja u fir-reġjun kollu. Il-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Awwissu kien "estremament diżappuntat bid-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' sigurtà u umanitarja fl-Iraq u fis-Sirja bħala riżultat tal-okkupazzjoni ta' partijiet mit-territorju tagħhom" mill-"Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante" (ISIL/(Da'esh).

L-UE esprimiet id-determinazzjoni tagħha li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-theddida mill-ISIL/Da'esh u gruppi terroristiċi oħra fl-Iraq u s-Sirja (f'konformità ma' UNSCR 2170, Awwissu), kif ukoll it-theddida mill-ġellieda barranin (f'konformità ma' UNSCR 2178, Settembru). Il-Kunsill tal-20 ta' Ottubru approva strateġija għas-Sirja u l-Iraq kontra t-terroriżmu/ġellieda barranin, u qabbad lir-RGħ/VP tiżviluppa strateġija reġjonali komprensiva għas-Sirja u l-Iraq inkluża t-theddida mill-ISIL/Da'esh.

F'dik li hija l-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn, il-Kunsill Ewropew appella lin-naħat kollha tal-kunflitt fis-Sirja biex jirrispettaw il-mandat tal-missjoni u jiżguraw is-sigurtà u l-libertà tal-moviment tat-truppi tan-NU, fosthom dawk minn Stati Membri tal-UE, u kkundanna l-attakki fuq il-Forza u d-detenzjoni ta' xi wħud mill-membri tagħha.

L-UE kkundannat mingħajr riżerva l-atroċitajiet u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa fis-Sirja, partikolarment mir-reġim ta' Assad kif ukoll dawk imwettqa mill-ISIL/Da'esh, Jabhat al-Nusra u gruppi terroristiċi oħra, kif irrappurtat mill-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta stabbilita mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u komplet tappella għat-teħid ta' responsabbiltà.

L-UE tippromwovi soluzzjoni politika għall-kunflitt fis-Sirja bbażata fuq il-prinċipji tal-komunikat ta' Ġinevra tal-2012. F'dan ir-rigward, l-UE appoġġat l-isforzi tar-Rappreżentant Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Lega tal-Istati Għarab Lakhdar Brahimi sar-riżenja tiegħu f'Mejju; u fil-15 ta' Diċembru l-Kunsill esprima l-impenn biex jappoġġa b'mod sħiħ l-isforzi tas-suċċessur tiegħu, il-Mibgħut Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Staffan de Mistura, biex jikseb tnaqqis strateġiku tal-vjolenza bħala bażi għal proċess politiku usa'.

Bi tweġiba għall-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-popolazzjoni Sirjana milquta, l-UE kienet fuq quddiem fir-rispons internazzjonali b'aktar minn EUR 3 biljun minn mindu beda l-kunflitt (madwar EUR 1.6 biljun mill-baġit tal-UE u kważi EUR 1.5 biljun mill-Istati Membri tal-UE), u b'hekk hija d-donatur ewlieni fid-dinja biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' din il-kriżi.

L-UE komplet tappella għar-rispett tad-Drittijiet Internazzjonali Umanitarji u tal-Bniedem u l-protezzjoni taċ-ċittadini u s-sigurtà tal-persunal umanitarju. Hija laqgħet b'sodisfazzjoni l-UNSCR 2139 (Frar), 2165 (Lulju) u 2191 (Diċembru) li jrawmu assistenza effettiva minn naħa għal oħra tal-fruntieri u l-linji.

Filwaqt li tippromwovi soluzzjoni politika għall-kunflitt, l-UE kompliet il-politika tagħha li timponi u tinforza miżuri restrittivi³ li jimmiraw lejn ir-reġim ta' Assad u dawk li jappoġġawh sakemm tibqa' għaddejja r-ripressjoni.

L-UE appoġġat il-missjoni tan-NU għall-qerda tal-armi kimiċi u l-missjoni tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi politikament, finanzjarjament u loġistikament. Din il-Missjoni Konġunta ngħalqet formalment fit-30 ta' Settembru u l-UE żżomm il-pressjoni fuq is-Sirja biex tiżgura li l-programm għall-armi kimiċi jiżżarma kompletament u b'mod irreversibbli.

1.2.5. Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

Fl-2014 l-UE kkontribwixxiet għan-negozjati nnegozjati mill-Istati Uniti bejn l-Iżrael u l-Palestina inkluż permezz tal-offerta Ewropea ta' appoġġ politiku, ekonomiku u fis-sigurtà mingħajr preċedent liż-żewġ partijiet fil-kuntest ta' qbil ta' status finali u Sħubija Privileġġata Speċjali. Madankollu, sospensjoni tan-negozjati nnegozjati mill-Istati Uniti f'April ħolqot inċertezza dwar il-progress fil-proċess ta' paċi, aggravata minn żieda fil-vjolenza fix-Xatt tal-Punent inkluż il-Lvant ta' Ġerusalemm u l-Istrixxa ta' Gaża.

L-operazzjoni militari Iżraeljana 'Protective Edge' immarkat it-tielet kunflitt f'Gaża fl-aħħar sitt snin. Din kienet tinvolvi operazzjoni fuq skala kbira fuq l-art li kellha l-għan li teqred mini bejn Gaża u l-Iżrael u l-ħażna ta' rokits tal-militanti; ħadet madwar 2,300 ħajja, li l-maġġoranza tagħhom kienu ċittadini Palestinjani. L-UE enfasizzat il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni ċivili f'kull mument.

³ http://www.eeas.europa.eu/statements-eeas/2014/141215_01_en.htm

Fil-qafas tal-isforzi internazzjonali li segwew biex jiġu żgurati waqfien mill-ġlied dejjiemi u bidla fundamentali fis-sitwazzjoni umanitarja, politika u tas-sigurtà fl-Istrixxa ta' Gaża, l-UE ssottolinjat li l-istatus quo ante mhuwiex sostenibbli, ikkundannat l-isparar mingħajr diskriminazzjoni ta' rokits fuq persuni ċivili Iżraeljani mill-Hamas u gruppi militanti oħra, ikkundannat it-telf ta' mijiet ta' ħajjiet ta' persuni ċivili f'Gaża, saħqet dwar il-ħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni ċivili skont id-dritt umanitarju internazzjonali, u ħeġġet b'mod qawwi lill-Awtorità Palestinjana biex gradwalment tassumi l-funzjonijiet governattivi kollha tagħha f'Gaża. Appellat ukoll għax-xoljiment ta' gruppi militari f'Gaża. L-UE ddiskutiet mal-partijiet il-kontribut possibbli tagħha sabiex jiġi żgurat waqfien mill-ġlied dejjiemi u jinħolqu kondizzjonijiet għat-tneħħija tar-reġim tal-għeluq, kemm permezz ta' strumenti tal-PESK bħar-riattivazzjoni u l-estensjoni tal-missjonijiet EUBAM Rafah u EUPOL COPPS kif ukoll assistenza umanitarja u għar-rikostruzzjoni, inklużi fil-Kumitat ta' Kuntatt Ad Hoc f'Settembru u fil-'Konferenza dwar il-Palestina: Nibnu Gaża mill-Ġdid' fil-Kajr f'Ottubru.

L-UE esprimiet il-pożizzjonijiet maqbula tagħha fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Novembru 2014 u talbet għal bidla fundamentali tas-sitwazzjoni politika, ta' sigurtà u ekonomika fl-Istrixxa ta' Gaża, inkluż it-tmiem tal-għeluq.

Matul iż-żjara tagħha fir-reġjun f'Novembru, ir-RGħ/VP issottolinjat il-ħtieġa għal perspettiva politika kredibbli għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani bbażata fuq soluzzjoni ta' żewġ Stati kif ukoll l-aspetti reġjonali tiegħu u l-importanza ewlenija tal-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi.

L-UE tinsab lesta biex taħdem ma' sħab internazzjonali fuq inizjattiva biex tniedi mill-ġdid il-proċess tal-paċi f'konformità mal-parametri tal-paċi tagħha espressi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Lulju 2014 u l-pożizzjoni kostanti tagħha favur l-Istat tal-Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, li jgħixu flimkien fil-paċi u s-sigurtà u r-rikonnoxximent reċiproku.

Diversi fatturi żiedu t-tensjoni fuq il-post qabel tmiem l-2014: espansjoni kontinwa tal-insedjamenti Iżraeljani, twaqqigħ u tkeċċija minn djar; kunflitti rikorrenti f'Haram All-Sharif/l-Għolja tat-Tempju fil-Lvant ta' Ġerusalem; għadd ta' attakki terroristiċi fuq l-Iżraeljani f'Ġerusalem u x-Xatt tal-Punent; is-sitwazzjoni umanitarja diżastruża f'Gaża; nuqqas ta' progress fir-rikonċiljazzjoni Palestinjana u l-waqfien ta' negozjati fil-Kajr dwar waqfien mill-ġlied dejjiemi f'Gaża.

Il-President Abbas wettaq attività mġedda fin-NU bil-ħsieb ta' riżoluzzjoni tal-KSNU li titlob it-tmiem tal-okkupazzjoni Iżraeljana b'data ta' għeluq. Fil-Konklużjonijiet ta' Novembru l-Kunsill afferma mill-ġdid ir-rieda li jaqdi rwol ewlieni u jagħti kontribut attiv għal soluzzjoni negozjata tal-kwistjonijiet kollha tal-istatus finali. Huwa appella lill-partijiet kollha u lill-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha, fosthom il-Kwartett, il-Lega Għarbija u l-KSNU, biex jieħdu l-passi meħtieġa għal dak il-għan.

Id-djalogu bejn l-Awtorità Palestinjana u l-UE kompli fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u fuq il-bażi tal-prijoritajiet miftiehma b'mod konġunt fil-Pjan ta' Azzjoni 2013. Wara l-kunflitt tas-sajf f'Gaża, l-UE ssottolinjat kemm-il darba l-ħtieġa għal soluzzjoni sostenibbli u komprensiva, li tinkludi t-tneħħija tal-għeluq, ir-ritorn tal-Awtorità Palestinjana għar-responsabbiltajiet governattivi tagħha fl-Istrixxa ta' Gaża u l-issoktar urġenti ta' negozjati kredibbli għall-paċi.

Dan il-messaġġ, kif ukoll l-impenn kontinwu tal-UE għall-bini tal-istat Palestinjan bil-ħsieb ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, ġie mtenni mir-RGħ/VP waqt il-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt Ad Hoc f'Settembru u tal-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi fil-Kajr f'Ottubru.

Ingħatat attenzjoni kontinwa lil atti li jheddu l-vijabilità ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, b'mod partikolari l-espansjoni kontinwa tal-insedjamenti Iżraeljani, il-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti, it-twaqqigħ ta' bini – inklużi proġetti finanzjati mill-UE – it-tkeċċijiet u t-trasferimenti sfurzati.

L-UE affermat mill-ġdid l-applikabilità tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali fit-territorju okkupat Palestinjan u appellat lill-Iżrael biex iħares b'mod sħiħ l-obbligi tiegħu skont il-liġi internazzjonali.

L-UE pparteċipat bħala osservatur fil-laqgħa tal-Partijiet Kontraenti ta' Livell Għoli tar-IV Konvenzjoni ta' Ġinevra li saret f'Ġinevra f'Diċembru 2014.

Filwaqt li titjib fir-relazzjonijiet bilaterali mal-Iżrael jiddependi minn progress effettiv fil-PPLN kif ukoll minn impenn imsaħħaħ għall-valuri komuni, il-kooperazzjoni bilaterali kompliet tiżviluppa abbażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE u l-Iżrael tal-2005. Ma saret l-ebda laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jew tal-Kunsill fl-2014, iżda kien hemm djalogu bilaterali produttiv.

Fl-2014 kien hemm progress f'diversi oqsma tal-Pjan ta' Azzjoni, bħad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Avjazzjoni, it-tnedija tal-parteeipazzjoni tal-Iżrael fil-programm Orizzont 2020 u l-iffirmar ta' ftehim bejn iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u l-Awtorità tal-Iżrael Kontra d-Drogi.

Fuq il-livell politiku, ir-relazzjonijiet maż-żewġ sħab ġew enfasizzati bi żjarat mill-President tal-Parlament Ewropew, Martin Schulz, tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jose Manuel Barroso u l-ewwel żjara fil-mandat tagħha tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Federica Mogherini.

Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fit-Territorju Palestinjan (EUPOL COPPLS) kompliet l-involvement strateġiku tagħha fis-setturi tas-sigurtà u l-ġustizzja tal-Awtorità Palestinjana. Il-Missjoni kompliet bil-bini tal-kapaċità mal-Pulizija fil-livell operazzjonali biex issaħħaħ il-prestazzjoni tagħha (eż. is-sorveljanza tal-komunità, il-kontroll ta' folol u rvellijiet), l-organizzazzjoni tagħha (eż. il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-taħriġ tal-kapaċità) u l-kontabbiltà tagħha. Il-missjoni kompliet tiffaċilita l-koordinazzjoni bejn il-pulizija Iżraeljana u Palestinjana permezz ta' attivitajiet iddedikati. Fis-settur tal-ġustizzja, il-missjoni kienet involuta biex tgħin tiċċara r-rwoli u l-mandati tal-istituzzjonijiet tas-settur tal-ġustizzja, billi tippromwovi qbil interistituzzjonali komuni u inizjattivi leġislattivi importanti f'dan ir-rigward.

Il-Missjoni ffaċilitat ukoll l-adozzjoni tal-Istrateġija l-għdida għas-Settur tal-Ġustizzja 2014-2016. L-isforzi għall-bini tal-istituzzjonijiet u l-assistenza fil-bini tal-kapaċità komplew ma' awtoritajiet ġudizzjarji ewlenin tal-Awtorità Palestinjana, fosthom il-Kunsill Ġudizzjarju Għoli, il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mal-Assoċjazzjoni Palestinjana tal-Avukati.

L-attivitajiet tal-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fuq il-Fruntieri (EUBAM) f'Rafah ikkonċentraw fuq il-Proġett ta' Tħejjija tal-Awtorità Palestinjana. Il-Proġett għandu l-għan li jgħin lill-aġenzija tal-fruntieri tal-Awtorità Palestinjana biex issawwar viżjoni, programm konkret u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet operazzjonali biex tmexxi l-punt ta' qsim ta' Rafah skont l-istandards internazzjonali (jiġifieri l-istandards ta' Schengen tal-UE). Il-livell ta' tħejjija tal-Awtorità Palestinjana biex tmexxi l-punt ta' qsim ta' Rafah huwa ta' interess dirett għal EUBAM Rafah għax il-missjoni u l-awtoritajiet tal-fruntieri tal-Awtorità Palestinjana suppost jaħdmu mill-qrib flimkien fil-punt ta' qsim. Bi tweġiba għall-aħħar kriżi f'Gaża, kemm il-missjonijiet EUBAM kif ukoll EUPOL COPPS ivvalutaw mill-ġdid il-pjanijiet tagħhom għal riattivazzjoni u estensjoni possibbli - fl-ambitu u l-mandat - tal-attivitajiet tagħhom fl-Istrixxa ta' Gaża fil-kuntest tal-isforzi tal-UE biex tappoġġa n-negozjati bejn l-Iżrael u l-Palestina dwar waqfien dejjiemi mill-ġlied li l-medjatur tagħhom kien l-Eġittu.

1.3. Peniżola Għarbija, Iran u Iraq

1.3.1. Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Istati Membri tiegħu

Sar djalogu mas-sitt membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (KKG) (il-Bahrain, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda) u mas-Segretarjat tal-KKG fl-okkażjoni tal-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni tal-UE u l-KKG u djalogu politiku fuq il-livell ta' Uffiċjali Għolja f'April 2014. Ir-RGħ/VP żaret il-Qatar, l-Arabja Sawdija, l-Oman, l-Emirati Għarab Magħquda u l-Kuwajt f'Jannar 2014. Il-Kunsill Konġunt tal-UE u l-KKG u l-Laqgħa Ministerjali ppjanata għat-23 ta' Ġunju fil-Lussemburgu ġiet posposta fuq talba mill-KKG, u ser tiġi skedata mill-ġdid fl-ewwel nofs tal-2015. Ir-RGħ il-ġdid Federica Mogherini, fir-rwol tagħha ta' Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Italja li kellha l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE, kellha laqgħa mat-Trojka tal-KKG f'New York fil-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru li kkonċentrat fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-KKG, kwistjonijiet reġjonali u kwistjonijiet dinjin ewlenin. Ittieħdu bosta inizjattivi ta' kooperazzjoni fuq livell reġjonali u bilaterali, fosthom djalogi politiċi dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu mal-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda.

Ir-RGħ u s-servizzi tagħha komplew jissorveljaw mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Bahrain u laqgħu l-organizzazzjoni b'suċċess tal-elezzjonijiet muniċipali u parlamentari fit-22 u d-29 ta' Novembru 2014, bit-tama li l-leġislatura l-ġdida tiftaħ kapitolu ġdid fl-iżvilupp politiku tal-Bahrain billi tagħti prijorità lir-riformi bħala l-mod waħdieni kif jiġu żgurati l-iżvilupp sostenibbli u l-istabbiltà fir-renju. L-UE kompliet tikkundanna bil-qawwa l-użu ta' vjolenza u tappella għal rikonċiljazzjoni nazzjonali ġenwina permezz ta' djalogu inklużiv, u għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Bahrain u r-Rieżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.⁴

⁴ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Bahrain, b'mod partikolari l-każijiet ta' Nabeel Rajab, Abdulhadi al-Khawaja u Ibrahim Sharif, fis-6 ta' Frar 2014 (P7 TA(2014)0109) li kkonċentrat fuq is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Bahrain.

F'Diċembru 2014, Kap tad-Delegazzjoni ġdid ġie akkreditat lill-Emirati Għarab Magħquda f'Abu Dabi. Id-Delegazzjoni ġiet stabbilita fit-tieni nofs tal-2013. L-UE u l-Emirati Għarab Magħquda komplew bil-kooperazzjoni tagħhom fid-Drittijiet tal-Bniedem bit-tieni u t-tielet laqgħa tal-grupp ta' ħidma informali fuq id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE u l-Emirati Għarab Magħquda, li saru fit-28 u d-29 ta' April f'Abu Dhabi u fl-20 ta' Novembru fi Brussell.

L-UE, b'mod aktar ġenerali, issorveljat mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tal-Golf, filwaqt li fittxet involviment kostruttiv mal-awtoritajiet lokali filwaqt li użat b'mod parallel l-għażla sħiħa ta' għodod diplomatiċi fuq għadd ta' każijiet individwali u kwistjonijiet orizzontali, partikolarment b'rabta mal-użu tal-piena tal-mewt.

Matul l-2014 sar progress fin-negozjati ta' ftehim ta' eżenzjoni mill-viża bejn l-UE u l-Emirati Għarab Magħquda.

1.3.2. Iran

It-tħassib internazzjonali dwar il-programm nukleari Iranjan baqa' fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran matul l-2014. Ir-RGħ preċedenti, Catherine Ashton, fir-rwol tagħha bħala negozjatur fisem l-E3+3 (Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit kif ukoll iċ-Ċina, ir-Russja u l-Istati Uniti), fuq il-bażi ta' mandat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kienet involuta b'mod attiv fi sforzi diplomatiċi biex tinstab soluzzjoni dejjiema u komprensiva għall-kwistjoni nukleari Iranjana. In-negozjati komplew matul is-sena. Biex tiżgura li jkomplu, fil-5 ta' Diċembru 2014, Catherine Ashton inġatret mir-RGħ il-ġdid Federica Mogherini bħala konsulent speċjali għall-faċilitazzjoni tat-taħditiet nukleari mal-Iran.

Wara l-adozzjoni fl-24 ta' Novembru 2013 ta' ftehim interim ta' sitt xhur, magħruf bħala l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt, it-taħditiet komplew jippruvaw isibu soluzzjoni dejjiema komprensiva għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-oġġettiv tan-negożjati għadu li jintlaħaq qbil mal-Iran dwar garanziji verifikabbli dwar in-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari tal-Iran. L-ewwel laqgħa fuq livell tad-Diretturi Politiċi saret fi Vjenna fi Frar 2014 fis wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt, u n-negożjati komplew b'ritmu kostanti. Matul it-taħditiet fuq livell ta' prinċipali mit-2 sad-19 ta' Lulju 2014 fi Vjenna l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt ġie estiż sal-24 ta' Novembru 2014. Dan ġie segwit minn bosta sensiliet ta' taħditiet fuq livell politiku u tal-esperti iżda ma setax jintlaħaq ftehim komprensiv waqt laqgħa fil-livell Ministerjali fi Vjenna mit-18 sal-24 ta' Novembru 2014 u ntlaħaq qbil dwar estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt ta' Ġinevra sa tmiem Ġunju 2015.

Deċizzjoni tal-Kunsill tal-UE estendiet ukoll il-miżuri ta' tneħħija tas-sanzjonijiet kif miftehmin fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sat-30 ta' Ġunju 2015. Din kienet tinkludi s-sospensjoni ta' ċerti sanzjonijiet tal-UE, biex tippermetti l-provvista ta' assigurazzjoni u trasport b'rabta mal-bejgħ ta' żejt mhux raffinat Iranjan lill-konsumaturi attwali tagħha, l-importazzjoni ta' prodotti petrokimiċi Iranjani kif ukoll il-kummerċ fid-deheb u metalli prezzjużi mal-gvern Iranjan. Inżammet ukoll iż-żieda fil-limiti massimi għall-awtorizzazzjoni ta' trasferimenti finanzjarji lejn u mill-Iran. L-arkitettura ċentrali tas-sanzjonijiet baqgħet intatta.

L-UE ġiet imħeġġa minn xi passi li ħa l-Iran biex itejjeb ir-relazzjonijiet mal-ġirien reġjonali u l-komunità internazzjonali. L-Iran qeda rwol kostruttiv fit-transizzjoni paċifika fil-gvern fil-ġar tiegħu l-Iraq. Madankollu, l-involviment kontinwu tal-Iran fil-kunflitt Sirjan u l-appoġġ lil organizzazzjonijiet bħall-Hezbollah, il-Hamas u lill-Houthis fil-Jemen, huma sors ta' tħassib għall-UE u s-sħab reġjonali u internazzjonali.

Minkejja s-sinjali ta' tama fl-2013 wara l-elezzjoni tal-President Rouhani, pereżempju bil-ħelsien ta' għadd ta' prigionieri tal-kuxjenza, ma għie osservat l-ebda progress fid-drittijiet tal-bniedem fl-2014. Matul iż-żjara tagħha f'Tehran f'Marzu 2014, ir-RGħ/VP indirizzat id-drittijiet tal-bniedem mal-gvern u ltaqgħet ma' bosta attivisti nisa. L-UE kompliet ukoll tqajjem is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran fuq livell bilaterali u multilaterali u fi sqarrijiet pubbliċi, sew bħala prinċipju ġenerali inkella b'rabta ma' każijiet individwali. Kif kien il-każ fi snin imgħoddija, l-UE appoġġat Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU sponsorjata mill-Kanada fl-2014.⁵

1.3.3. Iraq

F'Ġunju s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Iraq marret għall-aġar malajr minħabba attakk fuq skala kbira u t-teħid sussegwenti ta' partijiet kbar mit-territorju Iraqi mill-ISIL/Da'esh. Minn Awwissu 'l hawn għet iffurmata l-'Koalizzjoni Globali kontra l-ISIL/Da'esh' immexxija mill-Istati Uniti, li tinkludi l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi mir-reġjun, biex tiġġieled kontra t-theddida tal-ISIL/Da'esh u tappoġġa l-gvern Iraqi biex jieħu lura t-territorju u jipprovdi sigurtà lill-popolazzjoni. Fil-kuntest tal-koalizzjoni, l-ISIL/Da'esh hija soġġetta għall-embargo fuq l-armi u l-friża tal-assi imposti mir-riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1989 (2011), 2170 (2014) u 2178 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-UE esprimiet l-appoġġ tagħha għall-koalizzjoni f'bosta okkażjonijiet. Barra minn hekk, fl-20 ta' Ottubru l-Kunsill approva l-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu/Ġellieda Barranin u talab lir-RGħ/VP tiżviluppa strateġija reġjonali komprensiva tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll it-theddida mill-ISIL/Da'esh.⁶ Ir-RGħ/VP ipparteċipat fil-laqgħa tal-'Koalizzjoni Globali kontra l-ISIL/Da'esh' fit-3 ta' Diċembru fil-Kwartieri Ġenerali tan-NATO. L-UE ripetutament enfasizzat il-ħtieġa li tiġi promossa koordinazzjoni tajba bejn l-istrateġija u l-azzjonijiet tal-UE u l-isforzi mill-koalizzjoni globali.

⁵ Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għall-Iran b'referenzi qawwija għad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran (2014/2625(RSP))

⁶ L-istrateġija għet adottata fis-6 ta' Frar 2015.

Il-ħatra ta' Haidar al-Abadi bħala l-Prim Ministru l-ġdid żiedet it-tama li jkun hemm proċess politiku aktar inklużiv minn dak taħt il-gvernijiet ta' qabel. Ir-RGħ/VP kellha laqgħa bilaterali mal-Prim Ministru al-Abadi fi Brussell fit-3 ta' Diċembru u żaret Bagdad u Erbil fl-aħħar ta' Diċembru.

Qabel ma ggravat is-sitwazzjoni fuq il-post, kienet saret l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq fuq livell ministerjali fi Brussell f'Jannar 2014. Din il-laqgħa segwiet l-ewwel ġabra ta' laqgħat ta' kooperazzjoni u sottokomitati tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-UE u l-Iraq lejn tmiem l-2013. Sa ma jiġi ratifikat il-FSK (15-il Stat Membru kienu għadhom iridu jirratifikawh fil-bidu ta' Diċembru 2014), xi kapitoli tal-ftehim, b'mod partikolari dawk marbuta mal-kummerċ u xi setturi ta' kooperazzjoni, qed jiġu applikati proviżorjament. Il-kriżi fl-Iraq naqqset ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-FSK iżda l-UE u l-gvern Iraqi qablu li jissoktaw l-attivitajiet fil-FSK fl-ewwel nofs tal-2015.

Minkejja l-ambjent diffiċli ta' sigurtà, l-UE żammet l-impenji tagħha lejn l-Iraq u qed tikkoopera mill-qrib man-NU (b'mod ġenerali UNAMI għal kwistjonijiet politiċi u UNHCR, OCHA, UNOPS għal kwistjonijiet umanitarji) u atturi internazzjonali oħrajn fuq il-post. L-UE saħqet mal-gvern Iraqi dwar l-urġenza ta' kuntatt mal-komunitajiet Iraquin kollha, rikonċiljazzjoni u riformi. Fid-dawl ta' dan, l-UE laqgħet il-ftehim bejn il-gvern federali u l-gvern reġjonali Kurd dwar il-qsim tad-dħul miż-żejt bħala pass ta' bini ta' fiduċja. Il-kooperazzjoni bilaterali tal-UE ser tikkonċentra fuq l-educazzjoni, il-governanza u l-aċċess għall-enerġija għal kulħadd.^{7 8}

⁷ FI-2014 intlaħaq qbil bejn l-awtoritajiet Iraquin u l-KE dwar programm ta' kooperazzjoni ta' erba' snin għall-Iraq (2014-2017) ta' EUR 78 miljun. Dan ser jappoġġa l-proċessi politiċi attwali u jirfed il-paċi u l-istabbiltà. Proġetti tal-UE ser jikkonċentraw fuq il-governanza u l-istat tad-dritt, l-aċċess għall-educazzjoni pubblika nazzjonali u għall-enerġija għall-foqra u f'żoni remoti.

⁸ Il-Parlament Ewropew esprima kundanna ħarxa tal-azzjonijiet tal-ISIL/Da'esh f'diversi okkażjonijiet:

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12.02.2014 dwar il-kriżi Umanitarja fl-Iraq u s-Sirja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Istat Iżlamiku (2015/2559(RSP))
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17.07.2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq (2014/2716(RSP))
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18.09.2014 dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq u fis-Sirja, u l-offensiva tal-Istat Iżlamiku, inkluża l-persekuzzjoni tal-minoranzi (2014/2843(RSP))
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27.11.2014 dwar l-Iraq: il-ħtif u t-trattament ħażin tan-nisa (2014/2971(RSP))

1.3.4. Jemen

Il-komunità internazzjonali - u l-UE b'mod partikolari - huma atturi importanti fl-appoġġ għall-proċess ta' transizzjoni fil-Jemen, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament, partikolarment permezz tal-Ħbieb tal-Jemen u l-format lokali tiegħu f'Sana'a, li akkumpanjaw u ssorveljaw il-proċess ta' transizzjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-konsulent speċjali tan-NU Jamal Benomar u ser ikomplu jagħmlu dan.

F'konformità mal-Ftehim ta' Transizzjoni tal-2012 innegożjat min-NU abbażi ta' inizjattiva tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, il-Konferenza Nazzjonali għad-Djalogu (KND) li nbdiet f'Marzu bil-għan li tiġi konkluża f'Settembru, fl-aħħar ġiet konkluża f'Jannar 2014. Minn dakinhar 'l hawn l-UE appoġġat kontinwament l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-KND - skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2014 - f'konformità mal-inizjattiva tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, u t-trasformazzjoni tagħhom f'Kostituzzjoni ġdida li għandha tiġi approvata b'referendum qabel ma l-elezzjonijiet parlamentari jkunu jistgħu jlestu t-transizzjoni attwali. B'xorti ħażina, il-progress minn dan il-lat baqa' miexi bil-mod ħafna u l-offensiva militari mill-forzi ta' Houthis matul is-sajf, li żiedet man-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-poplu marbut mar-riforma tant meħtieġa tas-sussidji tal-fjuwil, issimbolizzat il-fraġilità tat-transizzjoni.

L-UE, bħala parti mill-Grupp ta' għaxar ambaxxaturi miġbura ta' pajjiżi li qed jaħdmu biex jiggarrantixxu t-transizzjoni, laqgħet il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Paċi u Sħubija Nazzjonali tal-21 ta' Settembru, u minn dakinhar 'l hawn hegħget kemm-il darba lill-atturi kollha jaħdmu għall-implimentazzjoni rapida tiegħu, fosthom l-anness tiegħu dwar is-sigurtà, b'mod partikolari permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2014.

L-UE ttrasformat ukoll f'liġi tal-UE sanzjonijiet adottati mill-KSNU skont ir-Riżoluzzjoni 2140 kontra dawk meqjusa li ppruvaw iħarbtu l-proċess ta' riforma billi ħolqu nuqqas ta' stabbiltà u ta' sigurtà fil-pajjiż.

L-UE esprimiet kemm-il darba tħassib kbir dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà li dejjem sejra għall-agħar fil-pajjiż, filwaqt li wriet appoġġ kostanti għall-ġlieda tal-awtoritajiet tal-Jemen kontra t-terroriżmu.

L-UE ilha tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Jemen, partikolarment il-kwistjoni tal-piena tal-mewt għall-minorenni u d-drittijiet tat-tfal. L-UE kkontribwixxiet sostanzjalment ukoll, permezz ta' għajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp, għat-titjib tas-sistemi tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u għar-risoluzzjoni ta' ħtiġijiet urġenti oħra tal-aktar persuni vulnerabbli fil-Jemen.

1.4. Kooperazzjoni reġjonali

1.4.1. Lega tal-Istati Għarab

Fl-2014 l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab komplew il-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom.

It-tielet laqgħa Ministerjali tal-Affarijiet Barranin bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet saret f'Ateni fil-11 ta' Ġunju 2014. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata indirizzat kemm suġġetti orizzontali (id-drittijiet tal-bniedem, it-tolleranza, it-terroriżmu) kif ukoll politiċi (Proċess tal-Paċi fil-Lvant Nofsani, is-Sirja, il-Libja). Iż-żewġ organizzazzjonijiet avvanzaw ir-relazzjonijiet tagħhom permezz tal-ħolqien tad-Djalogu Strateġiku, li għandu l-għan li jintroduċi skambji regolari u istituzzjonalizzati dwar kwistjonijiet politiċi u ta' sigurtà, fosthom il-ġestjoni ta' kriżijiet, l-għajjnuna umanitarja, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata transnazzjonali u l-armi ta' qerda tal-massa. Inbeda wkoll djalogu dwar in-negozju, flimkien ma' xi oqsma oħra ta' kooperazzjoni, marbuta mal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Konġunt.

Intensifikaw il-kuntatti bejn l-uffiċjali ta' grad għoli miż-żewġ organizzazzjonijiet. Fost skambji oħrajn saru erba' Laqgħat ta' Uffiċjali Għolja: fil-Kajr (Frar), Malta (Mejju), Atena (Ġunju), il-Kajr (Novembru), kif ukoll żjara tal-Ambaxxaturi tal-PSK fil-Kajr, flimkien mal-Kumitat Kontra t-Terroriżmu (CTC) tal-UE f'Diċembru.

L-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Konġunt bejn l-UE u l-Lega tal-Istati Għarab ssoktat b'attivitajiet li saru fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-osservazzjoni ta' elezzjonijiet, l-għoti ta' setgħa lin-nisa, l-enerġija, kif ukoll seminars għal diplomatiċi ġodda u ta' grad medju mis-Segretarjat Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab.

1.4.2. Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OKI)

Is-Segretarju Ġenerali l-ġdid tal-OKI Iyad Madani mill-Arabja Sawdija daħal fil-kariga f'Jannar 2014. Il-laqgħa ta' konsultazzjoni ta' livell għoli bejn l-OKI u l-UE saret fi Brussell f'Settembru, u ż-żewġ organizzazzjonijiet qablu li jistabbilixxu bażi komuni għal sħubijiet floqsma ta' kooperazzjoni differenti, fosthom: dialogu bejn id-dinja Musulmana u l-UE, il-ħarsien ta' minoranzi Musulmani fl-UE, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà, ir-radikaliżmu, l-Islamofobija u sfidi oħrajn li ż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom mnejn iħabbtu wiċċhom magħhom fil-ġejjieni. F'Novembru id-delegazzjoni tal-Kummissjoni Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-OKI għamlet l-ewwel żjara lill-istituzzjonijiet tal-UE biex tiddiskuti suġġetti marbuta mad-drittijiet tal-bniedem.

Is-sħubija bejn l-OKI u l-UE suppost tipproduċi kooperazzjoni mifruxa, li tvarja mid-dialogu bejn ir-reliġjonijiet għal temi ekonomiċi u politiċi. S'issa l-involviment serva ta' triq tajba biex iż-żewġ organizzazzjonijiet jifhmu lil xulxin aħjar.

1.4.3. Unjoni għall-Mediterran (UgħM)

Ġew konsolidati l-funzjonament u l-istituzzjonalizzazzjoni tal-UgħM taħt il-Ko-Presidenzi tal-UE u tal-Ġordan. L-UgħM għadha forum waħdieni ta' 43 sieheb¹ li joffri pjattaforma konġunta għall-koordinazzjoni ta' inizjattivi u kooperazzjoni f'attivitajiet settorjali, l-organizzazzjoni ta' djalogi ministerjali u l-promozzjoni ta' proġetti bil-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni ekonomika Ewro-Mediterranja.

Saru tliet laqgħat Ministerjali tal-UgħM fl-2014: dwar il-kooperazzjoni industrijali (Frar), dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima (Mejju) u dwar l-ekonomija diġitali (Settembru). L-UgħM kellha wkoll sitt Laqgħat ta' Uffiċjali Għolja: tlieta fi Brussell (Frar, Ġunju u Settembru), tnejn f'Barċellona (April u Diċembru) u waħda f'Napli (Ottubru).

2. Russja, Viċinat tal-Lvant u Asja Ċentrali

2.1. Federazzjoni Russa

Ir-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja fl-2014 ġew iddominati mill-kwistjoni tal-annessjoni illegali mir-Russja tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni kontinwa tal-Ukrajna, inkluża l-aggressjoni mill-forzi Russi fuq art Ukrena u l-appoġġ kontinwu mir-Russi lis-separatisti.

It-32 Summit bejn l-UE u r-Russja sar f'format ristrett fit-28 ta' Jannar fi Brussell, u kkonċentra fuq l-Ukrajna u s-Sħubija tal-Lvant. F'dik l-okkażjoni l-President Putin, filwaqt li stqarr li r-Russja ma kellha l-ebda problema ta' prinċipju bis-Sħubija tal-Lvant, qajjem tħassib dwar l-effetti fuq l-ekonomija Russa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Ukrajna. Intlaħaq qbil li jsiru konsultazzjonijiet tekniċi biex jiġi mfisser kif il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni tal-UE ma' bosta pajjiżi sħab tas-Sħubija tal-Lvant ser joħolqu benefiċċji għas-sħab kollha, inkluża r-Russja. Is-Summit iddiskuta wkoll il-viżjoni konġunta ta' Spazju Ekonomiku Komuni minn Lisbona sa Vladivostok, li jkun jista' jgħin biex jingħelbu d-differenzi attwali, dejjem jekk in-naħat ikunu jistgħu l-ewwel jaqblu dwar Ftehim Ġdid bejn l-UE u r-Russja, konformità aħjar mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u impenji oħrajn, u kooperazzjoni aktar kostruttiva fil-Viċinat Komuni tagħna. Ġiet adottata dikjarazzjoni konġunta tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu⁹.

Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa li seħħet wara l-operazzjoni militari tal-forzi Russi fil-Krimea, il-Kunsill Ewropew iddeċieda f'Marzu dwar approċċ gradwat ta' miżuri restrittivi (inklużi projbizzjonijiet ta' viżi u friżar tal-assi) fuq ċerti individwi Russi u Ukreni responsabbli għall-ksur tas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

In-negożjati dwar Ftehim Ġdid u d-Djalogu dwar il-Viża kif ukoll it-tnejniet għas-Summit ippjanat għal Ġunju ġew sospiżi.¹⁰

Sfortunatament ir-Russja ma wegħbitx għat-talbiet ripetuti tal-UE biex twaqqaf l-eskalazzjoni u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna tal-Lvant permezz tal-fluss ta' armi, tagħmir u "voluntiera", li xprunaw il-kunflitt, ħolqu l-kuntest li fih seħħet it-traġedja tal-MH 17 f'Lulju u laħqu l-qofol tagħhom f'Awwissu bl-involvement dirett ta' assi u forzi militari Russi fil-kunflitt.

⁹ http://eu-un.europa.eu/articles/en/article_14531_en.htm

¹⁰ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/141372.pdf
http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/141707.pdf

Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Lulju u t-30 ta' Awwissu, u dikjarazzjoni tal-11 ta' Settembru,¹¹ ittieħdu miżuri restrittivi settorjali kontra r-Russja f'oqsma li jinkludu l-aċċess għas-swieq kapitali, id-difiża, prodotti b'użu doppju u teknoloġiji sensittivi, inklużi dawk fis-settur tal-enerġija.

Barra minn hekk ġew sospiżi bosta programmi ta' kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja. Il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ukoll issospendew il-firma ta' operazzjonijiet ġodda ta' finanzjament fir-Russja. Fi tmiem is-sena l-lista ta' individwi u entitajiet Russi u Ukreni soġġetti għal probbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u friża tal-assi kienet ta' 132 persuna, fosthom persuni li jagħtu appoġġ lil jew li minnhom igawdu dawk ir-Russi responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet, u 28 entità.

Ir-Russja ħadet miżuri ta' ritaljazzjoni inklużi probbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' ċertu ikel mill-UE u diversi pajjiżi mhux fl-UE u imponiet ukoll probbizzjoni fuq l-ivvjaġġar fost oħrajn fuq rappreżentanti ta' bosta Stati Membri kif ukoll Membri tal-Parlament Ewropew mingħajr ma żvelat dawk li ġew affettwati.

¹¹ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/143990.pdf
http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/EN/foraff/144868.pdf

Inbdew taħditiet trilaterali bejn l-UE, ir-Russja u l-Ukrajna dwar il-kunsinna u l-prezzijiet tal-gass biex jiġi evitat li jitħarbtu l-provvista tal-gass lejn l-Ukrajna u t-transitu tiegħu mill-Ukrajna. Wara sensiela ta' taħditiet dwar dawn il-kwistjonijiet, fit-30 ta' Ottubru l-UE nnegożjat ftehim bejn ir-Russja u l-Ukrajna li bih il-provvisti tal-gass jistgħu jkomplu sal-aħħar ta' Marzu 2015. Fost il-punti ewlenin tiegħu kien hemm it-tpaċija tad-dejn Ukren tal-gass bi prezz preliminari, fejn il-prezz/dejn finali għandu jiġi ddeterminat permezz ta' arbitraġġ pendent, u l-ftehim dwar il-modalitajiet għal kunsinni ġodda ta' gass. Barra minn hekk il-Kummissjoni Ewropea ħadmet mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali biex tiżgura li l-Ukrajna jkollha l-mezzi finanzjarji meħtieġa biex tonora l-parti tagħha tal-ftehim. Il-partijiet qablu wkoll li jiżguraw transitu sikur tal-gass mill-Ukrajna għall-Unjoni Ewropea. Hija u tallega oppożizzjoni mill-UE, f'Diċembru r-Russja ddikjarat waqfien għall-proġett "South Stream" li kieku kien jgħaddi l-kunsinni tal-gass lill-UE mill-Bulgarija u s-Serbja, filwaqt li jaqbeż lill-Ukrajna bħala pajjiż ta' transitu. Matul iż-żjara tal-President Putin f'Ankara, ġie ssuġġerit pipeline alternattiv minn ġot-Turkija, bil-għan li jgħorr gass Russu lill-UE bil-Greċja bħala punt ta' dħul.

Minn Novembru 2013 'l hawn, il-Kummissjoni kellha proċess ta' konsultazzjoni bilaterali mar-Russja - estiż f'Ġunju 2014 biex jinkludi lill-Ukrajna - dwar iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva. Saru xi għaxar laqgħat fuq livell tekniku u politiku biex jindirizzaw it-tħassib li qajmet ir-Russja (it-tariffi, l-Iskema ta' Pagament Uniku (SPU), l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, l-enerġija u d-dwana) dwar l-impatt fuq l-ekonomija Russa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

F'laqgħa ministerjali fit-12 ta' Settembru 2014, intlaħaq qbil li tiġi posposta l-applikazzjoni proviżorja taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva u li jiġu estiżi l-Miżuri Kummerċjali Awtonomi tal-UE favur l-Ukrajna sa tmiem l-2015; min-naħa tagħha r-Russja żżomm il-preferenzi ta' kummerċ tagħha għall-Ukrajna fil-qafas taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tas-Sistema ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni.

L-UE laqgħet il-Memorandum u l-Protokoll ta' Minsk ta' Settembru miftehma fil-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali, bħala pass 'il quddiem lejn soluzzjoni politika sostenibbli tal-kriżi, li jeħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rispett għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

Minkejja ċ-ċirkostanzi negattivi l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-UE u r-Russja baqgħu miftuħa u d-djalogu politiku kompli fl-2014 dwar kwistjonijiet fil-quċċata tal-aġenda tal-UE għall-politika barranija, bħas-Sirja, l-Iran, il-Lvant Nofsani aktar ġenerali u l-Afganistan. L-UE kompliet ukoll il-kooperazzjoni mar-Russja fuq kwistjonijiet globali bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa, il-kriminalità organizzata, it-traffikar illegali u s-sigurtà tal-enerġija.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja baqgħet sors ta' tħassib kbir fl-2014, ikkaratterizzata minn aktar passi biex jiġu ristretti l-libertà tal-istampa u l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili b'mod partikolari fuq l-internet, u biex tiddgħajef l-oppożizzjoni, fost l-oħrajn billi ppruvat tagħlaq NGOs fuq il-bażi ta' kawżi tal-qorti ġudizzjarja jew amministrattiva.¹² It-tħassib dwar l-UE dwar dan l-aspett tqajjem kemm pubblikament kif ukoll fid-djalogu politiku¹³. Il-Konsultazzjonijiet ta' darbtejn f'sena bejn l-UE u r-Russja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma sarux fl-2014.

2.2. Sħubija tal-Lvant: relazzjonijiet multilaterali

Kuntest ġeografiku ġdid minn Frar 2014 'l hawn tefa' dubji fuq il-prinċipji miksuba wara l-Gwerra Bierda u riflessi fil-Karta ta' Pariġi fl-1990. L-aggressjoni mill-forzi armati Russi fuq art Ukrena kif ukoll miżuri oħra mir-Russja kontra pajjiżi sħab u saħansitra Stati Membri tal-UE ttestjat is-saħħa u r-reżiljenza tas-Sħubija tal-Lvant u r-rieda tagħna li nimxu 'l quddiem flimkien.

¹² Dikjarazzjoni tal-UE tat-22 ta' Ottubru dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Libertà ta' Espressjoni fil-Federazzjoni Russa:
http://eeas.europa.eu/delegations/council_europe/press_corner/all_news/news/2014/20141022_en.htm;

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru dwar l-għeluq tal-NGO 'Memorial' fir-Russja, 2014/2903(RSP):

<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2014-0039+0+DOC+XML+V0//MT>

¹³ Fit-2 ta' April il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ Sergei Magnitsky (2014/2016(INI)) P7_TA(2014)0258.

<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2014-0258+0+DOC+XML+V0//MT>

Kompla jsir progress fis-Sħubija tal-Lvant wara s-Summit ta' Vilnius ta' Novembru 2013. L-2014 rat il-firma tal-aktar relazzjonijiet kuntrattwali ambizzjużi ma' pajjiżi terzi (Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi) bejn l-UE u l-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna. It-tliet ftehimiet kollha bdew jiġu applikati proviżorjament din is-sena. Fil-każ tal-Ukrajna, l-applikazzjoni proviżorja tat-titolu tal-Ftehim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet marbuta, fosthom il-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles, ġiet posposta sa Jannar 2016.

Fil-qasam tal-PESK, il-Ftehim Qafas mal-Georgia dwar il-parteeipazzjoni f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet daħal fis-seħħ f'Marzu.

Sar progress kbir fil-qasam tal-liberalizzazzjoni tal-viża mar-Repubblika tal-Moldova bid-dħul fis-seħħ tas-sistema mingħajr viża f'April. Il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża u l-ftehim ta' riammissjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 bejn l-UE u l-Armenja u fl-1 ta' Settembru 2014 bejn l-UE u l-Ażerbajġan. Iż-żewġ pajjiżi bdew igawdu l-benefiċċji tal-Ftehimiet. L-UE bdiet negozjati dwar il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża mal-Belarussja.

Fl-istess ħin, il-ħidma ta' appoġġ ta' pjattaformi multilaterali kompliet, billi pprovdiet assistenza lil pajjiżi sħab biex imexxu 'l quddiem ir-riformi tagħhom. Pajjiżi sħab, Stati Membri tal-UE, istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali offrew kontributi attivi, appoġġ u ħila esperta għal seminars u programmi ta' taħriġ. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali wkoll ipprovdew assistenza b'diversi mezzi.

Fl-2014, l-attivitajiet tal-Pjattaforma dwar id-Demokrazija, il-Governanza Tajba u l-Istabbiltà kkonċentraw prinċipalment fuq il-kooperazzjoni fil-qasam tal-PSDK, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-asil u l-migrazzjoni, it-titjib tat-tħaddim tal-ġudikatura u l-ġestjoni sikura tal-fruntieri tal-istat (Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri). L-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Pjattaforma ġiet appoġġata mill-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas ta' faċilità biex jiġu koperti attivitajiet fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kooperazzjoni kontra l-kriminalità ċibernetika.

Il-Bord dwar il-kooperazzjoni f'dik li l-PSDK kompla jgawdi minn viżibilità kbira fost il-pajjiżi sħab Ewropej. Fl-2014, il-laqgħat tal-Bord dwar il-PSDK ikkonċentraw fuq kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża u involvew attivitajiet u proġetti f'kooperazzjoni mal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, is-SEAE, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u xi Stati Membri oħra tal-UE. Aktar minn tużżana proġetti kienu jinkludi korsijiet u programmi ta' taħriġ konġunti fil-PSDK għal uffiċjali minn pajjiżi sħab u Stati Membri dwar l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ġestjoni ta' kriżijiet, diversi workshops fost l-oħrajn dwar il-Gruppi Tattiċi tal-UE, żjara konġunta fuq il-post lil EUMM Georgia, korsijiet ta' orjentazzjoni fil-PSDK organizzati fil-pajjiżi sħab, għoti ta' tagħrif dwar l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet ta' sessi f'missjonijiet tal-PSDK kif ukoll konferenza ta' kuntatt mas-soċjetà ċivili.

Fil-qasam tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-implimentazzjoni ta' proġetti fil-qafas tal-Inizjattiva Ewlenija kompliet tilħaq l-oġġettivi tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari aktar sigurtà u effettività fil-kontrolli fil-qsim tal-fruntieri u titjib tal-effettività ġenerali tal-aġenziji tal-fruntieri u l-uffiċjali doganali tal-pajjiżi sħab. Tnieda l-programm ġdid ta' bini ta' kapaċità mmexxi mill-FRONTEx biex jgħin lis-sħab f'dan il-proġett.

L-Inizjattiva Ewlenija għall-Prevenzjoni, l-Istat ta' Thejjiġa u r-Rispons għal Diżastri Naturali u Diżastri Kkaġunati mill-Bniedem (PPRD) kompliet bl-appoġġ tagħha fil-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi parteċipanti għall-prevenzjoni, l-istat ta' thejjiġa u r-rispons għal diżastri fil-livelli lokali, nazzjonali u reġjonali. Għaddejja l-implimentazzjoni tal-Atlas ta' Riskju Elettroniku f'kull pajjiż. It-tieni fażi tal-proġett PPRD bdiet f'Novembru 2014 bl-oġettiv li ssaħħaħ aktar il-ħiliet tal-pajjiżi sħab ta' protezzjoni ċivili għall-prevenzjoni, l-istat ta' thejjiġa u r-rispons għal diżastri, u li tqarreb b'mod progressiv lill-Pajjiżi Sħab għall-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

Ir-raba' djalogu informali tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Baku fil-11 u t-12 ta' Settembru bl-enerġija bħala komponent settorjali ppermetta lill-Ministri Barranin jiddiskutu kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni: l-impatt tal-viceinat usa' fuq ir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant, l-Iran, il-prijoritajiet tal-PPLN u tal-AĠNU b'attenzjoni speċjali fuq l-hekk imsejjaħ Stat Iżlamiku.

2.3. Sinerġija tal-Baħar l-Iswed

Matul l-2014, il-kooperazzjoni reġjonali fil-Baħar l-Iswed kompliet tagħmel progress fil-kooperazzjoni settorjali tagħha, bħall-ambjent, l-affarijiet marittimi u s-sajd, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni transkonfinali u s-soċjetà ċivili.

Fl-2014, is-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni għamlu eżami tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed maħsub biex jenfasizza l-progress fil-kooperazzjoni fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed matul dawn l-aħħar ħames snin u jiddeskrivi kunsiderazzjonijiet li ser jinfluwenzaw l-iżvilupp futur tas-Sinerġija. Ir-rieżami wera l-utilità Prattika permezz ta' proġetti konkreti, il-potenzjal u l-valur miżjud ta' dan l-approċċ ta' politika reġjonali tal-UE.

2.4. Sħubija tal-Lvant: relazzjonijiet bilaterali

2.4.1. Ukrajna

L-UE ilha ssegwi s-sitwazzjoni politika fl-Ukrajna mill-qrib u kienet involuta ħafna fit-tfittxija għal soluzzjoni għall-kriżi li żviluppat wara xhur ta' protesti ċiviċi wara d-deċizzjoni tal-gvern Ukren fl-2013 li jissospendi t-tnejniet biex jiffirma l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-Summit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius.

Ir-RGħ/VP u l-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika tal-Viċinat żaru Kiev f'bosta okkażjonijiet fl-2014, bħalma għamlu Ministri Barranin minn ħafna Stati Membri tal-UE u membri tal-Parlament Ewropew f'turija kważi kontinwa ta' dan l-impenn. Fil-laqgħat mal-awtoritajiet, il-mexxejja tal-oppożizzjoni u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-isforzi tal-UE kienu kkonċentrati fuq il-faċilitazzjoni tad-djalogu u l-għoti ta' għajnuna għall-isforzi biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni politika.

Fl-10 ta' Frar 2014 il-Kunsill issottolinja t-tħassib tiegħu partikolarment dwar abbużi rrapportati tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet ta' vjolenza, intimidazzjoni u persuni neqsin, filwaqt li esprima li jinsab lest li jirreaġixxi malajr għal kull deterjorament fuq il-post. Ir-RGħ laqqgħet sessjoni straordinarja tal-Kunsill fl-20 ta' Frar 2014, fejn fid-dawl tas-sitwazzjoni li dejjem sejra għall-agħar, l-UE ddeċidiet partikolarment li tintroduċi sanzjonijiet apposta. Sussegwentement, fil-5 ta' Marzu l-Kunsill adotta wkoll sanzjonijiet tal-UE kkonċentrati fuq il-friża u l-irkupru ta' fondi statali Ukreni miżapproprjati.

It-tieni laqgħa straordinarja tal-Kunsill fit-3 ta' Marzu 2014 ikkundannat il-ksur ċar tas-sovranità u l-integrità territorjali Ukrena b'atti ta' aggressjoni mill-forzi armati Russi kif ukoll l-awtorizzazzjoni li nġhatat mill-Kunsill tal-Federazzjoni tar-Russja fl-1 ta' Marzu għall-użu tal-forzi armati fit-territorju tal-Ukrajna. L-UE appellat lir-Russja biex tirtira minnufih il-forzi armati tagħha lejn iż-żoni tal-istazzjonament permanenti tagħhom, skont il-Ftehim dwar l-Istatus u l-Kundizzjonijiet tal-istazzjonament tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed fit-territorju tal-Ukrajna tal-1997. L-UE faħħret ukoll ir-rispons meqjus li wriet l-Ukrajna. Il-Kunsill iddeċieda li jissospendi t-taħditiet bilaterali mal-Federazzjoni Russa dwar il-kwistjonijiet tal-viżi u d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim il-ġdid (bejn l-UE u r-Russja) kif ukoll it-tnejjiet għall-parteċipazzjoni fis-Summit tal-G8 f'Sochi.

Fi stqarrija mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern wara laqgħa straordinarja fis-6 ta' Marzu, l-UE ssottolinjat li soluzzjoni għall-kriżi trid tinsab permezz ta' negozjati bejn il-gvernijiet tal-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa, inkluż permezz ta' mekkaniżmi multilaterali potenzjali u ssottolinjat tliet passi ta' azzjoni jekk ikomplu l-azzjonijiet li jiddestabbilizzaw mir-Russja.

Meta r-Russja naqset milli tieħu passi biex tnaqqas it-tensjoni, fis-17 ta' Marzu l-UE adottat miżuri restrittivi kontra persuni responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna kif ukoll persuni u entitajiet assoċjati magħhom. Matul ix-xhur li segwew, fid-dawl tal-iżviluppi negattivi fis-sigurtà fuq il-post, il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom ġew inklużi fil-lista, kibru bosta drabi.

Il-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2014 kompli jikkundanna l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. F'konformità mal-politika tal-UE li ma tirrikonoxxix l-annessjoni illegali, kif tinsab fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2014, l-UE ħadet għadd ta' miżuri matul l-2014 b'appoġġ għall-pożizzjoni tagħha, fosthom miżuri restrittivi.

Wara laqgħa mal-Kunsill fl-14 ta' April, l-UE kkundannat l-azzjonijiet li ħadu individwi armati fi bliet fil-Lvant tal-Ukrajna u appellat lir-Russja biex tirrofta atti illegali fil-Lvant tal-Ukrajna u tirtira t-truppi tagħha mill-fruntiera Ukrena.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju, il-Kunsill innota li l-avvenimenti traġiċi f'Odessa fit-2 ta' Mejju, fejn mietu u ndarbu bosta nies, jeħtieġu jiġu investigati bir-reqqa u dawk kollha responsabbli għandhom jitressqu quddiem il-ġustizzja. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kopertura ta' din l-investigazzjoni mill-Bord Konsultattiv Internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa bħala mezz sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u t-trasparenza tagħha.

Fl-isfond tal-vjolenza li baqgħet għaddejja fil-Lvant tal-Ukrajna, fit-23 ta' Ġunju l-Kunsill appella lin-naħat kollha biex jaqblu dwar waqfien mill-ġlied u jħarsuh u appella lir-Russja biex tappoġġa l-pjan għall-paċi u tadotta miżuri biex twaqqaf il-fluss ta' ġellieda, armi u tagħmir illegali minn fuq il-fruntiera tal-Ukrajna, kif ukoll biex tuża l-influwenza tagħha fuq is-separatisti biex iwaqqfu l-vjolenza u jtilqu l-armi minn idejhom. Il-Kunsill wera wkoll it-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem li kienet malajr sejra għall-agħar fl-Ukrajna tal-Lvant u l-Krimea.

Wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Lulju u t-30 ta' Awwissu, ittieħdu miżuri restrittivi settorjali kontra r-Russja, bil-ħsieb tal-azzjonijiet tar-Russja li ddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, f'oqsma li jinkludu l-aċċess għas-swieq tal-kapital, id-difiża, prodotti b'użu doppju u ċerti teknoloġiji sensittivi għas-settur taż-żejt.

Il-miżuri kienu reazzjoni għaż-żieda fl-influss ta' ġellieda u armi fl-Ukrajna tal-Lvant mit-territorju tal-Federazzjoni Russa u l-ġlied dejjem aktar intensiv li fih twaqqgħet it-titjira MH17 tal-Malaysian Airlines fuq Donetsk bil-mewt ta' kważi 300 ruħ. Barra minn hekk, il-Kunsill, fil-15 ta' Diċembru, u l-Kunsill Ewropew, fit-18 ta' Diċembru, għamlu aktar stretta l-politika tal-Unjoni li ma tirrikonoxxi l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.

Kien hemm djalogu politiku intensiv ta' livell għoli matul l-2014 fejn kemm ir-RGħ/VP kif ukoll il-Kummissarju għat-Tkabbir u l-Politika tal-Viċinat ivvjaġġaw lejn Kiev fil-perijodu tal-protesti ċiviċi fil-bidu tas-sena u wara l-bidla tal-gvern. Fit-13 ta' Mejju, saret laqgħa konġunta bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kabinett tal-Ministri tal-Ukrajna. L-UE ħadet sehem f'laqgħat bil-għan li tinstab soluzzjoni politika sostenibbli għall-kunflitt fil-Lvant tal-Ukrajna, inkluż f'April f'Ġinevra, f'Awwissu f'Minsk u f'Milan f'Ottubru. Fil-15 ta' Awwissu, il-Kunsill iddikjara li l-UE ser tappoġġa b'mod attiv kull għamla ta' laqgħa li twassal għall-ħolqien ta' impetu politiku ġdid. F'dan il-kuntest, l-UE laqgħet il-Memorandum u l-Protokoll ta' Minsk miftehma fil-qafas tal-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali, bħala pass 'il quddiem lejn soluzzjoni politika sostenibbli tal-kriżi, li jeħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rispett għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. L-UE appoġġat u kkumplementat ukoll il-ħidma ta' atturi internazzjonali oħrajn involuti fis-sejbien ta' soluzzjoni politika dejjiema għall-kriżi fl-Ukrajna u madwarha (l-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa, u n-NU). Hija tat appoġġ sħiħ lill-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ (SMM) tal-OSKE li hija l-ikbar operazzjoni fil-post tal-OSKE f'dawn l-aħħar snin.

L-UE qieset l-"elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari" li saru f'Donetsk fit-2 ta' Novembru barra l-qafas legali Ukren u bi ksur tat-tifsira u l-ispirtu tal-ftehimiet ta' Minsk bħala illegali u illeġittimi u saħqet li mhux ser tirrikonossihom. F'dan il-kuntest, l-UE ddeċidiet li ssaħħaħ il-miżuri restrittivi tal-UE kontra s-separatisti li joperaw fl-Ukrajna tal-Lvant, kif talab il-Kunsill fis-17 ta' Novembru.

L-UE u l-Istati Membri tiegħu esprimew ix-xokk u d-diqa kbira tagħhom għat-twaqqiġ tat-titjira MH17 tal-Malaysian Airlines f'Donetsk fis-17 ta' Lulju u appellaw biex daww ħatja jinżammu responsabbli u jittellgħu l-qorti. L-UE ħeġġet lir-Russja tuża b'mod attiv l-influwenza tagħha fuq il-gruppi armati illegalment sabiex tikseb aċċess sħiħ għas-sit u kooperazzjoni biex jiġu rkuprati fdalijiet u ħwejjeġ il-vittmi u mal-investigazzjoni indipendenti.

Fil-21 ta' Marzu d-dispożizzjonijiet politiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna ġew iffirmati fil-marġini ta' summit straordinarju. Fis-27 ta' Ġunju, ġew iffirmati wkoll il-partijiet li kien fadal tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva). Il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu fis-17 ta' Settembru fl-istess jum tar-ratifika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fil-Verkhovna Rada, u b'hekk setgħet issir l-applikazzjoni proviżorja tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-1 ta' Novembru. Fid-29 ta' Settembru, il-Kunsill iddeċieda li jipposponi l-applikazzjoni proviżorja tat-titolu tal-Ftehim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet marbuta sal-1 ta' Jannar 2016, inkluż il-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles. L-ewwel Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni l-ġdid sar fil-15 ta' Diċembru 2014. Dan ikkonferma mill-ġdid l-għan komuni li jinbena pajjiż demokratiku, stabbli u għani. Iż-żjara tar-RGħ/VP fi Kiev f'nofs Diċembru enfasizzat ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna fuq l-aġenda ta' riforma għall-Ukrajna.

Matul l-2014 l-UE saħqet b'mod konsistenti dwar il-hteġa li tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni ta' riformi fl-Ukrajna. L-UE u l-Istati Membri tagħha jiddikjaraw ir-rieda tagħhom li jiffaċilitaw u jappoġġaw iktar il-proċess ta' riforma tal-Ukrajna, flimkien ma' donaturi oħra u f'konformità mal-kondizzjonalità tal-FMI. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Novembru, il-Kunsill appella biex jintlaħaq kunsens nazzjonali ġenerali bil-għan li jiġu intensifikati r-riformi politiċi u ekonomiċi tant meħtieġa fl-Ukrajna, fosthom ir-riforma kostituzzjonali, id-deċentralizzazzjoni, ir-riforma tal-ġudikatura, l-infurzar tal-liġi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-iżgurar tad-drittijiet ta' persuni minn minoranzi nazzjonali, kif ukoll riforma tas-settur tal-enerġija. Dawn ir-riformi ser ikunu kruċjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u t-trasparenza fis-settur tan-negozju.

L-awtoritajiet Ukreni għadhom qed iwettqu riformi minkejja l-ambjent diffiċli ta' sigurtà. Il-leġislazzjoni dwar l-elezzjonijiet ittejbet, iżda l-ħtieġa ta' riforma komprensiva f'dan il-qasam għadha trid tiġi indirizzata. L-elezzjonijiet Presidenzjali bikrin li saru fl-Ukrajna fil-25 ta' Mejju u li kienu appoġġati b'mod qawwi mill-UE kienu kkaratterizzati minn parteċipazzjoni kbira u r-rieda ċara tal-awtoritajiet Ukreni li jagħmlu eżerċizzju demokratiku ġenwin f'konformità mal-impenji internazzjonali u b'rispett tal-libertajiet fundamentali, minkejja ambjent diffiċli ta' sigurtà fiż-żewġ reġjuni tal-Lvant, skont l-OSKE/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-elezzjonijiet parlamentari bikrin ta' Ottubru ntlaqgħu mill-UE bħala pass importanti fl-aspirazzjonijiet tal-Ukrajna li tikkonsolida l-iżvilupp demokratiku tagħha f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha.

Matul is-sena, l-Ukrajna ssodisfat il-punti ta' riferiment fl-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża u mxiet għat-tieni fażi tagħha.

L-UE hija ddedikata li tappoġġa l-proċess ta' riforma fl-Ukrajna, għalhekk, f'Marzu, l-UE approvat pakkett ta' appoġġ ta' EUR 11-il biljun għall-Ukrajna matul il-ftit snin li ġejjin. Din is-sena diġà ntużaw EUR 1.6 biljun f'self u għotjiet minn jew garantiti mill-baġit tal-UE, flimkien ma' EUR 1.8 biljun iffirmati fl-2014 mill-BEI u l-BERŻ. B'rabta mal-kriżi, l-UE mmobilizzat EUR 10 miljuni taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi biex tindirizza ħtiġijiet mhux mistennija għall-osservazzjoni elettorali, l-isfidi kruċjali tas-sorveljanza tas-sitwazzjoni fuq il-post u l-appell importanti għal proċess ta' dialogu dwar riformi kruċjali.

Aktar minn 1 miljun Ukren huma rreġistrati bħala persuni spustati internament. Bi tweġiba għad-degradazzjoni tas-sitwazzjoni għall-popolazzjoni ċivili milquta mill-kunflitt, fl-2014, l-UE mmobilizzat iktar minn EUR 32.5 miljun dedikati għall-appoġġ tal-proċess ta' ħolqien ta' kenn mixxitwa, il-ħtiġijiet umanitarji tal-popolazzjoni, azzjonijiet ta' bini tal-paċi u rkupru bikri. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Novembru il-Kunsill issottolinja l-ħtieġa li tkompli tiġi mobilizzata l-assistenza tal-UE u dik internazzjonali.

Il-Grupp ta' Appoġġ għall-Ukrajna nholq fl-10 ta' April bħala parti mill-impenn tal-UE li tgħin lill-Ukrajna fit-triq tar-riforma. Fit-23 ta' Ġunju, il-Kunsill approva l-kunċett għal missjoni taħt il-PSDK biex tgħin lill-Ukrajna fir-riforma tas-settur tas-sigurtà ċivili tagħha, inklużi l-pulizija u l-istat tad-dritt. Il-Missjoni tal-PSDK (Missjoni Konsultattiva tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna) tnediet uffiċjalment fl-1 ta' Diċembru 2014.

2.4.2. Belarussja

Matul l-2014, l-UE tenniet b'mod konsistenti l-impenn tagħha għall-politika ta' involviment kritiku mal-Belarussja, fost l-oħrajn permezz ta' djalogu u parteċipazzjoni fis-Sħubija tal-Lvant. L-UE fakkret li l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali taħt is-Sħubija tal-Lvant jiddependi mill-progress lejn il-ħarsien tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem mill-Belarussja. L-UE tenniet ir-rieda tagħha li tassisti lill-Belarussja biex tħares l-obbligi tagħha f'dan ir-rigward.

Fl-2014, il-Belarussja ħadet għadd ta' passi pożittivi: il-ħelsien ta' prigionier politiku prominenti, Bialiatsky; sehem attiv fid-direzzjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant; konsultazzjonijiet intensivi mal-UE dwar kwistjonijiet ta' modernizzazzjoni; l-organizzazzjoni ta' bosta seminars bl-involviment tas-soċjetà ċivili; it-titjib tar-relazzjonijiet mal-korpi diplomatiċi f'Minsk; it-tnedija ta' negozjati dwar Ftehimiet dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża u r-Riammissjoni mal-UE, u interess li jinbdew negozjati dwar Sħubija għall-Mobbiltà. Il-Belarussja adottat ukoll pożizzjoni konstruttiva dwar l-iżviluppi fl-Ukrajna u s-sitwazzjoni fir-reġjun, b'mod partikolari billi ospitat t-taħditiet li rriżultaw fl-iffirmar tal-Ftehim ta' Minsk. Dan inkluda passi konkreti biex jiġu stabbilizzati l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova, u l-Georgia ekonomikament kif ukoll politikament.

Dawn il-passi kollha taw kontribut biex tinholq atmosfera aktar pożittiva bejn l-UE u l-Belarussja.

Bi tweġiba għall-passi pożittivi tal-Belarussja, l-UE ħejjiet lista ta' miżuri konkreti addizzjonali possibbli biex tfannad il-politika tagħha ta' involviment kritiku mal-Belarussja (id-diskussjonijiet fuq din il-lista bdew fil-Kunsill f'Diċembru 2014).

L-UE esprimiet regolarment ukoll it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fil-Belarussja matul l-2014. F'dan il-kuntest, ir-RGħ għamlet dikjarazzjonijiet speċifiċi fejn esprimiet id-dispjaċir tagħha għall-implimentazzjoni ta' tliet sentenzi tal-mewt fil-Belarussja. L-UE, fil-kuntatti tagħha ma' interlokuturi fl-amministrazzjoni Belarussa, qajmet kontinwament l-importanza tal-ħelsien u r-riabilitazzjoni tal-priġunieri politiċi kollha, kif ukoll tħassib rigward każijiet ta' intimidazzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u attivisti tal-oppożizzjoni. L-UE kkosponsorjat ir-risoluzzjoni fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem li estendiet il-mandat tar-Relatur Speċjali dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Belarussja għal sena oħra.

Wara li sar rieżami annwali, fit-30 ta' Ottubru l-Kunsill estenda l-miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Belarussja (sal-31 ta' Ottubru 2015). Ir-rieżami aġġorna l-lista ta' persuni u entitajiet fil-mira għax il-Kunsill deherlu li ma kienx għad hemm raġunijiet biex jinżammu r-restrizzjonijiet kontra diversi persuni u entitajiet. It-total ta' persuni soġġetti għal sanzjonijiet kien ta' 201 filwaqt li 18-il entità baqgħu soġġetti għal friża tal-assi. Ma nżied l-ebda isem ġdid mal-lista.

F'Jannar 2014, inbdew in-negozjati dwar ftehimiet dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża u r-Riammissjoni. In-naħa Belarussa indikat li l-mira kienet li dawn il-ftehimiet jiġu ffirmati fis-summit li jmiss tas-Sħubija tal-Lvant f'Riga fl-2015. Matul l-2014 saru żewġ sensiliet ta' negozjati.

F'Jannar 2014, is-SEAE u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Belarusjsja qablu li jniedu Fażi Interim għall-konsultazzjonijiet dwar suġġetti marbuta mal-modernizzazzjoni. L-għan ta' din il-Fażi Interim huwa li tiġi determinata l-aħjar għamla ta' kooperazzjoni futura bejn l-UE u l-Gvern Belarussu dwar kwistjonijiet ta' modernizzazzjoni (kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Vilnius dwar is-Sħubija tal-Lvant).¹⁴ Waqt erba' sensiliet ta' konsultazzjonijiet kważi s-suġġetti kollha ġew ittrattati u għandhom jiġu ffinalizzati fl-2015. Il-Belarussja tinsab hekk li tirċievi gwida mill-UE u trasferiment ta' għarfien dwar is-suġġetti koperti kollha u hija interessata f'għajjuna konkreta għall-proġetti.

2.4.3. Repubblika tal-Moldova

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova ssaħħu sostanzjalment fl-2014. Żewġ kisbiet storiċi kienu d-dħul fis-seħħ tas-sistema mingħajr viżi fit-28 ta' April 2014, u l-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni komprensiv il-ġdid, inkluża Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, fis-27 ta' Ġunju 2014. Ir-Repubblika tal-Moldova malajr irrattifikat il-Ftehim fit-2 ta' Lulju u mill-1 ta' Settembru 'l hawn bdew jiġu applikati proviżorjament partijiet kbar mill-Ftehim inkluż id-DCFTA. Bħalissa għaddejja r-ratifika tal-Ftehim mill-Istati Membri filwaqt li l-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni friżoluzzjoni mhux leġislattiva approvata fit-13 ta' Novembru.

L-istrutturi istituzzjonali tal-Ftehim saru operazzjonali fi tmiem is-sena u kien maħsub li l-ewwel Kunsill ta' Assoċjazzjoni jsir fl-ewwel kwart tal-2015. L-attenzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali fil-futur qarib għandha tingħata lill-implimentazzjoni tal-Ftehim li titlob riformi konsiderevoli u approssimazzjoni legali lejn l-acquis tal-UE min-naħa tar-Repubblika tal-Moldova. F'Ġunju ġiet adottata Aġenda ta' Assoċjazzjoni li tindika l-prijoritajiet għar-riforma.

¹⁴ L-oqsma identifikati għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja dwar kwistjonijiet ta' modernizzazzjoni matul il-Fażi Interim kienu dawn li ġejjin: 1) Promozzjoni tal-kummerċ u l-investiment; 2) Governanza ekonomika; 3) Privatizzazzjoni u żvilupp tal-intrapriża; 4) Riformi soċjali; 5) Oqsma settorjali: edukazzjoni, enerġija, trasport, ambjent, żvilupp reġjonali; 6) Titjib tas-sistema ġudizzjarja, riformi elettorali, ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

Matul l-2014 kompla livell għoli ta' involviment regolari, inklużi żjarat mill-President Herman Van Rompuy f'Mejju u l-President José Manuel Barroso f'Ġunju. Laqgħa mingħajr preċedent bejn il-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova saret f'Mejju, kif ukoll żewġ laqgħat tal-Grupp għall-Azzjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Moldova (fi Frar u Settembru).

Il-Kummissarju Johannes Hahn iddeċieda li jżur Chisinau fis-6 ta' Novembru, fejn din kienet l-ewwel żjara tiegħu bħala l-Kummissarju l-ġdid għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-negozjati għat-Tkabbir.

Il-pajjiż kompla l-proċess ta' riforma, għalkemm ġie osservat xi dewmien speċjalment matul il-perijodu ta' qabel l-elezzjonijiet f'oqsma importanti bħar-riforma tas-settur tal-ġustizzja u b'mod partikolari r-riforma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur. L-elezzjonijiet parlamentari saru fit-30 ta' Novembru u ġew evalwati bħala ħielsa u ġusti minn osservaturi internazzjonali, għalkemm l-esklużjoni ta' partit politiku wieħed f'itjem qabel jum l-elezzjonijiet qanqlet xi tħassib.

Wara l-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ir-Russja intensifikat l-ambitu tal-miżuri ta' ritaljazzjoni ekonomika mmirata kontra importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Moldova, bħall-projbizzjonijiet fuq il-laħam u l-frott. L-UE kienet diġà eliminat il-kwoti tal-importazzjoni għall-inbid fl-1 ta' Jannar 2014 wara l-projbizzjoni Russa fuq l-inbejjed mill-Moldova minn Settembru 2013 'il quddiem.

Fid-dawl tal-projbizzjonijiet introdotti f'Lulju 2014, ir-Repubblika tal-Moldova talbet aċċess addizzjonali għas-suq tal-UE (aktar minn dak diġà mogħti fiż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva). Fl-1 ta' Settembru, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tagħti aċċess addizzjonali mingħajr dazju għat-tuffieħ, l-ġajbaqar u l-ġeneb tal-mejda mir-Repubblika tal-Moldova. Il-kwota tal-importazzjoni mingħajr dazju daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru.

Fl-2014 ir-Repubblika tal-Moldova rċeviet allokkazzjoni ta' għajnuna 'aktar għal aktar' ta' EUR 30 miljun, bil-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, minbarra l-baġit ta' assistenza bilaterali tagħha ta' EUR 101 miljun.

L-assistenza bilaterali tal-2014 tikkonċentra fuq l-appoġġ għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u r-riformi fil-politika tal-finanzi pubbliċi. L-għażla ta' setturi hija konformi mal-Qafas ta' Appoġġ Uniku tar-Repubblika tal-Moldova, id-dokument ta' programmazzjoni multiannwali li ġie adottat f'Ġunju 2014. Fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu f'Chisinau f'Novembru, il-Kummissarju Johannes Hahn iffirma Memorandum ta' Qbil mal-gvern f'Chisinau bbażat fuq il-prijoritajiet u l-allokkazzjonijiet previsti fil-Qafas ta' Appoġġ Uniku.

Komplew isiru sforzi u jintużaw riżorsi sinifikanti biex jiġu implimentati ftehimiet konklużi fis-snin imgħoddija bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova fl-oqsma tal-avjazzjoni, l-agrikoltura, il-protezzjoni ċivili, il-parteċipazzjoni f'aġenziji u programmi tal-UE, u f'operazzjonijiet tal-PSDK.

L-UE komplet bl-involvement tagħha fil-proċessi ta' bini ta' fiduċja u ta' soluzzjoni tas-sitwazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Moldova u r-reġjun separatist tagħha, it-Transnistrija. Madankollu, matul l-2014 it-taħditiet 5+2 biex tissolva s-sitwazzjoni weħlu, bit-taħditiet tħassru tliet darbiet fuq talba tar-rappreżentanti tat-Transnistrija. Matul l-2014 saru biss żewġ taħditiet f'dan il-format (fi Frar u f'Ġunju); dawn komplew jikkonċentraw fuq aspetti tekniċi aktar milli politiċi tal-proċess ta' soluzzjoni tas-sitwazzjoni.

Il-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera lir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina komplet il-ħidma tagħha fl-assistenza, it-taħriġ u l-ġħoti ta' pariri lis-servizzi tal-gwardja tal-fruntieri u doganali taż-żewġ pajjiżi, billi saħħet il-kapaċità tagħhom li jittrattaw il-frodi doganali, jidentifikaw każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u traffikar tal-bnedmin, u jwettqu kontrolli tal-fruntieri u doganali u sorveljanza tal-fruntieri b'mod effettiv.

2.4.4. Georgia

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia kienu intensivi ħafna fl-2014, u inkludew numru rekord ta' laqgħat ta' livell għoli: Il-Prim Ministru tal-Georgia Irakli Garibashvili żar Brussell għall-ewwel darba fit-3-4 ta' Frar 2014. Il-Prim Ministru ġie lura fil-21 ta' Mejju għal-laqgħa tal-Gvern tal-Georgia mal-Kulleġġ tal-Kummissarji ppreseduta minn José Manuel Barroso li dakinhar kien għadu l-President tal-Kummissjoni Ewropea u għal darb'oħra fis-27 ta' Ġunju għall-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva kif ukoll fis-17 ta' Novembru għall-ewwel Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia. Il-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy żar il-Georgia fl-14 ta' Mejju u l-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso mar il-Georgia fit-12-13 ta' Ġunju. Il-Kummissarju Štefan Füle żar il-Georgia fit-3-4 ta' Marzu u t-18 ta' Lulju, il-Kummissarju Günther Oettinger żar il-Georgia fl-20 ta' Frar. Barra minn hekk, il-Forum tas-Soċjeta' Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant fl-20-21 ta' Novembru sar f'Batumi.

Il-Georgia u l-UE ffirmaw il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva b'ħeffa bħal qatt qabel fis-27 ta' Ġunju fi Brussell wara li ġie inizjalat f'Novembru 2013 fis-Summit ta' Vilnius. Il-Ftehim jistabbilixxi l-assoċjazzjoni politika u jfannad l-integrazzjoni ekonomika mal-UE. Il-Georgia rratifikat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fit-18 ta' Lulju u partijiet kbar mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bdew jiġu applikati mill-1 ta' Settembru 2014 'l hawn. Bħalissa għaddejja r-ratifika tal-Ftehim mill-Istati Membri filwaqt li l-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu biex tiġi konkluża riżoluzzjoni mhux leġislattiva approvata fit-18 ta' Diċembru. L-istrutturi istituzzjonali tal-Ftehim sadanittant saru operazzjonali u l-ewwel Kunsill ta' Assoċjazzjoni sar fis-17 ta' Novembru. Fis-26 ta' Ġunju l-UE u l-Georgia qablu flimkien dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni li ħadet post il-Pjan ta' Azzjoni tal-2006 tal-PEV u tipprovdi ġabra ta' prioritajiet miftehma b'mod konġunt għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

Matul l-2014 il-Georgia għamlet progress kbir dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża li għandha l-għan li tintroduċi reġim mingħajr viża bejn l-UE u l-Georgia.

Il-firma ta' trattat dwar l-Alleanza u s-Sħubija Strateġika bejn il-Federazzjoni Russa u t-territorji separatisti tal-Abkażja (u sussegwentement bejn il-Federazzjoni Russa u l-Ossezja tan-Nofsinhar) ġiet ikkritikata bil-qawwa mill-Gvern tal-Georgia bħala li tmur kontra l-integrità territorjali tal-Georgia u li hi pass ieħor biex il-Federazzjoni Russa tieħu kontroll tar-reġjuni separatisti. Dan it-tħassib inqasam mill-UE, kif intwera fl-istqarrijiet u fil-kuntatti bilaterali tal-UE mal-Federazzjoni Russa.

L-involvement tal-Georgia mat-territorji separatisti għadha importanti u ttieħdu passi, għalkemm modesti, mill-gvern biex jimplimenta l-istrateġija tiegħu għall-involvement. L-UE tilqa' dawn il-passi u thegġegħ approċċ aktar proattiv għall-involvement mat-territorji separatisti. B'mod parallel, issoktaw id-diskussjonijiet bilaterali bejn l-awtoritajiet tal-Georgia u l-Federazzjoni Russa u wrew progress fil-kummerċ, it-trasport u kwistjonijiet kulturali. Dawn il-passi ntlagħhu mill-UE. Madankollu, il-pożizzjonijiet taż-żewġ naħat għadhom l-istess dwar il-kwistjonijiet fundamentali tal-orjentazzjoni Ewropea tal-Georgia, ir-rwol tar-Russja fil-gwerra tal-2008, u r-rikonoxximent tagħha tan-Nofsinhar tal-Ossezja u tal-Abkażja. Wara l-firma tat-trattat bejn l-Abkażja u l-Federazzjoni Russa u l-intenzjoni rrapportata li jiġi ffirmat trattat bejn ir-Russja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, ma ġiet iffissata l-ebda data għal taħditiet bilaterali, iżda l-kuntatti informali għadhom għaddejjin.

L-UE għadha ddedikata għall-integrità u s-sovranià territorjali tal-Georgia u għal soluzzjoni paċifika tal-kunflitti, bl-għoti ta' appoġġ kontinwu permezz tal-ħidma tar-"Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia" (RSUE) u l-"Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE" (EUMM). Il-mandat tal-EUMM ittawwal għal sentejn fi tmiem l-2014.

F'Settembru 2008 wara l-Ftehim ta' Sitt Punti li l-medjatur tiegħu kienet l-UE u li temm il-gwerra ta' Awwissu, l-Unjoni Ewropea bagħtet missjoni ċivili ta' monitoraġġ mhux armata (EUMM) fil-Georgia. Għalkemm is-sitwazzjoni tas-sigurtà tjiebet minn dakinhar, hemm nuqqas ta' konformità mal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied, partikolarment minħabba li t-truppi Russi ma ġewx irtirati għall-pożizzjonijiet li kellhom qabel ma faqqgħet l-ostilità. Is-sitwazzjoni kompliet tmur għall-aġar f'Novembru 2014 bil-firma tal-Ftehim bejn l-Abkażja u r-Russja dwar Sħubija u Alleanza Strateġiċi.

L-EUMM m'għandha l-ebda kapaċità eżekuttiva jew koersiva. Ix-xogħol ċentrali tagħha - il-monitoraġġ u l-kontribut għall-bini ta' fiduċja - baqa' l-istess fl-2014. L-EUMM baqgħet tagħti bidu għal miżura sinifikanti ta' bini tal-fiduċja u ħolqot "Fond tal-UE għall-Bini ta' Fiduċja" fl-2014. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jdgħajfu r-rabta bejn l-inċidenti u l-kunflitti u joħolqu arranġament aktar trasparenti ta' sigurtà.

Għalkemm il-mandat tal-EUMM huwa validu fil-Georgia kollha, l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu kienet imxekkla l-ħin kollu minn għadd ta' fatturi. Iċ-ċaħda ta' aċċess għall-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar għadha ostaklu serju u l-limitat l-abbiltà tal-EUMM li twettaq xogħolha. Wara l-istazzjonament tal-Gwardji tal-Fruntieri tal-Federazzjoni Russa fl-2009, il-Linji ta' Konfini Amministrattivi bejn it-Territorji Kkontrollati minn Tbilisi u l-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar qegħdin bil-mod il-mod jiġu ttrasformati fi "fruntieri". Dan l-iżvilupp negattiv kompli fl-2014. L-UE baqgħet impenjata li tappoġġa żviluppi dwar l-istatus u s-sitwazzjoni umanitarja ta' IDPs minn żoni ta' kunflitt.

EUMM Georgia għall-ewwel intbagħtet għal perijodu ta' sena. L-aħħar tiġdid tal-mandat tagħha sar f'Diċembru 2014 u tawwalha sal-14 ta' Diċembru 2016.

Il-Georgia tiegħu sehem f'żewġ missjonijiet tal-PSDK tal-UE b'żewġ esperti f'EUTM Mali u 156 truppa f'EUFOR RCA, u dan jagħmilha t-tieni l-akbar kontributor għall-operazzjoni (imtaqla għal tliet xhur minn Novembru).

2.4.5. Azerbajġan

Il-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso żar l-Azerbajġan fl-14 ta' Ġunju 2014 meta ffirmat l-Protokoll bejn l-UE u l-Azerbajġan dwar is-schem tal-Azerbajġan fi programmi u aġenziji tal-UE. Il-Kummissarji Štefan Füle u Günther Oettinger ħadu sehem fir-raba' djalogu ministerjali informali tas-Sħubija tal-Lvant dwar is-sigurtà tal-enerġija u r-relazzjonijiet barranin f'Baku fit-8-9 ta' Settembru 2014. Il-Viċi President tal-Kummissjoni Šefcovic żar Baku fit-28 ta' Novembru 2014. Fl-20 ta' Settembru 2014 fit-Terminal ta' Sangachal qrib Baku saret iċ-ċerimonja rivoluzzjonarja tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar. L-Azerbajġan impenja ruħu biex isir sieħeb affidabbli tal-enerġija għall-UE biex tiġi diversifikata l-provvista tal-enerġija tal-UE.

Fl-2014 kompliet xejra li sejra għall-agħar fir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Inħarġu għadd konsiderevoli ta' stqarrijiet u rakkomandazzjonijiet mill-komunità internazzjonali, inklużi l-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE, u l-UE, dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li dejjem sejra għall-agħar. L-Azerbajġan ma allinja ruħu mal-ebda pożizzjoni komuni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE fl-2014.

Il-ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viża bejn l-UE u l-Azerbajġan u l-ftehim ta' riammissjoni daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2014 u l-implimentazzjoni tal-eżiti ser jiġu mmonitorjati matul il-kumitati konġunti. Għaddejja ħidma lejn Sħubija Strateġika għall-Modernizzazzjoni.

2.4.6. Armenja

Fl-2014, l-UE u l-Armenja bdew il-ħidma biex jeżaminaw l-ambitu u l-bażi legali għal kooperazzjoni bilaterali futura. L-Armenja ffirmat l-istrument ta' adeżjoni tagħha għall-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika fl-10 ta' Ottubru 2014 u ssieġbet magħha formalment fit-2 ta' Jannar 2015.

Barra minn hekk, id-djalogu politiku bilaterali bejn l-UE u l-Armenja kompli bl-istess intensità u frekwenza tal-laqgħat minkejja ċ-ċaqliq fil-politika tal-Armenja fl-2013, inkluża firxa wiesgħa ta' laqgħat minn livell espert sa dak ministerjali.

Il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża bejn l-UE u l-Armenja u l-ftehim ta' riammissjoni daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 u ġew implimentati b'manjiera ġeneralment sodisfaċenti. Barra minn hekk, infetħet il-possibbiltà tas-sehem tal-Armenja f'Aġenziji u Programmi tal-UE, fejn l-Armenja rċeviet aċċess għall-programmi tal-UE li huma fuq quddiem fid-dinja fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, l-ambjent, u x-xjenza, u l-ħaddiema tal-gvern Armeni rċewew il-possibbiltà li jiġu integrati f'aġenziji tal-UE bħas-sigurtà tal-avjazzjoni, il-mediċina u l-ambjent, u dan fuq kull livell.

Fl-2014 l-UE kompliet tgħin biex jittejjeb u jiġi impliment il-pjan ta' azzjoni nazzjonali tal-Armenja għad-drittijiet tal-bniedem, u qablet fil-prinċipju mal-Armenja dwar appoġġ baġitarju settorjali għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE kompliet tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Armenja. Filwaqt li l-Armenja kompliet tindirizza xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet, kien meħtieġ li ssir iktar ħidma, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar ta' leġislazzjoni rilevanti, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u r-riforma tas-sistema ġudizzjarja.

2.4.7. Il-kunflitt ta' Nagorno Karabakh

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kunflitt fil-Georgia, Herbert Salber, għamel żewġ żjarat fl-Armenja u l-Ażerbajġan wara l-ħatra tiegħu fl-1 ta' Lulju 2014 u kellu għadd ta' laqgħat mal-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE dwar is-soluzzjoni paċifika għall-kunflitt ta' Nagorno Karabakh bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan. L-UE ħarġet żewġ dikjarazzjonijiet dwar il-kunflitt ta' Nagorno Karabakh, waħda dwar l-eskalazzjoni tal-vjolenza f'Awwissu u oħra dwar it-twaqqiġ ta' elikopter militari f'Novembru. L-UE - permezz tal-Inizjattiva tal-Politika Barranija - kompliet tiffinanzja u tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' bini tal-fiduċja (tal-paċi) (permezz tal-proġett tas-Sħubija Ewropea għal Soluzzjoni Paċifika għall-Kunflitt dwar Nagorno-Karabakh) fil-qasma li ħoloq il-kunflitt, u kkumplementat l-isforzi tal-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk.

2.5. Asja Ċentrali

2.5.1. Relazzjonijiet reġjonali

L-UE kompliet bl-impenn kostanti tagħha li tiddjaloga mal-Asja Ċentrali permezz tar-rappreżentanti u l-mibgħuta tagħha. Fil-bidu tas-sena r-RSUE, Patricia Flor, kompliet tinvolvi ruħha fi djalogu bejn l-UE u l-Asja Ċentrali. F'April, wara r-riżenja tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE, inħatar Janos Herman bħala Mibgħut Speċjali għall-Asja Ċentrali, bil-kompitu li jiżgura impenn tal-UE kontinwu u ta' livell għoli fir-reġjun. F'din il-kapaċità huwa għamel għadd ta' żjarat fl-Asja Ċentrali biex jiltaqa' mal-Presidenti, il-Ministri, l-Ambaxxaturi tal-UE u s-soċjetà ċivili, u ffoka prinċipalment fuq kwistjonijiet marbuta mal-ilma u kwistjonijiet marbuta mal-enerġija, is-sigurtà u l-kooperazzjoni reġjonali. Il-Mibgħut Speċjali ospita wkoll, fi Brussell, il-konsultazzjonijiet annwali bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Asja Ċentrali u żar Washington DC u Moska biex jiddiskuti kwistjonijiet topiċi.

Is-servizzi tas-SEAE u l-Kummissjoni ħejjew Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali. Dan l-eżerċizzju biannwali kien partikolarment f'waqtu, u ppermetta li jinkiseb kontroll fuq il-bidliet fil-kuntest reġjonali l-ambjent ġeopolitiku aktar ġenerali, b'mod partikolari f'termini ta' sigurtà (l-irtirar tal-ISAF, il-kriżi tal-Ukrajna, it-theddida terroristika).

Id-djalogu bejn l-UE u l-Asja Ċentrali ppromwova l-kooperazzjoni reġjonali u l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti taħt l-inizjattivi, bħall-istat tad-dritt, l-edukazzjoni, l-ilma u l-governanza ambjentali.

Il-pjattaforma għall-Istat tad-Dritt, ikkoordinata mill-Ġermanja u Franza, apoġġat is-sessjonijiet ta' ħidma teknika fil-livelli nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari dwar ir-riformi tal-ġustizzja fil-Kirgiżistan, it-Taġikistan u l-Kazakistan. Grupp ta' Ħidma dwar il-Kapaċità Ġudizzjarja Itaqa' f'April 2014 fi Brussell. Dawn l-avvenimenti kkontribwixxew għas-suċċess tar-Raba' Konferenza tal-Ministri tal-Ġustizzja f'Ottubru 2014 f'Astana, iddedikata għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi dwar ir-riforma ġudizzjarja, l-aċċess għall-ġustizzja u d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi.

Bħala parti mill-Inizjattiva għall-Edukazzjoni, ġie organizzat seminar dwar il-kwalità tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ tal-ġhalliema f'Istanbul, u sar seminar dwar il-bżonnijiet tas-Suq tax-Xogħol u l-aħjar prassi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja f'Bishkek.

Fl-ispirtu tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti u skont id-Diplomazija tagħha fil-qasam tal-Ilma, l-UE kompliet l-isforzi diplomatiċi biex tnaqqas it-tilwim dwar l-ilma u tippromwovi soluzzjoni kooperattiva reġjonali għall-isfidi marbuta mal-ġestjoni tal-ilma u r-riżorsi enerġetiċi fl-Asja Ċentrali.

2.5.2. Relazzjonijiet bilaterali

F'Settembru 2014, ġew konklużi n-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni msaħħa (EPCA) mal-Każakistan. Ladarba ffirmat, irratifikat u implimentat, dan il-ftehim, l-ewwel tat-tip tiegħu għar-reġjun tal-Asja Ċentrali, ser jiffaċilita relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u strateġiċi aktar b'saħħithom, il-fluss tal-kummerċ, is-servizzi u l-investment bejn il-Każakistan u l-UE, u jikkontribwixxi għar-riformi politiċi, ekonomiċi u fil-qasam tal-istat tad-dritt tal-Każakistan.

L-UE laqgħet b'sodisfazzjon ir-rilaxx ta' Roża Tulateyeva, attivista fil-qasam tax-xogħol miżmuma priġuniera, fid-19 ta' Novembru, u kompliet tesprimi t-tħassib tagħha dwar każijiet simili oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Id-djalogu politiku mar-**Repubblika Kirgiża** ffoka fuq l-appoġġ tal-UE għad-demokratizzazzjoni u r-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, inkluża l-kwistjoni sensittiva tal-appoġġ tal-UE għall-elezzjonijiet ġenerali fl-2015. L-UE esprimiet tħassib rigward il-leġislazzjoni li tiddekrivi l-NGOs li jirċievu finanzjament minn organizzazzjonijiet internazzjonali u gvernijiet barranin bħala "aġenti barranin" u dwar l-abbozz ta' leġislazzjoni dwar "l-iffurmar ta' attitudni pożittiva lejn forom mhux tradizzjonali ta' relazzjonijiet sesswali". It-tnejn għad-dħul fl-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika f'Jannar 2015, l-interruzzjoni tal-provvista tal-enerġija u l-Assistenza Makro-Finanzjarja offruta mill-UE kienu suġġetti prominenti fid-djalogu bejn l-UE u l-Kirgiżistan. F'Marzu, id-delegati tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (COEST) żar ir-Repubblika Kirgiża.

Id-djalogu politiku mat-**Taġikistan** iffoka fuq ir-riformi politiċi u amministrattivi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi. L-UE enfasizzat il-ħtieġa li jiġu żgurati elezzjonijiet inklussivi u trasparenti u stabbiltà politika fit-tul fil-pajjiż. L-UE segwiet mill-qrib il-każ tas-Sur Alexander Sodiqov, student fl-Università ta' Toronto, li nżamm prigionier f'Ġunju waqt li kien qed jagħmel riċerka fit-Taġikistan. L-UE laqgħet il-ħelsien tas-Sur Sodiqov f'Lulju, u t-tluq sussegwenti tiegħu mill-pajjiż.

Fit-**Turkmenistan**, l-UE kompliet tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u riformi soċjoekonomiċi kif ukoll l-iżvilupp ta' qafas legali għal pipeline trans-Kaspju tal-gass.

It-Turkmenistan ospita Summit tal-KSI u konferenza ta' livell għoli dwar Karta tal-Enerġija, b'hekk wera r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni u r-relazzjonijiet paċifiċi fir-reġjun, inkluż rigward kwistjonijiet marbuta mal-enerġija u l-ilma.

Wara li appoġġat tqarrib mal-ILO dwar ix-xogħol tat-tfal u x-xogħol furzat, l-UE kompliet l-isforzi tagħha ta' faċilitazzjoni b'appoġġ għal rabtiet aktar mill-qrib bejn l-**Użbekistan** u atturi internazzjonali oħra bħall-aġenziji tan-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Id-diskussjonijiet bejn in-NU u l-Użbekistan ikkontribwixxew għall-finalizzazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li n-negozjati mal-BEI qarrbu liż-żewġ naħat lejn qbil dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Qafas. B'segwitu għall-memorandum ta' qbil mal-UNICRI, Ċentru ta' Eċċellenza reġjonali ffinanzjat mill-UE dwar materjal tas-CBRN għandu jiftaħ dalwaqt f'Tashkent biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali u jitnaqqsu r-riskji. L-UE kompliet il-ħidma tagħha dwar kwistjonijiet ewlenin ta' sigurtà, inkluż id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà fl-Asja Ċentrali.

3. Balkani tal-Punent

Il-Balkani tal-Punent, l-istrateġija tat-tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni baqgħu politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea fl-2014, u jkomplu jikkontribwixxu għal benefiċċji reċiproċi ta' paċi, demokrazija, sigurtà u prosperità fl-Ewropa. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2014, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn inekwivokabbli tiegħu għall-perspettiva Ewropea tar-reġjun. Huwa enfasizza wkoll il-ħtieġa għal kondizzjonalità ġusta u rigoruża, fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Kopenhaġen u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (PSA), li jibqa' l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent sal-adeżjoni tagħhom.

Il-kooperazzjoni reġjonali inklużiva u relazzjonijiet tajbin mal-viċinat huma elementi essenzjali ta' dan il-proċess.

Inkiseb progress sinifikanti fir-reġjun tul l-2014 b'aktar progress minn Belgrad u Pristina fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE, il-bidu tan-negozjati mas-Serbja dwar l-adeżjoni, l-inizjalar tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-UE biss bejn l-UE u l-Kosovo¹⁵, it-tkomplija tan-negozjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni u l-ġhoti ta' status ta' kandidat lill-Albanija.

Ir-RGħ/VP żaret il-Bożnija-Herzegovina f'Marzu u Diċembru u s-Serbja f'April. L-UE laqgħet it-tmexxija b'suċċess tal-elezzjonijiet fil-Bożnija-Herzegovina, fis-Serbja u l-Kosovo.

L-UE nediet l-approċċ mġedded tagħha lejn il-Bożnija-Herzegovina f'Diċembru bil-għan li titmexxa 'l quddiem il-perspettiva Ewropea tal-pajjiż.

¹⁵ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.

Id-djalogu bejn Belgrad u Pristina kompli jagħmel progress sostanzjali għalkemm il-proċessi elettorali fis-Serbja (Marzu 2014) u l-Kosovo (Ġunju 2014) u l-istaġnar politiku li wassal għad-dewmien fil-formazzjoni ta' gvern ta' koalizzjoni fil-Kosovo affettwa r-ritmu tad-diskussjonijiet. Ir-RGħ/VP kompliet tiffaċilita l-proċess ta' normalizzazzjoni bejn is-Serbja u l-Kosovo u tippromwovi l-implimentazzjoni tal-ftehimiet milħuqa fi ħdan id-Djalogu fl-ewwel xhur sal-elezzjonijiet bikrija fis-Serbja u l-Kosovo.

Saru tliet laqgħat ta' livell għoli fil-bidu tal-2014, l-aħħar waħda fil-31 ta' Marzu. Fil-perijodu wara dan, kompliet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni b'ritmu kontinwu għalkemm aktar bil-mod. Inkisbu riżultati konkreti f'għadd ta' oqsma, bħall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠIF), l-enerġija, il-libertà ta' moviment, id-dwana.

Sar progress tajjeb fil-kooperazzjoni reġjonali: f'Ġunju 2014 il-Kosovo ġie aċċettat bħala parteċipant sħiħ fil-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa (SEECp) u f'Ottubru nqas mal-parti ċivili ta' Ċentru Reġjonali ta' Assistenza għall-Implimentazzjoni u l-Verifika tal-Kontroll tal-Armi (RACVIAC).

Għad fadal mhux ħażin xi jsir dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-prinċipji li jirregolaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom, u b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Assoċjazzjoni/Komunità tal-Muniċipalitajiet, fil-finalizzazzjoni tal-ftehimiet dwar it-telekomunikazzjoni u dwar l-enerġija kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet dwar l-istrutturi tal-ġustizzja u l-forzi tal-protezzjoni ċivili. It-tneħħija u mbagħad l-istabbiliment il-ġdid ta' barrikati (l-hekk imsejjaħ Park tal-Paċi) fuq il-pont prinċipali fit-tramuntana ta' Mitrovica, fuq in-naħa tas-Serbja, għadu magħhom żieda kbira fit-tensjonijiet. Iż-żewġ naħat iffurmaw grupp ta' ħidma speċifiku biex jindirizzaw flimkien il-futur tal-pont u inkarigaw lill-uffiċċju tal-UE biex iħejji valutazzjoni teknika tal-pont.

L-UE u s-Serbja fetħu fażi ġdida fir-relazzjonijiet tagħhom bl-ewwel konferenza intergovernattiva fil-21 ta' Jannar 2014 li bdiet uffiċjalment il-proċess ta' negozjati tal-adeżjoni. Dan kien riżultat tal-progress konsistenti fir-riformi tal-pajjiż u l-impenji kontinwi tiegħu għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo. In-negozjati ta' adeżjoni tas-Serbja mal-UE għaddejjin issa. Il-'proċess ta' eżami analitiku', li beda fil-ħarifa 2013, tlesta f'Marzu 2015.

L-elezzjoni ġenerali bikrija fis-Serbja rriżultat fil-formazzjoni ta' gvern ġdid immexxi mill-Prim Ministru Aleksandar Vučić.

Taħt il-gvern il-ġdid, is-Serbja baqgħet impenjata lejn riformi intensivi u żammet approċċ kostruttiv dwar il-kooperazzjoni reġjonali. Madankollu, il-pajjiż għandu jagħti attenzjoni partikolari biex ipatti għad-dewmien fil-preżentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni fil-Kapitoli 23 (Ġudikatura u Drittijiet Fundamentali) u 24 (Ġustizzja, Libertà u Sigurtà). Il-Kunsill appella lis-Serbja biex tallinja ruħha progressivament mal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE f'konformità mal-Qafas ta' Negozjar.

Wara Deċiżjoni mill-Kunsill f'Ġunju 2013, filwaqt li għarfet l-isforzi tal-Kosovo fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mas-Serbja li rriżultaw fil-Ftehim ta' Brussell, il-Kummissjoni kkonkludiet negozjati dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) tal-UE biss bejn l-UE u l-Kosovo f'Mejju 2014. It-test tal-FSA tal-UE biss ġie inizjalat f'Lulju 2014. Id-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo kompli fl-2014, iżda għad għandhom jiġu implimentati aktar riformi.

Wara rieżami strateġiku tal-EULEX KOSOVO fl-2013, komplew id-diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar il-futur tal-missjoni tul l-ewwel xhur tal-2014 li wasslu għal mandat ġdid ta' sentejn, adottat f'Ġunju 2014.¹⁶ B'mod parallel għad-diskussjonijiet dwar il-futur tagħha, il-missjoni kompliet timplimenta l-mandat tagħha, inkluż l-appoġġ tagħha għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina.

Fil-kuntest tal-ftehim importanti ta' April 2013, matul l-2014 il-missjoni ffaċilitat b'suċċess l-integrazzjoni ta' 287 ex uffiċjali tal-Pulizija tal-Ministeru għall-Intern Serb (MUP) fl-istruttura tal-Pulizija tal-Kosovo (KP) u appoġġat attivament l-istabbiliment ta' Kmand Reġjonali tal-KP fit-Tramuntana li jirrifletti l-kompożizzjoni etnika fil-muniċipalitajiet tat-tramuntana.

L-EULEX appoġġat ukoll l-implimentazzjoni tal-Ftehim Tekniku għall-ĠIF. Is-sitt Punti kollha ta' Qsim tal-ĠIF qed jaħdmu sew minn mindu ġew stabbiliti u nkiseb żvilupp importanti f'Settembru 2014 meta l-partijiet qablu mal-istabbiliment tal-punti ta' qsim permanenti.

L-istaġnar politiku fil-Kosovo, li dam mill-elezzjonijiet parlamentari tat-8 ta' Ġunju sal-formazzjoni ta' gvern ġdid fid-9 ta' Diċembru, fixxkel serjament il-missjoni milli tikseb ir-riżultati skont il-mandat tagħha. Għaldaqstant, seta' jinkiseb biss progress limitat tul l-aħħar sitt xhur tal-2014. L-EULEX, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-RSUE/EUO qed tħejji biex taħdem mal-awtoritajiet lokali fil-kariga, thegħġighom iwettqu l-impenji tagħhom fil-qasam tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari rigward il-Patt dwar l-Objettivi għall-Istat tad-Dritt, iffirmat f'Novembru 2012.

¹⁶ Filwaqt li jirrifletti l-progress li nkiseb u r-realtà l-ġdida fil-post, mhux b'inqas l-iżvilupp importanti fil-proċess ta' normalizzazzjoni, il-mandat il-ġdida tal-missjoni kien jinkludi tliet bidliet strateġiċi [1] bl-implimentazzjoni ta' politika skont liema, fiċ-ċirkostanzi normali, ma jinfetħux każijiet ġodda, [2] bit-trasferiment tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji kollha fil-Kosovo f'idejn tmexxija lokali u [3] bl-integrazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi tal-EULEX fis-sistema ġudizzjarja lokali. Bħala konsegwenza ulterjuri tal-mandat il-ġdid, ġie introdott proċess ta' konfigurazzjoni mill-ġdid, b'hekk l-EULEX għaddiet minn 1250 għal 800 membru tal-persunal internazzjonali u minn 1000 għal 800 membru tal-persunal lokali.

L-investigazzjonijiet tat-Task Force Investigattiva Speċjali (TFIS) fis-sejbiet stabbiliti fir-rapport mir-Rapporteur Speċjali Dick Marty rigward allegazzjonijiet serji ta' delitti tal-gwerra u attività kriminali organizzata minn ex mexxejja tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Kosovo fil-perijodu bejn l-1998 u l-2000 komplew tul is-sena. L-ex Prosekutur Ewlieni, l-Ambaxxatur Clint Williamson, ippreżenta s-sejbiet investigattivi tiegħu waqt konferenza stampa fid-29 ta' Lulju, u fl-istess ħin ħabbar l-aħħar żjarat tiegħu f'Awwissu.¹⁷

Ir-RGħ/VP kompliet taħdem mat-tmexxija tal-**Bożnija-Herzegovina** (BiH). Wara l-protesti soċjo-ekonomiċi mifruxa fil-BiH (Frar) ir-RGħ/VP żaret il-pajjiż fil-11 ta' Marzu u ħeġġet lit-tmexxija biex terreagixxi malajr għas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika li qed tmur lura. Abbażi ta' dan, ġiet żviluppata inizjattiva mmexxija mill-UE Patt għal Tkabbir u Impjiegi, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tal-UE, inklużi l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.

Wara elezzjonijiet presidenzjali u ġenerali f'diversi livelli fit-12 ta' Ottubru, l-UE nediet approċċ imġedded lejn il-BiH bil-għan li l-pajjiż jitmexxa 'l quddiem fit-triq lejn l-UE.

Ir-RGħ/VP, flimkien mal-Kummissarju Johannes Hahn, żaret Sarajevo fil-5 ta' Diċembru biex jiddiskutu l-approċċ imġedded mat-tmexxija u l-istituzzjonijiet tal-BiH, li esprimew ir-rieda tagħha li taħdem mal-UE f'dan ir-rigward. Sussegwentement, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet li jiddeskrivu l-passi li jmiss f'dan l-impenn imġedded tal-UE biex tingħata gwida għall-isforzi l-ġodda.

¹⁷ Is-suċċessur tiegħu, is-Sur David Schwendiman, uffiċjali tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti ser jibda l-kariga tiegħu kmieni fl-2015.

L-Operazzjoni Althea kompliet tiffoka fuq il-bini ta' kapaċitajiet u t-taħriġ bħala sforz ewlieni filwaqt li żammet il-mandat u r-riżorsi għal intervent b'appoġġ għall-ambjent sigur u mingħajr periklu. L-Operazzjoni normalment għandha sa 600 truppa fil-pajjiż, iżda ġiet imsaħħa b'assi ta' għarfien tas-sitwazzjoni waqt il-perijodu tal-elezzjonijiet fit-tieni nofs tal-2014. Fil-pajjiż ser ikompli jkun hemm tisħiħ limitat fl-ewwel nofs tal-2015. F'Novembru 2014, il-mandat eżekuttiv tal-missjoni ġie estiż permezz tal-UNSCR 1283 għal sena oħra.

F'Arpil 2014 saru elezzjonijiet ġenerali bikrija u elezzjonijiet presidenzjali regolari fl-**Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**. L-ODIHR vvalutat li elezzjonijiet kienu kompetittivi u amministrati b'mod effiċjenti, iżda kkaratterizzati minn xi inċidenti filwaqt li, ħaġa aktar importanti, il-kopertura medjatika partiġġjana u nuqqas ta' distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet tal-Istat u dawk tal-partit ma pprovdewx kondizzjonijiet ugwali.

F'Ottubru, il-Kummissjoni tenniet ir-rakkomandazzjoni tagħha li jinfetħu negozjati mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-adeżjoni. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru, il-Kunsill laqa' l-fatt li l-aġenda tal-UE baqgħet il-prijorità strateġika tal-pajjiż u li kien kiseb livell għoli ta' allinjament mal-acquis leġislattiv. Il-Kunsill ħa nota tar-rakkomandazzjoni li jinfetħu negozjati dwar l-adeżjoni u ssottolinja l-importanza tal-ħtieġa għal djalogu politiku aktar kostruttiv. Huwa esprima tħassib serju dwar iż-żieda fil-politiċizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-istat u nuqqasijiet dejjem jikbru fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura u tal-libertajiet tal-mezzi tal-informazzjoni u nnota li n-nuqqas ta' indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet għamel ħsara lis-sostenibbiltà tar-riformi. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jieħdu azzjoni deċiżiva biex jindirizzaw malajr dan it-tħassib.

Il-Kunsill fakkar ukoll li għadu essenzjali li jinżammu relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċji tan-NU. Huwa indika li kien ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni fl-2015, abbażi ta' aġġornament mill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni ulterjuri tar-riformi fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni u dwar passi tanġibbli meħuda għall-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u biex tintlaħaq soluzzjoni negozjata u aċċettabbli reċiprokament għall-kwistjoni tal-isem.

Fl-**Albanija**, il-gvern ta' koalizzjoni mmexxi mill-Prim Ministru Edi Rama kompli jmxexxi 'l quddiem l-aġenda tiegħu ta' riformi, b'fokus akbar fuq il-ħames prioritajiet ewlenin (ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, id-drittijiet tal-bniedem inkluż il-protezzjoni ta' minoritajiet) identifikati għall-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni.

B'mod aktar konkret, l-Albanija ħadet passi oħra għar-riforma tal-ġudikatura billi impenjat ruħha mal-Kummissjoni ta' Venezja bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-indipendenza u r-responsabbiltà tas-sistema ġudizzjarja. Il-gvern wera rieda politika li jaġixxi b'mod deċiżiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, billi jsaħħaħ il-qafas leġislativ u jaħtar Koordinatur Nazzjonali tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata wriet xejra pożittiva f'għadd ta' oqsma, b'intensifikazzjoni tal-attivitajiet għall-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari qbid ta' droga.

Fid-dawl ta' dawn l-isforzi u abbażi ta' rapport ippreżentat mill-Kummissjoni, fl-24 ta' Ġunju l-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Albanija l-istatus ta' pajjiż kandidat. Id-deċiżjoni ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru, il-Kunsill laqa' l-progress li sar mill-Albanija, li wassal għall-ġoti tal-istatus ta' kandidat. Madankollu, huwa nnota fil-paragrafi 43 u 44 tal-konklużjonijiet li għad fadal sfidi importanti u stieden lill-Albanija biex tintensifika l-isforzi ta' riforma tagħha u taġixxi b'mod deċiżiv biex tindirizza dawn il-ħames prioritajiet ewlenin għall-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni. Il-Kunsill issottolinja b'mod partikolari l-ħtieġa li l-Albanija, fost oħrajn, taħdem għal riforma komprensiva tal-ġudikatura, għat-tisħiħ tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, inkluż it-trattament ugwali tal-minoranzi kollha u l-aċċess għad-drittijiet għall-persuni li jagħmlu parti minnhom, kif ukoll timplimenta d-drittijiet tal-proprietà.

Minn Ġunju, madankollu, ix-xena politika interna fl-Albanija marret għall-agħar. Fl-10 ta' Lulju, il-Partit Demokratiku (PD) fl-oppożizzjoni ħabbar bojkott tal-ħidma parlamentari wara konfrontazzjonijiet fiżiċi bejn MP tal-maġġoranza u tal-oppożizzjoni. Il-bojkott intemm formalment madwar sitt xhur wara, fl-24 ta' Diċembru 2014, wara li l-gvern u l-oppożizzjoni qablu dwar riżoluzzjoni ċċentrata fuq erba' punti nnegozjata mill-Membri tal-Parlament Ewropew Knut Fleckenstein u Eduard Kukan. Ir-riżoluzzjoni tenfasizza li l-Albanija teħtieġ djalogu kostruttiv u stabbli bejn l-oppożizzjoni u l-maġġoranza fil-gvern, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-pajjiż fl-isfera Ewropea. Wieħed għad irid jara l-implimentazzjoni bla xkiel fix-xhur li ġejjin tal-qbil politiku li jinsab fir-riżoluzzjoni u dan ser ikun kruċjali biex tiġi indirizzata b'suċċess l-aġenda tal-Albanija b'rabta mal-UE.

Rigward il-kooperazzjoni reġjonali, l-Albanija kompliet bir-rwol pożittiv u kostruttiv tagħha u bil-parteċipazzjoni b'mod attiv fl-inizjattivi reġjonali rilevanti kollha, inkluż il-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa, li l-Albanija ħadet f'idejha l-Presidenza fil-Kariga tagħha f'Ġunju. L-impenn kostruttiv kontinwu tal-Albanija f'relazzjonijiet tajba mal-viċinat jibqa' essenzjali. Barra minn hekk, il-Kunsill laqa' l-allinjament sħiħ tal-Albanija mal-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

L-UE kompliet bin-negozjati mal-**Montenegro** dwar l-adeżjoni. Sa tmiem l-2014, kienu nfetħu sittax-il kapitolu, li minnhom tnejn kienu wkoll ingħalqu proviżorjament. Il-Montenegro komplia jagħmel progress fin-negozjati ta' adeżjoni kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' riformi bil-għan li jiżgura l-indipendenza u effiċjenza akbar tal-ġudikatura, minkejja li l-progress fil-qasam tal-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali ma kienx uniformi.

Il-Kunsill issottolinja fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014 li jeħtieġ li l-Montenegro jintensifika aktar l-isforzi tiegħu fil-qasam tal-istat tad-dritt. Il-pajjiż għandu jagħti attenzjoni partikolari biex jagħmel tajjeb għad-dewmien li kien iġġarrab fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni fil-qasam tal-istat tad-dritt, biex tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali, u biex jiġi żviluppat aktar rekord tajjeb rigward l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni bir-rispett tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali, il-Montenegro kompli jkollu rwol attiv fl-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni reġjonali u biex jallinja bis-sħiħ mal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà ġenerali fir-reġjun.

4. Turkija u Ewropa tal-Punent

4.1. Turkija

Kemm bħala pajjiż kandidat kif ukoll bħala sieħeb prinċipali, it-Turkija baqgħet interlokutur importanti għall-UE, b'kont meħud tal-ekonomija dinamika u l-post strateġiku tagħha. L-UE għarfet l-appoġġ umanitarju importanti mogħti mit-Turkija lil ferm aktar minn miljun refuġjat li jaħarbu mill-vjolenza fis-Sirja u l-Iraq. It-Turkija kompliet tkun attiva fil-viċinat usa' tagħha, u għadha attur reġjonali ewlieni fil-Lvant Nofsani, il-Balkani tal-Punent, l-Afganistan/il-Pakistan, il-Kawkasu tan-Nofsinhar, u l-Qarn tal-Afrika. F'dan il-kuntest, ir-RGħ baqgħet impenjata li tiżviluppa u ssaħħa aktar id-djalogu politiku bejn l-UE u t-Turkija dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni kif ukoll dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, anki minħabba l-iżviluppi ferm serji fir-reġjun, b'mod partikolari is-Sirja u l-Iraq. Dan id-djalogu għandu jintuża biex tiġi żviluppata kooperazzjoni aktar mill-qrib kontra l-ISIL Da'esh u n-netwerks ta' finanzjament tiegħu, kif ukoll biex tissaħħa il-kooperazzjoni biex jitwaqqaf il-fluss ta' ġellieda barranin, filwaqt li jkompli jirrikonoxxi l-importanza ta' appoġġ lit-Turkija biex tindirizza t-theddid tat-terroriżmu domestiku tagħha.

Il-President Recep Tayyip Erdoğan żar Brussell f'Jannar 2014 bħala Prim Ministru ta' dak iż-żmien. Il-Kummissarju Štefan Füle żar it-Turkija f'Ġunju 2014 u l-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso żar il-pajjiż f'Settembru 2014. Ir-RGħ/VP flimkien mal-Kummissarji Johannes Hahn u Christos Stylianides żaru flimkien it-Turkija f'Diċembru 2014 sabiex jizzied l-impenn. Il-koordinatur tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu żar it-Turkija darbtejn fl-2014. L-UE kompliet tteġġeg lit-Turkija biex tiżviluppa l-politika barranija tagħha b'mod komplementari għall-UE u f'koordinazzjoni magħha u biex progressivament tkun allinjata mal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

L-UE apprezza l-impenn qawwi ta' Turkija f'missjonijiet tal-PSDK, b'mod partikolari l-EUFOR Althea u l-EULEX Kosovo. L-ewwel żjara ta' ħidma tal-Persunal Militari tal-UE fit-Turkija saret f'Jannar.

Il-Kunsill afferma mill-ġdid l-importanza li jagħti lir-relazzjonijiet tal-UE mat-Turkija u laqa' l-espressjoni tal-Gvern Tork għall-adeżjoni mal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill fakkar li t-Turkija ser tkun tista' tħaffef il-pass tan-negozjati billi tavvanza fl-issodisfar tal-punti ta' riferiment, filwaqt li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Qafas ta' Negozjar u tirrispetta l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn l-UE.

L-UE għandha tibqa' l-ankra għar-riformi fit-Turkija, speċjalment fl-oqsma tal-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Matul l-2014, ġew adottati jew implimentati diversi riformi, iżda jeħtieġu aktar sforzi sostnuti biex jiġu sodisfatti l-kriterji ta' Kopenhagen. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill ħeġġeġ lit-Turkija biex taħdem fuq ir-riformi li għandhom jipprovdu sistema ta' kontrokontrolli adegwata li tiggarantixxi b'mod sħiħ il-libertà, inkluż il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u tal-mezzi tal-komunikazzjoni, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, il-libertà tar-reliġjon u drittijiet ta' proprjetà, kif ukoll isaħħu l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill baqa' mħasseb minħabba l-interferenza żejda min-naħa tal-eżekuttiv fil-ġudikatura, it-tibdil frekwenti fil-leġislazzjoni ewlenija mingħajr il-konsultazzjoni debita tal-partijiet ikkonċernati. Huwa ddispijaċi ukoll li t-tweġiba mill-gvern għall-każijiet allegati ta' korruzzjoni f'Diċembru 2013 tefgħet dubji serji dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, u wriet intolleranza dejjem akbar lejn l-oppożizzjoni politika, il-protesta min-naħa tal-pubbliku u l-media kritika. F'dan ir-rigward, ir-raids tal-pulizija u d-detenzjoni ta' għadd ta' ġurnalisti u rappreżentanti tal-mezzi tal-komunikazzjoni fl-2014 fit-Turkija jqajmu dubji dwar ir-rispett għal-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, li huwa prinċipju fundamentali tad-demokrazija.

Il-Kunsill ifakkar li l-progress fin-negozjati tal-adeżjoni jiddependi fuq ir-rispett lejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Dawn il-kwistjonijiet kollha ġew enfasizzati permezz ta' diversi dikjarazzjonijiet tal-UE mir-RGħ/VP, mill-Kummissarji u mill-Parlament Ewropew.¹⁸

L-UE appoġġat bil-qawwa l-isforzi mġedda lejn soluzzjoni paċifika tal-kwistjoni Kurda u tħeġġeġ aktar impenn mill-partijiet kollha biex jimxu 'l quddiem fil-proċess.

L-UE laqgħet id-dħul fis-seħħ f'Ottubru tal-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija, kif ukoll is-sejbiet tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress magħmul mit-Turkija fl-issodisfar tar-rekwiżiti tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-progress fid-djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża ser ikun imsejjes fuq approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u ser isir bil-kundizzjoni ta' implimentazzjoni effettiva u konsistenti mit-Turkija tar-rekwiżiti fil-pjan direzzjonali dwar il-viża vis-à-vis l-UE u l-Istati Membri tagħha.

¹⁸ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-rapport ta' progress tal-2013 dwar it-Turkija fit-12 ta' Marzu 2014 (P7_TA (2014)0235); riżoluzzjoni oħra dwar il-libertà ta' espressjoni fit-Turkija ġiet adottata fil-15 ta' Jannar 2015.

Filwaqt li jiddispjaċih dwar dikjarazzjoni unilaterali li saret mit-Turkija f'dan ir-rigward, il-Kunsill stenna implimentazzjoni sħiħa u effettiva min-naħa tat-Turkija kemm tal-ftehim ta' riammissjoni kif ukoll tal-pjan direzzjonali dwar il-viża fir-rigward tal-Istati Membri kollha tal-UE, inkluż aċċess mingħajr viża nondiskriminatorju fit-territorju Tork għaċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-UE. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill tenna li jeħtieġ li t-Turkija timpenja ruħha inekwivokabbilment għal relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u għal soluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk ikun meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, għal darba oħra l-Unjoni esprimiet tħassib serju u ħeġġet lit-Turkija biex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew sors ta' konflitt jew azzjoni, li jkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. L-UE tappella lit-Turkija biex ma tkomplix timblokka l-adeżjoni tal-Istati Membri għal organizzazzjonijiet u mekkaniżmu internazzjonali. Barra minn hekk, l-UE reġgħet enfasizzat id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membri tal-UE. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, id-dritt li wieħed jidħol fi ftehimiet bilaterali u li jesplora u jisfrutta r-riżorsi naturali skont l-acquis tal-UE u d-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar. Hija enfasizzat ukoll il-ħtieġa li tiġi rispettata s-sovranià tal-Istati Membri fuq l-ibħra territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom. Il-Kunsill fakkar li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2014, esprima tħassib serju dwar it-tensjonijiet imġedda fil-Lvant tal-Mediterran u ħeġġeġ lit-Turkija biex titrażżan u tirrispetta s-sovranià ta' Ċipru fuq l-ibħra territorjali tiegħu u d-drittijiet sovrani ta' Ċipru fiż-żona ekonomika esklużiva tiegħu.¹⁹

¹⁹ Il-Parlament Ewropew għadda wkoll riżoluzzjoni dwar l-azzjonijiet Torok li ħolqu tensjonijiet fiż-żona ekonomika esklussiva ta' Ċipru f'Novembru 2014 (P8_TA (2014)0052, adottata fit-13 ta' Novembru 2014).

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2014, il-Kunsill innota wkoll b'dispijaċir kbir li t-Turkija, minkejja appelli ripetuti, baqgħet tirrifjuta li tissodisfa l-obbligu tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha, li l-issodisfar tiegħu jagħti spinta sinifikanti lill-progress ta' negozjar. Fin-nuqqas ta' progress dwar din il-kwistjoni, il-Kunsill ser iżomm fis-seħħ il-miżuri tiegħu mill-2006, li ser ikollhom effett kontinwu fuq il-progress ġenerali tan-negozjati.

Il-Kunsill laqa' l-impenn mill-partijiet għas-soluzzjoni tal-problema ta' Ċipru, kif muri fid-dikjarazzjoni konġunta tal-11 ta' Frar 2014. Kif enfasizzat mill-Qafas ta' Negozjar, il-Kunsill kien qed jistenna li t-Turkija tappoġġa attivament in-negozjati mmirati għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u vijabbli għall-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u skont il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.

L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal soluzzjoni komprensiva bħal din huma kruċjali. Fiċ-ċirkostanzi prevalenti dak iż-żmien, il-Kunsill qies li huwa aktar importanti minn qatt qabel li jiġi żgurat ambjent pożittiv sabiex ikunu jistgħu jissoktaw in-negozjati għal soluzzjoni komprensiva fir-rigward ta' Ċipru, bil-ħsieb li jinkiseb il-progress. Kif iddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2014, il-Kunsill Ewropew jinsab lest li jagħmel il-parti tiegħu biex jappoġġa n-negozjati.

4.2. Ewropa tal-Punent

Ir-relazzjonijiet tal-UE ma' dawn il-pajjiżi huma bbażati fuq ftehimiet komprensivi ta' kooperazzjoni bħall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (in-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein) jew il-ftehim ta' Schengen (in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera).

Fil-qasam tal-PESK, il-kooperazzjoni tal-UE mal-istati taż-Żona Ekonomika Ewropea / tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles kompliet tiġi approfondita fl-2014 permezz tal-allinjament tagħhom ma' għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet tal-PESK kif ukoll permezz ta' kooperazzjoni f'ċerti azzjonijiet konġunti. L-UE kellha wkoll djalogi politiċi regolari fl-livelli differenti u f'kuntesti differenti; b'żieda ta' oħrajn aktar informali fil-marġini ta' avvenimenti internazzjonali importanti.

Hemm kooperazzjoni tajba ħafna u mill-qrib bejn l-UE u **n-Norveġja** fil-qasam tal-politika barranija, b'mod partikolari dwar il-Lvant Nofsani (fejn in-Norveġja hija l-President tal-Kumitat ta' Kollegament Ad-Hoc), is-Sirja, l-Ukrajna u l-kwistjonijiet Artiċi. Hija involuta wkoll f'taħdidiet ta' paċi fil-Kolombja (kofaċilitatur ma' Kuba). Fl-2014 twettqu djalogi regolari fil-livelli kollha. In-Norveġja, bħall-**Iżlanda**, hija sostenitriċi qawwija tal-istatus ta' osservatur tal-UE fil-Kunsill tal-Artiku. In-Norveġja tibqa' sieħeb ewlieni fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija, is-soluzzjoni ta' kriżijiet, l-għajnuna għall-iżvilupp, u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Tkompliet il-kooperazzjoni mal-**Iżvizzera** f'oqsma bħall-Kawkasu tan-Nofsinhar, il-proċess demokratiku fit-Tramuntana tal-Afrika u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-Iran. Il-presidenza Żvizzera fil-kariga tal-OSKE fl-2014 ikkoinċidiet mal-kriżi Ukrena li wasslet għal aktar skambju fil-livelli kollha. F'Mejju 2014, il-President u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Didier Burkhalter ippreżenta lill-Kunsill Pjan Direzzjonali tal-OSKE dwar l-Ukrajna. Kien hemm ukoll livell għoli ta' parteċipazzjoni tal-UE fil-konferenzi ospitati mill-Iżvizzera dwar is-Sirja, u t-taħdidiet dwar l-Iran f'Ġinevra. M'hemm l-ebda djalogu politiku formalizzat, iżda jsir djalogu politiku informali fil-livell tad-Diretturi Politiċi. Għalkemm m'hemm l-ebda allinjament bejn l-UE u l-Iżvizzera, l-Iżvizzera ta' spiss kompliet tadotta pożizzjonijiet u miżuri simili għal dawk tal-UE. Rigward il-miżuri restrittivi tal-UE fir-rigward tad-dgħajjif jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna u fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li qed jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, l-Iżvizzera ma allinjax ruħha b'mod sħiħ mal-miżuri tal-UE, u l-limitat ruħha li tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tagħha.

Il-kooperazzjoni mal-Iżvizzera lil hinn mill-PESK kopriet firxa kbira ta' oqsma. Fl-2014 kienet ta' importanza partikolari l-ġestjoni tal-effett negattiv tal-vot popolari kontra "l-immigrazzjoni tal-massa" ta' Frar 2014 li jirriskja li jkollu implikazzjonijiet għar-relazzjonijiet kollha bejn l-UE u l-Iżvizzera, u t-tneġġja tan-negozjati dwar ftehim qafas istituzzjonali f'Mejju 2014 li komplew tul il-bqija tal-2014.

F'Diċembru 2014, il-Kunsill adotta mandat biex jinfetħu negozjati ma' **Andorra, Monaco u San Marino** dwar Ftehim(iet) ta' Assoċjazzjoni biex tiġi prevista l-parteeċipazzjoni tagħhom fis-Suq Uniku tal-UE u kooperazzjoni possibbli f'oqsma oħra. Il-Kunsill adotta wkoll Konklużjonijiet li faħħru l-kooperazzjoni magħhom fil-qasam tal-politika barranija tal-UE u esprima r-rieda li janalizza l-possibbiltajiet biex din tissaħħa.

Rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tal-PSDK, in-Norveġja ħadet sehem fl-EUNAVFOR Atalanta b'uffiċjali fil-livell tal-Kwartieri Ġenerali Operazzjonali, l-EULEX KOSOVO (2 esperti), l-EUPOL COPPS (1 ekspert), l-EUCAP NESTOR (2 esperti) u ġiet mistiedna għall-EUAM Ukraine. Hija wkoll parti mill-Grupp Tattiku Nordiku. L-**Iżvizzera** pparteċipat fl-operazzjoni militari tal-UE EUFOR Althea fil-Bosnja-Ħerzegovina (b'21 persuna) u fil-missjonijiet ċivili fil-Kosovo (EULEX) (b'6 persuni), fil-Mali (b'analista tal-media), u fil-Libja (b'6 persuni). Barra minn hekk, l-Iżvizzera esprimiet interess li tiegħu sehem fl-EUAM Ukraine. In-Norveġja u l-Iżvizzera huma wkoll sħab importanti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet.

L-Iżlanda ssospendiet in-negozjati tal-adeżjoni tagħha. Hija kompliet id-djalogu tagħha dwar il-PESK mal-UE fil-qafas taż-Żona Ekonomika Ewropea.

5. Asja u l-Paċifiku

5.1. Laqgħa bejn l-Asja u l-Ewropa (ASEM)

Is-sena 2014 kienet importanti biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni bejn l-Asja u l-Ewropa fil-qafas tal-ASEM. L-Għaxar Summit tal-ASEM taħt it-tema 'Sħubija Responsabbli għal Tkabbir Sostenibbli u Sigurtà' sar f'Milan fis-16 u s-17 ta' Ottubru, ippresedut mill-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy. Dan ippermetta diskussjoni franka fost il-mexxejja tal-pajjiżi sħab fl-ASEM dwar suġġetti ta' importanza globali, inkluż il-konnettività, it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, l-isfidi ekonomiċi u finanzjarji, kif ukoll dwar kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali bħad-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà marittima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-ISIL, u kontra pandemiji globali bħall-Ebola. Id-diskussjoni wasslet għal Dikjarazzjoni sostanzjali tal-President.³¹

Il-familja tal-ASEM kibret għal 53, meta l-Kroazja u l-Każakistan ingħaqdu fl-ASEM waqt is-Summit bħala sħab ġodda. Saru żewġ laqgħat tal-ASEM fil-livell Ministerjali, it-tnejn fl-Ewropa - il-Ministri għall-Finanzi tal-ASEM (Milan, Settembru) u l-Ministri għall-Kultura tal-ASEM (Rotterdam, Ottubru). Għadd ta' inizjattivi oħra u konferenzi wkoll seħħew, li juri d-dinamiżmu u r-rilevanza tal-proċess tal-ASEM, hekk kif iħejji biex jiċċelebra l-20 anniversarju tiegħu fl-2016.

5.2. Asja tal-Lvant

5.2.1. Ċina

Is-sena 2014 kienet kkaratterizzata miż-żjara storika tal-President Xi Jinping fl-istituzzjonijiet tal-UE - l-ewwel darba li qatt għamel President Ċiniż - fil-31 ta' Marzu. Din kienet preċeduta mir-4 ċiklu ta' Djalogu Strateġiku ta' Livell Għoli UE-Ċina bejn ir-RGħ/VP u l-Kunsillier tal-Istat Yang Jiechi f'Jannar. Laqgħat oħra ta' livell għoli kienu jinkludu laqgħa bejn il-President Herman Van Rompuy u l-President José Manuel Barroso u l-Prim Ministru Li Keqiang fil-marġni tas-Summit tal-ASEM f'Milan fil-15 ta' Ottubru. Ir-RGħ/VP ltaqgħet ukoll mal-Ministru Ċiniż għall-Affarijiet Barranin fil-marġni tal-Forum Reġjonali tal-ASEAN f'Nay Pyi Taw f'Awwissu. Wara li daħal fil-kariga, il-President Jean-Claude Juncker kellu laqgħa bilaterali mal-President Xi Jinping fil-marġni tas-Summit tal-G20 fis-16 ta' Novembru, u l-President Donald Tusk kellu konverżazzjoni bit-telefon miegħu fit-3 ta' Diċembru. Inkiseb progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika 2020 għall-Kooperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina, mhux b'inqas fl-oqsma tal-politika barranija, is-sigurtà u d-difiża. Sar eżerċizzju navali konġunt kontra l-piraterija f'Marzu. L-ewwel ċiklu tad-Djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar is-Sigurtà u d-Difiża u l-ewwel Seminar ta' Livell Għoli dwar id-Difiża u s-Sigurtà saru fiċ-Ċina f'Ottubru u Diċembru. Tnieda Djalogu politiku informali bejn l-UE u ċ-Ċina dwar il-Lvant Nofsani u l-Arfika ta' Fuq. Saru djalogi bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Asja Ċentrali u l-Afrika, kif ukoll laqgħa taċ-ĊiberTaskforce UE-Ċina. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, iltaqa' mal-Viċi Ministru Ċiniż Li Baodong f'Marzu fi Brussell, u t-33 ċiklu tad-Djalogu dwar id--Drittijiet tal-Bniedem seħħ fit-8 u d-9 ta' Diċembru fi Brussell.

It-tħassib dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ġie indirizzat permezz tad-dikjarazzjonijiet tar-RGħ/VP rigward it-trattament tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u qrabathom fiċ-Ċina (1 ta' Frar), il-mewt tad-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem Cao Shunli (15 ta' Marzu), sensiela reċenti ta' arresti u detenzjonijiet fiċ-Ċina (28 ta' Mejju), is-sitwazzjoni f'Xinjiang (31 ta' Lulju), kif ukoll il-proċess ta' akkuża tal-Professor Akkademiku ta' Uighur Ilham Tohti (6 ta' Awwissu) u s-sentenza maqtugħa kontrih (23 ta' Settembru).

L-UE u ċ-Ċina komplew jikkonsultaw lil xulxin regolarment dwar kwistjonijiet internazzjonali importanti fil-livelli multilaterali u bilaterali, fejn iċ-Ċina appoġġat ir-rwol tar-RGħ fit-taħdidiet E3+3 mal-Iran u haċet rwol kostruttiv rigward il-Korea ta' Fuq. L-UE u ċ-Ċina għandhom kooperazzjoni Prattika Tajba dwar il-ġlieda kontra l-piraterija b'kontatti regolari bejn il-missjoni Atalanta tal-UE u l-Forza Navali Ċiniża.

Dwar it-tibdil fil-klima, ir-relazzjonijiet bilaterali intensifikaw fid-dawl tal-COP 21 tal-UNFCCC f'Pariġi. Proġett ewlieni tal-UE dwar l-appoġġ tal-iskambju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fiċ-Ċina nbeda fil-bidu tal-2014.

5.2.2. Hong Kong SAR

F'Mejju, il-Kap Eżekuttiv ta' Honk Kong C. Y. Leung żar l-istituzzjonijiet tal-UE u kellu laqgħat mal-Presidenti Herman Van Rompuy u José Manuel Barroso. Fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-vot universali għall-elezzjoni tal-Kap Eżekuttiv ta' Hong Kong fl-2017, l-UE kkonfermat pubblikament ir-rabta qawwija tagħha mad-demokratizzazzjoni aktar fil-fond ta' Hong Kong. L-UE ilha twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-progress f'din il-kwisjoni, inkluż fid-dawl tad-dimostrazzjonijiet li saru. L-UE qed thegġegħ lill-partijiet kollha biex jaħdmu fi spritu ta' kompromess għal soluzzjoni kostruttiva fil-qafas tad-Dritt Bażiku u l-prinċipju ta' "Pajjiż Wieħed - Żewġ Sistemi", lejn sistema elettoral i ġusta li tippermetti grad għoli ta' parteċipazzjoni politika mill-poplu ta' Hong Kong.

5.2.3. Tajwan

L-ewwel laqgħat li qatt saru bejn uffiċjali tal-ogħla livell inkarigati mir-relazzjonijiet bilaterali fiċ-Ċina Kontinentali u t-Tajwan intlaqgħu mis-SEAE, fl-2014 kompli t-tqarrib bejn iż-żewġ naħat tal-Istrett permezz ta' kooperazzjoni Prattika u miżura għall-bini tal-fiduċja. L-UE u t-Tajwan komplew ukoll il-kooperazzjoni ekonomika u teknika tagħhom għall-benefiċċju taż-żewġ naħat.

5.2.4. Ġappun

Fl-2014 komplew in-negozjati fuq żewġ binarji għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika (FSS) - ftehim qafas dwar kooperazzjoni politika, settorjali u globali - u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Ġappun (FKĦ). Fl-2014 saru tliet ċikli ta' negozjati dwar FSS u ħames ċikli ta' negozjati dwar FTH. In-negozjati dwar FTH għaddew ir-reviżjoni fuq sena mill-Istati Membri f'Ġunju. Ladarba jitlestew, iż-żewġ ftehimiet ser iġibu titjib sinifikanti fir-relazzjoni, billi jgħolluha fuq pjan ogħla u aktar strateġiku.

It-22 Summit bejn l-UE u l-Ġappun sar fi Brussell fis-7 ta' Mejju 2014. Huwa ta spinta politika lin-negozjati fuq żewġ binarji, kif ukoll lil sħubija msaħħa bejn l-UE u l-Ġappun fil-qasam tas-sigurtà, bit-tneġġja ta' djalogi ġodda dwar kwistjonijiet ta' spazju u kwistjonijiet ċibernetiċi kif ukoll bl-identifikazzjoni ta' xi ideat konkreti għal kooperazzjoni bejn il-Ġappun u operazzjonijiet tal-PSDK li għaddejjin, b'mod partikolari fl-Afrika. Il-mexxejja skambjaw ukoll fehmiet dwar suġġetti bħall-Ukraina, is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Lvant tal-Asja, il-Lvant Nofsani u n-negozjati internazzjonali dwar il-klima.

Il-Presidenti Herman Van Rompuy u José Manuel Barroso, u l-Prim Ministru Shinzō Abe ltaqgħu wkoll fil-marġni tas-Summit dwar is-Sigurtà Nukleari f'Marzu, is-Summit tal-G7 f'Ġunju u s-Summit tal-ASEM f'Ottubru 2014. Il-Prim Ministru Abe ltaqa' wkoll mal-President li jmiss tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker fil-marġni tas-Summit tal-G20 ta' Novembru 2014.

It-tendenza lejn sħubija bilaterali aktar mill-qrib fil-qasam tas-sigurtà ġiet murija wkoll miż-żjara fil-Ġappun tal-President tal-Kumitat Militari tal-UE f'Marzu, li b'mod partikolari ltaqa' mal-Ministru għad-Difiża Itsunori Onodera, u mill-ewel eżerċizzju navali konġunt kontra l-piraterija bejn in-NAVFOR ATALANTA tal-UE u l-assi tal-Forzi Navali ta' Awtodifiża Ġappuniżi fil-Golf ta' Aden f'Ottubru.

5.2.5. Repubblika tal-Korea

Is-Sħubija Strateġika bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea kompliet tiżviluppa aktar fl-2014. Ir-Repubblika tal-Korea tgawdi minn status uniku peress li għandha tliet ftehimiet ċentrali mal-UE li jkopru t-tliet pilastri tal-kooperazzjoni bilaterali, jiġifieri dik politika, kummerċjali u fil-qasam tas-sigurtà. B'żieda mal-Ftehim Qafas (li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2014) u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni dwar il-Maniġġar ta' Kriżijiet ġie ffirmat mir-RGħ f'Seoul f'Mejju 2014. F'Ġunju, il-Viċi President Neelie Kroes u Choi Mun-kee, Ministru għax-Xjenza, l-ICT u l-Ippjanar Futur iffirmaw dikjarazzjoni konġunta li tippromwovi l-kooperazzjoni fir-R&Ż fil-qasam tal-ICT.

Intensifikat ukoll il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet reġjonali u globali. Id-dinamiżmu ta' din is-sħubija huwa rifless ukoll min-numbru li qed jikber ta' djalogi li jkopru firxa kbira ta' kwistjonijiet ta' politika kif ukoll settorjali, eż. il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp, kwistjonijiet marbuta maċ-ċibernetika, affarijiet Asjatiċi reġjonali, nonproliferazzjoni, diżarm u kontroll tal-armi, pajjiżi tal-MENA u tal-Golf.

5.2.6. Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

Ir-relazzjonijiet tal-UE mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) komplew jiġu ggwidati minn approċċ ta' involviment kritiku. Matul l-2014, l-UE baqgħet issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fir-reġjun u b'mod partikolari r-RDPK, fejn għadd ta' politiki tar-RDPK qajmu tħassib serju, b'mod partikolari b'rabta mal-proliferazzjoni u l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE qajmet dawn il-kwistjonijiet f'fora kemm bilaterali kif ukoll multilaterali.²⁰ L-UE koinizjat riżoluzzjoni fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (adottata fit-28 ta' Marzu) u waħda fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (adottata fit-18 ta' Novembru) li bnew fuq is-sejbiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU li rrapportat dwar il-ksur sistematiku, mifruż u serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż delitti kontra l-umanità, imwettqa fil-pajjiż.

Ir-Riżoluzzjoni adottata mit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ġiet sussegwentement approvata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Diċembru b'appoġġ transnazzjonali qawwi u għall-ewwel darba hegħget lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jieħu azzjoni adegwata, inkluż billi jitqies ir-rinviju tas-sitwazzjoni fir-RDPK quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali, u jitiqes hemmx lok għal sanzjonijiet immirati effettivi kontra dawk li jidhru l-aktar responsabbli għal delitti kontra l-umanità.

L-UE baqgħet tissorvelja s-sitwazzjoni b'rabta mal-proliferazzjoni u t-tensjonijiet ġenerali fil-Peniżola, filwaqt li kkundannat it-tfiġh ta' missili ballistiċi bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u hegħget lir-RDPK biex iżżomm lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' żżid aktar it-tensjonijiet reġjonali. L-UE kompliet timplimenta s-sanzjonijiet tal-KSNU u r-reġim awtonomu tas-sanzjonijiet tagħha, filwaqt li aġġornat il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi meta meħtieġ.

²⁰ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Korea ta' Fuq (ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea) fis-17 ta' April 2014.

Il-kanali ta' komunikazzjoni mar-RDPK inżammu miftuħa, u saru diversi laqgħat fil-livell ta' uffiċjali anzjani ma' uffiċjali tar-RDPK fi Brussell. Missjoni fir-RDPK kmieni f'Novembru 2014 għal sessjoni ta' djalogu politiku ġiet posposta minħabba restrizzjonijiet fuq id-dħul imposti mir-RDPK bħala reazzjoni għat-tfaqqiġha tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent. L-UE tibqa' tinsab lesta tmexxi 'l quddiem id-diskussjonijiet u tidħol aktar fil-fond fi kwistjonijiet politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

5.2.7. Mongolja

Il-Kummissarju Androulla Vassiliou żaret Ulaan Baatar f'Settembru b'tifkira tal-25 anniversarju tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mongolja. L-għajnuna għall-iżvilupp għall-2014-2020 irdoppjat (EUR 65 miljun) u ġiet allinjata mal-istrateġija tal-Mongolja għall-iżvilupp fil-qasam tad-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-Mongolja saret ukoll benefiċjarju tas-sistema msaħħa l-ġdida tal-UE ta' Skema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP+). Ittieħdu l-ewwel passi biex jitwessa' d-djalogu politiku, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-kooperazzjoni fil-kummerċ kompliet b'appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet, ambjent kummerċjali stabbli u prevedibbli, kooperazzjoni dwar materja prima u assistenza relatata mal-kummerċ. Il-kooperazzjoni nfetħet għal oqsma ġodda bħall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, ix-xjenza u l-innovazzjoni, kif ukoll l-iskambji interpersonali.

5.3. Asja tax-Xlokk

5.3.1. Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)

Fl-2014, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN issa hhet aktar, permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Brunei 2013-2017. Fil-ħidma lejn sħubija politika aktar ambizzjuża bejn l-UE u l-ASEAN, saru diversi żjarat u laqgħat ta' livell għoli li kkonfermaw il-momentum pożittiv. L-20 Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-ASEAN saret fi Brussell fit-23 ta' Lulju u f'Ottubru, fil-marġni tas-Summit tal-ASEM f'Milan, il-mexxejja tal-UE u l-ASEAN kellhom laqgħa informali. Iż-żewġ naħat qablu li jaħdmu għat-titjib tas-sħubija biex issir waħda strateġika u taw il-kompitu lill-Uffiċjali Għolja tagħhom biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali għal dan il-għan.

Fil-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF), l-ASEAN u l-UE, flimkien ma' sħab oħra, komplew jindirizzaw kwistjonijiet ta' sigurtà reġjonali u internazzjonali. Ir-RGħ ħadet sehem fil-21 Laqgħa Ministerjali tal-ARF fil-Myanmar fl-10 ta' Awwissu, fejn spjegat il-pożizzjoni tal-UE dwar in-natura tal-isfidi prinċipali ta' sigurtà li jaffettwaw ir-reġjun u dwar il-ħtieġa għal soluzzjonijiet komprensivi u bbażati fuq regoli. Hija tenniet ukoll l-ambizzjoni tal-UE li tieħu sehem fis-Summit tal-Asja tal-Lvant.

5.3.2. Myanmar/Burma

L-appoġġ għat-transizzjoni demokratika tal-Myanmar/Burma baqgħet prijorità tal-UE fl-2014 b'attenzjoni partikolari għall-isfidi tal-vjolenza bejn il-komunitajiet, il-proċess ta' paċi bejn il-gvern u l-gruppi etniċi kif ukoll ir-rieżami tal-kostituzzjoni u l-elezzjonijiet tal-2015.

L-ewwel Djalogu bejn l-UE u l-Myanmar dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kopresjedut mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Stavros Lambrinidis, sar fl-20 ta' Mejju 2014 f'Nay Pyi Taw. Id-diskussjoni inkludiet id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda, il-vjolenza bejn il-komunitajiet fl-Istat ta' Rakhine u f'partijiet oħra tal-Myanmar, id-detenuati politiċi, id-drittijiet għall-art kif ukoll il-libertà ta' espressjoni. Fil-marġni tal-laqgħa Ministerjali tal-ARF f'Awwissu 2014, ir-RGħ/VP ltaqgħet mal-President Thein Sein u l-kap tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi. L-UE kienet l-isponsor prinċipali tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar/Burma, li ġiet adottata b'kunsens fi tmiem l-2014.

5.3.3. Tajlandja

Il-militar ħa fidejha is-setgħa fit-22 ta' Mejju 2014. Fit-23 ta' Ġunju 2014 il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni fit-Tajlandja, fejn appella lit-tmexxija militari biex treġġa' lura, b'urġenza, il-proċess demokratiku leġittimu u l-Kostituzzjoni. L-UE reġgħet ikkunsidrat ukoll l-impenn tagħha: iż-żjarat uffiċjali mit-Tajlandja u lejn il-pajjiż ġew sospiżi u l-UE u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li ma jiffirmawx il-Ftehim ta' Sħubija mat-Tajlandja sakemm ma jkunx stabbilit gvern elett b'mod demokratiku. Ser jiġu affettwati wkoll ftehimiet oħrajn, skont il-każ. L-appoġġ kontinwu tal-UE ser ikun possibbli biss bi pjan direzzjonali bikri u kredibbli għal ritorn lejn id-dritt kostituzzjonali u meta jsiru elezzjonijiet kredibbli u inklużivi.

5.3.4. Kamboġja

L-UE ssorveljat bir-reqqa s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Kamboġja. Ingħatat attenzjoni speċjali lil-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda. Id-drittijiet għall-art, ir-riforma tas-sistema legali u ġudizzjarja baqgħu wkoll ċentrali għad-diskussjonijiet bejn l-UE u l-gvern, inkluż fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Kamboġja mill-10 u t-13 ta' Marzu. Fit-22 ta' Lulju, iż-żewġ partiti politiċi ewlenin laħqu ftehim li żblokka l-istagħnar u temm il-bojkott mill-oppożizzjoni tal-Assemblea Nazzjonali. Madankollu, arresti sussegwenti marbuta man-negożjati dwar il-Kumitat Nazzjonali għall-Elezzjonijiet u d-Dritt Elettorali qajmu tħassib.

5.3.5. Indoneżja

L-elezzjonijiet presidenzjali u leġislattivi u t-trasferiment paċifiku tas-setgħat irriafferma lill-Indoneżja bħala mudell reġjonali għad-demokrazija u t-tolleranza.

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Indoneżja daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju. Id-diskussjonijiet fid-Djalogu Politiku, il-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja kif ukoll fid-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Novembru rriflettew il-valuri, l-interessi u l-prospetti simili li jirfdu r-relazzjoni. Il-President Herman Van Rompuy issottolinja fil-laqgħa tiegħu fid-19 ta' Novembru f'Jakarta mal-President Indoneżjan il-ġdid, Joko Widodo, il-ħtieġa li jinkiseb waqfien mill-ġlied dejjiemi fl-Ukrajna kif ukoll il-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi internazzjonali biex ma jinxterdux l-estremiżmu u t-terroriżmu. Il-President Van Rompuy faħħar ir-rwol li għandha l-Indoneżja fuq iż-żewġ naħat bl-appoġġ tagħha għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u l-kundanna tagħha għall-ISIL/Da'esh.

5.3.6. Filippini

F'Settembru, il-President Benigno Aquino ltaqa' mal-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy kif ukoll mal-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso fi Brussell. F'Lulju, ir-RGħ/VP ltaqa' mas-Segretarju għall-Affarijiet Barranin tal-Filippini f'Manila. Waqt dawn il-laqgħat, iż-żewġ naħat qajmu sensiela wiesgħa ta' kwistjonijiet inkluż it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-iżviluppi rigward is-sigurtà marittima. Wara l-iffirmar tal-Ftehim Komprensiv dwar il-Bangsamoro f'Marzu 2014, l-UE kompliet tappoġġa il-Proċess ta' Paċi ta' Mindanao fost l-oħrajn billi appoġġat it-Tim Internazzjonali ta' Monitoraġġ permezz tal-komponent ta' protezzjoni ċivili u billi appoġġat it-Tim ta' Monitoraġġ tal-Partijiet Terzi.

5.3.7. Vjetnam

Il-momentum pożittiv fir-relazzjonijiet bilaterali minn meta ġie ffirmat fl-2012 il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam kompli fl-2014, luri mill-kuntatti ta' livell għoli frekwenti u l-kooperazzjoni approfondita f'firxa kbira ta' oqsma lil hinn mill-kummerċ u l-iżvilupp. Fil-25 ta' Marzu seħħew konsultazzjonijiet politiċi ta' livell għoli f'Hanoi dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali, inklużi kwistjonijiet UE-ASEAN, fid-dawl tar-rwol tal-Vjetnam bħala koordinatur għar-relazzjonijiet tal-UE fl-ASEAN. Dan ġie segwit mid-9 Kummissjoni Konġunta UE-Vjetnam fis-26 ta' Marzu, li pprovdiet l-opportunità li wieħed iqis ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam b'mod ġenerali u b'mod partikolari l-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Vjetnam. Ir-RGħ/VP u l-President José Manuel Barroso żaru l-Vjetnam fit-12 u l-25 u s-26 ta' Awwissu rispettivament, filwaqt li l-Prim Ministru Nguyễn Tấn Dũng żar Brussell fit-13 u l-14 ta' Ottubru, fejn iltaqa' mal-Presidenti Herman Van Rompuy, José Manuel Barroso u Martin Schulz.

5.3.8. Singapore

Il-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy żar Singapore fis-17 u t-18 ta' Novembru. Huwa żar lill-President ta' Singapore, Tony Tan u ltaqa' wkoll mal-Prim Ministru Lee Hsien Loong, filwaqt li afferma mill-ġdid ir-relazzjonijiet stretti u l-kooperazzjoni tajba bejn Singapore u l-UE.

Saret laqgħa tal-Uffiċjali Anzjani UE-Singapore f'Singapore fit-30 ta' Mejju. Singapore u l-UE indentifikaw għadd ta' oqsma għal kooperazzjoni msaħħa, inkluż is-sigurtà marittima u enfasizzaw oqsma prijoritarji għall-kooperazzjoni bejn l-ASEAN u l-UE.

5.3.9. Malasja

L-UE u l-Malasja kellhom laqgħa tal-uffiċjali anzjani f'Ġunju f'Kuala Lumpur biex isir progress fid-djalogu dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inkluż l-issoktar tan-negozjati dwar il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni u kwistjonijiet ta' sigurtà reġjonali. L-UE kienet qed tistenna bil-ħerqa l-Previdenza tal-ASEAN li fl-2015 kienet ser tkun f'idejn il-Malasja. L-UE kompliet tipprowovi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u r-ratiffika tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) filwaqt li kienet qed tiġi ssorveljata mill-qrib l-implimentazzjoni bla preċedent fl-2014 tal-Att dwar is-Sedizzjoni (li jmur lura għall-1948).

5.3.10. Brunei

In-negozjati dwar il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni komplew fl-2014. F'Mejju, ir-RGħ/VP ħarġet dikjarazzjoni li tesprimi tħassib dwar il-konsistenza tal-impenji tal-Brunei fil-qasam internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem mad-dħul fis-seħħ fl-2014 tal-ewwel fażi tal-Kodiċi Penali nazzjonali l-ġdid li jipprevedi pieni aktar ħorox. Tali tħassib tqajjem ukoll mill-UE u l-Istati Membri tagħha kemm f'kontatti bilaterali kif ukoll fil-kuntest tal-Eżami Perjodiku Universali tan-NU li seħħ f'Mejju 2014 f'Ġinevra. L-impenji internazzjonali li jidher li jikser il-Kodiċi Penali l-ġdid jirreferu għall-projbizzjoni tat-tortura, id-drittijiet tat-tfal, il-libertà tar-reliġjon jew tat-twelmin, il-libertà ta' espressjoni, u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa.

5.4. Asja t'Isfel

5.4.1. Assoċjazzjoni tal-Asja tan-Nofsinhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC)

l-UE, bħala Osservatur, attendiet is-Summit tas-SAARC li sar f'Kathmandu (in-Nepal) fis-26 u s-27 ta' Novembru 2014. L-UE kienet irrappreżentata fil-livell ta' Kap ta' Delegazzjoni, li ta messaġġ mir-RGħ/VP waqt is-sessjoni miftuħa. Il-messaġġ enfażizza l-importanza kbira mogħtija mill-UE lis-SAARC bħala opportunità eċċellenti biex jitrawmu aktar konnettività, integrazzjoni u progress fir-reġjun u r-rieda tal-UE li tkompli tappoġġa lill-organizzazzjoni fl-isforzi futuri tagħha.

5.4.2. Indja

L-isforzi komplew isaħħu s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja, li daħlet fit-tieni deċennju tagħha. L-2014 kienet ikkaratterizzata minn bidla fit-tmexxija fiż-żewġ naħat. Il-President Herman Van Rompuy u l-Prim Ministru Indjan il-ġdid Narendra Modi qablu dwar fil-marġni tas-Summit tal-G20 ta' Novembru f'Brisbane, li jkollhom Summit fl-2015. Sar djalogu bejn l-UE u l-Indja dwar kwistjonijiet politiċi, tas-sigurtà kif ukoll reġjonali u globali flivell għoli waqt il-Konsultazzjonijiet dwar Politika Barranija f'Jannar. L-ewwel djalogu li qatt sar dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm sar f'Delhi f'Mejju. Is-sitwazzjoni ġenerali tal-kooperazzjoni tagħna ġiet analizzata waqt it-23 Sessjoni tal-Kummissjoni Konġunta UE-Indja li saret f'New Delhi f'Ġunju. Ir-RGħ u uffiċjali anzjani tal-UE komplew iqajmu mal-kontropartijiet Indjani l-każ mhux solvut taż-żewġ morini Taljani, li għadu pendent minn Frar 2012. Il-Kummissarju għall-Azzjoni Klimatika Connie Hedegaard żaret l-Indja fl-2014, sieħeb ewlieni fit-triq lejn il-ftehim dwar it-Tibdil fil-Klima li għandu jiġi konkluż f'Pariġi f'Diċembru 2015.

5.4.3. Nepal

L-UE u n-Nepal saħħew ir-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom fl-2014, inkluż l-ewwel żjara li qatt saret mill-Prim Ministru Nepaliż fl-UE. Il-Prim Ministru Sushil Koirala itaq' mal-Presidenti Herman Van Rompuy u José Manuel Barroso. L-UE kompliet tappoġġa t-tranżizzjoni politika u ekonomika tan-Nepal inkluż rigward l-isforzi tan-Nepal biex jinkiseb kunsens fl-abbozzar tal-kostituzzjoni l-ġdida u l-importanza ta' aktar kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali fir-reġjun tax-Xlokk tal-Asja. F'Ottubru, il-Kummissarju għall-Iżvilupp Andris Piebalgs żar in-Nepal u kkonferma li ser tittripla l-għajnuna għall-iżvilupp lill-pajjiż u l-appoġġ tal-UE għall-oġettiv tan-Nepal li jikseb l-istatus ta' dħul medju sal-2022.

5.4.4. Bhutan

L-UE u l-Bhutan saħħew aktar ir-relazzjonijiet eċċellenti tagħhom inkluż permezz tal-appoġġ tal-UE għat-tranżizzjoni politika tal-pajjiż, l-iżvilupp ekonomiku u l-ambizzjoni li jkun indipendenti mid-donaturi sal-2020. F'Ottubru, il-Kummissarju għall-Iżvilupp Andris Piebalgs żar il-Bhutan u ħabbar li ser tittripla l-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp.

5.4.5. Afganistan

Fit-23 ta' Ġunju, il-Kunsill adotta strateġija ġdida għall-Afganistan sa tmiem l-2016, li tiffoka fuq l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet Afgani u tenfasizza l-prijoritajiet li jiġu promossi l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, li tissaħħaħ id-demokrazija u jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku u uman; u jitrawmu l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-istrateġija tmexxi 'l quddiem approċċ komprensiv u tipprovdi l-qafas sovrastanti għall-istrumenti kollha tal-UE u impenn mhux militari tal-Istati Membri kollha. Ir-RSUE Franz-Michael Skjold Mellbin kompli bir-rwol importanti tiegħu fit-tisħiħ tal-preżenza tal-UE fil-post u ffaċilita l-koordinazzjoni mal-Istati membri f'Kabul.

It-tranżizzjoni tas-sigurtà, inkluż l-irtirar tat-truppi tal-ISAF, kellha l-progress mistenni u ntemmet sa tmiem l-2014. Il-Forzi Nazzjonali tas-Sigurtà Afgani (FSNA) reġġu hađu fidejhom ir-responsabbiltà għas-sigurtà fil-pajjiż, inkluż waqt il-perijodu elettorali diffiċli. Huma ġarrbu telfiet kbar ta' nies, partikolarment fil-forzi tal-pulizija.

Is-sitwazzjoni ġenerali tas-sigurtà baqgħet mimlija tensjoni b'għadd li jżieded ta' attakki ribelli, inkluż f'Kabul, u żieda ta' 25% fin-numru ta' vittmi ċivili meta mqabbel mal-2013. L-UE kienet favur arranġament tas-sigurtà solidu li jippermetti Missjoni ta' Appoġġ Determinat ta' segwitu tal-ISAF.

Waqt l-elezzjonijiet presidenzjali, l-UE kkooperat mill-qrib man-NU, l-Istati Uniti u msieħba internazzjonali oħra. L-UE appoġġat il-ftehim innegożjat min-NU/Stati Uniti li wassal għal verifika totali tal-vot u l-istabbiliment ta' Gvern ta' Unità Nazzjonali, b'mod tali li tiġi evitata kriżi politika. Fid-29 ta' Settembru, Ashraf Ghani ġie inawgurat bħala President u permezz ta' Digriet Presidenzjali qiegħed lil Abdullah Abdullah fil-pożizzjoni ta' Uffiċjali Kap Eżekuttiv. L-UE skjerat Tim ta' Valutazzjoni Elettorali, magħmul minn 15-il espert internazzjonali u mmexxi minn Kap Osservatur, Thijs Berman MEP.

Fil-konferenza ta' Londra f'Diċembru, l-UE laqgħat l-aġenda ambizzjuża ta' riformi tal-gvern, inkluż l-ewwel passi biex tiġi indirizzata l-kriżi qawwija tad-dħul, jiġu stabbiliti miżuri kontra l-korruzzjoni u r-riforma tal-ġudikatura. Il-President Ghani kkonferma l-intenzjoni tiegħu li jiffinalizza n-negożjati tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Afganistan dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp mill-iktar fis possibbli.

Fl-2014, l-UE ħarġet diversi dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem li r-RSUE kkoordinata mal-Istati Membri tal-UE. L-UE esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-għadd għoli ta' persuni ċivili b'riżultat li sfaw vittmi ta' attakki ribelli u s-sitwazzjoni ta' sigurtà fraġli. L-UE ħarġet ukoll diversi dikjarazzjonijiet li jenfasizzaw il-pożizzjoni soda tagħha u bbażata fuq prinċipji kontra l-piena tal-mewt.

Matul l-2014, il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE EUPOL Afghanistan ikkontribwixxiet għall-progress tar-riforma istituzzjonali tal-Ministeru għall-Intern Afgan, il-professjonalizzazzjoni tal-Pulizija Nazzjonali Afgana u l-konnessjonijiet imtejba bejn il-pulizija u l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja kriminali. L-EUPOL appoġġa l-iżvilupp tal-Istrateġija tal-Pulizija Nazzjonali (2014-2018) u l-Pjan tal-Pulizija Nazzjonali, iffirmati mill-Ministru għall-Intern Afgan. It-tlestija tal-bini l-ġdid għall-Persunal tal-Pulizija u l-Kulleġġi ta' Ġestjoni tal-Kriminalità kienu pass importanti fit-tranżizzjoni għat-tmexxija Afgana. Fis-settur tal-ġustizzja, l-EUPOL kellu rwol sinifikanti fil-finalizzazzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali rivedut, adottat mill-Parlament. Il-missjoni kellha taffronta sitwazzjoni ta' sigurtà instabbli fl-oqsma ta' operat tagħha tul l-2014. F'attakk terroristiku fuq restaurant f'Kabul inqatlet 21 persuna ċivili, inkluż membru Daniż tal-missjoni u membru Britanniku tat-tim ta' sigurtà li jaħdem għall-EUPOL. Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill estenda l-mandat tal-missjoni sa tmiem l-2016.

5.4.6. Pakistan

L-UE kompliet taħdem mill-qrib mal-Pakistan fil-qafas tal-Pjan ta' Impenn ta' ħames snin UE-Pakistan adottat fl-2012. Sar it-Tieni Djalogu Strateġiku bejn l-UE u l-Pakistan fil-25 ta' Marzu fi Brussell bejn ir-RGħ u l-Konsulent għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Pakistani, Sartaj Aziz. Fl-24 ta' Ġunju, saret Kummissjoni Konġunta f'Islamabad, preċeduta immedjatament minn Sottogruppi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummerċ. Fil-Kummissjoni Konġunta, ġie miftiehem li jinbdew djalogi lokali dwar l-Enerġija u d-Drittijiet tal-Bniedem. F'Ġunju, Jacek Bylica, Rappreżentant Speċjali tal-UE għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm, żar il-Pakistan biex iniedi d-djalogu bejn l-UE u l-Pakistan dwar in-nonproliferazzjoni. Fl-20 ta' Ottubru, saret it-3 laqgħa tal-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni fi Brussell għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-Pakistan dwar ir-Riammissjoni (2010).

Mill-1 ta' Jannar 2014, il-Pakistan beda jibbenefika mill-aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE taħt ir-reġim GSP+, soġġett għal implimentazzjoni effettiva tas-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenija fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ambjent u l-governanza tajba.

L-UE kompliet taħdem mal-Pakistan fl-indirizzar tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' djalogu u kooperazzjoni. Minbarra s-Sottogruppi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem. Stavros Lambrinidis, żar il-Pakistan għall-ewwel darba fis-26-29 ta' Ottubru.²¹

5.4.7. Bangladesh

L-UE kompliet tikkoopera mal-Bangladesh, l-Istati Uniti u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex jimplimenta l-Patt għas-Sostenibbiltà miftiehem f'Lulju 2013, wara t-tiġrif tal-bini kummerċjali Rana Plaza li kkaġuna bosta mwiet, bil-għan li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-istandards tas-sigurtà fl-industrija tal-ilbies lest tal-Bangladesh. Saret laqgħa ta' rieżami ta' livell għoli fi Brussell fl-20 ta' Ottubru fejn ġiet riaffermata l-implimentazzjoni urġenti tal-impenji f'dawn l-oqsma.

Fid-9 ta' Jannar, ir-RGħ haġet dikjarazzjoni f'isem l-UE li tikkundanna l-atti ta' vjolenza mwettqa qabel l-elezzjonijiet tal-5 ta' Jannar, u jiddispjaċiha mill-fatt li ma kienx hemm kondizzjonijiet favorevoli konkreti għal elezzjonijiet trasparenti, inklużivi u kredibbli. Hija ħeġġet lill-partijiet kollha biex iżommu lura mill-vjolenza u jimpenjaw ruħhom fi djalogu ġenwin biex jaqblu dwar it-triq reċiprokament aċċettabbli 'l quddiem biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika u jkun hemm elezzjonijiet trasparenti, inklużivi u kredibbli. Iċ-ċirkostanzi li fihom saru l-elezzjonijiet kkontribwixxew għal klima politika polarizzata, restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u spazju dejjem aktar ristrett għas-soċjetà ċivili.

²¹ Il-Parlament Ewropew adotta tliet riżoluzzjonijiet fl-2014, li jiffukaw fuq ir-rwol reġjonali tal-Pakistan u r-relazzjonijiet politiċi tiegħu mal-UE (2013/2168(INI)), il-każijiet reċenti ta' persekuzzjoni (2014/2694(RSP)) u l-liġijiet dwar il-blasfemija (2014/2969(RSP)).

B'reazzjoni għad-diversi pjeni tal-mewt mogħtija mit-"Tribunal għad-Delitti tal-Gwerra" tal-Bangladesh lil persuni li nstabu ħatja ta' delitti tal-gwerra matul il-Gwerra ta' Liberazzjoni tal-1971, l-UE tenniet l-oppożizzjoni assoluta tagħha għall-piena tal-mewt fi kwalunkwe ċirkostanza u appellat lill-awtoritajiet tal-Bangladesh biex jistabbilixxu moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, bħala l-ewwel pass għall-abolizzjoni tagħha.²²

5.4.8. Sri Lanka

Ir-rikonċiljazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem kienu l-punti ċentrali tal-politika tal-UE fir-rigward tas-Sri Lanka. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Marzu, il-Kunsill Ewropew fakkar fl-impenn tiegħu għar-responsabbiltà, ir-rikonċiljazzjoni u d-drittijiet universali tal-bniedem fis-Sri Lanka. Huwa appella wkoll għall-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar is-Sri Lanka fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li għandha tipprevedi investigazzjoni internazzjonali dwar id-delitti allegati tal-gwerra miż-żewġ naħat matul il-gwerra.

Fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti f'Marzu 2014, l-Istati Membri tal-UE ko-sponsorjaw, flimkien mal-Istati Uniti, riżoluzzjoni li ttejjeg lill-gvern tas-Sri Lanka biex jagħmel progress fir-rikonċiljazzjoni, u biex iwettaq investigazzjoni dwar il-ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali. Ir-riżoluzzjoni tat ukoll mandat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex iwettaq investigazzjoni komprensiva dwar il-ksur serju u l-abbużi allegati tad-drittijiet tal-bniedem u reati marbuta, imwettqa miż-żewġ partijiet fis-Sri Lanka. Bħal sħab internazzjonali oħra, l-UE appellat lill-gvern tas-Sri Lanka biex tikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltà bħala pass importanti biex titrawwem rikonċiljazzjoni ġenwina.

Fl-2014, l-UE ħarġet dikjarazzjonijiet dwar l-attakki kontra l-Komunità Musulmana (20 ta' Ġunju), il-ħatra tat-tim ta' investigazzjoni tan-NU għas-Sri Lanka (1 ta' Lulju), u restrizzjonijiet fuq l-NGOs u fuq il-libertà ta' espressjoni (23 ta' Lulju).

²² Il-Parlament Ewropew adotta żewġ riżoluzzjonijiet dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladesh: Riżoluzzjoni dwar l-elezzjonijiet reċenti fil-Bangladesh (2014/2516(RSP)) u Riżoluzzjoni dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladesh (2014/2834(RSP)).

5.4.9. Maldivi

It-tieni elezzjonijiet parlamentari demokratiċi multipartitiċi fl-istorja tal-pajjiż saru fit-22 ta' Marzu. Dawn saru waqt kriżi politika li ħolqot inċertezzi dwar id-demokratizzazzjoni ulterjuri fil-Maldivi. Il-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE vvalutat li l-elezzjonijiet tmexxew sew minkejja l-interferenza mill-Qorti Suprema u l-azzjonijiet tagħha kontra l-Kummissjoni Elettorali fil-ġimgħat qabel l-elezzjonijiet ġenerali. Mill-elezzjoni presidenzjali fl-2013 u l-elezzjonijiet lokali u parlamentari tal-2014, is-setgħat kollha (leġislattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji) reġġu lura fidejn il-formazzjoni politika madwar il-familja tal-ex-President Maumoon Abdul Gayoom, li dan iqanqal tħassib dwar il-futur tal-konsolidazzjoni demokratika.²³

5.5. Paċifiku

5.5.1. Awstralja

Filwaqt li jibnu fuq iż-żjarat tal-President José Manuel Barroso f'Settembru 2011 u tar-RGħ/VP f'Ottubru 2011, l-UE u l-Awstralja komplew bl-iskambji u d-djalogi bl-għan li jżidu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-affarijiet barranin u tas-sigurtà, il-maniġġar ta' kriżijiet, l-assistenza għall-iżvilupp u kwistjonijiet globali. Fis-16 ta' Novembru, il-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy kellu laqgħa bilaterali mal-Prim Ministru Tony Abbott, li matulha indirizzaw kwistjonijiet bilaterali (Ftehim Qafas, prospetti ta' FTA) u l-Ukrajna, fejn hemm kooperazzjoni mill-qrib. Is-SEAE u l-Awstralja ffirmaw ukoll Ftehim dwar skambji diplomatiċi.

Wara l-adozzjoni tal-mandat għal Ftehim Qafas komprensiv bejn l-UE u l-Awstralja f'Ottubru 2011, issoktaw in-negozjati wara waqfa ta' sena u ġew kważi konklużi sa tmiem is-sena.

²³ Rapport Finali tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-Unjoni Ewropea tal-2014.

Id-Djalogu ta' Sigurtà/Strateġiku bejn l-UE u l-Awstralja fil-livell ta' Diretturi Poliċi sar fil-11 ta' Diċembru f'Canberra b'aġenda estensiva li kopriet kwistjonijiet ta' sigurtà fl-Asja u l-Paċifiku, is-Sigurtà Marittima, ir-Russja/l-Ukrajna, l-Iran, is-Sirja/l-Iraq/ISIL/Da'esh, il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, l-Afganistan, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà u l-kooperazzjoni fil-maniġġar ta' kriżijiet. Il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (CEUMC), il-Ġeneral de Rousiers, għamel l-ewwel żjara tiegħu fl-Awstralja għal diskussjonijiet ta' livell għoli mad-Dipartiment tad-Difiża. Il-laqgħa trilaterali regolari (EU-AUS-NZ) dwar kwistjonijiet marbuta mal-Paċifiku saret fit-28 ta' Ottubru. L-UE u l-Awstralja kellhom ukoll l-ewwel Djalogu tagħhom Kontra t-Terroriżmu f'Novembru fi Brussell fis-6 ta' Novembru.

L-UE u l-Awstralja nneozjaw Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni (FPA) dwar il-parteeipazzjoni tal-Awstralja f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet.²⁴ L-Awstralja ġiet mistiedna wkoll tiegħu sehem f'diversi missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK u, għall-ewwel darba, ħadet sehem f'waħda, billi pprovdiet konsulenza legali prezzjuża fil-kuntest ta' appoġġ għall-missjoni lis-Seychelles permezz tal-EUCAP NESTOR.

5.5.2. New Zealand

Matul is-sena saru skambji dwar kwistjonijiet ta' importanza ġeopolitika u ta' interess reċiproku. Fil-25 ta' Marzu, il-Prim Ministru John Key ltaqa' mal-Presidenti José Manuel Barroso u Herman Van Rompuy fl-Aja fil-marġni tas-Summit dwar is-Sigurtà Nukleari, fejn hargħu Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-iżvilupp tas-Sħubija bejn l-UE u New Zealand.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta, fost oħrajn, stabbiliet il-ftehim biex issir riflessjoni dwar l-għażliet biex isir progress fir-relazzjoni kummerċjali u ekonomika, inkluż il-parametri għall-ftuħ possibbli ta' negozjati biex jiġi lliberalizzat aktar il-kummerċ u l-investment bejn l-UE u n-New Zealand.

²⁴ Il-Ftehim ġie ffirmat fit-22 ta' April 2015.

Fl-24 ta' Ġunju, ir-RGħ/VP kellha laqgħa mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Murray McCully fi Brussell, u fit-30 ta' Lulju, fil-marġni tal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku f'Palau, huma ħabbru l-konklużjoni tan-negozjati għall-ewwel trattat komprensiv, legalment vinkolanti, il-Ftehim ta' ta' Sħubija dwar ir-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni (PARC).

Fis-16 ta' Novembru, il-President Jean-Claude Juncker u l-Prim Ministru elett mill-ġdid John Key iltaqgħu fi Brisbane fil-marġni tas-Summit tal-G20. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Murray McCully kellu l-ewwel laqgħa mar-RGħ/VP fit-2 ta' Diċembru, fejn ikkonferma l-impenn għall-iżvilupp tas-sħubija bejn l-UE u New Zealand u għal koordinazzjoni aktar mill-qrib rigward kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà waqt is-sħubija ta' New Zealand fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2015-2016.

L-ewwel Djalogu formalizzat dwar is-Sigurtà bejn l-UE u New Zealand fil-livell ta' Direturi Politiċi sar fit-12 ta' Diċembru f'Wellington.

Fis-segwitu għall-Ftehim Qafas dwar il-parteciġazzjoni ta' New Zealand f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE iffirmit fi Brussell fit-18 ta' April 2012, New Zealand ġiet mistiedna tiegħu sehem f'diversi missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK. New Zealand ikkontribwixxiet għal EUNAVFOR Atalanta b'Pattulja Marittima u Inġenju tal-Ajru ta' Rikonjizzjoni f'Ottubru u Novembru.

F'April, il-Kummissarju Andris Piebalgs kellu żjara konġunta mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin McCully fil-Paċifiku. L-oġettiv primarju kien li jitqies il-progress fl-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti fil-qafas tas-Sħubija Enerġetika fil-Paċifiku bejn l-UE u New Zealand, li tnediet fis-Summit tal-Paċifiku dwar l-Enerġija ospitat b'mod konġunt f'Auckland f'Marzu 2013.

5.5.3. Fiġi

Ir-ritorn ta' Fiġi lejn id-demokrazija ġie konsolidat fis-17 ta' Settembru bl-ewwel elezzjonijiet parlamentari mill-kolp ta' stat militari fl-2006. L-elezzjonijiet kienu mħejjija sew mil-lat tekniku u taw lill-eletturi għażla ġenwina. L-UE pprovdiet assistenza teknika għall-proċess elettorali u, bħala parti mill-isforz ta' monitoraġġ internazzjonali iktar mifruż bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali biex jivvalutaw l-elezzjonijiet.

L-UE bagħtet ukoll missjoni ta' verifika biex tivvaluta s-sitwazzjoni marbuta mar-rekwiżiti tal-artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou. Wara dawn il-missjonijiet, f'Novembru l-Kunsill qabel li jwaqqaf l-hekk imsejja "miżuri adatti" (sanzjonijiet) taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, u li jissokta kooperazzjoni għall-iżvilupp b'mod sħiħ ma' Fiġi. Il-monitoraġġ mill-qrib u l-appoġġ fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ser jiġu żgurati permezz, fost l-oħrajn, ta' dialogu politiku u programmazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-UE.

5.5.4. Gżejjer Solomon

L-elezzjonijiet parlamentari saru fid-19 ta' Novembru u wara dan, fid-9 ta' Diċembru, il-membri tal-Parlament il-ġdid eleġġew Prim Ministru ġdid, Manasseh Sogavare, b'maġġoranza tajba. Il-proċess elettorali tal-2014 kien paċifiku b'inċidenti tas-sigurtà relattivament minuri. Dawn l-elezzjonijiet jirrappreżentaw pass importanti li jikkonferma r-ritorn għall-istabbiltà u l-progress miksub fl-oqsma tad-demokratizzazzjoni, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem mill-insedjament tal-Missjoni ta' Assistenza Reġjonali fil-Gżejjer Solomon (RAMSI) fl-2003. Inġhata appoġġ tal-UE għall-aġġornament tar-reġistru elettorali. L-UE ffinanzjat ukoll attivitajiet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni elettorali pubblika b'mod ġenerali u l-parteċipazzjoni tan-nisa b'mod partikolari kif ukoll l-assistenza teknika għall-abbozzar ta' regolament biex jiġi implimentat l-Att dwar l-Integrità tal-Partiti Poliċi.

5.5.5. Kwistjonijiet reġjonali

L-UE kompliet issaħħaħ id-djalogu u s-sħubija tagħha mal-pajjiżi tal-Gżejjer tal-Paċifiku u l-organizzazzjonijiet reġjonali tagħha. Ir-RGħ/VP attenda l-45 laqgħa tal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku (FGP) f'Koror, Palau f'Lulju u l-Kummissarju Andris Piebalgs irrappreżenta l-UE fit-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) f'Settembru, f'Apia (Samoa). F'din l-aħħar okkażjoni, 21 pajjiż tas-SIDS (10 tal-Paċifiku, 10 tal-Karibew u Cape Verde) iffirmaw il-Programmi Indikattivi Nazzjonali 2014-2020 (li jammontaw għal madwar EUR 340 miljun) taħt il-Ftehim ta' Cotonou. Applikat proviżorjament mill-Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Paċifiku ġie applikat b'mod proviżorju wkoll mill-Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014.

6. Afrika

6.1. Unjoni Afrikana

Kooperazzjoni dejjem aktar mill-qrib mal-Unjoni Afrikana (UA), in-NU u organizzazzjonijiet reġjonali oħra bdiet tistabbilizza b'suċċess għadd ta' konflitti, u l-enfasi konsistenti fuq l-importanza li jinbnew istituzzjonijiet b'saħħithom kapaċi li jikkonsolidaw id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt qed tibda tagħti l-frott tagħha.

Fir-4 Summit bejn l-UE u l-Afrika li sar fi Brussell f'April 2014, il-mexxejja affermaw mill-ġdid l-appoġġ sostnut tal-UE għall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika (FPA) u l-potenzjal li jingħata aktar tagħmir, kif ukoll taħriġ u gwida. L-UE setgħet tħabbar it-tnedija tal-EUFOR CAR. Laqgħa dwar is-sigurtà marittima ospitata mir-RGħ/VP, flimkien ma' kummenti fil-Plenarja, enfasizzaw it-tagħlimiet prezżjużi meħuda mill-Operazzjoni Atalanta, u l-interess kbir mill-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent fl-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Golf tal-Guinea. Il-preżenza tas-SĠNU Ban Ki-moon bagħtet messaġġ qawwi dwar l-estensjoni tal-kooperazzjoni bejn l-UE, l-UA u n-NU. Il-laqgħat bilaterali wkoll kellhom rwol kruċjali fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ kontinenti.

B'mod ġenerali, is-Summit irnexxielu jagħti spinta pożittiva lir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika u pprovda bażi soda għad-djalogu u l-kooperazzjoni futuri. Hija haġġet Dikjarazzjoni Konġunta li tirriafferma l-impenn lejn l-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija Konġunta UE-Afrika adottata fl-2007. Prijoritajiet u oqsma ewlenin komuni għal azzjoni konġunta ġew ridefiniti aktar fil-pjan direzzjonali għall-perijodu 2014-17. L-UE tkompli titqies bħala l-aktar sieħba importanti fl-oqsma importanti kollha, inkluż il-paċi u s-sigurtà.

Fil-15 ta' Mejju 2014, il-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA (KSPUA) u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-UE (KPSUE) ltaqgħu għas-seba' darba.²⁵

²⁵ Il-laqgħa pprovdiet l-oportunità għal diskussjoni miftuħa u strutturata sew dwar i) sitwazzjonijiet ta' kriżi u theddid għall-paċi u l-istabbiltà mis-Saħel sal-Qarn, li jkopru sitwazzjonijiet ta' konflitt fis-Sudan t'Isfel, il-Mali/is-Saħel u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, kif ukoll kwistjonijiet transsettorjali ta' proliferazzjoni ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, it-terroriżmu, il-fruntieri u l-migrazzjoni; ii) it-tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet Afrikani fil-paċi u s-sigurtà; iii) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-KPS. Barra minn hekk, iż-żewġ KPs ġew infurmati dwar il-paċi u s-sigurtà fl-Ewropa (l-Ukrajna).

Fl-2014, il-Kummissjoni adottat ukoll il-programm ta' azzjoni 2014-2016 tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika, b'pakkett finanzjarju ta' EUR 750 miljun li minnhom EUR 325 miljun ġejjin mill-faċilità ta' tranżizzjoni tal-FEŻ prinċipalment biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet attwali ta' appoġġ għall-paċi fl-2014. L-orjentazzjonijiet ġenerali tal-Programm ta' Azzjoni 2014-2016 huma ġeneralment konformi mal-programmi ta' azzjoni preċedenti tal-FPA. Il-benefiċjarji diretti jibqgħu l-Unjoni Afrikana (UA) u l-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali/Mekkaniżmi Reġjonali (REC/RM) b'madwar 90% tal-fondi b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' paċi taħt tmexxija Afrikana u l-bqija b'appoġġ għall-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) u azzjonijiet rapidi ta' impatt immirati għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-immaniġġar ta' kriżijiet.²⁶

Permezz tal-FPA, l-UE kompliet tappoġġa l-missjonijiet taħt tmexxija Afrikana fl-2014:

- AMISOM fis-Somalja: mill-bidu tal-missjoni fl-2007, l-impenn totali tal-FPA għall-missjoni jammonta għal madwar EUR 771.1 miljun, b'hekk l-UE hija waħda mill-ikbar donatur tal-AMISOM.
- MISCA fir-Repubblika Ċentru-Afrikana: l-UE pprovdiet finanzjament inizjali ta' EUR 50 miljun, u impenjat ammont ieħor ta' EUR 75 miljun. L-operazzjoni multidimensjonali ta' żamma tal-paċi tan-NU fil-RĊA, MINUSCA, ħadet ir-responsabbiltà minn idejn il-Forza Afrikana MISCA fil-15 ta' Settembru. Madankollu, mhux ser tkun tista' twettaq il-mandat ambizzjuż tagħha sa Mejju 2015.

²⁶ Il-bidliet ewlenin introdotti mill-programm ta' azzjoni 2014-2016 huma dawn li ġejjin: i) tiġi sottolinjata l-hteġa li jiġu stabbiliti strateġiji ta' ħruġ u tiżdied il-kondiviżjoni tal-piż finanzjarju għal operazzjoni ta' paċi fit-tul; ii) l-appoġġ tal-FPA lill-APSA u l-bini ta' kapaċitajiet ser jiġi allinjat mill-ġdid ma' appoġġ aktar immirat u tnaqqis gradwali tal-appoġġ ġenerali għall-ispejjeż tal-persunal; il-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE qed tiġi simplifikata wkoll sabiex jiżdiedu l-ħeffa u r-reattività.

Fl-2014, l-UE appoġġat ukoll diversi inizjattivi Afrikani ta' medjazzjoni taħt il-Mekkaniżmu għal Reazzjoni Bikrija tal-FPA, inkluż il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Verifika (MKV) tal-Konferenza Internazzjonali tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ICGLR) fil-missjoni tagħha li treġġa' lura u tippromwovi l-fiduċja bejn ir-RDK u l-ġirien tagħha; il-proċess ta' medjazzjoni tal-Awtorità Intergovernattiv għall-Iżvilupp (IGAD) fis-Sudan t'Isfel u l-inizjattiva konġunta tas-Suq Komuni għall-Afrika tal-Lvant u ta' Nofsinhar/il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (COMESA/EAC) biex jiġu appoġġati l-elezzjonijiet paċifiċi fil-Burundi.

6.2. Afrika tal-Punent

Wara għaxar snin ta' ħidma konġunta, in-negozjar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) ġie konkluż fit-30 ta' Ġunju 2014. Il-ftehim ikopri l-kummerċ f'merkanzija, abbażi tat-Tariffa Esterna Komuni tal-ECOWAS li għadha kemm ġiet adottata, u l-iżvilupp u l-kooperazzjoni u jinkludi klawnsoli rendez-vous għall-kapitoli dwar is-servizzi u r-regoli tal-kummerċ. Il-Kapijiet ta' Stat tal-ECOWAS taw istruzzjonijiet lin-Negozjaturi Ewlenin tal-Afrika tal-Punent biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jibdw malajr kemm jista' jkun il-proċess tal-iffirmar u l-implimentazzjoni tal-FSE. Il-Ftehim ser jieħu post l-FSEs interim tal-Kosta tal-Avorju (iffirmat fl-2008) u tal-Ghana (mhux iffirmat) li ma ġewx ratifikati/applikati.

Id-djalogu politiku ministerjali annwali UE-ECOWAS sar f'Abuja, fis-27 ta' Novembru 2014, u kopra firxa ta' fajls ta' interess reċiproku inklużi żviluppi reġjonali dwar il-paċi u s-sigurtà, kwistjonijiet ta' programmazzjoni reġjonali u n-negozjati tal-FSE.

6.2.1. Sigurtà u żvilupp fis-Sahel

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Sahel kompliet matul l-2014, b'rieżami fl-2013 li wera progress konkret u riżultati fl-erba' oqsma prinċipali kollha: dak politiku, ta' żvilupp, ta' sigurtà, u dak tal-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Ġie rikonoxxut li r-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp għandha tibqa' fil-qalba tal-politiki u l-operazzjonijiet tal-UE fis-Sahel, u li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għandha tiġi estiża għall-Burkina Faso u ċ-Chad. F'dak il-kuntest, qed jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni reġjonali ġdid li jkopri l-passi li jmiss tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sahel.

Matul is-sena, ingħatat aktar attenzjoni lill-koordinazzjoni u s-sinerġiji internazzjonali ma' organizzazzjonijiet sħab, b'mod partikolari n-NU, l-Unjoni Afrikana u l-ECOWAS. Ingħatat attenzjoni għall-pjattaforma ta' Bamako, li tnediet wara ż-żjara konġunta ta' livell għoli tan-NU, l-UE u l-Bank Dinji fir-reġjun fl-2013, li pprova mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost id-donaturi u n-NU, l-UA u l-UE b'mod partikolari. Sar enfasi ukoll fuq il-proċess ta' Nouakchott²⁷, li huwa promettenti rigward l-involviment tal-UE u l-Alġerija fil-qasam tas-sigurtà, u l-G5, li jirrappreżenta pass importanti lejn l-awtoapproprjazzjoni tal-isfidi mill-ħames pajjiżi kkonċernati.²⁸

²⁷ Proċess immexxi mill-Unjoni Afrikana mniedi f'Marzu 2013; l-għanijiet iddikjarati jinkludu t-tisħiħ tal-kooperazzjoni għas-sigurtà u l-operazzjonalizzazzjoni tal-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà fir-reġjun tas-Sahel/Sahara. Fil-qafas ta' Nouakchott il-kapijiet tas-servizzi ta' intelligence u tas-sigurtà ta' 13-il pajjiż tas-Sahel/Sahara kellhom jiltaqgħu regolarment kull xahrejn taħt l-awspiċi tal-Unjoni Afrikana filwaqt li l-Ministri għall-Affarijiet Barranin kellhom jiltaqgħu regolarment kull tliet xhur.

²⁸ Il-Mauritania, il-Mali, in-Niġer, iċ-Chad u l-Burkina Faso.

6.2.2. Mauritania

L-UE bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali (EEM) fl-Elezzjonijiet Presidenzjali f'Ġunju 2014. Hija kkonkludiet li l-proċess elettorali kien sar skont standards aċċettabbli. Huma ħarġu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jittejjeb il-proċess f'elezzjonijiet futuri.

It-tieni mandat tal-President Mohamed Ould Abdel Aziz beda b'sinjali inkoraġġanti għall-istabbiltà politika u l-kontinwità biex jitmexxew 'il quddiem il-politiki ewlenin. Madankollu, il-konsolidazzjoni tal-istabbiltà u t-tkomplija tat-tkabbir huma mhedda mir-riskji ta' radikalizzazzjoni Iżlamika vjolenti, diviżjoni soċjali u etnika dejjem aktar profonda u kuntest reġjonali instabbli. L-UE ser issegwi mill-qrib it-tensjonijiet soċjali, etniċi u reliġjużi li kienu qed jizziedu fit-tieni nofs tas-sena, fil-kuntest ta' djalogu politiku regolari mal-Mauritania.

Il-Mauritania ħadet f'idejha il-Presidenza tal-Unjoni Afrikana f'Jannar 2014, kif ukoll il-kopresidenza tad-djalogu 5+5 u l-presidenza tal-Kunsill tal-Ministri tal-Lega Għarbija. Bħala riżultat, il-pajjiż kien proattiv ħafna f'affarijiet reġjonali.²⁹

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Mauritania kienu kkaratterizzati minn żewġ laqgħat ta' Djalogu Politiku tal-Art. 8 (Mejju u Diċembru 2014), iż-żjarat tar-RSUE għas-Sahel f'Jannar u Diċembru u tal-Kummissarju Andris Piebalgs fi Frar; l-iffirmar tal-Programm Indikattiv Nazzjonali 2014-2020 f'Ġunju, u t-tnedija ta' negozjati f'Mejju għat-tiġdid tal-Protokoll dwar is-Sajd.

²⁹ Il-President Aziz ikkopresieda, flimkien mal-UE, ir-raba' Summit UE-Afrika li sar fi Brussell f'April 2014. B'xhieda tal-impenn Afrikan tagħha, il-Mauritania ħabbret il-parteċipazzjoni tagħha f'MINUSCA b'kontinġent ta' madwar 900 truppa li għandha tiġi skjerata fl-2015. Bħala sieħeb impenjat fi kwistjonijiet marbuta mas-Sahel, il-Mauritania niedet, fi Frar 2014, flimkien man-Niġer, il-Mali, il-Burkina Faso u ċ-Chad, l-inizjattiva tal-G5 tas-Sahel li għandha l-għan li tiddefinixxi risponsi adatti għall-isfidi speċifiċi tas-Sahel, filwaqt li torbot mill-qrib is-sigurtà u l-iżvilupp, b'mod simili għall-Istrateġija tal-UE għas-Sahel.

6.2.3. Mali

Sa mill-bidu tal-kriżi politika u ta' sigurtà fil-Mali - ribelljoni fit-Tramuntana f'Jannar 2012 u kolp ta' stat f'Marzu ta' wara -, l-UE appoġġat kontinwament l-integrità territorjali tal-Mali, ir-ritorn għal ordni kostituzzjonali u r-risoluzzjoni politika tal-kriżi permezz ta' djalogu. Bħala parti mit-tweġiba komprensiva għall-kriżi tal-Mali, l-UE mmobilizzat l-istrumenti kollha disponibbli għaliha.

Wara li ġew organizzati elezzjonijiet presidenzjali u leġislattivi trasparenti fl-2013, li ġew osservati mill-UE u sħab internazzjonali oħra, l-UE pprovdiet appoġġ sostanzjali għall-proċess ta' tranżizzjoni li jwassal biex jitreggħu lura n-normalità kostituzzjonali, il-paċi u l-ordni. Fil-15 ta' Mejju 2013, ġew impenjati EUR 3.25 biljun għal Mali matul il-konferenza ta' livell għoli tad-donaturi li saret fi Brussell. L-UE waħedha impenjat EUR 1.28 biljun, inkluż appoġġ baġitarju. L-aħħar Laqgħa ta' segwitu kkonkludiet, f'Settembru 2014, li s'issa, nofs dik is-somma ġiet żborzata / impenjata. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll ammonti sinifikanti f'għajjnuna umanitarja.

Fir-rigward tas-sigurtà, l-UE - kemm individwalment kif ukoll b'mod kollettiv – tat appoġġ essenzjali għall-ġlieda kontra gruppi terroristiċi, b'mod partikolari minn Jannar 2013 'l hawn. Hija nediet Missjoni ta' Taħriġ militari (EUTM Mali) biex tgħin lill-armata Maljana tirristruttura u ssaħħa il-kapaċitajiet tagħha. EUTM Mali ħarrġet erba' battaljuni tal-forzi armati Maljani s'issa.

Missjoni ċivili ġdida tal-PSDK, EUCAP Sahel Mali, ġiet stabbilita fil-Mali f'April 2014. Il-Kap tal-Missjoni u tim ewlieni ntbagħtu f'Lulju biex iħejju t-tnedija tal-Missjoni kmieni fl-2015.³⁰

L-UE kienet ukoll impenjata attivament bħala komedjatur (flimkien man-NU, l-UA, l-ECOWAS u l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika) fit-taħdidiet ta' paċi tal-Alġier dwar it-Tramuntana tal-Mali, immedja f'Lulju 2014. L-UE hija impenjata biex tiegħu sehem fil-Kumitat ta' Segwitu li ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi.

L-UE hija impenjata b'mod sħiħ biex tappoġġa r-rikostruzzjoni u l-irkupru tal-Mali wara li terġa' lura għall-ordni kostituzzjonali.³¹

6.2.4. Niġer

L-istabbiltà interna relativa tal-imġhoddi reċenti ffaċċjat diffikultajiet wara r-riorganizzazzjoni tal-gvern f'Awwissu 2013, li ġab bidliet fl-alleanzi politiċi. Tul l-2014 żdiedu t-tensjonijiet politiċi, flimkien ma' dimostrazzjonijiet fit-toroq, konfrontazzjonijiet vjolenti okkażjonali u staġnar fl-Assemblea Nazzjonali. Qed isir djalogu politiku dwar firxa kbira ta' kwisjonijiet domestiċi u reġjonali fuq bażi regolari.

³⁰ Il-Missjoni ser tipprovdi taħriġ u pariri lill-forzi tas-sigurtà interna (Gendarmerie, Pulizija Nazzjonali u l-Gwardja Nazzjonali), b'attenzjoni speċifika għall-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-kapaċitajiet. L-oġġettiv ewlieni tal-missjoni hu li tgħin biex terġa' tinbena r-rabta istituzzjonali bejn il-forzi tas-sigurtà Maljani u l-awtoritajiet politiċi, billi tiġi stabbilita sistema amministrattiva trasparenti, professjonali u orjentata lejn is-servizzi fi ħdan il-forzi. Il-mandat inizjali tal-missjoni għandu jkun ta' sentejn. Il-missjoni ser timmobilizza 80 esperti internazzjonali u tinsab f'Bamako.

³¹

Fl-2014, in-Niġer safa' vittma ta' diversi attakki terroristiċi fejn kien hemm ħafna vittmi.

Ir-riperkussjoni tal-vjolenza ta' Boko Haram min-Niġerja għan-Niġer tqajjem tħassib serju dwar kwistjonijiet ta' sigurtà kif ukoll umanitarji għall-awtoritajiet tan-Niġer. B'riżultat ta' dan, in-Niġer huwa involut attivament fl-isforzi internazzjonali biex tissaħħaħ is-sigurtà fin-Niġerja.

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u n-Niġer kienu kkaratterizzati fl-2014 mill-iffirmar tal-Programm Indikattiv Nazzjonali 2014-2020 f'Ġunju u miż-żjarat f'Niamey tal-President Herman Van Rompuy (Frar 2014) u tar-Rappreżentant Speċjali għas-Saħel, Michel Dominique Reveyrand-de Menthon (5-6 ta' Novembru 2014).

F'Lulju 2014, EUCAP Sahel Niger temmet l-ewwel mandat tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li jaġġusta u jestendi l-mandat sa Lulju 2016. Matul it-tieni nofs tas-sena l-missjoni u strumenti oħra tal-UE wettqu għadd ta' attivitajiet konġunti u intensifikaw l-attivitajiet tagħhom barra mill-belt kapitali Niamey, b'attenzjoni speċjali għat-titjib tas-sjieda Niġerina u s-sostenibbiltà tal-kisbiet tal-missjoni.

6.2.5. Burkina Faso

Wara 27 sena fil-poter, il-President Blaise Compaoré ġie mġiegħel jirriżenja u jaħrab mill-pajjiż f'Ottubru, b'segwitu għal protesti mifruxa u ferment soċjali kkawżat minn mossa min-naħa tiegħu biex ibiddel il-Kostituzzjoni u jerġa' jikkandida ruħu għall-elezzjonijiet Presidenzjali fl-2015. Wara l-ferment u ġimgħatejn ta' tmexxija militari, il-partijiet kollha kkonċernati (inklużi l-partiti politiċi u s-soċjetà ċivili) qablu dwar Karta ta' Tranżizzjoni u ħatru lill-pajżan Michel Kafando bħala l-President għat-Tranżizzjoni. L-UE ddikjarat l-appoġġ tagħha għal tranżizzjoni demokratika paċifika u għall-isforzi tal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari l-missjoni tal-UA/ECOWAS/NU, biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' tranżizzjoni.

Fis-17 ta' Marzu, il-Kunsill Affarijiet Barranin iddeċieda li jestendi l-Istrateġija tal-UE għas-Sahel għall-Burkina Faso. Missjoni konġunta tas-SEAE, id-DEVCO, ir-RSUE-Sahel intbagħtet sussegwentement f'Mejju biex tgħaddi lill-awtoritajiet Burkinjani l-implikazzjonijiet tal-inklużjoni tagħhom fl-Istrateġija għas-Sahel u biex tiġbor informazzjoni dwar attivitajiet possibbli taħt il-pilastru tal-iżvilupp-sigurtà tal-Istrateġija għas-Sahel.

L-UE hija membru tal-Grupp ta' Kuntatt tal-ECOWAS għall-Burkina Faso u ser tassisti lill-pajjiż waqt il-perijodu ta' tranżizzjoni sakemm iseħħu elezzjonijiet demokratiċi inklużivi u trasparenti, sa mhux aktar tard minn Novembru 2015.

6.2.6. Senegal

Ir-relazzjonijiet dinamiċi u trasparenti bejn is-Senegal u l-Unjoni Ewropea huma bbażati fuq id-djalogu politiku, il-kummerċ u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Is-Senegal huwa sieħeb importanti tal-UE f'diversi fajls reġjonali u internazzjonali.

Id-djalogu politiku kompli fuq bażi regolari, b'żewġ laqgħat fl-2014, f'Ġunju u f'Diċembru. Is-suġġetti diskussi kienu b'mod partikolari l-politiki domestiċi, il-politika barranija tas-Senegal, is-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun kif ukoll l-isfidi ekonomiċi kbar li qed jiffaċċja s-Senegal. Id-drittijiet tal-bniedem ġew diskussi fi djalogu apposta mal-Ministru tal-Ġustizzja Sidiki Kaba f'Novembru. Permezz tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tal-UE mas-Senegal, l-UE u l-Istati Membri tagħha ffokaw fuq priyoritajiet bħad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, il-għieda kontra l-impunità, ir-riforma tal-ġudikatura, u n-nondiskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali.

L-UE tappoġġa n-normalizzazzjoni tas-sitwazzjoni f'Casamance, fejn konflitt b'intensità baxxa ilu għaddej għal aktar minn 30 sena. Għaddejjin taħdidiet ta' paċi bejn fazzjonijiet differenti tal-moviment separatista tad-Forzi Demokratiċi ta' Casamance (Mouvement des Forces Démocratiques de Casamance – MFDC) u l-gvern Senegaliż. Il-finanzjament permezz tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi jkopri l-appoġġ għal dan il-proċess u għall-vittmi tal-konflitt. In-negozjati mal-front tat-tramuntana rriżulta fid-dikjarazzjoni ta' waqfien unilaterali mill-għied mill-mexxej tal-MFDC, Salif Sadio, fl-1 ta' Mejju 2014.

Il-migrazzjoni illegali mill-kosta Senegaliża tidher li qed tiġi kkontrollata, bis-saħħa ta' skema intensifikata ta' sorveljanza tal-fruntieri marittimi, li hija appoġġata mill-Frontex u kooperazzjoni bilaterali ma' Spanja.

Saru laqgħat ta' livell għoli u żjarat tul is-sena, eż. il-Kummissarju Andris Piebalgs żar is-Senegal fi Frar, u l-President Macky Sall ħa sehem fis-summit UE-Afrika f'April, fejn iltaqa' mal-President José Manuel Barroso u l-Kummissarju Kristalina Georgieva. Barra minn hekk, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi Amadou Ba ltaqa' mal-Kummissarju Piebalgs f'Ottubru u l-Kummissarju Neven Mimica ltaqa' mal-Prim Ministru Mohammed Abdallah Boun Dionne f'Novembru. Fit-28/29 ta' Novembru, is-Senegal ospita s-summit tal-Organisation Internationale de la Francophonie (OIF), fejn il-Kummissarju Mimica kellu laqgħat bilaterali mal-President Sall u ma' Kapijiet ta' Stat Afrikani oħra.

6.2.7. Il-Gambja

Fl-2014, il-Gambja ffaċċat pressjoni ekonomika minħabba żewġ xokkijiet esterni: it-tnaqqis fit-turiżmu minħabba t-tifqigħa tal-Ebola fil-Punent tal-Afrika u nixfa reġjonali. L-istat tad-demokrazija, ir-rispett għall-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem baqgħu sors kbir ta' tħassib għall-UE. Fi Frar, il-kelliem għar-RGħ/VP ħareġ dikjarazzjoni, wara li l-President tal-Gambja, Yahya Jammeh, għamel diskors xewwiexi kontra persuni LGBTI fl-okkażjoni tal-Jum Nazzjonali. Bi tweġiba għall-iffirmar min-naħa tal-President ta' liġi li tikkriminalizza l-"omosesswalità aggravat", l-UE ppubblikat dikjarazzjoni lokali f'Novembru.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gambja ġibdet l-attenzjoni internazzjonali hekk kif il-Gambja għaddiet mit-tieni Eżami Perjodiku Universali (EPU) tagħha f'Ottubru. L-UE kkontribwiet għat-tħejjijiet u ffinanzjat avveniment pubbliku fejn ixxandret is-sessjoni ta' EPU flimkien ma' atturi oħra.³²

³² L-abbozz ta' rapport tal-grupp ta' ħidma tal-EPU wera għadd ta' nuqaqasijiet serji fil-qasam tad-drittijiet ċivili u politiċi, b'mod partikolari rigward il-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda. L-Istati Membri tan-NU għarfu t-titjib fil-qasam tal-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' ċentri għall-kura tas-saħħa tal-pajjiż, iżda fadal tħassib rigward il-piena tal-mewt, l-arrest extraġudizzjarju u ż-żamma f'detenzjoni lil hinn miż-żmien preskritt bil-liġi, l-età legali għaż-żwieġ, il-libertà tal-istampa, id-drittijiet ta' persuni LGBTI, eċċ. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri rrappreżentati f'Banjul segwew mill-qrib iż-żjara taż-żewġ Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Extraġudizzjarji, Sommarji u Arbitrarji u dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra f'Novembru. Iż-żjara kienet ġiet ikkanċellata fl-aħħar mument f'Awwissu u mbagħad organizzata f'data oħra. Ir-Rapporteurs Speċjali ġew miċħuda fl-aċċess għall-parti tal-ħabs ewlieni fejn hemm sigurtà msaħħa u għal dik fejn jinżammu l-priġunieri kkundannati għall-mewt u ddeċidew li ma jkomplux iż-żjarat ippjanati tagħhom f'ċentri oħra ta' detenzjoni, minħabba dan il-ksur mill-Gambja tat-termini ta' referenza miftehma.

Id-djalogu politiku taħt l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou sar f'April u wassal għal qbil dwar impenji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mill-awtoritajiet Gambjani. Il-kuntatti ta' segwitu donnhom jikkonfermaw l-ispirtu kostruttiv ta' dik il-laqgħa. Madankollu, ma saret ebda laqgħa ta' djalogu taħt l-Artikolu 8 fl-2014. F'Novembru il-gvern tal-Gambja nnotifika lill-UE li kellu l-ħsieb li jwaqqaf id-djalogu politiku taħt l-Artikolu 8. Barra minn hekk, f'diskors fid-29 ta' Novembru, imxandar fuq it-televiżjoni nazzjonali, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin rabat direttament id-dikjarazzjoni lokali tal-UE, fejn ġiet ikkritikata l-adozzjoni ta' liġi dwar l-"omosesswalità aggravata", mas-sospensjoni min-naħa tal-gvern tad-djalogu politiku.

6.2.8. Guinea-Bissau

Wara perijodu tranżitorju ta' sentejn li segwa l-kolp ta' stat f'April 2012, saru l-elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali b'mod paċifiku f'April/Mejju 2014 u tqiesu mill-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE mmexxija minn membru tal-Parlament Ewropew, Krzysztof Lisek, bħala ħielsa u kredibbli.

Sabiex tappoġġa l-awtoritajiet il-ġodda biex ireġġgħu lura l-istat tad-dritt u tgħinhom jiffaċċjaw l-isfidi politiċi u soċjo-ekonomiċi importanti, l-UE ddeċidiet li tissospendi l-applikazzjoni tal-miżuri taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou.³³

Il-miżuri restrittivi tal-UE kontra 21 mexxej militari involuti fil-kolp ta' stat f'April 2012 jibqgħu fis-seħħ kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK.

L-UE qed taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali ewlenin (NU, ECOWAS, UA, CPLP) biex tappoġġa, b'mod koordinat u komplementari, l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Guinea-Bissau li għadhom kif ġew eletti biex isaħħu l-istituzzjonijiet politiċi, jirrifirmaw is-settur tas-sigurtà, isaħħu l-istat tad-dritt, jiggjieldu kontra l-korruzzjoni u t-traffikar illegali u jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli.

³³ F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/467/UE tal-14 ta' Lulju ttawwal il-validità tad-Deċiżjoni tal-Art. 96 iżda tissospendi l-applikazzjoni tal-miżuri tagħha biex b'hekk l-UE tkun tista' tipprovdni appoġġ urġenti lill-awtoritajiet u tagħti bidu għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-11-il FEŻ.

6.2.9. Guinea

Il-perijodu ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Guinea u l-UE beda fi tmiem l-2013 u ssokta matul l-2014, bit-tneħħija tal-embargo fuq l-armi deċiża mill-Kunsill tal-UE f'April 2014. Il-Programm Indikattiv Nazzjonali taħt il-11-il-FEŻ (2015-2020) ġie ffirmat fis-6 ta' Diċembru 2014, u alloka EUR 244 miljun għall-kooperazzjoni f'erba' setturi: il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, is-sanità urbana, is-saħħa u t-trasport (din tal-aħħar hija strateġija ta' ħruġ).

Madankollu, is-sanzjonijiet individwali kontra ħames individwi maħsuba li huma responsabbli għall-massakru ta' Settembru 2009 ġew estiżi fl-2014 għal sena oħra minħabba li ma sarx biżżejjed progress fuq il-proċeduri ġudizzjarji li għaddejjin. Il-ġlieda kontra l-impunità għadha prijorità tal-UE.

L-elezzjonijiet lokali kienu ppjanati għal tmiem l-2014 iżda, minħabba l-impatt tat-tifqigħa attwali tal-Ebola, ma ssejnhux.

Sa minn Marzu 2014, il-Guinea ntlaqtet b'mod qawwi minn epidemija tal-Ebola li bil-mod il-mod inbidlet minn emerġenza tas-saħħa għal kriżi ekonomika u soċjali, b'implikazzjonijiet politiċi u reġjonali potenzjalment usa'. In-nuqqas ta' biżżejjed koordinazzjoni u reżistenza dejjem akbar mill-popolazzjoni għal miżuri kontra l-Ebola jagħmlu s-sitwazzjoni ferm ikkomplikata. Incident ferm serju seħħ f'Settembru, bil-qtil ta' grupp ta' sensitizzazzjoni fir-raħal ta' Womey. Id-Delegazzjoni tal-UE ħarġet stqarrija lokali.

L-UE hija involuta b'mod qawwi fil-ġlieda kontra l-Ebola fil-Guinea.

6.2.10. Sierra Leone

Is-sena 2014 kienet iddominata mit-tifqigħa tal-Ebola u l-implikazzjonijiet serji politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà tagħha għall-pajjiż u r-reġjun.

F'Novembru, il-Kummissarju Koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides u l-Kummissarju Vytenis Andriukaitis żaru Freetown biex personalment jivvalutaw is-sitwazzjoni u janalizzaw il-ħtiġijiet u n-nuqqasijiet bil-ħsieb li jaġġustaw aħjar ir-rispons tal-UE.

Bl-Istati Membri kollha u l-istrumenti kollha tal-UE inklużi, l-UE wegħdet madwar EUR 1.1 biljun għar-rispons għall-Ebola fl-Afrika tal-Punent matul l-2014.

Bil-għan li tiżdied il-governanza demokratika u inklużiva u li l-kostituzzjoni tiġi allinjata mal-impenji internazzjonali tal-pajjiż fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-ħidma fuq l-eżami kostituzzjonali, li nbdiet fl-2013, issoktat, għalkemm ma setgħux isiru sforzi fil-provinċji, minħabba t-tfaqqigħ tal-Ebola.

6.2.11. Liberja

Fl-2014, il-Liberja ntlagt mill-marda tal-Ebola li faqqgħet f'Marzu. L-Ebola kellha impatt qawwi fuq is-soċjetà kollha u implikazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà serji għall-pajjiż u r-reġjun. L-attivitajiet kollha tal-gvern kellhom jikkonċentraw fuq l-isforzi ta' rispons.

Flimkien mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u sħab oħrajn, l-UE tat appoġġ sostanzjali lill-gvern biex jiġġieled kontra l-kriżi. F'Novembru, il-Koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides u l-Kummissarju Vytenis Andriukaitis żaru Monrovia biex personalment jivvalutaw is-sitwazzjoni, il-ħtiġijiet u n-nuqqasijiet bil-ħsieb li jaġġustaw aħjar ir-rispons tal-UE.

Minħabba l-kriżi tal-Ebola l-elezzjonijiet senatorjali parzjali, ippjanati għal Ottubru, kellhom jiġu posposti. Il-proposta tal-gvern li jagħmel l-elezzjonijiet fis-16 ta' Diċembru kienet ġiet sospiża wara lment tal-gruppi politiċi u deċiżjoni tal-qorti. Is-sitwazzjoni għandu mnejn ikollha impatt fuq l-eżami kostituzzjonali ppjanat għall-2015 u tista' tolgot ukoll ix-xena politika kollha.

Il-mandat ta' UNMIL ġie estiż sas-sena 2015, fejn dan ġie meqjus bħala siewi għall-istabbiltà tal-pajjiż meta jitqiesu l-effetti destabbilizzanti tal-kriżi tal-Ebola.

L-UE u l-Liberja għadu jkollhom skambju politiku intensiv li huwa appoġġat minn qafas ta' kooperazzjoni kbir. Fi Frar 2014 seħħ djalogu politiku skont l-Art. 8 tal-Ftehim ta' Cotonou. L-UE implimentat l-istrateġija tagħha għad-drittijiet tal-bniedem għal-Liberja b'attenzjoni speċjali fuq it-tneħħija tal-piena tal-mewt, id-drittijiet tan-nisa u l-involviment tas-soċjetà ċivili fid-drittijiet tal-bniedem. F'Marzu l-UE organizzat workshop għall-prevenzjoni ta' kunflitti ma' membri ewlenin tal-komunità internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, gruppi ta' riflessjoni, u membri tal-gvern.

6.2.12. Kosta tal-Avorju

Fl-2014 il-Kosta tal-Avorju ħadmet fuq il-proċess tagħha ta' paċifikazzjoni u rikonċiljazzjoni politika, wara l-kriżi elettorali vjolenti tal-2010. Il-proċess huwa fraġli. L-Elezzjonijiet Presidenzjali previsti għal Ottubru 2015 jistgħu jqajmu tensjoni u vjolenza politiċi. Il-Kummissjoni Elettorali (CEI) għamlet progress lajjem fit-tħejjija tagħhom, b'mod partikolari fl-aġġornament tar-reġistru elettorali. L-oppożizzjoni (FPI) għamlet talba li tissaħħaħ ir-rappreżentanza tagħha fil-Kummissjoni Elettorali, li twieġbet b'mod pożittiv mill-President Alassane Ouattara.

Is-sigurtà tgiebet u wara deċiżjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, ser tiċċekken gradwalment il-missjoni tan-NU għaż-żamma tal-paċi (UNOCI). Is-sistemi ta' miżuri tan-NU u l-UE ġew ikkonfermati mill-ġdid (embargo fuq l-armi, sanzjonijiet individwali minbarra t-tneħħija ta' sanzjonijiet kontra l-konsulent tal-President ta' qabel, Laurent Gbagbo, Alcide Djédjé). Wara t-tneħħija tal-embargo fuq id-djamanti, ittieħdu passi konkreti fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' Kimberley.

L-UE għadha tappoġġa l-proċess ta' rikonċiljazzjoni u tikkundanna l-impunità. Hija ddedikata għall-promozzjoni ta' proċess trasparenti, kompetittiv u inklużiv li jwassal għall-elezzjonijiet presidenzjali fl-2015. Barra minn hekk, l-UE tappoġġa riformi fis-setturi tal-ġustizzja u s-sigurtà. L-għoti ta' għajjnuna baġitarja fl-2014 kienet tinkludi indikaturi għar-rinnovazzjoni ta' għases tal-pulizija u l-implimentazzjoni ta' ġustizzja imparzjali.

6.2.13. Togo

Wara qbil li ntlaħaq bejn il-gvern u l-oppożizzjoni qabel l-elezzjonijiet legiſlattivi fl-2013, f'Mejju 2014 sar djalogu nazzjonali dwar ir-riformi kostituzzjonali, fosthom il-kwistjoni tal-limitu tan-numru ta' mandati Presidenzjali għal tnejn. Madankollu, f'Ġunju l-proposta għal reviżjoni tal-kostituzzjoni ġiet miċħuda mill-Assemblea Nazzjonali għalkemm il-liġi ġiet introdotta mill-gvern li huwa appoġġat minn maġġoranza b'saħħitha ta' deputati. Għalkemm id-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-kostituzzjoni reġġet infetħet fi tmiem l-2014, iċ-ċaħda żiedet ir-riskju ta' tensjoni u instabbiltà politika hekk kif resqin l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2015. L-UE ħeġġet b'mod attiv id-djalogu u l-flessibilità biex jitlestew ir-riformi kostituzzjonali u istituzzjonali li qablu dwarhom il-partiti politiċi ta' Togo fi ftehimiet differenti.

6.2.14. Niġerja

Bl-elezzjonijiet skedati għal Frar 2015, l-2014 rat żieda fit-tensjonijiet politiċi u l-bidu ta' każijiet ta' vjolenza relatata mal-elezzjonijiet. Għall-ewwel darba sa minn tmiem l-era militari fl-1999 kienet mistennija kompetizzjoni reali minħabba li l-oppożizzjoni hija aktar organizzata u għandha aktar ħiliet. Biex jikkontribwixxu għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet kredibbli u paċifiċi, u fid-dawl tal-Osservazzjoni Elettorali miftehma tal-UE fl-2015, bosta missjonijiet marbutin mal-elezzjonijiet marru n-Niġerja fl-2014 biex joffru għajjuna elettorali flimkien mal-programm ta' appoġġ elettorali li għaddej.

L-Att kriminalizzanti ta' Projbizzjoni ta' Żwieġ Bejn Persuni tal-Istess Sess finalment ġie approvat mill-President Niġerjan f'Jannar 2014. Il-piena tal-mewt baqgħet ta' tħassib, b'bosta suldati kkundannati għall-mewt mill-qrati militari fuq akkużi ta' ribelljoni u attentat ta' qtil.

Fl-2014 il-Boko Haram saħħaħ il-kampanja ta' terror tiegħu u wettaq attakki ta' brutalità u frekwenza bħal qatt qabel. Żied il-preżenza ġeografika tiegħu bi vjolenza terroristika li twaħħax imwettqa mhux biss fil-Grigal, iżda wkoll f'partijiet oħra tal-pajjiż u dejjem aktar fil-pajjiż ġar, il-Kamerun. Vjolenza u abbuż tad-drittijiet tal-bniedem ġew irrappurtati wkoll min-naħa tas-servizzi tas-sigurtà Niġerjani li qed jiġġieldu r-ribelljoni b'approċċ aħrax. L-UE elenkat lill-Boko Haram bħala grupp terroristiku f'Mejju, skont id-deċiżjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU, u wriet it-tħassib tagħha dwar l-attakki terroristiċi li għaddejjin fil-Konklużjonijiet tagħha tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-12 ta' Mejju.

L-UE kompliet tinvolvi ruħha f'dawn il-kwistjonijiet kollha f'diversi sessjonijiet ta' djalogu politiku u matul id-Djalogu Ministerjali bejn l-UE u n-Niġerja li sar f'Abuja, fis-27 ta' Novembru 2014. L-elezzjonijiet nazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u r-ribelljoni tal-Boko Haram kienu t-tliet suġġetti bilaterali ewlenin diskussi f'dak id-Djalogu li fi tmiemu ġie adottat Komunikat Konġunt.³⁴

6.3. Afrika tal-Lvant

L-uffiċjali għoljin tal-UE u tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC) kkonkludew b'suċċess il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) in-negozjati u inizjalaw it-test f'Ottubru 2014. Il-ftehim ikopri aċċess għas-suq tal-prodotti, u jinkludi kapitolu sħiħ dwar koperazzjoni għall-iżvilupp, regoli ta' oriġini flessibbli, struttura istituzzjonali sħiħa u kooperazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet inklużi l-agrikoltura, is-SPU u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

Is-Sitt Laqgħa Ministerjali bejn l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) u l-Unjoni Ewropea (UE) saret fi Brussell fl-1 ta' April 2014. Iż-żewġ partijiet iddiskutew is-sitwazzjoni fil-Qarn tal-Afrika, inkluż is-Sudan t'Isfel, is-Somalja u l-Eritrea. L-implimentazzjoni ta' Strateġija Reġjonali tal-IGAD u tal-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Qarn tal-Afrika ġiet diskussa, kif ukoll l-istatus ta', u l-prospetti għal, kooperazzjoni futura bejn l-IGAD u l-UE.

³⁴ In-Niġerja tressqet fuq il-mejda tliet darbiet għad-dibattitu dwar urġenza fid-drittijiet tal-bniedem fil-plenarja tal-Parlament Ewropew (Jannar, Marzu, Lulju) u kull darba ġew adottati risoluzzjonijiet tal-PE dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż ((2014/2517(RSP), (2014/2634(RSP) u 2014/2729(RSP)).

6.3.1. Djibouti

Il-Djibouti baqgħet sieħeb ewlieni fil-ġlieda internazzjonali kontra l-piraterija fil-Qarn tal-Afrika u fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni tas-Somalja. Iddeċidiet li ssaħħaħ il-kontribut tagħha fi truppi lill-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) bl-istazzjonament ta' battaljun ieħor li sar fi tmiem is-sena. Il-Djibouti tospita l-kwartieri ġenerali tal-Missjoni tal-UE dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) kif ukoll inġenji tal-ajru u bastimenti tal-Operazzjoni Atalanta. Madankollu, il-missjoni EUCAP NESTOR hija inkarigata mill-KPS biex tikkonċentra l-attivitajiet tagħha fis-Somalja fejn toriġina l-piraterija u tneħħi b'mod gradwali attivitajiet bilaterali fil-Djibouti akkumpanjati minn strateġiji tranżizzjonali inkluż involviment possibbli ta' programmi tal-UE. Fl-2014 il-missjonijiet u l-forzi barranin preżenti fil-Djibouti sfaw il-mira tal-ewwel attakk terroristiku mwettaq mix-Shebaab.

Wara xhur ta' negozjati il-Gvern tal-Djibouti u l-Union pour le Salut National (koalizzjoni ta' partiti tal-oppożizzjoni) iffirmaw, fit-30 ta' Diċembru 2014, ftehim qafas dwar id-djalogu politiku. L-iktar miżuri ta' riforma importanti previsti fih huma l-ħolqien ta' kummissjoni elettorali indipendenti, l-adozzjoni ta' status legali għall-partiti tal-oppożizzjoni, u r-rieżami tad-dritt tal-komunikazzjoni.

6.3.2. Eritrea

Fl-2014, is-sanzjonijiet tan-NU baqgħu fis-seħħ. Is-sitwazzjoni soċjoekonomika u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż baqgħet diffiċli. Fit-18 ta' Settembru 2014, il-Kelliem tar-RGħ/VP ħareġ stqarrija dwar is-sitwazzjoni tal-priġunieri politiċi fl-Eritrea. Il-migrazzjoni barra mill-Eritrea għadha ta' tħassib kbir. Wara t-traġedja ta' Lampedusa f'Ottubru 2013, meta mijiet ta' refuġjati, l-iktar mill-Eritrea u s-Somalja, mietu huma u jippruvaw jilhqax x-xtut Ewropej, f'Novembru 2014 l-UE nediet l-Inizjattiva dwar ir-Rotta tal-Migrazzjoni bejn l-UE u l-Qarn tal-Afrika, issa msejħa l-proċess ta' Kartum.³⁵ F'Settembru 2014 l-Eritrea kienet issieħbet ukoll fil-Protokoll għall-Prevenzjoni, is-Soppressjoni u l-Kastig tat-Traffikar tal-Bnedmin. Sadanittant il-Gvern tal-Eritrea għarraf lill-UE bil-ħsieb tiegħu li jerġa' japplika l-proklamazzjoni Nru 82 tiegħu, li terġa' tillimita t-tul ta' żmien tas-servizz nazzjonali għal 18-il xahar għall-abbozz li jmiss, deċiżjoni importanti peress li t-tul ta' żmien mhux definit tas-servizz nazzjonali huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jġiegħel lil ħafna jemigraw. Fl-2014 l-UE u l-Eritrea bdew jipprogrammaw il-11-il-Programm Indikattiv Nazzjonali tal-FEŻ.

³⁵ L-Eritrea hija waħda mill-erba' pajjiżi ċentrali fil-Proċess ta' Kartum u hija fost il-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija li ntlaħaq qbil dwaru f'Novembru waqt il-Konferenza Ministerjali f'Ruma. F'dan il-proċess il-konċentrazzjoni hija fuq it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-persuni, l-aktar sfidi urġenti għar-reġjun.

6.3.3. Etjopja

L-Etjopja baqgħet sieħeb b'saħħtu tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-paċi u s-sigurtà fil-Qarn tal-Afrika. Fil-qafas tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp, l-Etjopja mexxiet l-isforzi ta' medjazzjoni bejn il-gvern tan-Nofsinhar tas-Sudan u l-mexxejja ribelli, għalkemm b'suċċess limitat. Fis-Somalja, l-integrazzjoni tat-truppi Etjopjani fil-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), taħt l-istess arranġamenti ta' finanzjament mill-UE, ukoll ħalliet riżultati pożittivi fil-qasam. Id-djalogu politiku bejn l-UE u l-Etjopja huwa frekwenti, fost l-oħrajn fuq l-oġhla livelli: Il-Prim Ministru Etjopjan Hailemariam Desalegn żar Brussell fl-okkażjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Afrika f'April, u ltaqa' mar-RGħ/VP kif ukoll il-President Herman Van Rompuy; u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Tedros Adhanon iltaqa' mar-RGħ/VP fuq il-marġini tal-Konferenza ta' Kopenhagen dwar is-Somalja f'Novembru. Madankollu, żdied it-tħassib dwar l-ispazju ristrett għall-oppożizzjoni politika, il-mezzi tax-xandir u s-soċjetà ċivili, bl-arresti ta' membri tal-oppożizzjoni u ġurnalisti u l-akkużi kontribom skont il-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu. L-UE ppubblikat żewġ stqarrijiet fis-6 ta' Mejju u l-31 ta' Lulju li jqajmu dan it-tħassib, li hu partikolarment inkwetanti hekk kif resqin l-elezzjonijiet ta' Mejju 2015.

6.3.4. Somalja

Fl-2014 id-Delegazzjoni tal-UE għall-Repubblika Federali tas-Somalja reġgħet infetħet u tqiegħdet temporanjament f'Nairobi, il-Kenja. Il-Mibgħut Speċjali tal-UE għas-Somalja reġa' nħatar bħala l-Kap tad-Delegazzjoni. L-UE żiedet l-attivitajiet u l-preżenza fis-Somalja, b'involvement aktar dirett mal-Gvern Federali tas-Somalja u l-awtoritajiet reġjonali.

Matul l-2014 l-UE hegħget u appoġġat b'mod attiv il-proċess ta' federalizzazzjoni.

Id-Delegazzjoni tal-UE għas-Somalja, kif ukoll il-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, kienu strumentali fil-proċess ta' koordinazzjoni għat-tweġiba internazzjonali u l-medjazzjoni tat-tilwima bejn il-President u l-Prim Ministru, li ċedew paċifikament għal vot ta' sfiduċja mill-Parlament f'Diċembru.

Bħala segwitu għall-Konferenza ta' Brussell ta' Settembru 2013, f'Novembru 2014 sar Forum ta' Sħubija ta' Livell Għoli (FSLGħ) f'Kopenhagen. Il-laqgħa ddiskutiet il-progress u l-isfidi sena wara l-bidu tal-proċess ta' Ftehim Ġdid għas-Somalja. Minkejja l-kriżi politika interna kontinwa fil-Gvern Federali l-laqgħa serviet biex turi l-impenn kontinwu għall-Patt dwar il-Ftehim Ġdid. Kemm ir-RGħ/VP kif ukoll il-Kummissarju għall-Iżvilupp Internazzjonali Neven Mimica attendew l-attività u kkonfermaw ir-rwol attiv li l-UE qed taqdi fis-Somalja. Il-Kunsill, f'Konklużjonijiet adottati f'Ottubru 2014 hekk kif kien riesaq il-Forum ta' Sħubija ta' Livell Għoli, enfasizza l-importanza kontinwa tal-Patt tas-Somalja u l-implimentazzjoni tiegħu għall-bini mill-ġdid tas-Somalja.

Fl-2014, l-UE kompliet tipprovdi appoġġ politiku u ta' sigurtà lis-Somalja u l-Unjoni Afrikana għall-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM). Bil-Missjoni ta' Taħriġ (EUTM) tagħha fis-Somalja, kompliet tappoġġa l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet ta' Difiża tas-Somalja u l-Forzi Armati Nazzjonali tas-Somalja permezz ta' pariri strateġiċi, għoti ta' gwida u taħriġ. F'Jannar l-EUTM lestiet iċ-ċaqliqa tagħha mill-Uganda għas-Somalja, u b'hekk setgħet twettaq l-attivitajiet tagħha f'Mogadishu. Il-missjoni ħarrġet u ggwidat madwar 5000 suldat tal-Armata Nazzjonali Somala sa mill-2010 'l hawn. F'Novembru, missjoni oħra tal-PSDK, EUCAP Nestor, stabbilixxiet il-preżenza tagħha f'Mogadishu. Din ser tippermetti involviment aktar dirett mal-awtoritajiet federali. It-tul ta' żmien ta' dawn iż-żewġ missjonijiet, flimkien mal-Operazzjoni ATALANTA tal-EUNAVFOR li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-piraterija, ġie estiż sa' tmiem l-2016 biex b'hekk jiġu sinkronizzati il-perijodi ta' mandat tagħhom.

6.3.5. Sudan t'Isfel

L-avvenimenti tal-15 ta' Diċembru 2013 u ta' wara li wasslu lis-Sudan t'Isfel għal kunflitt armat sentejn u nofs biss wara l-indipendenza biddlu drastikament il-prospetti għall-aktar stat ġdid fid-dinja. Il-gwerra ċivili wasslet għall-imwiet ta' mill-inqas għaxart elef ruħ, l-ispostament ta' żewġ miljun ruħ u ksur u abbużi gravi tal-liġi umanitarja internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. Mill-inqas 2.5 miljun persuna ser iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' ikel u s-sitwazzjoni li hija waħda li ħoloq il-bniedem saret waħda mill-aġar kriżijiet umanitarji fid-dinja. Minbarra t-tbatija tal-poplu tas-Sudan t'Isfel, hemm riskju li din il-kriżi tolqot reġjun ħafna usa' diġà vulnerabbli għall-instabbiltà.

Filwaqt li l-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp ilha taħdem għal taħditiet inklużivi u komprensivi għall-paċi, il-gvern u l-oppożizzjoni la rnexxielhom jieħdu sehem fil-proċess b'rieda tajba u lanqas iħarsu l-impenji tagħhom b'mod sħiħ. Kmand u kontroll dgħajfa u l-proliferazzjoni ta' milizzji u forsi ta' awtodifiża jżidu l-probabbiltà ta' aktar frammentazzjoni tal-forzi tal-ġlied.

It-tweġiba tal-UE għall-kriżi

L-UE, flimkien mal-komunità internazzjonali, hija impenjata tipprova twaqqaf lill-kriżi milli teskala. L-għanijiet ewlenin tal-UE kienu li tevita riperkussjoni reġjonali, iġġib fi tmiem immedjat il-ġlied u jitħaffu t-taħditiet għall-paċi.

Matul l-2014, l-UE ħaddmet u segwiet strateġija komprensiva biex tappoġġa r-ritorn tal-paċi fis-Sudan t'Isfel li tinkludi: l-appoġġ politiku u finanzjarju tal-proċess immexxi mill-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp u l-mekkaniżmu biex jiġi sorveljat il-ħarsien tal-waqfien mill-ostilitajiet; it-teħid ta' miżuri mmirati (projbizzjoni tal-viża u friża tal-assi) kontra (żewġ) mexxejja militari li jxekklu l-proċess tal-paċi u li wettqu ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem; l-appoġġ tal-kontabbiltà u r-rikonċiljazzjoni permezz tal-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-UA u azzjonijiet mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; u organizzazzjoni mill-ġdid tal-portafoll tal-iżvilupp tal-UE, bl-adozzjoni ta' pakkett għall-istabbilizzazzjoni filwaqt li tiżdied l-għajnuna umanitarja.

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, Alexander Rondos, kompli jkun fil-qalba tal-politika tal-UE għas-Sudan t'Isfel u jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib u kumplementarjetà mas-sħab internazzjonali.

6.3.6. Kenja

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-Kenja saret dejjem aktar ta' tħassib b'attakki terroristiċi aktar frekwenti, livelli għoljin kontinwi ta' kriminalità vjolenti u tensjoni bejn il-gruppi bejn ir-reġjuni, l-etniċitajiet u r-reliġjonijiet, flimkien man-nuqqas ta' abbiltà tal-gvern li jagħmel ir-riformi meħtieġa fis-settur tas-sigurtà. F'Ġunju 2014, l-attakki terroristiċi fil-Kontea ta' Lamu qatlu mill-inqas mitt ruħ. Wara l-attakki mingħajr preċedent immirati lejn il-Kristjani f'żoni ta' popolazzjoni Musulmana f'Mandera f'Novembru/Diċembru 2014, il-President Uhuru Kenyatta keċċa u biddel il-Ministru għall-Intern u l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija.

Spiss it-tweġiba tal-Gvern għan-nuqqas ta' sigurtà hija waħda ħarxa, b'impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE qiegħda tieħu sehem attiv fi gruppi ta' donaturi u l-gvern għall-Ġlieda Kontra l-Estremità Vjolenti. Minkejja nuqqasijiet serji fis-settur tas-sigurtà u minkejja li l-UE u d-donaturi l-oħra ħeġġew il-kooperazzjoni/djalogu fuq is-sigurtà mal-Gvern tal-Kenja, dan s'issa ma wera l-ebda tmexxija f'dan ir-rigward.

Fuq il-livell reġjonali - il-Kenja u l-Qarn tal-Afrika - u fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu l-UE qed tappoġġa taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi t-tliet programmi li ġejjin li jammontaw għal EUR 19 miljun: it-Tisħiħ tar-Reżiljenza għall-Vjolenza u l-Estremità (EUR 2 miljuni); il-Ġlieda Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu u Kontra l-Ħasil tal-Flus (EUR 6 miljuni), u Proġett ta' Infurzar tal-Liġi Reġjonali Kontra t-Terroriżmu (EUR 11-il miljun).

Il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, Gilles de Kerchove, żar il-Kenja fil-kuntest tas-Summit tal-UA dwar it-Terroriżmu li sar f'Nairobi fit-2 ta' Settembru 2014.

6.3.7. Madagascar

Wara elezzjonijiet kredibbli, li saru matul l-aħħar kwart tal-2013 u ġew osservati mill-UE, mill-bidu tal-2014 reġa' hemm ordni kostituzzjonali fil-Madagascar. Il-President, l-Assemblea Nazzjonali u l-Gvern leġittimi ġodda kienu kollha fil-kariga f'April 2014 u, bħala konsegwenza, l-UE ddeċidiet, fid-19 ta' Mejju 2014, li tirrevoka l-miżuri xierqa adottati skont l-art. 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u terġa' tibda kooperazzjoni sħiħa mal-Madagascar.

Fil-qasam tas-sigurtà marittima u l-piraterija, il-Madagascar wera interess li jżid il-kooperazzjoni tiegħu mal-UE fi tliet aspetti: wera rieda għal ftehim ta' trasferiment ta' pirati suspettati maqbuda mill-UE, wera wkoll interess f'taħriġ abbord bastimenti tal-EUNAVFOR u, fl-aħħar nett, ippreżenta l-kandidatura tiegħu biex jospita Ċentru Reġjonali ta' Fużjoni ta' Informazzjoni Marittima u jinsab lest li jagħmel proposta b'mod konġunt mas-Seychelles.

6.3.8. Mauritius

Il-Mauritius kompla jkollu rwol attiv fil-ġlieda kontra l-piraterija fl-Oċean Indjan tal-Punent, b'mod partikolari permezz tal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan (IOC), appoġġat mill-Programm reġjonali ta' Sigurtà Marittima (MASE) tal-Kummissjoni Ewropea. Fl-2011 l-UE kkonkludiet ftehim ta' trasferiment ta' pirati ssuspettati ma' Mauritius. Abbażi ta' dan il-ftehim, fil-25 ta' Jannar 2013 12-il pirata Somali suspettat ġew ittrasferiti għall-ewwel darba mill-EUNAVFOR lejn Mauritius. Il-proċess tagħhom beda fis-7 ta' Ottubru 2013, u l-Qorti Intermedja ta' Mauritius ħelset is-suspetti f'verdett mogħti fis-6 ta' Novembru 2014. Sar appell immedjat kontra s-sentenza.

Ġie implimentat qafas bejn l-UE u Mauritius dwar it-trasferiment mill-ġdid ta' pirati kkundannati biex jiskontaw is-sentenza tagħhom fis-Somalja. Dan il-qafas ser jgħin biex tinbena saħansitra aktar fiduċja fis-sħubija stabbilita u l-mudell strateġiku tagħna fejn il-fluss tal-pirati jiġi segwit mit-trasferiment sakemm il-pirati jmorru lura lejn pajjiżhom.

6.3.9. Seychelles

Is-Seychelles huwa sieħeb attiv ħafna tal-UE fil-ġlieda kontra l-piraterija. Skont il-Ftehim ta' Trasferiment (FT) bejn l-UE u s-Seychelles, l-EUNAVFOR ittrasferew pirati lill-awtoritajiet tas-Seychelles għal proċess u prosekuzzjoni.

Il-missjoni tal-UE EUCAP NESTOR kompliet tipprovdi assistenza lill-awtoritajiet tas-Seychelles biex jissaħħu s-sigurtà marittima u l-kapaċitajiet ta' governanza tal-pajjiż, f'April 2014 permezz ta' assistenza teknika u taħriġ speċifiċi biex jappoġġaw lil-Forza tal-Ajru tas-Seychelles. Il-missjoni żviluppat sinerġiji mal-unità ta' *kontra l-pirati* tal-IOC appoġġata mill-Programm reġjonali ta' Sigurtà Marittima (MASE) tal-Kummissjoni Ewropea. Il-missjoni EUCAP Nestor qiegħda tneħħi gradwalment attività mis-Seychelles biex tiffoka aktar fuq is-Somalja.

Is-Seychelles qiegħda tippromponi li tospita ċentru ta' koordinazzjoni operattiva reġjonali għas-sigurtà marittima biex jiġġielel il-piraterija u l-kriminalità marittima, flimkien mal-Madagascar li huwa lest jospita ċentru reġjonali ta' fużjoni ta' informazzjoni marittima.

Is-Seychelles fit-8-9 ta' Frar 2015 ospitat ukoll it-Tieni laqgħa Ministerjali dwar is-Sikurezza u s-Sigurtà Marittima fl-Afrika, organizzata mill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana. Il-laqgħa kienet segwitu għal-Laqqgħa Ministerjali dwar is-Sigurtà Marittima u l-Piraterija fil-Qarn tal-Afrika u l-Golf tal-Guinea organizzata mill-UE (RGħ/VP) fi Brussell fl-1 ta' April 2014.

6.3.10. Tanzanija

L-UE u t-Tanzanija kellhom djalogu politiku f'Marzu 2014, skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, fejn ġew indirizzati wkoll is-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani u l-istazzjonament ta' truppi tat-Tanzanija fis-Sudan t'Isfel bħala parti mill-missjoni ta' żamma tal-paċi tan-NU. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tat-Tanzanija, Bernard Membe ħa sehem fl-avveniment dwar is-sigurtà marittima ospitat mir-RGħ/VP fi Brussell fl-1 ta' April 2014, li fil-marġini tiegħu l-UE u t-Tanzanija ffirmaw ftehim dwar il-kundizzjonijiet tat-trasferiment ta' pirati suspettati mill-EUNAVFOR lejn it-Tanzanija. Wara dan l-avveniment, l-UE, flimkien mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, eżaminat il-miżuri ta' appoġġ meħtieġa għall-katina ġudizzjarja fit-Tanzanija, bil-ħsieb li tindirizzahom permezz tal-Programm ta' Sigurtà Marittima (MASE) reġjonali tal-UE. Il-President Jakaya Kikwete ħa sehem fis-Summit bejn l-UE u l-Afrika fi Brussell f'April 2014, u kellu diskussjonijiet bilaterali mal-President José Manuel Barroso tal-Kummissjoni Ewropea, fejn issemmwew ukoll kwistjonijiet politiċi reġjonali. F'Novembru, is-SEAE rċieva delegazzjoni ta' rappreżentanti ċivili u militari ta' livell għoli tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant. F'din l-okkażjoni l-UE qasmet mal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant l-esperjenzi tagħha fl-iżvilupp tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, kooperazzjoni ta' difiża multilaterali. Id-delegazzjoni tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant żaret ukoll l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

L-Uffiċċju tal-Pajjiż ta' EUCAP Nestor f'Dar es Salaam kompli jwettaq attivitajiet ferm apprezzati ta' bini tal-kapaċità mal-pulizija marittima, il-flotta, l-awtoritajiet marittimi ċivili u s-settur ġudizzjarju, fosthom dawk fiż-Żanżibar, matul l-2014. Il-missjoni EUCAP Nestor qiegħda titneħħa gradwalment mit-Tanzanija biex tiffoka aktar fuq is-Somalja.

6.3.11. Uganda

L-Uganda kompliet taqdi rwol influwenti fir-reġjun tagħha matul l-2014. Hija baqgħet il-kontributor prinċipali ta' truppi għall-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), billi pprovdiet kontinġent ta' madwar 6,800 suldat.

L-Uganda kompliet tkun ta' objettiv għall-Al-Shabaab minħabba r-rwol tagħha fis-Somalja.

L-Uganda kompliet ukoll taqdi rwol importanti fit-Task Force Reġjonali tal-Unjoni Afrikana (AURTF) li mqabbdha telimina l-Armata ta' Reżistenza tal-Mulej. Din it-Task Force kienet ikkmandata minn uffiċjal Ugandiż u madwar 1,500 truppa servew mat-Task Force matul l-2014. L-UE pprovdiet appoġġ finanzjarju kemm lill-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja kif ukoll lit-Task Force Reġjonali tal-Unjoni Afrikana.

Wara li faqqgħu l-ostilitajiet fis-Sudan t'Isfel f'Diċembru 2013, l-Uganda bagħtet truppi lejn is-Sudan t'Isfel. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Affarijiet Barranin wera tħassib dwar kwalunkwe intervent estern li jista' jiggrava t-tensjonijiet politiċi u militari fis-Sudan t'Isfel. Il-Kunsill fakkar fl-involviment tal-partijiet tas-Sudan t'Isfel biex iċaqalqu jew gradwalment jirtiraw il-forzi alleati mistiedna miż-żewġ naħat, u ħeġġeġ lill-mexxejja reġjonali jkomplu l-kooperazzjoni tagħhom taħt il-patroċinju tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp.

Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ugandiż f'Diċembru 2013 ta' Abbozz ta' Liġi kontra l-Omosesswalità, li introduċa reati kriminali ġodda li jikkonċernaw l-orjentazzjoni sesswali, ir-Rappreżentant Għoli, fit-18 ta' Frar, ħarġet stqarrija li fiha esprimiet tħassib kbir dwar il-promulgazzjoni imminenti ta' leġislazzjoni drakonjana biex tiġi kriminalizzata l-omosesswalità u kkundannat id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali.³⁶ Wara li l-President Museveni approva l-Abbozz ta' Liġi fl-24 ta' Frar, l-Att Kontra l-Omosesswalità sar liġi. Fl-4 ta' Marzu, ir-Rappreżentant Għoli ħarġet stqarrija f'isem l-Unjoni Ewropea li fiha kkundannat l-adozzjoni tal-Att Kontra l-Omosesswalità. L-UE talbet lill-Uganda tiżgura l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u li ma ssirx diskriminazzjoni f'konformità mal-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.³⁷ L-UE sussegwentement kellha djalogu politiku msaħħaħ mal-awtoritajiet Ugandiżi skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou biex tiddiskuti l-Att, li tħassar mill-Qorti Kostituzzjonali f'Awwissu.³⁸

³⁶ Fis-16 ta' Jannar il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tikkundanna l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità u talbet lill-Presidenti Yoweri Museveni ma jiffirmax l-Abbozz ta' Liġi (2014/2517(RSP)).

³⁷ Fil-11 ta' Marzu, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tikkundanna l-adozzjoni tal-Att u li tappella għall-ftuħ ta' konsultazzjonijiet mal-Uganda skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou (2014/2634(RSP)).

³⁸ Fis-7 ta' Lulju, il-Gvern tal-Uganda ħareġ dikjarazzjoni biex jiċċara l-intenzjonijiet tiegħu f'dan l-Att. L-istqarrija nnutat li l-ebda attività ta' individwi jew gruppi mhu ser tiġi affettwata mill-Att u ssottolinja li l-gvern tal-Uganda ser ikompli jiżgura trattament ugwali tal-persuni kollha. Fl-1 ta' Awwissu, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Uganda ħassret l-Att għal raġunijiet proċedurali.

6.4. Afrika Ċentrali

Minbarra t-theddid għas-sigurtà li hemm bħalissa fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, l-Afrika Ċentrali qed tħabbat wiċċha ma' sfidi biex tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni reġjonali u tikseb żvilupp demokratiku u ekonomiku sod. L-UE hija ddedikata għal sħubija dejjiema mar-reġjun: b'kollox, il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet reġjonali fl-Afrika Ċentrali, li hija magħmula minn għaxar pajjiżi, ser jirċievu qrib EUR 3 biljuni ta' appoġġ mill-UE matul il-perijodu 2014-2020. Dan ser jinkludi appoġġ għall-organizzazzjonijiet reġjonali, fosthom dawk bħall-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali u l-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar li għandhom mandat fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. L-UE ser tiżgura wkoll koerenza fl-attivitajiet tagħha fl-Afrika Ċentrali ma' inizjattivi bħall-Istrateġija għas-Sahel u l-Istrateġija għall-Golf tal-Guinea, speċjalment minħabba l-ħtieġa li jiġi ttrattat theddid transkonfinali bħall-piraterija marittima u r-ribelljoni ta' Boko Haram. Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) UE-Afrika Ċentrali ġie rratifikat mill-Kamerun fit-22 ta' Lulju 2014 u l-applikazzjoni proviżorja bdiet fl-4 ta' Awwissu 2014. In-negozjati għal FSE sħiħ reġjonali ddewmu minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u huwa mistenni li jibdew minnufih.

6.4.1. Ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Wara l-firma tal-Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni għar-RDK u r-Reġjun fi Frar 2013, l-UE baqgħet parti kkonċernata importanti fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' impenji nazzjonali, reġjonali u internazzjonali tal-Qafas.

Il-Koordinatur ta' Livell Għoli tal-UE għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar, Koen Vervaeke, kompli jaqdi rwol attiv fil-grupp ta' Mibgħuta Speċjali għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Fil-programmazzjoni nazzjonali u reġjonali tal-11-il FEŻ, l-UE ddedikat riżorsi sostanzjali biex tħares kemm l-impenji nazzjonali kif ukoll dawk reġjonali tal-Qafas għall-Paċi, is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni F'Marzu 2014, il-Kummissarju għall-Iżvilupp, Andris Piebalgs, ħabbar EUR 620 miljun ta' appoġġ għdid tal-UE għar-RDK u EUR 460 miljun għar-Rwanda għall-perijodu 2014-2020, matul vjaġġ fir-RDK u r-Rwanda. F'Lulju, tħabbret ċifra ta' EUR 432 miljun għal assistenza lill-Burundi matul l-istess perijodu. Dawn l-ammonti jirrapreżentaw żieda sinifikanti ta' fondi meta mqabbla meta snin imgħoddija.

F'Lulju 2014, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, li jikkonfermaw id-determinazzjoni tal-UE li tkompli tikkontribwixxi għall-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp fir-reġjun.

Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Fl-2014, l-UE segwiet mill-qrib it-tħejjijiet għall-elezzjonijiet lokali tal-2015, filwaqt li tqis li l-elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali għandhom iseħħu sa tmiem l-2016 f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali. L-UE għamlet bosta stqarrijiet pubbliċi u démarches mal-awtoritajiet Kongoliżi biex tqajjem tħassib dwar it-tqegħid fil-mira ta' opposenti politiċi u attivisti politiċi fil-pajjiż. Bħala segwitu għall-elezzjonijiet leġislattivi u presidenzjali tal-2011, l-UE bagħtet missjoni għar-RDK mmexxija mill-Membru tal-Parlament Ewropew Mariya Gabriel f'Ġunju 2014 biex tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali 2011.

F'Ottubru 2014, il-premjju Sakharov ngħata mill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlament Ewropew lit-Tabib Denis Mukwege għall-ġlieda tiegħu għall-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa fir-RDK. Il-ġinekologu ta' 59 sena waqqaf l-Isptar Panzi f'Bukavu fl-1998 fejn huwa għadu jittratta vittmi ta' vjolenza sesswali li jkunu ndarbu serjament.

L-UE għadha attur ewlieni tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fir-RDK bl-użu tal-firxa ta' strumenti tagħha (missjonijiet tal-PSDK, l-Istrument għall-Istabbiltà u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp). Fir-RDK intbagħtu żewġ missjonijiet tal-PSDK dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà: EUSEC RD Congo (dedikata għar-riforma tal-armata) u EUPOL RD Congo (dedikata għar-riforma tal-pulizija). Sat-30 ta' Settembru 2014, meta nġalqet EUPOL RD Congo, il-Missjoni kompliet tappoġġa r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fil-qasam tal-pulizija u r-rabta tagħha mas-sistema tal-ġustizzja. Fuq livell strateġiku, il-Missjoni baqgħet tagħti appoġġ lill-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar ir-riforma tal-pulizija, imwettqa mill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà u tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża, l-iktar permezz tat-tnejjija tal-qafas leġislattiv u d-digriet ta' implimentazzjoni rilevanti, filwaqt li għenet ukoll fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Pulizija.

F'koordinazzjoni mal-isforzi lokali u internazzjonali, EUPOL DRC ikkontribwixxiet għat-titjib tal-prestazzjoni tal-Pulizija permezz ta' mentoring, il-monitoraġġ u konsulenza. EUPOL DRC appoġġat ukoll il-ġlieda kontra l-impunità fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u l-vjolenza sesswali, filwaqt li saħħet l-attivitajiet tagħha wkoll fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal. L-appoġġ għar-riforma tal-pulizija qed ikompli fil-qafas tal-FEŻ, b'attenzjoni kontinwa lill-kontabilità pubblika u l-kwalità tas-servizz.

Għal EUSEC huwa previst perijodu ta' tmien gradwali. F'Settembru 2014, il-Kunsill estenda l-mandat tal-Missjoni EUSEC RD Congo sat-30 ta' Ġunju 2015. Baġit ta' EUR 4.6 miljun huwa disponibbli sat-30 ta' Lulju 2015. Sat-30 ta' Ġunju 2016 hija ppjanata mikromissjoni biex tkompli b'xi aspetti ċentrali tar-riforma tal-armata, bil-għan li ssir transizzjoni għal approprjazzjoni lokali sħiħa. Fl-istess ħin u matul l-2015, l-UE ser tibda l-appoġġ tagħha għal bosta oqsma tar-riforma tal-armata fir-RDK permezz tal-11-il FEŻ.

Matul l-2014, l-UE kompliet tappoġġa l-proċessi ta' bini ta' paċi u żvilupp fil-Burundi. L-UE kkonċentrat fuq l-għoti ta' appoġġ lill-isforzi tal-Burundi biex jiżgura proċess elettorali inklużiv u fl-iżvilupp ta' ambjent li jwassal għall-elezzjonijiet fl-2015, fost l-oħrajn fuq bażi ta' djalogu politiku regolari u fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jħaddmu l-libertajiet fundamentali.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Lulju 2014, il-Kunsill issottolinja li l-elezzjonijiet tal-2015 fil-Burundi ser ikunu opportunità kruċjali biex jiġi kkonsolidat il-progress li sar dan l-aħħar u biex jingħata kontribut għal ġejjieni aktar b'saħħtu.³⁹

L-UE ħarġet stqarrijiet (tnejn lokali f'Mejju u Settembru u tnejn mill-Kelliem tar-RGħ/VP f'Marzu u Ġunju). Dawn kienu jkopru t-tensjoni politika dejjem akbar u l-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet politiċi u ċivili; il-ħtieġa li jiġu mħarsa d-drittijiet ta' daww detenuti, b'referenza għad-detenzjoni ta' Pierre Claver Mbonimpa u l-ħtieġa għal ġustizzja indipendenti; u l-passi pożittivi li ttieħdu bi tħejjija għall-elezzjonijiet, bħall-firma tal-Kodiċi ta' Kondotta u d-djalogu politiku fil-qafas tal-Pjan Direzzjonali għall-elezzjonijiet tal-2015.

L-UE kellha laqgħat ta' djalogu politiku (skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou) mal-Burundi fl-14 ta' Marzu, il-5 ta' Ġunju, is-17 ta' Ottubru u d-9 ta' Diċembru. Matul dawn il-laqgħat l-UE tenniet il-ħtieġa li jiġu organizzati elezzjonijiet ħielsa, ġusti u trasparenti fl-2015; li tiġi promossa parteċipazzjoni miftuħa u inklużiva tal-partiti u l-atturi politiċi kollha (kif miftiehem fil-Pjan Direzzjonali għall-elezzjonijiet iffirmit mill-partiti kollha); li jiġu mħarsa u promossi d-drittijiet politiċi u ċivili, partikolarment il-libertà tal-espressjoni u l-assemblea, li tiġi żgurata sistema ġudizzjarja indipendenti u li tiġi miġġielda l-impunità. L-iżvilupp ekonomiku u soċjali ġie integrat ukoll fid-djalogu politiku.

³⁹ Fit-18 ta' Settembru 2014, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-Burundi: Din ikkundannat id-detenzjoni tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Pierre Claver Mbonimpa. Appella wkoll lill-gvern tal-Burundi biex iħares l-obbligi internazzjonali tiegħu marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, u wera t-tħassib tiegħu dwar l-impunità, id-detenzjoni arbitrarja u s-sitwazzjoni soċjoekonomika (2014/2833(RSP)).

L-UE u l-Burundi ħadmu wkoll fuq impenji reċiproċi li kienu saru fil-'Conférence des partenaires du développement du Burundi' fl-2012 f'oqsma marbuta mat-tnaqqis tal-faqar, l-appoġġ għad-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Rwanda

Fis-7 ta' April, l-20 anniversarju tal-bidu tal-ġenoċidju, ir-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem Lambrinidis irrappreżenta l-UE fiċ-ċerimonji ta' tifikira f'Kigali. Ir-RGħ/VP ħarġet stqarrija fisem l-UE għall-istess okkażjoni. F'Marzu, il-Kummissarju għall-Iżvilupp Andris Piebalgs żar ir-Rwanda.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Lulju 2014, il-Kunsill laqa' l-progress li sar mir-Rwanda fuq għadd ta' riformi strutturali, speċjalment fi ħdan l-isfera ekonomika, u għaraf il-kisbiet fir-rikonċiljazzjoni matul l-20 sena mill-ġenoċidju tal-1994 'l hawn. Madankollu, l-UE nnutat it-tħassib kontinwu tagħha dwar ir-restrizzjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom il-partiti politiċi, fosthom it-tnaqqis fl-isparju politiku, u dwar rapporti ta' għajbien u azzjonijiet kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili. L-UE ħeġġet lir-Rwanda ssegwi b'mod konsistenti l-impenn tagħha lejn id-demokratizzazzjoni, tkompli tiftaħ l-isparju politiku, tagħti aktar spazju lis-soċjetà ċivili indipendenti u b'mod partikolari d-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u tippermetti aktar libertà tal-espressjoni lis-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini kollha sabiex tiffaċilita parteċipazzjoni demokratika aktar sħiħa.

F'Diċembru l-UE (Kap tad-Delegazzjoni flimkien mal-Kapijiet residenti tal-Missjoni tal-UE) kellha djalogu politiku skont l-Artikolu 8 mar-Rwanda, fejn reġġet ikkonċentrat fuq kwistjonijiet ta' ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem u spazju demokratiku dejjem iżgħar, kif ukoll fuq kwistjonijiet ta' stabbiltà reġjonali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ltaqgħu ma' rappreżentanti kemm tal-koalizzjoni tal-gvern kif ukoll tal-partiti tal-oppożizzjoni fir-Rwanda. Fost kwistjonijiet oħra l-UE ssorveljat id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-partiti politiċi li kienu qed jippruvaw jirreġistraw ruħhom fir-Rwanda. Bil-ħsieb li jiksbu aktar libertà tal-espressjoni u mezzi tax-xandir aktar indipendenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw ukoll il-ħolqien tal-korp ta' awtoregolamentazzjoni tal-mezzi tax-xandir, il-Kummissjoni tal-Mezzi tax-Xandir tar-Rwanda.

L-UE u l-Istati Membri tagħha komplew jissorveljaw riformi legali u wkoll proċessi ġudizzjarji prominenti bħal dawk kontra Kizito Mihigo, il-Ġeneral irtirat Frank Rusagara, il-Kurunell Tom Byabagamba u Joel Mutabazi.

6.4.2. Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA)

Matul l-2014, l-UE baqgħet involuta b'mod attiv flimkien ma' sħab internazzjonali biex iġġib l-istabbiltà fil-pajjiż u tappoġġa t-transizzjoni politika approvata mir-reġjun u s-sħab internazzjonali, bil-għan li jkun hemm irkupru sostenibbli mill-kriżi. L-UE organizzat Mini-Summit dwar ir-RĊA fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Afrika fit-2 ta' April li kellu parteċipazzjoni ta' livell għoli, inkluż is-SĠNU Ban Ki-moon.

Bħala parti mit-tweġiba komprensiva għall-kriżi tar-RĊA, l-UE mmobilizzat l-istrumenti kollha disponibbli, fosthom missjoni militari tal-PSDK. Fl-1 ta' April 2014, il-Kunsill ta bidu għall-operazzjoni EUFOR RCA sabiex jgħin, f'Bangui, l-isforzi internazzjonali biex jiġi pprovdut ambjent sikur u biex jitħarsu l-aktar popolazzjonijiet f'riskju. Il-mandat ta' din l-operazzjoni ta' transizzjoni ġie estiż mill-Kunsill sal-15 ta' Marzu 2015 sabiex jiġi żgurat li r-responsabbiltà tingħadda mingħajr xkiel lill-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-NU għall-Istabbilizzazzjoni, li mistennija li tilħaq il-kapaċità operazzjonali sħiħa tagħha sa April.

L-UE tat attenzjoni speċifika lill-ħtieġa li tiġi miġġielda l-impunità u li jerġa jiġi stabbilit l-istat tad-dritt. Minħabba l-persistenza ta' tensjonijiet komunitarji u l-qerda totali tan-nisġa soċjali, l-UE qed tappoġġa wkoll inizzjattivi, spiss bil-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet transizzjonali, biex jiġi promoss id-djalogu, it-tnaqqis tat-tensjonijiet u l-bini ta' fiduċja bejn il-komunitajiet. Barra minn hekk, l-UE trawwem inizzjattivi ta' djalogu politiku li jistgħu jikkontribwixxu għal soluzzjoni dejjiema għall-kriżi tar-RĊA. Fil-15 ta' Lulju 2014, l-UE nediet ukoll l-ewwel fond fiduċjarju multidonatur għall-iżvilupp li qatt kellha, b'appoġġ għar-RĊA, li għandu l-għan li jiffaċilita t-transizzjoni minn tweġiba ta' emerġenza għal għajjnuna għall-iżvilupp aktar fit-tul. Sa tmiem l-2014, il-'Fonds Bekou', li huwa l-isem tal-fond fiduċjarju, irċieva EUR 50 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands.

Il-Kummissarju Andris Piebalgs żar ir-RĊA f'Marzu 2014. Il-Kummissarju Kristalina Georgieva vvjaġġat darbtejn lejn ir-RĊA, u lejn pajjiżi ġirien (il-Kamerun, iċ-Ċad) biex tindirizza l-impatt reġjonali tal-kriżi.

F'Novembru 2014, il-Kunsill għaraf ukoll il-valur miżjud ta' rwol potenzjali ieħor tal-UE fir-riforma tas-settur tas-sigurtà, b'appoġġ għall-isforzi tan-NU u flimkien mal-parteċipazzjoni lokali, u adotta kunċett ta' maniġġar ta' kriżijiet għal missjoni konsultattiva militari ħafifa tal-PSDK. Il-Kunsill adotta wkoll Konklużjonijiet dwar ir-RĊA fil-15 ta' Diċembru 2014 li bagħtu messaġġi ċari ta' appoġġ lill-gvern transizzjonali attwali u l-progress tiegħu.

L-UE u l-Istati Membri żiedu sostanzjalment l-involvement umanitarju tagħhom fir-RĊA fl-2014 u ħadmu mill-qrib man-NU u aġenziji oħra biex jimmassimizzaw l-assistenza fuq il-post. Il-Kummissarju Kristalina Georgieva u l-USG tan-NU Valerie Amos organizzaw laqgħa ministerjali konġunta dwar is-sitwazzjoni umanitarja tar-RĊA fi Brussell fl-20 ta' Jannar li matulha EUR 366 miljun ġew imwiegħda għal interventi ta' salvataġġ u għajjnuna fuq medda qasira sa medja ta' żmien.

6.5. In-Nofsinhar tal-Afrika

Il-Laqgħa annwali tal-Uffiċjali Għolja (SOM) tad-Djalogu Politiku UE-SADC saret fi Brussell fis-16 ta' Ġunju 2014, biex jiġu diskussi l-kooperazzjoni u l-pjan direzzjonali lejn il-laqgħa fl-2015 tad-Djalogu Politiku Ministerjali. Il-partijiet qablu li jaħdmu flimkien biex jindirizzaw sfidi possibbli għall-paċi u s-sigurtà u l-iżvilupp fir-reġjun, inklużi l-proċessi elettorali, is-sigurtà marittima, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-integrazzjoni ekonomika reġjonali.

Fil-15 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp tal-EPA tas-SADC EPA kkonkludew Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) u n-negozjaturi ewlenin inizjalaw it-test. Din il-kisba ntlagħhet tajjeb, billi tfixxer li tista' tiġi evitata distorsjoni fin-negozju għall-Botswana, in-Namibja u s-Swaziland li kienu ser jitilfu l-aċċess għas-suq tal-UE, suq mingħajr dazju u mingħajr kwoti. Il-ftehim ikopri l-kummerċ f'merkanzija, kapitolu sostanzjali dwar l-iżvilupp sostenibbli, klawnsoli rendez-vous, dwar is-servizzi u l-investment, u komponent komprensiv dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

6.5.1. Angola

L-ewwel djalogu politiku Ministerjali bejn l-UE u l-Angola Triq Konġunta 'l Quddiem sar fi Brussell fis-17 ta' Ottubru 2014. L-elezzjoni ta' Angola bħala membru mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) lejlet il-laqgħa Ministerjali fi Brussell tagħmel lill-pajjiż sieħeb siewi ma' min jiġu diskussi kwistjonijiet globali, speċjalment il-paċi u s-sigurtà fir-reġjun. L-Angola assumiet il-Prezidenza tal-Konferenza Internazzjonali tar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u kienet il-Viċi President tal-Proċess ta' Kimberley minn Jannar 2014.

L-UE kompliet ukoll tagħti attenzjoni u appoġġ lill-progress tal-Angola fil-kuntest tal-Eżami Perjodiku Universali tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-vjolenza fuq in-nisa u t-tfal, u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji kienu fil-qalba tar-rakkomandazzjonijiet. L-Angola ġiet mistiedna tallinja leġislazzjoni nazzjonali tagħha mal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali sabiex tirtatifikah.

6.5.2. Namibja

Il-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika komprensiv f'Lulju 2014 ma' diversi pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) kienet fiċ-ċentru tar-relazzjonijiet tal-UE man-Namibja. Il-Ftehim ikkontribwixxa għal aktar titjib tar-relazzjonijiet diġà tajbin bejn l-UE u n-Namibja. It-tmexxija fil-gvern ġiet ikkonfermata b'mod qawwi fl-elezzjonijiet tat-28 ta' Novembru 2014: Hage Geingob ġie elett President b'87% tal-voti u l-partit SWABO rebaħ bi 80% tal-voti.

6.5.3. Botswana

Il-Botswana hija inkluda fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika konkluż f'Lulju 2014 mal-pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika. Id-djalogu tal-UE mal-Botswana huwa f'ħafna aspetti mudell għas-sħubija bejn l-UE u l-Afrika. It-tmexxija tal-President Ian Khama ġiet ikkonfermata fl-elezzjonijiet li saru fl-24 ta' Ottubru iżda l-Partit Demokratiku tal-Botswana fil-gvern għall-ewwel darba rebaħ b'inqas minn 50% tal-voti (47.6%). Il-partit tal-oppożizzjoni Umbrella for Democratic Change kiseb 30% tal-vot tal-poplu.

6.5.4. Żambja

L-UE u ż-Żambja kellhom djalogu politiku f'Marzu 2014, skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, li għalih attendew bosta Ministri ewlenin tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Barranin u diversi Viċi Ministri. Issemmew kwistjonijiet sensittivi, bħad-diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Att tal-NGOs u kampanji pubbliċi kontra l-LGBTI. Lejn il-bidu t'April, il-President taż-Żambja Michael Sata attenda s-Summit bejn l-UE u l-Afrika fi Brussell, fejn iltaqa' bilateralment mal-President Barroso u fejn l-UE għarfet l-istabbiltà politika fiż-Żambja u l-interess tagħha li tagħmel investimenti.⁴⁰

⁴⁰ Mal-mewt tal-President Sata f'Ottubru, iż-Żambja kellha elezzjonijiet każwali fl-20 ta' Jannar 2015. Il-President il-ġdid (Edgar Lungu) ser ikun fil-kariga għall-perijodu Presidenzjali li baqa' sat-tielet kwart tal-2016.

6.5.5. Żimbabwe

Fi Frar, il-Kunsill eżamina u emenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK u ssospenda l-miżuri restrittivi li fadal kontra ż-Żimbabwe li ttieħdu skont il-PESK, bl-eċċezzjoni tal-Embargo tal-Armi u żewġ individwi u entità waħda. Huwa estenda wkoll il-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE sal-1/11/2014, id-data tal-għeluq tal-miżuri xierqa meħuda skont il-ftehim ta' Cotonou. Stqarrija mir-RGħ/VP li nħarġet f'dik l-okkażjoni indikat li dan kien pass 'il quddiem fir-relazzjonijiet UE-Żimbabwe għalkemm tenniet il-ħtieġa li jsir progress f'għadd ta' oqsma. Barra minn hekk, dawk id-deċiżjonijiet ippermettew il-progress bil-programmazzjoni tal-11-il FEŻ.

6.5.6. Afrika t'Isfel

Minħabba d-densità tal-attivitajiet politiċi u elettorali matul is-sena kemm fl-Afrika t'Isfel (elezzjonijiet ġenerali) kif ukoll fl-UE (elezzjonijiet tal-PE u ħatra ta' tmexxija ġdida tal-UE), iż-żewġ naħat qablu li jmexxu s-seba' summit annwali tagħhom.

Madankollu, komplew il-kuntatti diplomatiċi intensi u laħqu l-qofol tagħhom bil-laqgħa bejn ir-RGħ/VP u l-Ministru tar-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Afrika t'Isfel Maite Nkoana-Mashabane fil-marġini tas-Summit bejn l-UE u l-Afrika f'April.

Saret ukoll ġimġha ta' konsultazzjonijiet fuq il-livell tal-uffiċjali għolja fi Brussell f'Novembru. Din il-ġimġha kienet tinkludi s-sitt Forum ta' Djalogu Politiku u dwar is-Sigurtà bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel li ddiskuta diversi kwistjonijiet Afrikani u internazzjonali ta' tħassib komuni. Il-Forum ta' Djalogu Politiku u dwar is-Sigurtà kien preċedut mill-ewwel laqgħa tas-sottokomitat marittimu bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel li ddiskuta toroq differenti għall-kooperazzjoni u ppermetta skambju ta' fehmiet dwar l-istrateġiji ta' sigurtà marittima rispettivi.

L-14-il Kunsill ta' Kooperazzjoni Konġunt f'Novembru ta opportunità lit-tmintax-il djalogu u laqgħa settorjali formali u informali biex jirrappurtaw dwar l-attivitajiet annwali tagħhom u jippreżentaw il-prijoritajiet futuri tagħhom.

Sar ukoll it-tieni Djalogu formali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din it-tieni sessjoni kienet opportunità għall-UE u l-Afrika t'Isfel biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni u tħassib reċiproku, fosthom il-kooperazzjoni f'fora multilaterali kif ukoll kwistjonijiet domestiċi. Fil-marġini tagħha sar seminar tas-soċjetà ċivili li laqqa' madwar għoxrin organizzazzjoni mill-UE u l-Afrika t'Isfel.

Il-konsultazzjonijiet intensivi dwar l-isfidi domestiċi u internazzjonali u dwar il-progress li nkiseb fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li jkopru l-kooperazzjoni politika, għas-sigurtà, għall-kummerċ u għall-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem taw nifs ġdid lis-Sħubija Strateġika.

Djalogu dwar kwistjonijiet ta' negozju u investiment sar matul l-2014, dwar il-FSE, l-ostakoli għall-kummerċ u l-qagħda tal-investiment fl-Afrika t'Isfel.

6.5.7. Swaziland

Is-Swaziland hija inkluża fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika li dwaru ġew konklużi n-negozjati f'Lulju 2014 mal-pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika. Dan jiżgura l-esportazzjoni bla dazju taz-zokkor lejn l-UE.

L-attenzenza għad-Djalogu Politiku bejn l-UE u s-Swaziland uriet l-interess miż-żewġ naħat li jinvolvu lilhom infushom b'mod aktar konsistenti u intensiv fis-Swaziland. Saret diskussjoni onesta dwar kwistjonijiet sensittivi bħall-Proċess Elettorali u l-Partiti Poliċi, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-Piena tal-Mewt, l-Istat tad-Dritt, il-Libertà tal-Mezzi tax-Xandir u l-Libertà tal-Espressjoni u Kwistjonijiet marbuta mas-Sessi.

6.5.8. Lesoto

Il-Lesoto, li iġenerali huwa pajjiż relattivament stabbli, għadda minn taqlib politiku konsiderevoli matul l-2014. Attentat ta' "coup d'etat" fit-30 ta' Awwissu 2014 ipprovoka instabbiltà serja fis-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà, fejn il-Prim Ministru Thomas Thabane ħarab temporanjament mill-pajjiż.

L-UE kienet qed issegwi mill-qrib id-deterjorament fis-sitwazzjoni politika u tas-sigurtà fil-Lesoto u qed tiżgura kuntatti mill-qrib ma' atturi ewlenin fil-pajjiż u r-reġjun tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika.

L-UE ilha tappoġġa l-isforzi tal-Faċilitatur tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika biex isolvi l-kriżi u qed tinvolvi ruħha mill-qrib biex tiddetermina kif l-aħjar tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lill-Faċilitatur u l-Missjoni ta' Osservazzjoni tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika, speċjalment fil-kuntest tal-elezzjonijiet il-ġodda li ġew ippjanati għat-28 ta' Frar 2015.

Il-Kummissarju għall-Iżvilupp Neven Mimica ltaqa' ma' delegazzjoni ta' livell għoli mil-Lesoto fit-3 ta' Novembru 2014 u kkonferma li l-UE tinsab dejjem lesta li tappoġġa l-isforzi tal-Gvern biex inaqqas il-faqar, jippermetti l-iżvilupp ekonomiku u jippromwovi r-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

6.5.9. Mozambique

L-Elezzjonijiet Ġenerali (Parlamentari, Presidenzjali, Provinċjali) saru fil-15 ta' Ottubru kif ippjanat. Il-proċess elettoralu kollu ġie segwit mill-qrib mill-UE, li nkoraggja it-trasparenza u l-inklużività, filwaqt li ħeġġet elezzjoni paċifika.

Intbagħtet ukoll Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE. Fis-17 ta' Ottubru, l-UE faħħret il-proċess ordnat iżda semmiet sensiela ta' nuqqasijiet u inċidenti, f'konformità mal-valutazzjoni preliminari tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE.

L-elezzjonijiet kienu preċeduti minn vjolenza politika dejjem akbar f'xi żoni tal-pajjiż. F'dan il-kuntest, sensiela ta' sessjonijiet ta' negozjar bejn il-gvern u l-partit ewlieni tal-oppożizzjoni, Renamo, laħqet il-qofol tagħha f'bidla kunsenswali tal-liġi elettorali, u l-firma ta' "memorandum ta' qbil" bil-għan li tiġi faċilitata r-riintegrazzjoni tal-milizzji ta' Renamo fis-settur tas-sigurtà u li tinfetħ aktar is-sistema politika fil-pajjiż.

Dan id-djalogu, it-tmim tal-vjolenza politika u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet li ntlaħqu ġew inkoraġġiti mill-UE u l-komunità internazzjonali.

6.5.10. Malawi

L-UE tat importanza kbira lill-elezzjonijiet tripartitiċi (presidenzjali, leġislattivi u lokali) tal-Malawi li saru f'Mejju. Żiedet l-appoġġ tagħha għall-proċess elettorali u bagħtet Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali. F'Settembru, il-Kummissarju Ewropew għall-Iżvilupp Andris Piebalgs iltaqa' mal-President Peter Mutharika fil-marġini tal-AĠNU fi New York u f'Ottubru mal-Ministru tal-Finanzi Goodall Edward Gondwe fil-laqgħa annwali tal-FMI/il-Bank Dinji f'Washington fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi. L-UE identifikat lill-Malawi bħala pajjiż pilota fl-Aġenda tal-UE għal Azzjoni fuq l-Appoġġ għad-Demokrazija, bil-għan li tinżied il-koerenza bejn l-istrumenti tal-UE u l-attivitajiet tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll biex jinftiehem aktar il-kuntest lokali, permezz ta' sħubija msaħħa mal-partijiet ikkonċernati kollha, fosthom il-gvern u s-soċjetà ċivili.

7. Kontinent Amerikan

7.1. Stati Uniti u Kanada

7.1.1. Stati Uniti

Relazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-UE u l-Istati Uniti kompliet matul l-2014, enfasizzata mis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti li sar fi Brussell fis-26 ta' Marzu. In-negozjati għas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) kienu prijorità politika u okkupaw post ċentrali fir-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, b'implikazzjonijiet strateġiċi usa' lil hinn mill-kummerċ u l-investment.

Kwistjonijiet marbuta mal-protezzjoni tad-data komplew jingħataw attenzjoni fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti, jgħidli sforzi biex jissaħħaħ il-qafas ta' Port Sikur għall-fluss ta' data personali mill-UE għal kumpanniji fl-Istati Uniti, kif ukoll in-negozjar ta' ftehim komprensiv biex jiġu rregolati l-iskambji ta' data personali fil-kuntest ta' kooperazzjoni tal-pulizija u għidizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. L-għarfien tal-ħtieġa li d-dritt għal rimedju għidizzjarju jiġi estiż għaċ-ċittadini tal-UE f'każijiet fejn ikun sar użu ħażin tad-data tagħhom, l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti ħadet l-impenn li taħdem għal leġislazzjoni għal dak il-għan.

Ir-RGħ/VP żammet relazzjoni effettiva u produttiva mas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, John Kerry, li ppermettiet kooperazzjoni mill-qrib u intensiva dwar ħafna kwistjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà. L-UE u l-Istati Uniti żammew koordinazzjoni mill-qrib fuq sanzjonijiet u pressjoni diplomatika biex ir-Russja tieħu impenn lejn il-qbil ta' waqfien mill-għlied ta' Minsk u bi twegħiba għall-annessjoni illegali tal-Krimea. Huma ħadmu wkoll ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali fuq għajjnuna għall-Ukrajna. L-UE u l-Istati Uniti żiedu l-isforzi biex ineħħu l-ISIL/Da'esh, fejn Stati Membri individwali għażlu li jieħdu sehem fil-koalizzjoni globali mmexxija mill-Istati Uniti, u biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-għlied barranin. Iż-żewġ imsieħba ddedikaw ukoll aktar enerġija biex jistabbilizzaw il-Balkani tal-Punent u jkollhom taħditiet mal-Iran.

Iż-żewġ laqgħat tal-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti saru fit-2 ta' April u t-3 ta' Diċembru u kellhom l-għan ġenerali li jindirizzaw is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Ukrajna u l-kwistjoni aktar mifruxa tas-sigurtà tal-enerġija fl-Ewropa, kif ukoll jikkordinaw l-azzjoni ta' koordinazzjoni fit-tibdil fil-klima inklużi tħejjijiet għall-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC f'Pariġi f'Diċembru 2015.

L-Istati Uniti kkooperaw mal-UE fuq l-attività tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PSDK), billi ssekondaw il-persunal tagħhom mal-missjonijiet ta' EUSEC RD Congo u EULEX KOSOVO u għenu f'operazzjonijiet oħra. Għalkemm l-Istati Uniti ma laqgħux l-istedina li jikkontribwixxu għal EUAM Ukraine, huma wiegħdu li jsaħħu l-kooperazzjoni fir-riforma tas-settur tas-sigurtà Ukren. Is-simpożju tal-PSDK tas-6 ta' Mejju f'Washington ta opportunità għal diskussjonijiet bilaterali sostantivi dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, partikolarment l-appoġġ għaż-żamma tal-paċi Afrikana. L-Istati Uniti kkollaboraw mill-qrib mal-UE waqt il-presidenza din is-sena tal-Grupp multilaterali ta' Kuntatt għall-Piraterija lil hinn mill-kosta tas-Somalja. Il-Persunal Militari tal-UE komplaw wkoll bit-taħditiet mal-Kmand tal-Ewropa tal-Istati Uniti rigward "Arranġamenti Amministrattivi" biex isaħħaħ il-kooperazzjoni. L-UE u l-Istati Uniti kkooperaw mill-qrib fl-għoti ta' għajjnuna lil pajjiżi tal-Afrika tal-Punent milquta mill-Ebola.

L-Istati Uniti impenjat ruħha pożittivament fil-qafas li għadu kif ġie stabbilit ta' laqgħat tripartiti regolari biex tinkiseb ir-reċiproċità sħiħa dwar il-viża mal-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati. Madankollu, ma nkiseb ebda progress sostanzjali sa issa.

L-UE u l-Istati Uniti kkollaboraw b'mod effettiv fil-qasam tan-nonproliferazzjoni, il-kontroll tal-armi u d-diżarm. Sforzi konġunti ta' kuntatt komplew jiżguraw l-appoġġ internazzjonali għall-Kodiċi ta' Kondotta għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-Atmosferiku Internazzjonali, kif għamlu t-tnejn għall-Konferenza għar-Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (NPT) tal-2015.

L-Istati Uniti kien sieħeb importanti għall-UE fil-Kunsill tal-Artiku u għandu l-Prezidenza fil-Kunsill tal-Artiku fl-2015-17.

7.1.2. Kanada

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kanada ngħataw spinta fl-2014 bil-konklużjoni ta' żewġ negozjati, il-Ftehim dwar Sħubija Strateġika u l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv, fis-summit bejn l-UE u l-Kanada f'Ottawa fis-26 ta' Settembru, l-ewwel wieħed mill-2010 'l hawn. Is-Summit tal-2014 ikkonferma l-impenn li jiġi żgurat, kemm jista' jkun malajr, l-ivvjaġġar mingħajr viża bejn il-pajjiżi tagħna għaċ-ċittadini Kanadiżi u tal-UE kollha, ukoll biex dawn jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet kummerċjali u ekonomiċi ġodda li qed jinħolqu bejn il-Kanada u l-UE. Fl-2014, l-UE kellha programm sħiħ ta' djalogu politiku mal-Kanada. Il-kooperazzjoni dwar l-enerġija u l-klima hija settur ewlieni fir-relazzjonijiet transatlantiċi. Bħala eżitu tas-Summit UE-Kanada fl-2014, il-partijiet qablu dwar l-attivazzjoni mill-ġdid tad-djalogu bilaterali tagħhom dwar l-enerġija.

Fit-8 ta' Mejju, l-UE u l-Kanada organizzaw it-tieni simpożju tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) f'Ottawa.

Il-Kanada hija kontributur regolari għall-missjonijiet tal-PSDK tal-UE u bħalissa qed tieħu sehem f'żewġ missjonijiet. Il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fit-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u fil-Missjoni tal-UE għall-Istat tad-Dritt (EULEX) fil-Kosovo. Il-Kanada kienet mistiedna tikkontribwixxi wkoll għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili (EUAM) fl-Ukrajna, fid-dawl tat-tħassib ta' Ottawa dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-Kanada kkontribwixxiet finanzjarjament ukoll għall-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE (EUTM) fil-Mali. Kien hemm kooperazzjoni mill-qrib fuq kwistjonijiet bħas-sanzjonijiet kontra l-Iran u s-Sirja. Fl-2014 ukoll, il-Kanada ħadet sehem fil-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE fl-Eġittu.

Il-Kanada kienet sieħba importanti tal-UE fil-Kunsill tal-Artiku, bħala Presidenza tal-Kunsill fl-2013-15.

7.2. L-Amerika Latina u l-Karibew

7.2.1. Relazzjonijiet bireġjonali

Matul l-2014, bdew it-tħejjijiet għas-Summit li jmiss tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC), li saret għall-ewwel darba fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Ġunju 2015. Is-suġġett ġenerali ta' dan is-Summit kien "Insawru l-futur komuni tagħna: naħdmu biex ikollna soċjetajiet prosperi, koeżivi u sostenibbli għaċ-ċittadini tagħna". Dan kien it-tieni Summit li sar mas-CELAC fiha nnifisha, entità li tiġbor fiha t-33 pajjiż kollha fl-Amerika Latina u l-Karibew, iżda t-tmien Summit tal-UE mar-reġjun mit-tnediet tas-sħubija bireġjonali strateġika fl-1999. Bit-tħejjija għas-Summit, saru diversi avvenimenti tematiċi ta' tħejjija ta' livell għoli, li jittrattaw il-kooperazzjoni bireġjonali f'oqsma bħas-soċjetà ċivili, l-akkademja, in-negozju jew l-affarijiet Parlamentari permezz tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latina Amerikana.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' bejn l-UE u s-CELAC, saru diversi laqgħat bireġjonali ta' livell għoli f'oqsma bħax-xjenza u t-teknoloġija (April, San José - Costa Rica), il-problema dinjija tad-drogi (Ġunju, Atena), ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (Settembru, Brussell u Novembru, San José – Costa Rica) u l-migrazzjoni (Novembru, Brussell). Wara l-mandat u s-Summit preċedenti f'Santiago, kemm l-UE kif ukoll is-CELAC ħadmu fuq l-eżami tal-Pjan ta' Azzjoni ta' bejn l-UE u s-CELAC u l-espansjoni potenzjali tiegħu.

Il-Fondazzjoni Unjoni Ewropea – Amerika Latina u Karibew (Fondazzjoni UE-ALK), ibbażata f'Hamburg, kompliet tappoġġa s-sħubija bireġjonali bejn l-UE u s-CELAC b'attivitajiet, f'konformità mal-għanijiet tagħha.

7.2.2. Relazzjonijiet sottoreġjonali

Mercosur

In-negozjati mal-Mercosur għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni ssoktaw matul l-2014 għal skambju ta' offerti fuq il-prodotti, is-servizzi u l-investment, u l-akkwist pubbliku mill-gvern. Fis-Summit tal-Mercosur fil-Caracas f'Lulju 2014, il-kapijiet ta' stat tal-Mercosur ħabbru li kienu laħqu qbil dwar l-offerta tal-Mercosur, u appellaw lill-UE tikkonsulta mal-Istati Membri u tiffinalizza l-offerta tal-UE bil-ħsieb li jsir skambju tal-offerti. L-UE talbet aktar tagħrif dwar l-offerta tal-Mercosur, filwaqt li kompliet taħdem biex tiffinalizza l-offerta tal-UE, bil-ħsieb li jsiru aktar diskussjonijiet lejn il-bidu tal-2015.

F'dak li għandu x'jaqşam mal-Amerika Ċentrali, matul l-2014 ir-relazzjonijiet mal-UE ssaħħew sostanzjalment bi tliet żviluppi sinifikanti: id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni f'Mejju, l-organizzazzjoni tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali f'Ġunju, u l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà taċ-Ċittadini għall-Amerika Ċentrali u l-Karibew f'Lulju. Fis-17 ta' Ottubru, l-UE u l-Amerika Ċentrali kellhom l-ewwel laqgħa tal-Komitat Konġunt skont il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni f'Tegucigalpa bis-sehem tal-membri kollha tas-Sistema tal-Integrazzjoni tal-Amerika Ċentrali.

UE-Karibew

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Karibew komplew jespandu, abbażi tad-djalogu politiku ta' livell għoli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Forum tal-Karibew tal-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (CARIFORUM) fl-2013 u fil-qafas tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Karibew adottata fl-2012. Il-prijoritajiet politiċi konġunti fuq livell reġjonali li fuqhom ġie kkonċentrat ix-xogħol matul l-2014 jinkludu l-integrazzjoni reġjonali, ir-rikostruzzjoni tal-Haiti, it-tibdil fil-klima u t-tnejn għad-diżastri, il-kriminalità u s-sigurtà u l-azzjoni konġunta f'fora multilaterali. Barra minn hekk, l-UE kellha Djalogu Politiku skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou ma' għadd ta' pajjiżi tal-Karibew, fosthom pajjiżi li qatt ma kellhom sessjonijiet bħal dawn qabel. Xi wħud ħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet partikolarment iebsin, pereżempju l-Haiti. Saru wkoll djalogi skont l-Artikolu 8 mal-Ġamajka, il-Bahamas, il-Belize, il-Guyana, ir-Repubblika Dominicana, li wittew it-triq għal relazzjonijiet bilaterali aktar mill-qrib iżda wkoll għal aktar kooperazzjoni dwar kwistjonijiet globali tal-PESK. L-implimentazzjoni tal-FSE CARIFORUM-UE għaddej sew miż-żewġ naħat. Il-Komitat Konġunt tal-Kummerċ u l-Iżvilupp, magħmul minn uffiċjali għolja, kellu r-raba' laqgħa tiegħu fit-18-19 ta' Novembru 2014, ħa kont tal-iżviluppi u rrieżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-FSE. Il-Komitat Konsultattiv Konġunt, li jinkludi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, ġie stabbilit u kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fit-13-14 ta' Novembru 2014.

7.2.3. Relazzjonijiet bilaterali

Brażil

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Brażil kienu ddominati minn transizzjonijiet politiċi, prinċipalment l-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru fil-Brażil. Fi Frar, l-UE ospitat is-seba' Summit bejn l-UE u l-Brażil li permezz tiegħu sar skambju tajjeb ta' fehmiet dwar l-istat ġenerali tas-sħubija strateġika (il-kummerċ u l-investiment, in-negozjati mal-Mercosur, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-SMEs, ix-xjenza u t-teknoloġija). F'April, ir-raba' Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Brażil dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sar fi Brasilia, immexxi b'mod konġunt mir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Lambrinidis u l-Ministru Brażiljan tad-Drittijiet tal-Bniedem Ideli Salvatti. F'Lulju, il-President José Manuel Barroso itaqa ' mal-President Dilma Rousseff fi Brasilia. Għadd ta' djalogi bejn l-UE u l-Brażil (paċi u sigurtà internazzjonali, kwistjonijiet tal-UE, drogi, nonproliferazzjoni u diżarm) ġew posposti għall-2015 minħabba l-elezzjonijiet Brażiljani għall-ħatra tal-gvernaturi, il-parlament u l-president.

Messiku

L-UE ħadmet u qed taħdem biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-Messiku, b'mod partikolari minħabba r-rwol dejjem jikber tiegħu bħala attur globali fis-sistema internazzjonali. Fis-27 ta' Jannar sar l-ewwel Djalogu Politiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Messiku fi Brussell. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, mexxa r-raba' Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Messiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Marzu, fi Brussell.⁴¹

⁴¹ Wara dibattitu ta' urġenza, fit-23 ta' Ottubru l-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni li tesprimi tħassib dwar l-għajbien ta' 43 student tat-tagħlim fil-Messiku u titlob aktar appoġġ mill-UE fl-oqsma tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tal-istat u d-drittijiet tal-bniedem.

Kruċjalment, il-Messiku ħabbar f'Settembru li ser jerġa' jibda jikkontribwixxi għall-operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi tan-NU. Qed titqies kooperazzjoni possibbli mal-missjonijiet tal-UE.

Matul l-2014 issoktat id-diskussjoni dwar tweġiba possibbli tal-UE għal-leġislazzjoni tal-Messiku tal-2012 li titlob lil-linji tal-ajru jibagħtu informazzjoni dwar il-passiġġieri (data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri) jew jaffaċċjaw multi sostanzjali.

B'mod parallel, Grupp Konġunt ta' Ħidma bejn l-UE u l-Messiku qiegħed jabbozza Rapport ta' Viżjoni Konġunta dwar modernizzazzjoni komprensiva possibbli tal-Ftehim Globali bejn l-UE u l-Messiku fit-tliet pilastri tiegħu (id-djalogu politiku, il-kooperazzjoni, il-kummerċ), bħala segwitu għad-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-Summit bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew f'Santiago (Jannar 2013).

Kuba

Fl-10 ta' Frar 2014, il-Kunsill adotta d-direttivi ta' negozjati għal Ftehim ta' Djalogu Politiku u Kooperazzjoni bejn l-UE u Kuba. In-negozjati ngħataw bidu fid-29/30 ta' April f'Havana, u t-tieni sensiela ta' taħditiet saret fi Brussell fis-27/28 ta' Awwissu. Iż-żewġ naħat laħqu qbil dwar il-modalitajiet u pjan direzzjonali għat-triq 'il quddiem, u bdew skambji inizjali dwar il-kapitoli ewlenin tal-ftehim dwar id-Djalogu Politiku, il-Kooperazzjoni u l-Kummerċ. Id-drittijiet tal-bniedem għadhom fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE ma' Kuba u dan is-suġġett tqajjem mal-awtoritajiet Kubani kemm fi Brussell kif ukoll f'Havana. L-UE laqgħet il-bidla fil-politika tal-Istati Uniti fir-rigward ta' Kuba, kif ħabbar f'Diċembru l-President Barack Obama.

L-UE hija involuta b'mod qawwi fl-appoġġ tad-djalogu binazzjonali bejn il-Haiti u r-Repubblika Dominicana. Il-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy żar kemm il-Haiti kif ukoll ir-Repubblika Dominicana f'Lulju 2014, fejn mexxa laqgħa tripartitika li laqqgħet lill-President Danilo Medina tar-Repubblika Dominicana u l-President Michèl Martelly tal-Haiti. Il-laqqgħa tat l-opportunità lill-UE tiffaċilita aktar id-djalogu u l-kooperazzjoni binazzjonali, u tippromwovi miżuri pożittivi bil-għan li jissolvew l-elementi ta' kunflitt bejn iż-żewġ pajjiżi, fost l-oħrajn dwar il-kwistjoni taċ-ċittadini Dominicani li joriġinaw mill-Haiti. Bħalissa hemm fis-seħħ bosta programmi ta' appoġġ iffinanzjati mill-UE għal dan il-għan.

Arġentina

Minkejja valuri u interessi ekonomiċi komuni u kooperazzjoni ġeneralment tajba f'fora multilaterali, ir-relazzjonijiet bilaterali mal-Arġentina ma laħqux il-potenzjali sħiħ tagħhom. Il-Viċi President Antonio Tajani żar Buenos Aires f'Ġunju 2014 għal 'Missjoni għat-Tkabbir'.

Paragwaj

Iż-żjara tal-Viċi President Antonio Tajani fil-Paragwaj f'Ġunju 2014 tat opportunità biex tiġi diskussa l-kooperazzjoni industrijali u l-promozzjoni tal-investiment, u wasslet għall-ewwel Forum dwar l-Investiment bejn l-UE u l-Paragwaj f'Novembru. Il-Kumitat Konġunt biannwali ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Paragwaj sar fi Brussell f'Novembru u kien jirrifletti l-espansjoni tal-kooperazzjoni għal oqsma ġodda fosthom id-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra d-drogi u t-tibdil fil-klima. L-UE approvat il-programm bilaterali ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp 2014-2020 għall-Paragwaj, li ser jinkludi allokazżjoni speċifika għad-demokrazija, il-parteciġazzjoni u t-tiżiż istituzzjonali, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni tal-UE ta' Osservazzjoni Elettorali tal-2013.

Urugwaj

L-UE u l-Urugwaj tennew l-interessi kondiviżi tagħhom fid-djalogu u l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet globali, f'oqsma bħad-drittijiet tal-bniedem, it-tibdil fil-klima, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u ż-żamma tal-paċi internazzjonali, matul il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt biannwali UE-Urugwaj li saret f'Montevideo f'Ġunju 2014. Is-sehem tal-Urugwaj f'diversi missjonijiet tan-NU ta' żamma tal-paċi juri l-impenn sod tiegħu għall-prinċipji tal-Karta tan-NU, li taqsam ukoll l-UE. F'dan ir-rigward, iż-żewġ naħat komplew jesploraw possibbiltajiet ta' aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża internazzjonali.

Venezwela

Wara l-elezzjonijiet presidenzjali kkontestati tal-2013 tal-Venezwela, bdew il-protesti fit-toroq lejn il-bidu tal-2014, u matul bosta xhur kien hemm konfrontazzjonijiet vjolenti bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà. F'sensiela ta' sqarrijiet l-UE wriet tħassib dwar id-detenzjoni ta' figuri politiċi u studenti; issottolinjat l-importanza tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-espressjoni f'kull ċirkostanza; u appellat għal sforzi reġjonali mgiedda biex jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn il-partijiet kollha fid-dawl tal-polarizzazzjoni li għaddejja fil-pajjiż. L-UE tkompli tissorvelja l-iżviluppi fil-pajjiż, u ssegwi mill-qrib il-każijiet ta' mexxejja tal-oppożizzjoni u studenti mitfugħa l-ħabs, fost l-oħrajn billi tosserva s-smigħ tal-proċessi ta' Leopoldo Lopez, u l-Imħallef María Lourdes Afiuni.

Kolombja

L-UE kompliet issegwi mill-qrib in-negozjati tal-paċi f'Havana bejn il-Gvern tal-Kolombja u l-FARC. Fl-okkażjoni ta' żviluppi ewlenin fil-proċess tal-paċi, inħarġu ħames stqarrijiet mill-kellichem tar-RGħ/VP biex itenni l-appoġġ tal-UE għall-paċi. Iż-żjara ta' suċċess tal-President Juan Manuel Santos lill-istituzzjonijiet tal-UE - wara li l-President Herman Van Rompuy attenda ċ-ċerimonja ta' inawgurazzjoni tas-Sur Santos f'Awwissu wara li reġa' ġie elett - enfasizzat l-importanza li l-Kolombja tagħti lill-appoġġ kostanti tal-UE lin-negozjati ta' Havana. Ir-relazzjonijiet politiċi mal-Kolombja espandew għal oqsma ġodda fosthom l-immanniġġar ta' kriżijiet bil-firma f'Awwissu ta' Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni li ser jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-Kolombja f'operazzjonijiet immexxija mill-UE; l-ewwel eżempju konkret għandu jkun is-sehem tal-Kolombja fl-operazzjoni EUNAVFOR Atalanta. L-UE u l-Kolombja kellhom konsultazzjonijiet politiċi ta' livell għoli f'Bogota f'Ottubru, inkluż id-djalogu annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem fejn b'mod partikolari ġew diskussi kwistjonijiet marbuta mar-restituzzjoni tal-art.

Ekwador

L-2014 rat it-tmiem tan-negozjati biex l-Ekwador jissieħeb mal-Ftehim ta' Kummerċ Multipartitiku diġà konkluż mal-Kolombja u l-Perù; il-ftehim ġie inizjalat f'Diċembru. Minbarra benefiċċji ekonomiċi, il-ftehim huwa mistenni jeleva r-relazzjonijiet bilaterali għal livell għdid. Dan ġie kkonfermat matul iż-żjara ta' Andris Piebalg fl-Ekwador f'Lulju. Fit-tieni laqgħa tad-Djalogu ta' Livell Għoli f'Quito f'Ottubru l-UE u l-Ekwador qablu li jikkomplementaw il-ftehim ta' kummerċ b'Memorandum ta' Qbil dwar id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni.

Perù

Fl-2014 bdiet fażi ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Perù. Filwaqt li l-UE qiegħda gradwalment twaqqaf l-għajnuna bilaterali lill-pajjiż u l-kummerċ u l-investment qed jissaħħu fil-qafas tal-ftehim ta' kummerċ, qed joħorġu forom ġodda ta' kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' interess komuni. Il-kooperazzjoni fuq suġġetti ewlenin tal-aġenda internazzjonali kif ukoll fuq il-ġlieda kontra n-narkotiċi ġiet enfasizzata bħala prijorità matul il-laqgħa bejn il-President Herman Van Rompuy u l-President Ollanta Humala f'Awwissu. Id-djalogu politiku annwali taħt il-Memorandum ta' Qbil tal-2009 ġie rriformat biex jirrifletti din id-dinamika ġdida fir-relazzjoni. Il-konsultazzjonijiet ta' livell għoli ta' Novembru koprew firxa wiesgħa ta' prijoritajiet politiċi ewlenin għaż-żewġ naħat u pprevedew kooperazzjoni f'oqsma ġodda bħall-PSDK. Il-Perù ospita l-20 Konferenza tal-Partijiet (COP) dwar it-Tibdil fil-Klima, li attenda l-Kummissarju Miguel Arias Cañete.

Bolivja

L-elezzjonijiet ġenerali fil-Bolivja saru fit-12 ta' Ottubru 2014. L-UE bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali. Ir-RGħ/VP iltaqgħet mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin David Choquehuanca f'Novembru fi Brussell fil-marġini tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Bolivja; iż-żewġ naħat qablu li jsaħħu l-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' tibdil fil-klima, u esploraw possibbiltajiet għal żjara mill-President Evo Morales fi Brussell fl-2015. L-UE approvat il-programm ta' kooperazzjoni bilaterali għall-iżvilupp għall-Bolivja li jipprevedi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra n-narkotiċi biex tkopri l-aspetti ta' infurzar kif ukoll il-kooperazzjoni fil-qasam tar-riforma tal-ġustizzja fl-2014-2016.

Fl-2014, l-UE u ċ-Ċili laħqu qbil li jingħata bidu għal djalogi settorjali ġodda dwar l-edukazzjoni, l-enerġija, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-SMEs u r-raggruppamenti fi ħdan il-qafas ipprovdut mill-Ftehim eżistenti u li jsiru diskussjonijiet esploratorji dwar il-modernizzazzjoni possibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili. Il-firma ta' Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili f'Jannar 2014 ser tiffaċilita l-parteċipazzjoni taċ-Ċili f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE. F'Settembru 2014 delegazzjoni tal-PSDK żaret liċ-Ċili biex ikollha skambju ta' fehmiet mal-kontropartijiet Ċileni dwar il-perspettivi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-Ċili fil-missjonijiet tal-UE. Iż-żewġ naħat qablu li jistabbilixxu djalogu regolari dwar is-sigurtà u d-difiża.

B. Indirizzar tat-Theddid u l-Isfidi Globali

1. Nonproliferazzjoni u Diżarm

In-nonproliferazzjoni u d-diżarm komplew ikunu parti integrali mill-politika barranija tal-UE fl-2014, u kkontribwixxew għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà.⁴²

Saru aktar sforzi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, u ma' pajjiżi terzi u sħab internazzjonali. Ingħatat prijorità sabiex jinġabru flimkien l-istrumenti u l-għodod kollha disponibbli għall-UE biex tiġi żgurata l-komplementarjetà u l-konsistenza, kif ukoll approċċ komprensiv. B'mod speċifiku, fl-2014 l-UE kompliet tappoġġa l-adeżjoni universali ma' trattati u strumenti internazzjonali rilevanti kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari u t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li għadu kemm ġie adottat. L-UE kompliet ukoll tippromwovi l-inklużjoni ta' klawżoli dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda tal-massa, kif ukoll dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir, fi ftehimiet bejn l-UE u stati terzi, b'mod partikolari mal-Brunei, il-Ġappun, il-Każakistan u l-Malasja.⁴³ Il-Konsorzju tal-UE għan-Nonproliferazzjoni organizza t-tielet Konferenza Internazzjonali tal-UE dwar in-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Settembru 2014.

⁴² L-impenn tal-UE fl-ispettru kollu tal-attivitajiet f'dan il-qasam kien ibbażat fuq ġabra ta' dokumenti strateġiċi: L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà tal-2003; l-istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva (AQM) tal-2003 u l-Linji ta' Azzjoni Ġodda fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u l-vetturi tagħhom tal-2008; l-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) tal-2005 u l-Pożizzjoni Komuni dwar l-esportazzjonijiet ta' armi konvenzjonali tal-2008. Għal aktar dettalji dwar l-armi konvenzjonali, ara t-Taqsima B.2. hawn taħt.

⁴³ Għal aktar dettalji dwar l-armi konvenzjonali, ara t-Taqsima B.2. hawn taħt.

Il-Konsulent Prinċipali u Mibgħut Speċjali tas-SEAE għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm, Jacek Bylica, irrappreżenta lill-UE f'għadd ta' laqgħat internazzjonali ewlenin fl-2014, partikolarment il-Grupp ta' Diretturi għan-Nonproliferazzjoni tal-G8/G7, il-Kumitat Preparatorju tal-2014 tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (April-Mejju), il-Konsultazzjonijiet Miftuħa dwar l-abbozz ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-Attivitajiet fl-Ispazju Extra-Atmosferiku (Mejju), l-Ewwel Kumitat tal-AĠNU (Ottubru), u l-Grupp ta' Diretturi għan-Nonproliferazzjoni tal-G7 (Novembru). Barra minn hekk, il-Mibgħut Speċjali intensifika jew ta bidu għal djalogi dwar in-nonproliferazzjoni mas-sħab ewlenin barra mill-UE u ħadem għall-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni fir-relazzjonijiet bilaterali tal-UE mal-pajjiżi rilevanti kollha, b'mod partikolari permezz ta' laqgħat ta' Djalogu Politiku u kuntatti oħra informali.

1.1. In-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa u l-vetturi tagħhom

1.1.1. Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni

Fl-2014, l-UE kompliet taħdem b'mod attiv għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni adottat mill-Konferenza tal-2010 għar-Reviżjoni tat-Trattat tan-Nonproliferazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ tagħha għall-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) (ara hawn taħt). L-UE rrapportat dwar l-isforzi tagħha lit-tielet Kumitat Preparatorju tat-TNP (New York, 28 ta' April sad-9 ta' Mejju 2014, fejn tat, fost oħrajn, dikjarazzjoni ġenerali u tliet dikjarazzjonijiet raggruppati speċifiċi ffukati fuq it-tliet pilastri tat-TNP: id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, u l-użi paċifiċi tal-enerġija nukleari. L-UE ppreżentat ukoll dokumenti ta' ħidma dwar l-isforzi tal-UE biex issaħħaħ is-sigurtà nukleari u s-sikurezza nukleari. Fil-marġini tal-laqgħa tal-Kumitat Preparatorju, organizzat avveniment sekondarju li kellu attendenza tajba fejn ippreżentat l-isforzi tal-UE għat-tisħiħ tas-sigurtà nukleari. Inbdiet il-ħidma fuq pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza għar-Reviżjoni tat-TNP tal-2015.

L-UE kompliet tappoġġa l-isforzi tal-Faċilitatur għall-Konferenza dwar l-istabbiliment ta' żona
ħielsa mill-armi nukleari u mill-armi kollha l-oħra ta' qerda tal-massa fil-Lvant Nofsani li għandha
titlaqqa' mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. F'dan
il-kuntest, l-UE organizzat, permezz tal-Konsorzju ta' gruppi ta' riflessjoni tal-UE għan-
Nonproliferazzjoni, seminar ta' bini tal-kapaċità fit-18-19 ta' Ġunju 2014 fi Brussell. L-avveniment
kellu fil-mira tiegħu diplomatiċi żgħażaġh u dawk f'nofs il-karriera tagħhom mill-pajjiżi tal-Lvant
Nofsani u l-Lega tal-Istati Għarab.

1.1.2. Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari

L-UE kompliet tippromwovi b'mod attiv id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta'
Provi Nukleari u tappoġġa aktar l-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tas-CTBTO, abbażi tad-
Deċiżjoni tal-Kunsill adottata f'Novembru 2012 li ttipprovdi appoġġ finanzjarju addizzjonali
permezz tal-baġit tal-PESK ta' madwar EUR 5.2 miljun lis-CTBTO.⁴⁴ Hija għamlet sforzi biex tibni
kuntatt ma' pajjiżi li għadhom ma ffirmawx jew ma rratifikawx it-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali
ta' Provi Nukleari, inkluż fil-qafas ta' avvenimenti bħall-Konferenza Reġjonali tas-CTBTO li saret
fid-19-21 ta' Mejju 2014 f'Jakarta għall-pajjiżi Asjatiċi, ko-organizzata mill-awtoritajiet Indoneżjani
u li għaliha l-UE kkontribwixxiet finanzjarjament, jew il-laqgħa Intersessjonali tal-Forum Reġjonali
tal-ASEAN dwar in-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm li saret f'Tokjo fit-8-9 ta' Lulju 2014. Dik li
dakinhar kienet ir-RGħ/VP nominata, Federica Mogherini, għamlet stqarrija tal-UE fis-Seba'
Laqgħa Ministerjali b'appoġġ għat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari li saret fi
New York fis-26 ta' Settembru 2014. L-UE appoġġat finanzjarjament u ħadet sehem ukoll fiż-żjara
ta' livell għoli biex tosserva l-Eżerċizzju Integrat ta' spezzjoni fuq il-Post 2014, li sar fil-Ġordan
mill-14 sas-17 ta' Novembru.

⁴⁴ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/699/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 dwar l-appoġġ tal-
Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar
il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u
verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni
tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 314, 14.11.2012, p. 27).

1.1.3. Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA)

L-UE kompliet ukoll tagħti appoġġ lill-IAEA fi Vjenna permezz ta' diversi strumenti.⁴⁵ Bdiet l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2013 li ttiprovdi aktar minn EUR 8 miljuni ta' assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA.⁴⁶ L-għan primarju tal-appoġġ ipprovdut lill-IAEA huwa li jiġi żgurat li meta jsiru attivitajiet nukleari minn pajjiżi terzi, jintlaħqu l-ogħla standards ta' sikurezza, sigurtà u salvagwardji nukleari. It-tieni Laqgħa ta' Uffiċjali Għolja, li nfetħet mid-Direttur Ġenerali tal-IAEA Yukiya Amano, saret fl-20-21 ta' Frar 2014 u laqqgħet flimkien uffiċjali tal-Kummissjoni, is-SEAE u l-IAEA biex ikomplu jiddiskutu kif tista' tkompli titjeb il-kooperazzjoni reċiproka li tkopri assistenza finanzjarja ta' aktar minn EUR 120 miljun mill-2007 'l hawn. Il-laqgħa seħħet wara ż-żjara ta' suċċess tad-Direttur Ġenerali tal-IAEA Amano fi Brussell fit-3-4 ta' Frar 2014.

1.1.4. Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi

L-UE kompliet tħabrek għall-universalizzazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC) u tippromwovi attivitajiet ġodda b'appoġġ għal proġetti speċifiċi. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ għall-attivitajiet imwettqa mill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), adottata fit-23 ta' Marzu 2012⁴⁷, qed tiġi implimentata. Tħejjiet Deċiżjoni oħra tal-Kunsill għas-snin 2015-16 u qiegħda fl-istadju aħħari ta' approvazzjoni mill-Kunsill.

⁴⁵ L-UE tibqa' donatur ewlieni għall-Fond għas-Sigurtà Nukleari tal-IAEA għall-benefiċċju ta' aktar minn 80 pajjiż fl-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Amerika Latina u l-Asja, b'kontribut ta' kważi EUR 40 miljun mill-2004 'l hawn (inkluż il-kontribut fl-2013).

⁴⁶ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/517/PESK tal-21 ta' Ottubru 2013 dwar appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 281, 23.10.2013, p. 6).

⁴⁷ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/166/PESK tat-23 ta' Marzu 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 87, 24.03.2012, p. 49).

L-UE nnutat l-adeżjoni mis-Sirja mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi taħt ċirkostanzi straordinarji u kkontribwixxiet b'total ta' kważi EUR 17-il miljun għall-operazzjoni tal-qerda tal-programm ta' armi kimiċi Sirjani. L-UE kompliet tagħmel pressjoni fuq is-Sirja sabiex tlesti l-eliminazzjoni tal-programm ta' armi kimiċi tagħha kollu kemm hu, fosthom l-aġenti kimiċi, u l-faċilitajiet ta' produzzjoni li fadal fit-territorju tagħha. Hija kompliet tappoġġa wkoll l-isforzi tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) biex issolvi n-nuqqasijiet u d-diskrepanzi u b'hekk tivverifika d-Dikjarazzjoni tas-Sirja lill-OPCW. L-UE esprimiet it-tħassib gravi tagħha dwar l-użu allegat tal-klorin kontra l-popolazzjoni ċivili, filwaqt li saħqet li daww ħatja jridu jinżammu responsabbli. L-UE mhux ser ikollha fiduċja li s-Sirja qed tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha kollha skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u r-risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà 2218(2013) u 2209(2015) sakemm id-diskrepanzi kollha fid-dikjarazzjoni tagħha jiġu solvuti u jieqfu l-attakki bl-armi kimiċi kollha.

1.1.5. Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi

Fl-2014, l-UE kompliet tkun involuta b'mod attiv fil-programm intersessjonali tal-2012-2015 tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi. Hija ħarġet stqarrijiet u ppreżentat verżjoni aġġornata tad-dokument ta' ħidma tagħha dwar l-Assistenza u l-Kooperazzjoni (Artikolu X tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi) fil-Laqgħa tal-Esperti (4-8 ta' Awwissu 2014). L-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi⁴⁸ u attivitajiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa⁴⁹ fl-oqsma tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà, adottati rispettivament fl-2012 u l-2013, kompliet fl-2014. Fid-dawl tal-konferenza ta' rieżami li jmiss tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fl-2016, is-SEAE organizza sessjoni ta' ħidma fuq il-Konvenzjoni u l-Konformità permezz tal-Konsorzju tal-UE ta' gruppi ta' riflessjoni għan-Nonproliferazzjoni (24 ta' April 2014) u ħa sehem f'Konferenza ta' Wilton Park dwar l-istess suġġett (24-26 ta' Settembru 2014). L-UE ħadmet fuq l-elaborazzjoni ta' ideat konkreti biex iddaħħal id-dinamiżmu fil-proċess intersessjonali u biex issaħħaħ b'mod effettiv il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi. Dawk l-ideat għandhom ikunu parti minn Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill tal-UE li għandha tiġi negoziata u adottata fl-2015.

⁴⁸ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/421/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 196, 24.07.2012, p. 61).

⁴⁹ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/668/PESK tat-18 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 310, 20.11.2013, p. 13).

1.1.6. Kontroll tal-esportazzjoni

Fl-2014, l-UE għamlet sforzi konsiderevoli biex tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1540, 1673 u 1810 abbażi ta' Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-2008. L-Azzjoni Konġunta tal-2008, kif ukoll id-Deċiżjoni reċenti tal-Kunsill b'appoġġ għar-Riżoluzzjoni 1540 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adottata f'Lulju 2013, għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-uffiċjali tal-istat ta' pajjiżi terzi.⁵⁰ Fir-rigward tal-proċessi ta' kontroll fuq l-esportazzjoni, fl-2014 l-UE kompliet tappoġġa pajjiżi sħab sabiex tissaħħaħ l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-esportazzjoni. Il-kooperazzjoni għandha l-għan li taġġorna l-leġislazzjoni u l-proċeduri ta' kontroll tal-esportazzjoni billi tippromwovi l-istandards attwali ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju.

Matul dawn l-aħħar tmien snin, il-programm ta' sensibilizzazzjoni tal-UE għall-Kontroll fuq l-Esportazzjoni ta' Prodotti b'Użu Doppju, iffinanzjati taħt il-komponent fit-tul tal-istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), ippromwova attivitajiet ta' kontroll fuq l-esportazzjoni fi 28 pajjiż b'kontribuzzjoni ta' EUR 21-il miljun immirata lejn il-ġlieda kontra t-tifrix ta' AQM.

L-UE ħarġet dikjarazzjonijiet fl-okkażjoni tas-sessjoni plenarja tal-Grupp Awstralja li saret f'Pariġi fit-2-6 ta' Ġunju 2014, is-sessjoni plenarja tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari li saret fi Buenos Aires fis-26-27 ta' Ġunju 2014, u tat-28 sessjoni plenarja tar-Reġim għall-Kontroll tat-Teknoloġija Missilistika li saret f'Oslo fit-28 ta' Settembru - 3 ta' Ottubru 2014.

⁵⁰ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/391/PESK tat- 22 ta' Lulju 2013 b'appoġġ għall-implimentazzjoni prattika tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom (ĠU L 198, 23.7.2013, p. 40).

1.1.7. Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi

L-UE kompliet tipprova tikkomunika ma' stati mhux sottoskritti.⁵¹ Hija għamlet dan b'mod partikolari permezz ta' diversi avvenimenti, fi Vjenna f'Mejju 2014, fl-okkażjoni tal-Forum Regolari Annwali HCoC, fi New York f'Ottubru 2014 fil-marġini tal-Ewwel Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, f'Abu Dhabi f'April 2014 fis-seminar ta' kuntatt reġjonali tal-Lvant Nofsani, kif ukoll f'Lima f'Lulju 2014 fil-laqgħa ta' kuntatt reġjonali tal-Amerika Latina.

L-Istati Membri tal-UE ġeddew l-appoġġ tagħhom għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja b'Deċiżjoni ġdida tal-Kunsill adottat fit-22 ta' Diċembru 2014.

1.1.8. Attivitàjiet spazjali

L-assi spazjali, imħaddma minn għadd dejjem akbar ta' entitajiet governattivi u mhux governattivi, joffru lid-dinja benefiċċji enormi li wieħed ma kienx jimmaġina ftit għexieren ta' snin ilu. Illum, dawn il-benefiċċji huma mhedda minn riskji minn residwi spazjali ('skart spazjali') perikolużi, kolliżjonijiet distruttivi, l-iffullar ta' satelliti, is-saturazzjoni dejjem akbar tal-ispettru tal-frekwenzi tar-radju, eċċ. Dawn l-isfidi jirrikjedu involviment dedikat mill-pajjiżi kollha b'attivitàjiet spazjali u oħrajn biex jiġu żgurati sikurezza, sigurtà u sostenibbiltà deġġiema akbar tal-attivitàjiet spazjali. L-UE pproponiet Kodiċi Internazzjonali ta' Kondotta għall-Attivitàjiet fl-Ispazju Extra-Atmosferiku, li huwa miżura għat-trasparenza u l-bini tal-fiduċja mfassla biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

⁵¹ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/423/PESK tat-23 ta' Lulju 2012 b'appoġġ għan-nonproliferazzjoni ta' missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/805/PESK (ĠU L 196, 24.7.2012, p. 74).

Mis-27 sat-28 ta' Mejju 2014, l-UE kellha fil-Lussemburgu t-tielet u l-aħħar sensiela ta' konsultazzjonijiet miftuħa dwar il-Kodiċi ta' Kondotta propost li ġie ppreżentat l-ewwel darba lill-komunità internazzjonali f'Ġunju 2012. B'kollox hađu sehem 95 Stat Membru tan-NU fit-tliet sensiliet ta' konsultazzjonijiet miftuħa, li servew bħala pjattaforma biex jinqasmu l-fehmiet dwar l-abbozz tal-Kodiċi b'manjiera trasparenti u inklużiva, bil-għan li jinbena appoġġ internazzjonali għat-test. Fuq talbiet minn parteċipanti fil-konsultazzjonijiet tal-Lussemburgu, l-UE bdiet diskussjonijiet mal-Istati Membri tan-NU dwar iċ-ċaqliq tal-proċess għal fażi ta' negozjar matul l-2015 bil-ħsieb li l-Kodiċi ta' Kondotta jiġi ffinalizzat u jiġi adottat internazzjonalment b'mod bikri.

1.2. Armi konvenzjonali

1.2.1. Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi

It-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi⁵², li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-responsabbiltà u t-trasparenza fil-kummerċ tal-armi, daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2014. Il-50 limitu massimu għar-ratifika tad-dħul fis-seħħ inqabeż fl-25 ta' Settembru 2014, b'kontribuzzjoni sinifikanti mill-Istati Membri tal-UE. Wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, l-implimentazzjoni effettiva u l-universalizzazzjoni tat-Trattat ser ikunu kruċjali biex jiżguraw li jsir progress attwali fuq il-post. F'dan l-isfond, l-UE bdiet timplimenta l-ewwel attivitajiet ta' assistenza fil-programm dedikat tagħha ta' appoġġ għall-implimentazzjoni għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, adottat f'Diċembru 2013⁵³. Żjarat ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet saru f'Novembru u Diċembru 2014 rispettivament fil-Kolombja u fil-Filippini, l-ewwel żewġ pajjiżi li qed igawdu mill-programm tal-UE. Is-seminar reġjonali għall-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Karibew sar fil-Kolombja f'Novembru 2014. Permezz tiegħu l-pajjiżi ġirien setgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar l-isfidi komuni tal-implimentazzjoni u jinvolvu organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti u s-soċjetà ċivili bil-ħsieb li jkunu konxji b'mod ikkoordinat u deġġiemi dwar l-implimentazzjoni.

⁵² Fil-5 ta' Frar 2014 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-ratifika tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (2014/2534(RSP))

⁵³ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/768/PESK tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (*ĠU L 341, 18.12.2013, p. 56*)

1.2.2. Armi ħfief u ta' kalibru żgħir

Fl-2014, l-UE kompliet tappoġġa l-implimentazzjoni shiġha tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir, tal-Istrument Internazzjonali ta' Traċċar u tal-Protokoll dwar l-Armi tan-Nar. F'Diċembru 2014 il-Kunsill adotta Deċiżjoni biex tgħin biex jiġu żgurati sigurtà fiżika soda u ġestjoni tal-ħażniet tal-armi tal-gvern fir-reġjun tas-Saħel.⁵⁴ Fl-2014 bdiet ukoll l-implimentazzjoni tal-proġett ifffinanzjat mill-UE, "iTrace"⁵⁵, li għandu l-għan li jistabbilixxi l-ewwel mekkaniżmu ta' rappurtar globali biex jittraċċa sistematikament armi konvenzjonali illeċiti u jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika u lill-uffiċjali tal-kontroll tal-esportazzjoni informazzjoni preċiża u verifikata dwar armi u munizzjoni konvenzjonali ddevjati akkwistati mill-gruppi ta' investigazzjoni *in situ* f'konflitti armati.

Fil-15 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet li jemendaw l-artikolu standard dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir ("il-klawżola SALW") inkluż fil-ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, bl-introduzzjoni ta' lingwaġġ ġdid marbut mar-regolamentazzjoni tat-trasferiment ta' armi konvenzjonali u b'kont meħud tal-adozzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.⁵⁶

⁵⁴ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/912/PESK tal-15 ta' Ġunju 2014 b'appoġġ għall-attivitajiet relatati mas-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet (PSSM) biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fir-reġjun tas-Saħel (ĠU L 360, 17.12.2014, p. 30).

⁵⁵ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/698/PESK tal-25 ta' Novembru 2013 b'appoġġ għal mekkaniżmu ta' rappurtar globali dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u armi konvenzjonali oħrajn u munizzjoni illeċiti biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tagħhom (ĠU L 320, 30.11.2013, p. 34-42).

⁵⁶ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-emendar tal-artikolu dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, 15 ta' Diċembru 2014.

1.2.3. Mini kontra l-persunal u munizzjon dispersiv

F'Ġunju 2014, l-UE ħadet sehem attiv fil-Konferenza tat-Tielet Rieżami tal-Konvenzjoni fuq il-Projbizzjoni ta' Mini kontra l-Persunal (il-Konvenzjoni ta' Ottawa) f'Maputo, il-Mozambique, fuq il-bażi ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill b'saħħithom⁵⁷. Il-Konferenza wasslet għall-adozzjoni b'kunsens ta' dikjarazzjoni politika, Pjan ta' Azzjoni ta' ħames snin għall-2014-2019, kif ukoll deċiżjonijiet proċedurali bil-għan li jtejbu aktar l-effettività tal-mekkaniżmi tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2010-2014⁵⁸ tal-Konvenzjoni tkompletat fl-2014, b'attivitajiet ta' għajjnuna partikolarment fil-qasam tal-għajjnuna lill-vittmi u t-tneħħija ta' mini. Lil hinn minn din id-Deċiżjoni tal-Kunsill, l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew flimkien aktar minn EUR 89 miljun għal azzjoni kontra l-mini fl-2013, li minnhom EUR 30 miljun ġew mill-baġit tal-Unjoni, biex b'hekk l-UE b'mod ġenerali saret l-akbar donatriċi fid-dinja.

Il-Ħames Laqgħa tal-Istati Parti tal-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon Dispersiv saret fit-2-5 ta' Settembru 2014 f'San José, il-Costa Rica. F'din l-okkażjoni ngħatat stqarrija mill-UE, li tenniet l-appoġġ konsistenti tal-UE għall-isforzi internazzjonali li jindirizzaw l-impatt umanitarju, soċjoekonomiku u fuq is-sigurtà tal-armi konvenzjonali u l-użu mingħajr diskriminazzjoni tagħhom fuq il-popolazzjonijiet ċivili.

⁵⁷ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar It-Tielet Konferenza ta' Rieżami tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, l-Akkumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom, 16-17 ta' Ġunju 2014.

⁵⁸ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/700/PESK tat-13 ta' Novembru 2012 fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena 2010-2014, adottat mill-Istati Parti għall-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni Tagħhom (*ĠU L 314, 14.11.2012, p. 40-46*).

1.2.4. Kontrolli tal-esportazzjoni

Fir-rigward tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali, l-azzjoni tal-UE tibqa' ggwidata mill-prinċipji tar-responsabbiltà u tat-trasparenza mħaddna fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008. Fl-2014 l-UE kompliet tippromwovi dawn il-prinċipji għal għadd ta' pajjiżi terzi fil-viċinat qrib tagħha permezz ta' attivitajiet tal-assistenza għall-kontroll tal-esportazzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/711/PESK, bħal żjarat ta' studju, analiżi legali u sessjonijiet ta' ħidma.

1.2.5. Ftehim ta' Wassenaar

L-UE ħadet sehem fil-laqgħa plenarja tal-Ftehim ta' Wassenaar li saret fi Vjenna fit-2-4 ta' Diċembru 2014. L-UE appoġġat l-adeżjoni ta' Ċipru fiha.

2. Theddid Transreġjonali u Sfidi Globali

2.1. Kriminalità organizzata

Il-kriminalità serja u organizzata tirrappreżenta theddida ssottovalutata, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi. Hija baqgħet fuq l-aġenda tad-djalogi politiċi tal-UE ma' ħafna pajjiżi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, b'mod partikolari b'rabta mat-traffikar ta' droga. Dan hu aktar importanti peress li xi reġjuni qed isiru żoni ta' konsum minbarra r-rwol "tradizzjonali" tagħhom bħala żoni ta' transitu. L-Afrika tal-Punent hija l-eżempju li l-aktar jispikka ta' din it-tendenza l-għdida, hekk kif qed issir ukoll żona ta' produzzjoni għas-Sustanzi Psikoattivi Ġodda (SPG) għad-domanda mil-Lvant tal-Asja, b'mod partikolari dik tal-Ġappun.

Programmi ta' assistenza ffinanzjati mill-UE u missjonijiet tal-PSDK għenu biex l-orjentazzjonijiet politiċi jitqiegħdu fil-prattika. Dawn l-azzjonijiet jippruvaw ukoll jikkomplementaw iċ-Ċiklu ta' Politika (interna) tal-UE għall-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja 2011-13, li wasal fi tmiemu, kif ukoll iċ-Ċiklu ta' Politika l-ġdid 2014-2017.

Il-programmi dwar ir-Rotot tal-Kokaina u l-Eroina, iffinanzjati mill-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), komplew jibnu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u r-rabtiet internazzjonali tul ir-rotot rispettivi tat-traffikar tagħhom. Issa ser tingħata attenzjoni speċjali lill-ġustizzja kriminali tul ir-rotta tal-kokaina. Il-produzzjoni u t-traffikar ta' mediċini falsifikati hija theddida oħra għas-saħħa pubblika, fejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma partikolarment esposti u vulnerabbli. Proġett tal-IcSP ta' sensibilizzazzjoni statali u pubblika fil-Ghana, is-Senegal, il-Ġordan, il-Marokk u l-Kamerun kien suċċess. Issa ser jeħtieġ li jinfetħ għal pajjiżi benefiċjarji oħra.

2.2. Sigurtà marittima

Fl-2014, is-sigurtà marittima saret l-oġġett ta' aktar attenzjoni. Fis-6 ta' Marzu, il-Kummissjoni u r-RĠħ adottaw il-Komunikazzjoni Konġunta "Għal qasam marittimu mondjali miftuħ u sigur: l-elementi għal Strateġija ta' Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea". Din wittiet it-triq għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea fl-24 ta' Ġunju. L-Istati Membri qiesu li għandha tiġi implimentata l-Istrateġija li tirrifletti l-approċċ transsettorjali tal-UE għas-sigurtà marittima, u fis-16 ta' Diċembru ġie adottat mill-Kunsill Pjan ta' Azzjoni li jidentifika ħames oqsma (relazzjonijiet esterni, kondiviżjoni tal-informazzjoni, żvilupp tal-kapaċitajiet, ġestjoni tar-riskji u riċerka u taħriġ), fejn tista' tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn diversi atturi fil-qasam marittimu. Fl-2014, l-UE żiedet ukoll l-impenn tagħha fil-qasam tas-sigurtà marittima ma' sħab strateġiċi ewlenin, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali u fora multilaterali, bħan-NATO jew ASEAN-ARF, u pajjiżi sħab strateġiċi, bħall-Afrika t'Isfel u l-Angola.

L-UE ilha tippresjedi l-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Piraterija 'l barra mill-Kosta tas-Somalja (CGPCS) minn Jannar 2014. Il-Prezidenza tal-UE stabbilixxiet tliet prijoritajiet ewlenin: ir-razzjonalizzazzjoni u r-reġjonalizzazzjoni tas-CGPCS, id-dokumentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda mill-ġlieda kontra l-piraterija fil-Qarn tal-Afrika u l-ebda bastiment u l-ebda baħħar f'idejn il-pirati Somali (magħrufa wkoll bħala 'zero/zero').

L-UE kisbet riżultati rigward dawn il-prijoritajiet: saret riforma tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja (CGPCS) u issa l-istati reġjonali jieħdu sjieda konġunta tal-ġlieda kontra l-piraterija, ġie stabbilit konsorzju tat-tagħlimiet meħuda biex tiġi dokumentata u analizzata l-ġlieda kontra l-piraterija, u l-għadd ta' bastimenti u baħħara f'idejn Somali tniżżel għal zero bastimenti u 26 baħħar f'Marzu 2015, minn livell massimu ta' 736 ostaġġ miżmuma fl-2011 u 47 bastiment li sofrew attakk ta' piraterija fl-2010.

3. Mill-2009, il-programm IcSP tar-Rotot Marittimi Kritiċi (CMR) iffoka fuq is-sikurezza u s-sigurtà ta' rotot marittimi essenzjali f'oqsma milquta mill-piraterija biex jgħin jiżgura li jkun hemm linji ta' komunikazzjoni sikuri għat-trasport bil-baħar u l-kummerċ. L-oġettiv fit-tul indirizzat mill-programm huwa li tittejjeb il-governanza marittima. L-enfasi hija fuq il-bini tal-kapaċità f'livell reġjonali u transreġjonali għall-iskambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni u implimentazzjoni sussegwenti fil-livell nazzjonali.

Permezz ta' irbit progressiv tal-azzjonijiet taħt is-CMR, il-programm għandu l-għan li joħloq sinerġiji transreġjonali. Tliet żoni ġeografiċi huma kkonċernati: Il-Golf tal-Guinea, ix-Xlokk tal-Asja u l-Oċean Indjan tal-Punent. Il-programm għaldaqstant jikkontribwixxi għall-istrategġija globali tal-UE f'dawn ir-reġjuni: il-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Qarn tal-Afrika, id-dokument konġunt tal-UE dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp fil-Golf tal-Guinea u d-Dikjarazzjoni ta' Nürimberga dwar Sħubija Msaħħa UE-ASEAN għax-Xlokk tal-Asja. Aktar reċentement, fl-2015, l-Istrategġija tal-UE għall-Golf tal-Guinea u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjahha, ġew adottati. Għall-perijodu 2007-2014, ġew allokat EUR 24 miljun għas-sigurtà marittima mill-baġit tal-IcSP fit-tul.

2.3. Politika ċibernetika u ċibersigurtà

Wieħed m'għadx jista' jittratta t-theddid globali u transreġjonali b'mod effettiv mingħajr ma jindirizza wkoll l-aspetti ċibernetiċi. L-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà ta' Frar 2013 tappella għal sforzi mtejba madwar l-UE dwar il-politika marbuta maċ-ċiberreżiljenza, iċ-ċiberkriminalità, kwistjonijiet tal-UE b'rabta maċ-ċiberspazju internazzjonali u ċ-ċiberdifiża. Il-prijoritajiet għall-politika internazzjonali tal-UE dwar iċ-ċiberspazju jinkludu: li jinżammu l-libertà u l-ftuħ fiċ-ċiberspazju; li jiġu żviluppati regoli ta' mgħiba u tiġi applikata l-liġi internazzjonali eżistenti fiċ-ċiberspazju; li tiżdied il-kapaċità ta' ċibersigurtà f'pajjiżi terzi u li titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet marbuta maċ-ċiberspazju.

Biex jitmexxew 'il quddiem dawn il-prijoritajiet, is-SEAE kompla jimplimenta l-oġettivi ta' politika internazzjonali stabbiliti bl-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE. Ġew stabbiliti djalogi ċibernetiċi mal-Istati Uniti, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel u ċ-Ċina, u qed isiru konsultazzjonijiet ma' sħab oħra bħall-Brażil.

Is-SEAE kompla jsegwi mill-qrib l-iżviluppi globali fil-qasam taċ-ċiberspazju marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp u l-governanza tal-Internet, u ħa sehem attiv fil-laqgħa globali ta' diversi partijiet interessati Netmundial, il-Forum dwar il-Governanza tal-Internet u l-proċessi marbuta mas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Infommazzjoni (WSIS).

L-UE appoġġat ukoll b'mod attiv il-proċess ta' żvilupp ulterjuri ta' miżuri għall-bini ta' fiduċja fiċ-ċibersigurtà f'qafas tal-OSKE u ppromwoviet miżuri għall-bini ta' fiduċja fil-qasam ċibernetiku fil-Forum Reġjonali tal-ASEAN. L-UE qed tappoġġa l-proċess ta' Londra dwar ir-regoli ta' mgħiba fiċ-ċiberspazju, u qed tikkontribwixxi għat-tħejjijiet għall-Konferenza Globali dwar iċ-Ċiberspazju fl-Aja fl-2015.

Inbdew proġetti ġodda ta' bini ta' kapaċità ċibernetika taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) biex jiġu indirizzati ċ-ċiberkriminalità u t-theddid ċibernetiku li ser ikomplu fl-2015. Diġà qed isir l-ippjanar ta' inizjattivi għall-2016.

Finalment, f'Novembru 2014, il-Kunsill adotta l-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE.

2.4. Mitigazzjoni tar-Riskju Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari

L-UE żiedet l-isforzi tagħha biex timpenja ruħha f'kooperazzjoni dwar riskji ta' natura umana, ambjentali u ta' sigurtà assoċjati ma' kwistjonijiet kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN). Barra mill-qafas tal-PESK, jingħata appoġġ taħt il-komponent fit-tul tal-IcSP, u l-UE kompliet tappoġġa ċ-Ċentri ta' Eċċellenza għall-Mitigazzjoni tar-Riskju Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (KtE CBRN). Il-programmazzjoni strateġika sal-2020 ġiet iffinalizzata fl-2014.

Ġie inawgurat iċ-Ċentru li jkopri l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, bis-Segretarjat tiegħu f'Abu Dhabi - li jiżdied mal-ewwel erba' Ċentri Reġjonali li ġew stabbiliti s-sena preċedenti għall-Kosta Atlantika Afrikana (Rabat), il-Lvant Nofsani (Amman), ix-Xlokk tal-Ewropa/in-Nofsinhar tal-Kawkasu/ir-Repubblika tal-Moldova/l-Ukrajna (Tbilisi), u x-Xlokk tal-Asja (Manila). Il-mandat tagħhom huwa li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali fir-rigward tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari kollha. In-numru ta' pajjiżi parteċipanti issa huwa 48 (Diċembru 2014) u għadu qed jiżdied. Minbarra 40 proġett li jammontaw għal EUR 49 miljun ikkuntrattati qabel, fl-2014 ġew ikkuntrattati ma' konsorzji differenti, inklużi prinċipalment l-Istati Membri, 5 proġetti ġodda li jammontaw għal madwar EUR 26 miljun. Sar sforz qawwi ffukat fuq it-tnejn, il-prevenzjoni u r-rispons b'rabta mas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-Ebola fejn, minbarra t-tisħiħ tat-tnejn reġjonali għall-Ebola, ġew użati laboratorji mobbli eżistenti biex jgħinu fil-ġlieda kontra t-tifqigħa tal-Ebola, filwaqt li ġew ipprogrammati laboratorji mobbli awtonomi ġodda u t-taħriġ ta' esperti lokali biex tinżamm il-kapaċità.

2.5. Enerġija

Is-Sigurtà tal-Enerġija żviluppat f'waħda mill-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tal-Unjoni Ewropea fl-2014. Il-mod kif kwistjonijiet marbuta mal-enerġija ġew strumentalizzati fil-konflitt tal-Ukrajna kien tfakkira importanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti l-isfidi relatati mas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-fornimenti u r-rotot esterni u tal-infrastruttura relatata, b'viżjoni olistika fit-tul u fuq perijodu qasir internament kif ukoll esternament.

F'Mejju l-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija (SESE), li tħejjiet bl-involvement mill-qrib tas-SEAE. L-Istrateġija tistabbilixxi miri immedjati u fuq perijodu medju rigward is-suq intern, l-iżvilupp tal-infrastruttura, il-produzzjoni u l-iffrankar tal-enerġija, u - l-aktar importanti - il-ħtieġa li tissaħħaħ l-azzjoni esterna komuni, fejn l-isforzi għad-diversifikazzjoni u djalogu msaħħaħ fil-viċinat jispikkaw bħala miri ċentrali.

Is-SESE tqiegħed ukoll enfasi partikolari fuq kwistjonijiet ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija marbuta mal-gass naturali, u b'hekk twitti t-triq għal Simulazzjoni ta' Kriżi mmirata biex jinkixfu d-dgħufijiet. Ukoll f'dan il-qafas, l-UE ħadet rwol ewlieni fl-organizzazzjoni ta' diskussjoni trilaterali prominenti mar-Russja u l-Ukrajna dwar il-provvista tal-gass. It-tfixkil potenzjali fit-tranżitu tal-gass mill-Ukrajna kien waħda mill-isfidi immedjati l-aktar sinifikanti tax-xitwa tal-2014, filwaqt li l-ftehim dwar fornimenti potenzjali mir-Russja lill-Ukrajna kien ukoll ferm importanti biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Ukrajna u jingħata element pożittiv għat-taħditiet li qed isiru dwar il-kriżi. Is-SEAE ħa schem attiv f'dawn in-negozjati mmexxija mill-ex-Viċi President tal-Kummissjoni Günther Oettinger u appoġġahom.

Is-sigurtà tal-enerġija kienet ukoll element importanti tad-diskussjoni rigward il-qafas ta' politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 maqbul mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014. Il-qafas jistabbilixxi miri ta' politika ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija, li jeħtieġu, minn naħa, komunikazzjoni attiva mas-sħab fid-dinja kollha, partikolarment dwar it-tibdil fil-klima, u huma, min-naħa l-oħra, kontributuri importanti għas-sigurtà fit-tul tal-enerġija tal-UE.

Dawn id-dokumenti ta' politika u konklużjonijiet għandhom rwol essenzjali fil-kunċett tal-Unjoni tal-Enerġija, li qed tiġi żviluppata bħalissa taħt it-tmexxija ta' Viċi President tal-Kummissjoni ġdid u ddedikat. Ir-RGħ/VP u s-SEAE huma impenjati biex din l-Unjoni tal-Enerġija tkun ta' suċċess, u din is-sena nedew mekkaniżmu ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib mal-Ministeri għall-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri sabiex jinstab mod kif l-għodod u l-istrumenti ta' politika barranija (eż. ambaxxati/delegazzjonijiet, għodod diplomatiċi) jkunu jistgħu jintużaw aħjar u b'mod aktar koerenti biex jiġu appoġġati l-oġettivi ta' politika. Barra minn hekk, is-SEAE kompli jsegwi b'mod attiv il-ħidma li għaddejja tul il-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar u pprova appoġġ għal inizjattiva ġdida dwar l-enerġija fil-Mediterran, li laħqet il-qofol tagħha b'konferenza f'Ruma f'Novembru.

Aktar lil hinn, l-UE involviet ruħha b'mod attiv fid-diversi sforzi ta' modernizzazzjoni u komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet multilaterali tal-enerġija bħall-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, il-Komunità tal-Enerġija, il-Karta tal-Enerġija u oħrajn.

Il-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti ltaqa' f'żewġ okkażjonijiet din is-sena, u għadd ta' Djalogi Poliċi u Strateġiċi oħra ma' sħab globali ċentrali kellhom il-kwistjoni tal-enerġija bħala prijorità fuq l-aġenda tagħhom.

2.6. Tibdil fil-Klima

L-UE żiedet sew id-diplomazija dwar it-tibdil fil-klima b'mod partikolari matul it-tieni nofs tal-2014, b'enfasi speċjali fuq l-involviment ta' sħab strateġiċi biex jiġi żgurat il-progress tan-negożjati internazzjonali skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). L-2014 kienet sena importanti biex jitlesta l-pedament għall-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC f'Pariġi fl-2015, fejn l-UE qed taħdem biex tiżgura ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li jkun ġust, ambizzjuż u legalment vinkolanti għall-perijodu wara l-2020 u biex tiżdied l-ambizzjoni ta' qabel l-2020 għat-tibdil fil-klima.

Il-Qafas għall-Klima u l-Enerġija 2030 kien il-bażi tal-kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali (INDC) proprju tal-UE għall-ftehim dwar il-klima dinjija. Il-qalba tal-INDC ambizzjuż tal-UE hija l-impenn biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra b'tal-inqas 40 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

F'Diċembru 2014 kien hemm l-20 Konferenza tal-Partijiet (COP) f'Lima (1-14/12/2014), li kienet stadju importanti fil-proċess ta' negożjar u fid-definizzjoni tal-ambitu, it-tfassil u l-istruttura, tal-ftehim ta' Pariġi tal-2015.

Sar ukoll progress fuq l-abbozz ta' test għall-ftehim ta' Pariġi nnifsu. Madankollu, kienet diffiċli li wieħed ibiddel l-ispinta globali li qed tikber f'rieda akbar li jinstabu kompromessi fin-negozjati formali f'Lima. Għadu diffiċli li wieħed imur lil hinn mill-kunċett mifruq fi tnejn ta' differenzazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-pajjiżi "żviluppati" u dawk "li qed jiżviluppaw" skont il-livelli ta' dħul tal-1992 u ser ikompli jkun wieħed mill-ostakoli ewlenin fin-negozjati matul l-2015. Li jingħataw garanziji adegwati dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u dwar appoġġ għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima ser ikunu ta' prijorità meta jiġi ddeterminat is-suċċess f'Pariġi.

Is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-UE u l-ministeri għall-affarijiet barranin tal-Istati Membri biex jissaħħaħ l-użu tal-għodod tal-politika barranija, bħas-'sett ta' għodod għad-diplomazija dwar il-klima' biex jappoġġaw il-bini ta' alleanza kooperattiva ma', u messaġġi konsistenti u koerenti lil pajjiżi sħab.

2.7. Migrazzjoni

Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni saret aktar importanti u ser tibqa' prijorità għall-UE. Il-ħtieġa li jittejjbu aktar ir-rabtiet bejn il-linji ta' politika interna u dawk ta' politika esterna tal-UE u li l-politika dwar il-migrazzjoni ssir parti integrali ferm aktar b'saħħitha tal-linji ta' politika esterna tal-Unjoni ġiet ikkonfermata mil-Linji Gwida Strateġiċi tal-Kunsill tal-UE ta' Ġunju 2014 dwar il-futur tal-Affarijiet Interni.⁵⁹

Skonthom, il-politiki dwar il-migrazzjoni għandhom isiru parti integrali ħafna aktar b'saħħitha tal-politiki esterni u tal-iżvilupp tal-Unjoni, li japplikaw il-prinċipju 'aktar għal aktar' u li jibnu fuq l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà (GAMM). Bl-istess mod, it-tħassib u l-prijoritajiet ta' politika estera għandhom jiġu riflessi b'mod adegwat meta jiġu ddefiniti objettivi u azzjonijiet taħt il-GAMM.

⁵⁹ Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobbiltà ta' April 2014.

Il-migrazzjoni hi meqjusa b'hal fenomenu globali, kumpless u li jiġbor fih diversi aspetti, li jeħtieġ rispons komprensiv, koerenti u fit-tul. Dan l-approċċ jimplika l-indirizzar tal-kawżi ewlenin billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiż ta' oriġini u ta' tranżitu, speċjalment fir-reġjunijiet l-aktar ikkonċernati, u l-migrazzjoni tiġi integrata aħjar fil-politika esterna tal-UE.

Saret laqgħa informali tal-Kunsill f'Ruma fis-27 ta' Novembru fejn il-Ministri skambjaw fehmiet dwar kif isaħħu aħjar il-koordinazzjoni bejn id-dimensjoni esterna tal-Affarijiet Interni u l-Azzjoni Esterna tal-UE.

Fit-12 ta' Diċembru, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-Migrazzjoni fil-Kooperazzjoni tal-UE għall-Iżvilupp, li appellaw għal azzjoni tal-UE biex tiġi integrata bis-sħiħ id-dimensjoni tal-migrazzjoni fil-politika tal-UE għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni, kull fejn rilevanti, u billi jiġu żgurati risponsi ta' finanzjament adatti.

L-Unjoni Ewropea hija involuta b'mod attiv fl-Inizjattiva Nansen li għandha l-għan li tibni kunsens internazzjonali dwar aġenda ta' protezzjoni li tindirizza l-ħtiġijiet ta' nies spostati bejn il-fruntieri fil-kuntest ta' diżastri u l-effetti tat-tibdil fil-klima.

F'Ottubru 2014 il-Kunsill adotta Konklużjonijiet "Tittieħed azzjoni biex jiġu ġestiti aħjar il-flussi migratorji - Approċċ strateġiku u priyoritajiet operattivi". L-azzjoni f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija waħda mit-tliet pilastri ta' intervent elenkati fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

L-UE qed tkompli tqiegħed il-migrazzjoni sistematikament fuq l-aġenda tad-djalogi politiċi, ekonomiċi u soċjali tagħha mal-pajjiżi ġirien tagħha u s-sħab strateġiċi tagħha kif ukoll fil-qafas ta' diversi inizjattivi reġjonali. Fl-2014, avvenimenti ta' importanza partikolari kienu l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni indipendenti dwar il-Migrazzjoni u l-Mobilità mis-Summit UE-Afrika li sar fi Brussell f'April; il-Laqqgħa IX ta' Livell Għoli tad-Djalogu Strutturat u Komprensiv UE-CELAC dwar il-Migrazzjoni li sar fi Brussell fit-13 ta' Novembru; ir-Raba' Laqqgħa Ministerjali tal-Proċess ta' Rabat li saret f'Ruma fis-27 ta' Novembru; it-tnedija tal-Proċess ta' Kartum minn Laqqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika tal-Lvant li saret f'Ruma fit-28 ta' Novembru; u l-konklużjoni ta' Sħubiji għall-Mobilità mat-Tuneżija u l-Ġordan.

2.8. Droga

L-UE kompiet l-isforzi konsistenti tagħha biex tindirizza problemi marbuta mad-droga madwar id-dinja, fost l-oħrajn permezz ta' djalogi apposta u bini ta' istituzzjonijiet u kapaċitajiet f'pajjiżi u reġjuni ewlenin (l-Amerika Latina, l-Afganistan u l-Pakistan, l-Asja Ċentrali u l-Afrika tal-Punent). Għe applikat approċċ komprensiv u bbilanċjat mmirat lejn l-effett degradanti ġenerali fuq l-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiżi sors u dawk ta' tranżitu, b'attenzjoni fuq il-produzzjoni, il-provvista u d-domanda għad-droga, iżda wkoll b'mod aktar mifruq, jiġifieri kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità marbuta mad-droga. Dan sar filwaqt li tqies ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, li jirrappreżenta valur miżjud kbir tal-politika tal-UE f'dan il-qasam.

Abbażi tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020) u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Droga (2013-2016), għadd ta' programmi ta' suċċess komplew jagħtu r-riżultati. Fl-Amerika Latina, il-Koordinazzjoni UE-CELAC u l-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni dwar id-Droga issa għandu bażi soda u jirrappreżenta acquis sinifikattiv għal djalogu ulterjuri bejn l-UE u l-LAC, eż dwar l-implikazzjonijiet tal-abbuż tad-droga għas-saħħa pubblika. Il-programm ta' Kooperazzjoni COPOLAD kompla jikkonsolida, fost l-oħrajn, l-osservatorji nazzjonali tad-droga u jistimola l-iżvilupp rurali. Fl-Asja Ċentrali, l-UE ffinanzjat ir-rinnovazzjoni tal-punti ta' qsim tal-fruntiera, il-ħolqien ta' unitajiet għall-analiżi forensika tal-karatteristiċi tad-drogi, ippermettiet il-kooperazzjoni interistituzzjonali rigward kwistjonijiet transkonfinali kruċjali.

Il-kunċett tal-hekk imsejja "rotot tad-droga" għadu qed jiżviluppa, iżda permezz tiegħu hu diġà aktar faċli li l-kontributori tal-UE (istituzzjonijiet u Stati Membri) jaġixxu b'mod koerenti fil-ġlieda tagħhom kontra d-droga (ara wkoll it-taqsima dwar il-kriminalità organizzata).

Dawn l-isforzi prattiċi ssaħħew mill-ħidma diplomatika u l-assistenza konġunta ma' xi organizzazzjonijiet internazzjonali: l-UNDP jimplimenta programm ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE fl-Asja Ċentrali (BOMCA). Barra minn hekk, saru djalogi dwar id-droga ma' reġjuni u sħab ewlenin bħall-Istati Uniti tal-Amerika, is-CELAC, il-Balkani tal-Punent, ir-Russja (livell tekniku).

L-aħħar punt, iżda mhux l-inqas, fl-2014 l-UE bdiet, flimkien mas-sħab internazzjonali tagħha, it-tnejn għas-Sessjoni Speċjali tal-AĠNU dwar id-Droga (2016). Is-Sessjoni, li ser issir għall-ewwel darba fi 18-il sena, hi mistennija tiftaħ prospettu ġodda għall-ġestjoni tal-problema dinjija tad-droga fil-qafas tal-Konvenzjonijiet eżistenti tan-NU dwar id-Droga.

Bħal f'bosta oqsma globali oħra, it-titjib tar-rabta bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-politika tal-UE kien soġġett għal tiftix ta' ideat u azzjoni istituzzjonali u dan ser ikompli fl-2015.

2.9. Provenjenza Responsabbli ta' Minerali

Fil-5 ta' Marzu 2014, ir-RGħ u l-Kummissjoni pproponew approċċ integrat tal-UE biex il-qliġ mill-kummerċ f'minerali ma jibqax jintuża għall-finanzjament tal-konflitti armati. Il-fokus tal-approċċ hu li jkun aktar faċli għall-kumpanniji li jiksbu l-landa, it-tantalu, it-tungstenu u d-deheb b'mod responsabbli u li jħeġġu l-isfruttament leġittimu f'żoni milquta minn konflitt u żoni ta' riskju għoli u l-kummerċ leġittimu ma' dawn iż-żoni.

L-approċċ integrat jikkonsisti minn Komunikazzjoni konġunta tar-RGħ/il-Kummissjoni li tippreżenta l-approċċ ġenerali komprensiv ta' politika barranija dwar kif għandha tiġi ttrattata r-rabta bejn il-konflitt u l-isfruttament u l-kummerċ f'minerali, tistabbilixxi l-impenn ulterjuri b'appoġġ għall-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Konflitti u Żoni ta' Riskju Għoli u l-kuntatti u l-appoġġ tal-politika barranija tal-UE inklużi għodod ta' żvilupp. Il-Komunikazzjoni konġunta hija akkumpanjata bi Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-awtoċertifikazzjoni tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista ta' importaturi responsabbli bbażata fuq is-sistema tal-OECD.

Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-approċċ tal-Unjoni dwar il-provenjenza responsabbli tal-minerali. Il-Kunsill saħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jkomplu jippromwovu diplomazija b'saħħitha, komprensiva u koerenti fil-qasam tal-materja prima, li tindirizza r-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp b'mod konġunt u strateġiku.

2.10. Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

L-UE baqgħet impenjata bis-sħiħ sabiex tipprevjeni u tikkumbatti t-terroriżmu, tippromwovi l-istat tad-dritt u l-ġustizzja kriminali waqt li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem. L-oġġettivi ewlenin tal-UE fil-livell globali jibqgħu t-tiżi tal-kunsens internazzjonali u t-titjib tal-isforzi internazzjonali kontra t-terroriżmu.

Parti ċentrali mill-approċċ strateġiku tal-UE hi l-kuntatt politiku permezz ta' Djalogi Poliċi dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ma' bosta sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin. Dawn id-Djalogi huma pjattaforma importanti biex jitqajmu kwistjonijiet kritiċi involuti (eż. fl-2014 dwar il-kwistjoni tal-Ġellieda Barranin fis-Sirja/l-Iraq). Fl-2014, saru Djalogi Poliċi speċifikament dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (CT) mar-Renju tal-Arabja Sawdija, it-Turkija, il-Kanada, in-NU, l-Istati Uniti (kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu), u l-Awstralja. Kwistjonijiet relatati mat-terroriżmu jiġu diskussi wkoll f'firxa ta' laqgħat ta' djalogu oħra tal-UE inklużi djalogi ta' sigurtà dwar il-politika barranija.

Fl-2014 l-UE ħadmet fuq l-indirizzar b'mod effettiv tat-theddida tal-ġellieda barranin permezz ta' miżuri konkreti, flimkien man-NU u l-SM kollha. Minħabba t-terror brutali tal-ISIL/Da'esh kien meħtieġ li tingħata saħansitra aktar attenzjoni lis-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Iraq. Dan wassal biex titfassal l-istrateġija tal-UE dwar is-Sirja/l-Iraq il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/il-Ġellieda Barranin li ġiet adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru. Din tagħmel parti ċentrali mill-isforzi komprensivi tal-UE biex timplimenta l-UNSCR 2178 dwar il-Ġellieda Barranin u tiġġieled l-estremiżmu vjolenti. Fl-2014, l-Istati Membri qablu wkoll li jżidu b'400% l-assistenza speċifika kontra t-terroriżmu (IcSP) tal-UE lil pajjiżi terzi fil-qafas finanzjarju li jmiss, 2014-2020. L-assistenza tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu komplet tiffoka prinċipalment fuq l-oqsma prijoritarji li ġejjin: ir-reġjun tal-Asja tan-Nofsinhar, b'mod partikolari l-Pakistan, l-Afganistan; is-Saħel, in-Niġerja u l-Magreb; il-Qarn tal-Afrika/il-Jemen u l-implimentazzjoni tal-istandards tan-NU dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

L-UE kompliet tappoġġa r-rwol ċentrali tan-NU fil-kooperazzjoni multilaterali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tiegħu. B'mod ġenerali, l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-NU hija integrali għall-approċċ tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-UE tibqa' fi djalogu mill-qrib ma' sensiela ta' aġenziji tan-NU dwar kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u tippromwovi r-rwol ċentrali tan-NU fil-kooperazzjoni multilaterali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tiegħu. L-UE appoġġat bil-qawwa l-isforzi tas-SĠNU fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu (li ġiet enfasizzata fir-4 Eżerċizzju ta' rieżami tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu f'Ġunju 2014).

L-UE tibqa' tappoġġa bil-qawwa l-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF), kif ġie ssenjalat matul il-5 laqgħa ministerjali tal-GCTF f'New York f'Settembru 2014.⁶⁰

L-UE kompliet tipprovdi appoġġ lit-tliet istituzzjonijiet ispirati mill-GCTF; Hedayah, iċ-ċentru internazzjonali ta' eċċellenza dwar il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-Fond Globali għall-Impenn u r-Reżiljenza Komunitarji (GCERF) u l-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt.

Fir-rigward tal-finanzjament tat-terroriżmu, l-UE approvat programm speċifiku biex trawwem il-kapaċitajiet tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) fil-Qarn tal-Afrika u l-Jemen. Sa Diċembru 2014 l-UE kienet ippubblikat 15-il Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-reġim tas-sanzjonijiet kontra Al-Qaida, li jittrasponu d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tan-NU għas-Sanzjonijiet kontra Al-Qaida fil-liġi tal-UE.

⁶⁰ Din is-sena l-laqgħa ministerjali tal-GCTF ħejjiet is-sessjoni speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Ġlieda Terroristi Barranin (ĠTB) u l-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti (ĠEV) ppresjeduta mill-President Barack Obama fl-24 ta' Settembru. L-UE appoġġat ukoll it-tnedija ta' grupp ta' ħidma ġdid fil-15/16 ta' Diċembru 2014 f'Marrakexx dwar kwistjonijiet marbuta mal-ĠTB [kopresjedut min-Netherlands u l-Marokk], kif ukoll il-progress ta' inizjattivi tal-GCTF fil-qasam tal-ĠEV u l-istat tad-dritt: il-bord internazzjonali ta' tmexxija taċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-ĠEV (Ċentru Hedayah f'Abu Dhabi); l-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, (IIG); u l-Fond Globali għall-Impenn u r-Reżiljenza Komunitarji (GCERF). L-UE tappoġġa dawn l-inizjattivi finanzjarjament u ser issir parti mill-Bords ta' Tmexxija u ta' Governanza rilevanti ta' dawn l-inizjattivi. L-Istati Uniti u t-Turkija ser ikompli l-kopresidenza tagħhom tal-grupp ta' ħidma tal-GCTF għall-Qarn tal-Afrika.

C. Kontribuzzjoni għal Ordni Multilaterali Aktar Effettiva (NU, KtE, OSKE, G7 /G8 /G20)

1. NU

Il-multilateraliżmu effettiv jinsab fil-qalba tal-politika barranija tal-UE. Permezz tad-delegazzjonijiet akkreditati tagħha fil-korpi tan-NU f'New York, Ġinevra, Vjenna, Pariġi, Nairobi, u Ruma, l-UE għandha kooperazzjoni stabbilita ferm man-NU mal-firxa kollha tal-azzjoni tan-NU. Il-multilateraliżmu effettiv jinsab fil-qalba tal-politika barranija tal-UE. Permezz tad-delegazzjonijiet tagħha akkreditati fil-korpi tan-NU f'Ġinevra, Pariġi, Nairobi, New York, Ruma u Vjenna, l-UE għandha kooperazzjoni ferm stabbilita man-NU fuq il-firxa sħiħa ta' azzjoni tan-NU.

L-UE u l-Istati Membri tagħha b'mod kollettiv għadhom l-akbar kontributor finanzjarju għas-sistema tan-NU. Is-somma tal-kontribuzzjonijiet tat-28 Stat Membru tal-UE tammonta għal 35% tal-baġit regolari tan-NU u 36.8% tal-baġits tan-NU għaż-żamma tal-paċi. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu wkoll madwar nofs il-kontribuzzjonijiet volontarji kollha għall-fondi u l-programmi tan-NU.

F'Ġunju 2014, il-Kunsill adotta l-Prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-AĠNU⁶¹, skont il-prijoritajiet tal-UE fuq perijodu medju fin-Nazzjonijiet Uniti (2012-2015) li jippermettu azzjoni mmirata u kkoordinata tal-UE, fuq ħames intestaturi ġenerali: il-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, it-tiġh tan-NU u kwistjonijiet umanitarji. L-Istati Membri tal-UE ser ikompli jaħdmu għal ġestjoni effiċjenti u effettiva tan-NU u r-riżorsi finanzjarji tagħha, u għal aktar riformi.⁶²

⁶¹ Prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (dok. 10856/14)

⁶² Fit-2 ta' April 2014, il-Parlament Ewropew adotta r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill dwar id-69 sessjoni tal-AĠNU. Ir-rakkomandazzjoni hija strutturata fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-paċi u s-sigurtà, ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni, in-nisa u t-tfal, l-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015 u kwistjonijiet oħra, inkluż il-privatezza fl-era diġitali, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, l-UE fin-NU u t-tibdil fil-klima (Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar id-69 sessjoni tal-AĠNU (dok. 2014/2017(INI), P7_TA (2014)0259).

Bħala riżultat ta' Riżoluzzjoni adottata fit-3 ta' Mejju 2011 (li ma biddlitx l-istatus ta' osservatur tal-UE), ir-rappreżentanti tal-UE kif definiti mit-Trattat ta' Lisbona jistgħu jikkellmu fl-Assemblea Ġenerali tan-NU. Għaddejja wkoll hídma biex jiġu rieżaminati d-drittijiet ta' parteċipazzjoni tal-UE f'numru ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-President tal-Kunsill Ewropew irrappreżenta lill-UE fid-Dibattitu Ġenerali, il-ftuħ annwali tal-Assemblea Ġenerali f'Settembru u tkellem ukoll fis-summit tal-KSNU dwar il-ġellieda barranin fl-24 ta' Settembru 2014. Fi Frar 2014, wara li ingħata informazzjoni mir-RGH, il-Kunsill tas-Sigurtà laqa' formalment il-kooperazzjoni mill-qrib bejn in-NU u l-UE f'dikjarazzjoni presidenzjali. L-UE u n-NU qed jikkooperaw b'suċċess fuq bosta sitwazzjonijiet ta' kriżi, u din il-kooperazzjoni titrawwem permezz ta' dialogu biannwali ta' livell għoli fil-Kumitat ta' Tmexxija UE-NU dwar il-Maniġġar ta' Kriżijiet.

2. Paċi u Sigurtà

L-UE u n-Nazzjonijiet Uniti huma sħab ċentrali fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ssottolinja dan fl-14 ta' Frar 2014 meta, f'dikjarazzjoni presidenzjali adottata b'konsens, huwa laqa' l-kooperazzjoni mill-qrib bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Ewropea u ħeġġeġ liż-żewġ organizzazzjonijiet biex isaħħu aktar ir-relazzjonijiet istituzzjonali u s-sħubija strateġika tagħhom.

Il-kooperazzjoni strateġika mill-qrib fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali kibret biex tkopri ċ-ċiklu sħiħ tal-konflitt mill-prevenzjoni sal-bini tal-paċi wara konflitt. L-Istati Membri tal-UE bħalissa jikkontribwixxu 37% tal-baġit għaż-żamma tal-paċi kif ukoll 8% tal-persunal f'operazzjonijiet tan-NU għaż-żamma tal-paċi. L-iżvilupp tal-politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-UE ppermetta kooperazzjoni sinifikanti u li qed tiżdied bejn l-UE u n-NU fil-qasam tal-maniġġar ta' kriżijiet ċivili u militari, bħal dawk 'il barra mix-xtut tas-Somalja (ATALANTA), fil-Kosovo (EULEX), fil-Mali (EUTM Mali), fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) u tkompli tkun parti importanti mis-sħubija globali tagħna. It-tisħiħ tal-appoġġ tal-UE għall-operazzjonijiet tan-NU għaż-żamma tal-paċi huwa waħda mill-prijoritajiet tal-UE bbażati fuq il-Pjan ta' Azzjoni ta' Lulju 2012. Permezz tar-rwol b'saħħtu fl-iżvilupp ġewwa l-pajjiż fil-konsolidazzjoni tal-paċi, kif ukoll bl-attivitajiet għaż-żamma tal-paċi aktar fit-tul f'sitwazzjonijiet wara konflitt, l-UE għandha rwol attiv fil-Kummissjoni tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi u fil-konfigurazzjonijiet kollha tal-pajjiżi tagħha.

L-UE kompliet tappoġġa l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-kunċett ta' Responsabbiltà ta' Protezzjoni u tappoġġa l-inklużjoni ta' dan il-punt fl-aġenda formali tal-AĠNU fl-2015, kif propost mis-SĠNU fir-rapport tiegħu dwar ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni ta' Lulju 2014.

3. Żvilupp uman, ekonomiku u soċjali u Aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015

Fl-2014, il-kwistjonijiet marbuta mal-iżvilupp kienu ferm aktar kruċjali milli kienu fis-snin preċedenti. L-UE intensifikat l-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) sal-2015, bħala punt ta' tluq għal aġenda futura għal wara l-2015. Hija haġmet lejn qafas sovrastanti uniku għal wara l-2015 li jirrikonoxxi li l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli jirrinforzaw lil xulxin.

Sabiex ittejjeb l-impatt tagħha fuq il-qerda tal-faqar estrem u tappoġġa l-pajjiżi sħab fil-kisba bis-sħiħ tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, l-Unjoni Ewropea applikat metodoloġija ġdida u trasparenti ta' allokkazzjoni, li żiedet is-sehem ta' appoġġ lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inklużi l-istati fraġli, filwaqt li 16-il stat kbir u aktar avvanzat ma baqgħux jeħtieġu l-ġhajjnuna bilaterali. Il-programmi bilaterali strateġiċi, li ġew adottati fl-2014, huma aktar iffokati u kkonċentrati fuq massimu ta' 3 setturi. L-oqsma ta' kooperazzjoni ntgħażlu fost l-oqsma prijoritarji tal-"Aġenda għall-Bidla", b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u elementi kruċjali oħra ta' governanza tajba u tkabbir inklużiv u sostenibbli. Il-programmazzjoni konġunta mal-Istati Membri tal-UE u donaturi oħra qed titmexxa 'l quddiem ukoll f'aktar minn 40 pajjiż.

L-UE u n-NU llum huma sħab qrib ta' xulxin li jaħdmu flimkien f'aktar minn 100 pajjiż f'oqsma bħall-iżvilupp rurali u ekonomiku, is-servizzi tal-ilma u tas-sanità, l-aċċess għas-saħħa pubblika, il-kwistjonijiet marbuta mal-impjiegi u x-xogħol deċenti, l-aċċess għall-edukazzjoni u r-rikostruzzjoni wara konflitti.

Il-fondi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp appoġġaw l-isforzi tan-NU fl-oqsma tal-governanza demokratika, l-assistenza elettorali, l-prevenzjoni ta' konflitti u l-irkupru wara konflitti, id-drittijiet tal-bniedem, il-kwistjonijiet tas-sessi u t-tibdil fil-klima. Setturi fokali oħra ferm importanti ta' kooperazzjoni man-NU huma s-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni u l-iżvilupp rurali, l-appoġġ għall-edukazzjoni u s-saħħa anki għar-refuġjati.

F'Mejju 2014, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Rwol Aktar b'Saħħtu tas-Settur Privat fil-Kisba ta' Tkabbir Inklużiv u Sostenibbli fil-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw" li, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol tagħha bħala fornitur ta' impjiegi fil-ġlieda kontra l-faqar u għaldaqstant l-impatt tagħha fuq il-qagħda tas-sigurtà tal-pajjiż, tippromwovi għall-impenn imsaħħaħ tagħha fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.

F'Lulju 2014, il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ (GHM) dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) adotta l-proposti tiegħu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Il-Kumitat Intergovernattiv ta' Esperti għall-Finanzjament tal-Iżvilupp Sostenibbli (ICESDF) adotta r-rapport tiegħu fil-bidu ta' Awwissu 2014. Abbażi ta' dawn il-kontributi u oħrajn, tas-SĠNU ħareġ ir-rapport ta' sintesi tiegħu "It-Triq lejn id-Dinjità sal-2030: Neqirdu l-faqar, nittrasformaw il-ħajjiet kollha u nħarsu l-pjaneta"⁶³ f'Jannar 2015. Id-Dibattitu Ġenerali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' din is-sena, li sar f'Settembru, kellu t-tema: "Niksbu riżultati u nimplimentaw aġenda ta' żvilupp għal wara l-2015".

Il-fażi li jmiss tan-negozjati intergovernattivi ser tibda kmieni fl-2015, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil f'summit f'Settembru 2015 dwar qafas sovrastanti għal wara l-2015, inklużi SDGs ġodda, li jindirizza l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu (ekonomiku, soċjali u ambjentali/tibdil fil-klima).

F'Diċembru 2014, il-Kunsill adotta konklużjonijiet, li jipprovdu l-bażi għall-pożizzjoni tal-UE fin-negozjati internazzjonali li ġejjin fin-NU li għandhom jiġu konklużi f'summit f'Settembru.⁶⁴

4. Kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP)

Daħal fis-seħħ il-11-il FEŻ, l-istrument finanzjarju li jkopri l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, (AKP) sal-2020.

Programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali (PIN u PIR), kif ukoll il-programm intra-AKP, bħalissa qegħdin jiġu nnegozjati, approvati u ffirmati kemm mill-pajjiżi sħab tal-UE kif ukoll minn daww tal-AKP. Iktar minn 50 % tal-PIN ġew iffirmati sa tmiem l-2014. Daww li għad fadal ser jiġu ffinalizzati fl-2015.

⁶³ A/69/700

⁶⁴ Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fil-25 ta' Novembru 2014 dwar l-UE u l-qafas globali għall-iżvilupp wara l-2015 (2014/2143 (INI)).

5. G7 / G20

Il-Kummissjoni u l-President tal-Kunsill Ewropew ħadu sehem f'għadd ta' summits u laqgħat tal-G7 u l-G20 matul l-2014.

It-taħditiet fi ħdan il-G7 fl-2014 kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom iddominati mir-reazzjoni għall-kriżi fl-Ukrajna u r-relazzjonijiet mar-Russja. Aġenda pożittiva mmirata biex jitnaqqsu t-tensjonijiet mar-Russja u tiġi stabilizzata l-Ukrajna ukoll ġiet diskussa f'dan il-kuntest. Kunsiderazzjonijiet oħra fi ħdan dan il-grupp iffukaw fuq it-tkabbir globali u kif jiġu ttrattati r-rata għolja tal-qgħad, il-kwistjonijiet kummerċjali u r-rabta bejn it-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-enerġija. Il-mexxejja ssottolinjaw ukoll l-impenn tagħhom għall-isforzi internazzjonali biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u kwistjonijiet marbuta mal-iżvilupp, permezz tal-aġenda għal wara l-2015.

L-UE tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tal-Grupp tal-G7 Ruma/Lyon⁶⁵ bħala parti mill-isforzi tal-UE fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 2178 u l-istrateġija tal-UE dwar is-Sirja/Iraq il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu/il-Ġlieda Barranin adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2014.

L-UE laqgħet ir-riżultati tas-summit tal-G20 f'Brisbane li kellu l-għan li jqiegħed l-ekonomija globali fuq triq ta' tkabbir sostenibbli. Is-summit tal-G20 adotta l-Pjan ta' Azzjoni ta' Brisbane dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi u għamel enfasi qawwija fuq l-investiment. Il-G20 afferma wkoll mill-ġdid l-impenn tiegħu għal tassazzjoni aktar ġusta u pprova impetu ġdid għar-regolamentazzjoni finanzjarja, l-azzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima u kummerċ miftuħ inkorporat fis-sistema kummerċjali multilaterali. Finalment, il-G20 għamel progress fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-enerġija u s-sostenibbiltà, l-iżvilupp u r-riforma tal-istituzzjonijiet ekonomiċi internazzjonali.

⁶⁵ Il-Grupp tal-G7 Ruma/Lyon jittratta l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

6. Kunsill tal-Ewropa (KtE)

L-UE kompliet bl-impenn attiv tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa skont il-Memorandum ta' Qbil iffirmit bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fl-2007, b'mod partikolari fil-viċinat Ewropew u l-Balkani tal-Punent. Il-ħidma tal-KtE fl-2014 ikkonċentrat b'mod inportanti fuq l-Ukrajna. Il-KtE qiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna l-għarfien espert tiegħu rigward kwistjonijiet kruċjali marbuta mar-riformi legali, kostituzzjonali u elettorali kif ukoll fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa kompla wkoll jikkoopera mal-UE fin-Nofsinhar tal-Mediterran u l-Asja Ċentrali, fil-qafas tal-istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għal kooperazzjoni mal-ġirien tiegħu.

Il-programmi konġunti tal-UE u l-Kunsill tal-Ewropa jibqgħu element fundamentali tal-kooperazzjoni tagħna. Fl-2014, l-UE u l-KtE ħadmu flimkien biex jistabbilixxu modalitajiet ġodda għall-kooperazzjoni permezz ta' proġetti, u b'hekk tiġi prevista perspettiva ta' kooperazzjoni aktar fit-tul, objettivi u riżultati aktar ċari. Fl-1 ta' April 2014, is-Segretarju Ġenerali Jagland u l-ex Kummissarju Stefan Füle ffirmaw dikjarazzjoni ta' impenn biex jikkonfermaw din l-orjentazzjoni.

7. Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa

L-aġenda tal-OSKE fl-2014 tilfet fl-importanza fid-dawl tal-kriżi fl-Ukrajna u madwarha. Il-konflitt enfasizza l-valur persistenti tal-organizzazzjoni, iżda wkoll il-limitazzjonijiet politiċi u operazzjonali tagħha. Il-Russja kisret il-prinċipji li huma l-qofol tal-OSKE u żammet lill-OSKE milli tiegħu r-rwol sħiħ tagħha fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk - b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-fruntieri. Fl-istess ħin, l-OSKE wriet il-valur tagħha bħala l-uniku attur internazzjonali u imparzjali fil-post, fiż-żona ta' konflitt fl-Ukrajna, u bħala forum ewlieni għad-djalogu bejn il-partijiet differenti matul il-kriżi. L-UE laqgħet l-isforzi konsiderevoli li għamlet il-Presidenza Svizzera fil-kariga tal-OSKE matul l-2014 fl-indirizzar tal-kriżi.

L-UE, li l-Istati Membri tagħha jikkostitwixxu kważi nofs l-Istati parteċipanti tal-OSKE u jikkontribwixxu għal madwar 70% tal-baġit tal-organizzazzjoni, kompliet tappoġġa l-ħidma tal-OSKE fit-tliet dimensjonijiet tagħha u bejniethom - dik politiko-militari, ekonomiko-ambjentali u umana. L-Unjoni kompliet tiddefendi u tippromwovi l-impenji u l-prinċipji tal-OSKE wiċċ imb'wiċċ l-isfidi multipli, kemm l-azzjonijiet tar-Russja fl-Ukrajna kif ukoll is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li sejra lura fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali.

Rigward il-kriżi fl-Ukrajna u madwarha, l-UE tat appoġġ politiku, finanzjarju u in natura sinifikanti għal attivitajiet differenti tal-OSKE, b'mod partikolari il-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ (MSM), il-Missjoni ta' Osservazzjoni f'żewġ punti ta' kontroll tal-fruntiera Russa, u l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) għall-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari bikrija fl-Ukrajna. Il-MSM hija l-ikbar operazzjoni fil-post tal-OSKE f'dawn l-aħħar snin u kellha taħdem f'ċirkostanzi dejjem aktar diffiċli. L-UE appoġġat l-espansjoni tagħha għal 500 sorveljatur sa Jannar 2015 u l-Istati Membri tal-UE kkontribwixxew għal aktar minn 70% tal-persunal tal-missjoni. Minbarra l-kontributi mill-Istati Membri tagħha, l-Unjoni pprovdiet EUR7m f'finanzjament extra-baġitarju lill-MSM permezz tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) kif ukoll 4 vettura mhux blindata u 4 vetturi blindati. L-UE tat ukoll appoġġ politiku qawwi lill-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali magħmul minn rappreżentanti tal-Presidenza tal-OSKE fil-Kariga, l-Ukrajna u r-Russja.

B'reazzjoni għall-kriżi tal-Ukrajna, l-UE appoġġat użu estensiv tal-istrumenti politiko-militari tal-OSKE, b'mod partikolari d-Dokument ta' Vjenna. Ittiegħed għadd sinifikanti ta' miżuri ta' verifika kemm għall-Ukrajna kif ukoll għar-Russja bil-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri tal-UE f'tentattivi biex jittaffa t-tgħassib dwar attivitajiet militari Russi mhux tas-soltu tul il-fruntiera mal-Ukrajna. Madankollu ma tantx seta' jinkiseb impatt li jwassal biex jitnaqqsu t-tensjonijiet minħabba interessi diverġenti fil-qasam tas-sigurtà u n-nuqqas ta' rieda politika min-naħa tar-Russja li tikkonforma mal-impenji tagħha fil-qasam ta' miżuri għall-bini ta' fiduċja u sigurtà mhux biss bil-kliem iżda wkoll l-ispirtu. Għaldaqstant l-UE ser tkompli tinsisti fuq l-implimentazzjoni sħiħa u l-modernizzazzjoni tad-Dokument ta' Vjenna bil-għsieb li jissaħħaħ ir-rwol tal-OSKE fil-bini ta' fiduċja u sigurtà, it-tnaqqis tar-riskji u l-prevenzjoni ta' konflitti.

Il-kriżi fl-Ukrajna u madwarha kellha wkoll impatt fuq il-konflitti fit-tul fiż-żona tal-OSKE. Minkejja l-isfidi, l-UE kompliet l-impenn attiv tagħha fir-risoluzzjoni ta' dawn il-konflitti, b'mod partikolari t-taħditiet biex tissolva s-sitwazzjoni fit-Transnistrija u d-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra dwar il-konsegwenzi tal-konflitt tal-2008 fil-Ġeorġja, fejn hi tiegħu sehem. L-UE kompliet ukoll tappoġġa l-isforzi biex jinkiseb progress fir-risoluzzjoni tal-konflitt ta' Nagorno-Karabakh. L-UE tipprovdi finanzjament sinifikanti għall-bini tal-fiduċja bejn il-partijiet ta' kull wiegħed minn dawn il-konflitti.

L-UE kompliet tagħti importanza kbira lill-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji marbuta mad-dimensjoni umana, speċjalment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. F'dan il-kuntest, l-Unjoni b'mod partikolari enfasizzat ir-rwol importanti tal-istituzzjonijiet awtonomi tal-OSKE (ODIHR, ir-Rappreżentant għal-Libertà tal-Istampa u l-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali).

Il-kooperazzjoni mal-OSKE ġiet żviluppata aktar fil-qasam tat-theddidiet transnazzjonali, inkluż dwar kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġestjoni tal-fruntieri u ċ-ċibersigurtà. L-UE kompliet tappoġġa wkoll il-ħidma tal-operazzjonijiet tal-OSKE fuq il-post b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali. L-UE kompliet tipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti lill-Inizjattiva għas-Sigurtà tal-Komunità fil-Kirgiżistan permezz tal-IcSP.

Il-Kunsill Ministerjali annwali fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2014 f'Basel kien dominat mill-kriżi fl-Ukrajna u madwarha. Filwaqt li ma seta' jintlaħaq ebda kunsens rigward dikjarazzjoni dwar il-kriżi, id-diskussjonijiet ikkonfermaw ir-rwol tal-OSKE bħala forum ewlieni għal kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà Ewropea. Il-Kunsill Ministerjali wera wkoll li kien hemm qbil fost il-maġġoranza kbira tal-istati parteċipanti fl-oppożizzjoni tal-azzjonijiet tar-Russja fl-Ukrajna u madwarha u fil-ħarsien tal-prinċipji bażiċi tal-Att Finali ta' Helsinki, inkluża l-invjolabbiltà tal-fruntieri. Il-Kunsill Ministerjali indirizza wkoll il-futur tal-ordni u s-sigurtà Ewropej. Filwaqt li fl-2014 il-proċess ta' Helsinki+40 (tentattiv li terġa' tingħata s-saħħa lill-OSKE qabel l-40 anniversarju tal-iffirmar tal-Att Finali ta' Helsinki fl-1975) qajla għamel progress, il-Kunsill Ministerjali qabel li jkompli l-proċess bil-ħsieb tal-anniversarju li ser ikun dalwaqt. Il-Presidenza Żvizzera - f'kooperazzjoni mas-suċċessuri tagħha s-Serbja (2015) u l-Ġermanja (2016) - waqqfu wkoll Bord ta' Persuni Eminent i dwar il-futur tas-sigurtà Ewropea.

D. Appoġġ għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-istat tad-dritt

1. Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

Fl-2014 l-UE baqgħet impenjata li tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha u tappoġġa l-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. Il-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, adottati f'Ġunju 2012, baqgħu d-dokumenti ta' referenza tal-Politika Esterna tal-UE f'dan il-qasam, li jistabbilixxu l-prinċipji gwida u l-prijoritajiet ewlenin tal-azzjoni tal-UE. Dawn id-dokumenti għandhom l-għan li jtejbju l-effikaċja u l-konsistenza tal-politika tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u jqiegħdu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Peress li l-Pjan ta' Azzjoni jiskadi fi tmiem is-sena, waqt il-perjodu ta' rapportar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ta' bidu għal proċess mifrux ta' konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew) u l-partijiet ikkonċernati rilevanti (inkluż b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet akkademiċi) bil-ħsieb li jitħejja Pjan ta' Azzjoni kompletament imġedded, li għandu jiġi adottat kmieni fl-2015.

2. Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika tal-UE

Fl-2014 ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, temm it-tieni sena tal-mandat tiegħu. Il-kompitu ċentrali tiegħu, kif definit fil-mandat, baqa' li jżid il-koerenza, l-effikaċja u l-viżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika barranija tal-UE. Għal dan l-għan, huwa ffoka fuq it-tisħiħ tal-impenn tal-UE mas-sħab strateġiċi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' żjarat fl-Istati Uniti, il-Brażil u l-Messiku; il-bini ta' relazzjonijiet mal-pajjiżi f'transizzjoni u s-sħab reġjonali, inklużi l-Myanmar, il-Pakistan u l-Eġittu, it-titjib tal-viżibbiltà u l-impenn tal-UE fil-mekkaniżmi multilaterali u reġjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni ma' u l-għoti ta' setgħa lis-soċjetà ċivili. Huwa ffoka wkoll fuq il-promozzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-UE, b'mod partikolari daww riflessi fil-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet oħra, bħal pereżempju l-libertà ta' espressjoni offline u online, id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, approċċ għall-iżvilupp ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, it-tneħħija tal-piena tal-mewt u n-negozju u d-drittijiet tal-bniedem.

Is-SEAE ħadem ukoll fuq ir-razzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmi u l-proċeduri interni tiegħu, bil-ħsieb li l-azzjoni tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem issir aktar effikaċi. Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) tal-Kunsill, inkarigat minn kull aspett marbut mad-drittijiet tal-bniedem tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea, adotta l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE fil-Fora tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem għas-sena, li kkontribwixxew għall-eżiti b'suċċess tal-ħidma tal-UE fil-Qafas tan-NU. Bis-saħħa tal-isforzi miftiehma tad-Delegazzjonijiet tal-UE, il-Kapijiet tal-Missjonijiet, l-Istituzzjonijiet u s-Servizzi tal-UE, u l-Istati Membri, ġew approvati 132 strateġija tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS). L-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-pajjiżi dwar id-drittijiet tal-bniedem wasslet għal kollaborazzjoni aktar intensa bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri rigward id-drittijiet tal-bniedem u kkontribwixxiet għal qafas aħjar u aktar koerenza fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2014 l-UE kellha djalgi formali dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet ma' 37 pajjiż sieħeb u gruppi reġjonali, inkluż - għall-ewwel darba - djalgu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Myanmar/Burma. Barra minn hekk, ħafna mid-79 pajjiż tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku li huma parti mill-Ftehim ta' Cotonou kienu fi djalgu mal-UE. Id-djalgu dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Russja ġie sospiż, dak mal-Azerbajġan ġie pospost. L-UE kompliet l-isforzi tagħha għat-titjib tal-impatt u l-effettività tad-djalgi, inkluż bl-istabbiliment ta' rabtiet bejn id-djalgi u strumenti oħra ta' politika, bl-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' segwitu u bl-inklużjoni ta' każijiet individwali fid-diskussjonijiet. Il-biċċa l-kbira tad-djalgi dwar id-drittijiet tal-bniedem kienu preċeduti minn laqgħat ta' konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) fi Brussell u l-pajjiżi kkonċernati, u segwiti minn laqgħat ta' tagħrif. L-UE ħarġet dikjarazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem mogħtija mir-RGħ/VP jew il-Kelliem tagħha. Intużaw ukoll démarches kunfidenzjali matul is-sena.

Is-SEAE pprova wkoll sessjonijiet ta' taħriġ regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, dwar suġġetti bħan-nondiskriminazzjoni (il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' reliġjon jew twemmin, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u d-drittijiet tal-LGBTI), id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tat-tfal, l-appoġġ għad-demokrazija u l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet, id-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tan-NU, u d-drittijiet tal-bniedem fil-Kunsill tal-Ewropa. Tnieda wkoll eżerċizzju għal inventarju tal-programmi ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem immexxijin mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jinġabru l-aħjar prattiki u jiġu analizzati s-sinerġiji. Għal dan l-għan, f'Settembru ġie miftiehem li jiġi stabbilit netwerk informali ta' punti ta' kuntatt għat-taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-Istati Membri tal-UE. Sa tmiem l-2014 id-Delegazzjonijiet kollha tal-UE f'Pajjiżi Terzi u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK kienu ħatru punt ta' kuntatt għad-drittijiet tal-bniedem u/jew il-kwistjonijiet tas-sessi.

Fl-2014 issaħħew l-isforzi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' koerenza u konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dan kien ukoll is-suġġett ta' konklużjonijiet speċifiċi adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Ġunju fejn il-Kunsill għaraf li l-konsistenza hija kruċjali għall-kredibbiltà tal-UE u tista' tinkiseb biss jekk l-UE tmexxi bl-eżempju fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea baqgħet impenjata biex tinkludi d-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha mwettqa għal proposti fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE, u bdiet tiżviluppa linji gwida speċifiċi dwar l-analiżi tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem fit-ftehimiet kummerċjali.

3. Implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem

Matul l-2014, l-UE ffukat fuq sfidi tematiċi speċifiċi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, rigward kemm id-drittijiet ċivili u politiki kif ukoll id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

L-UE kienet attiva fil-promozzjoni tad-**dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u għaqda paċifika**, permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi u fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali tal-UE ma' pajjiżi terzi; permezz ta' djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u konsultazzjonijiet ma' sħab tal-istess fehma f'termini ta' skambji dwar attivitajiet u prassi tajba. F'Settembru 2014 l-UE organizzat avveniment fil-marġni tal-Laqgħa tal-OSKE għall-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana, sabiex jiġu eżaminati, mas-soċjetà ċivili, ix-xejriet reċenti tat-tgawdija tad-dritt għal għaqda paċifika fiż-żona tal-OSKE.

Fil-sessjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tul is-sena u waqt il-laqgħa tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Ottubru, l-UE ssottolinjat l-importanza tal-**ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB)** u esprimiet tħassib dwar l-ispazju għas-soċjetà ċivili li f'bosta pajjiżi dejjem qed jiċkien, iż-żieda fir-restrizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-fastidju u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-attivisti. L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa għodda finanzjarja essenzjali biex jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u lil DDB, inklużi ġurnalisti u bloggers.

Il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE tennew l-impenn tal-UE għad-DDB f'konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew adottati f'Ġunju, b'tifkira tal-għaxar anniversarju tal-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kunsill enfasizza r-rwol ta' importanza partikolari tad-DDB nisa u ta' DDB minn gruppi vulnerabbli u emarġinati. F'Mejju, id-Delegazzjonijiet tal-UE ngħataw gwida dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li tistabbilixxi l-aħjar prassi biex jiġu ttrattati l-każijiet. Tul is-sena, id-Delegazzjonijiet tal-UE kienu attivi fil-ħidma għall-protezzjoni tad-DDB, li komplew jiffaċċaw pressjoni dejjem akbar mill-awtoritajiet u minn atturi mhux statali f'bosta pajjiżi. Id-diplomatiċi tal-UE ssorveljaw proċessi, żaru lil attivisti detenuti u ħarġu dikjarazzjonijiet dwar każijiet individwali.

Il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jissottolinja d-determinazzjoni tal-UE li tibqa' tippromwovi **l-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni online u offline**, għax ma tistax teżisti demokrazija mingħajr dawn id-drittijiet. Fit-12 ta' Mejju 2014, l-UE adottat il-Linji Gwida tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-libertà ta' espressjoni online u offline. Filwaqt li jibnu fuq strumenti u dokumenti eżistenti, dawn il-linji gwida jfakkru fil-prinċipji ewlenin u fihom prijoritajiet definiti b'mod ċar u għodod għall-użu mid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri, kif ukoll Kwartieri Ġenerali tal-UE, biex dan id-dritt jiġi promoss u difiż aħjar. L-UE kkundannat ripetutament l-attakki kontra l-ġurnalisti u l-bloggers permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi u fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali. L-UE segwiet mill-qrib il-ħidma tal-Koalizzjoni għal-Libertà Online, u appoġġat b'mod attiv ir-risoluzzjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar "is-sigurtà tal-ġurnalisti", ir-risoluzzjoni tal-AĠNU dwar "id-dritt għall-privatezza fl-era diġitali" u r-risoluzzjoni dwar "id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Internet" adottata għat-tieni darba dan is-sajf fil-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Forum annwali bejn l-UE u l-NGOs tal-2014 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li sar fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2014, iddedikat għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà ta' espressjoni, laħaq parteċipazzjoni ta' aktar minn 200 rappreżentanti minn NGOs mid-dinja kollha.

L-UE affermat mill-ġdid **l-oppożizzjoni tagħha għall-piena tal-mewt** u għamlet użu mill-għodod diplomatiċi kollha disponibbli għaliha biex tmexxi 'l quddiem il-kawża tal-abolizzjoni dinjija, skont il-Linji Gwida rilevanti tal-UE. Permezz ta' lobbying estensiv, l-UE ħadet sehem b'mod attiv fl-alleanza transreġjonali li tippromwovi r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li fl-aħħar mill-aħħar ġiet adottata f'Diċembru, li tafferma mill-ġdid l-appell għal moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt. Bis-saħħa tal-isforzi tal-UE r-riżoluzzjoni kisbet għadd bla preċedent ta' 117-il vot favur, 37 vot kontra u 34 astensjoni, meta mqabbel ma' riżoluzzjonijiet simili fi snin preċedenti.

L-UE ċċelebrat it-30 anniversarju tal-**Konvenzjoni Kontra t-Tortura**, filwaqt li kompliet timplimenta l-Linji Gwida dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra. Hija ħeġġet lill-pajjiżi kollha biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni u l-Protokoll Fakultattiv tagħha u qajmet każijiet individwali ta' tortura u trattament ħażin fid-djalogi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi, kif ukoll waqt żjarat fil-pajjiżi. Ġie organizzat avveniment fi Brussell f'Diċembru, għal sensibilizzazzjoni fit-30 anniversarju u biex issir riflessjoni dwar it-triq 'il quddiem biex tiġi żgurata l-aktar implimentazzjoni mifruxa possibbli tal-Konvenzjoni.

Din is-sena, l-UE ċċelebrat il-25 anniversarju tal-**Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal**. B'tifkira ta' dan l-anniversarju u tal-impenn tal-UE għat-tfal fil-politiki interni u esterni tagħha, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni adotta Konklużjonijiet dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal f'Diċembru. L-UE appoġġat attivament il-kampanja "Tfal, Mhux Suldati" mibdija b'mod konġunt mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU għat-Tfal u l-Konflitt Armat u l-UNICEF, li għandha l-għan li tipprevjeni r-reklutaġġ u fl-aħħar mill-aħħar li ttemm l-użu tat-tfal mill-forzi armati tal-gvernijiet fil-konflitti sal-2016. F'konformità mal-Konvenzjoni 182 tal-ILO dwar l-aġar forom tax-xogħol tat-tfal, l-UE ppromwoviet l-istabbiliment ta' listi ta' xogħlijiet perikolużi f'33 pajjiż fl-Afrika sub-Saħarjana u l-Ewropa/l-Asja Ċentrali. Waqt id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' ċerti pajjiżi ingħatat attenzjoni partikolari lix-xogħol tat-tfal.

Il-protezzjoni tad-**drittijiet tan-nisa**, u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq bażi ta' sessi baqgħu prijoritarji fuq l-aġenda tal-UE. Dawn il-kwistjonijiet ġew integrati b'mod konsistenti fil-programmi tal-UE u ġew inklużi f'messaġġi pubbliċi u djalogi ma' gvernijiet, organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili. L-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem nisa u għall-organizzazzjonijiet tan-nisa kien ukoll prijorità. In-NU baqgħet il-pjattaforma prinċipali fejn l-UE tmexxi 'l quddiem il-prijoritajiet strateġiċi tagħha fil-qasam tal-kwistjonijiet tas-sessi. Pereżempju, l-UE kellha rwol importanti fin-negozjar tal-Konklużjonijiet Miftehma tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa. L-UE u l-UN Women baqgħu jimplimentaw il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) Konġunt tagħhom tal-2012. Saru kisbiet ewlenin fl-oqsma tal-komunikazzjoni, id-djalogu dwar il-politika u attivitajiet konġunti ta' sostenn, taħriġ u ppjanar ta' programmi konġunti bejn l-UE u l-UN Women. F'dan il-kuntest, f'Novembru 2014 fi Brussell saret il-Konferenza 'Spring Forward for Women' (Qabża 'l Quddiem għan-Nisa) li laqqgħet flimkien nisa parlamentari mir-reġjun tal-Istati Għarab u membri tal-Parlament Ewropew. Rigward il-vjolenza sesswali fil-konflitti, l-UE ħadet sehem attiv fis-Summit Globali f'Ġunju 2014 f'Londra, u ħadet impenn għal segwitu b'azzjonijiet prattiċi fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni ta' konflitti, il-maniġġar ta' kriżijiet, il-medjazzjoni, u l-assistenza umanitarja. Waqt il-Girl Summit f'Lulju l-UE wegħdet aktar minn EUR 100 miljun għas-7 snin li ġejjin għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-benessri tat-tfal li ser jinkludu proġetti konkreti biex tintemm il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF) u żwieġ tat-tfal, dak kmieni u mgieġhel.

Rigward it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni **leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI)**, l-UE daħlet fi djalogu ma' diversi pajjiżi u wettqet, kull meta meħtieġ, démarches diplomatiċi, b'mod partikolari fl-Afrika u l-Asja Ċentrali, sabiex tistieden lill-pajjiżi jergġhu jikkunsidraw jew jirrevokaw leġislazzjoni diskriminatorja kontra persuni LGBTI u li tikser dispożizzjonijiet nondiskriminatorji miftehma fuq livell internazzjonali. Barra minn hekk, l-UE ppromwoviet id-drittijiet tal-LGBTI fid-Djalogi rilevanti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tat l-appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-LGBTI u għal proġetti ta' implimentazzjoni ta' NGOs għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). L-UE kienet impenjata attivament fi sforzi multilaterali, speċjalment fin-NU, biex tittratta d-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Fil-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem (KDB) f'Ġinevra, l-UE kkontribwixxiet attivament u b'suċċess għall-adozzjoni tar-Risoluzzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Orientazzjoni Sesswali u l-Identità tal-Ġeneru ('SOGI') f'Settembru.

Sena wara l-adozzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-**Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin (LtRT)**, l-UE kompliet tiffoka fuq din il-libertà fundamentali li qed tiġi kkuntestata dejjem aktar fid-dinja kollha.

L-UE kienet partikolarment maħsuda mill-atroċitajiet u l-abbużi tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem, inkluż pereżempju fl-Iraq u s-Sirja, b'mod partikolari meta mwettqa kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi speċifiċi u gruppi vulnerabbli.

Hija ssottolinjat il-ħtieġa li tiġi salvagwardjata n-natura multietnika u multireliġjuża ta' daww il-pajjiżi. F'fora multilaterali, l-UE ffukat fuq il-konsolidazzjoni tar-risoluzzjonijiet dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin kemm fil-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU kif ukoll fl-Assemblea Ġenerali. Fis-sessjoni ta' Marzu 2014 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-risoluzzjoni mmexxija mill-UE dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin ġiet adottata b'kunsens.

L-UE kkontribwixxiet għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-**drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi** billi ngħaqdet fl-isforzi man-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali u multilaterali oħra bħall-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa. F'Settembru 2014, f'New York saret l-ewwel Konferenza Dinjija tan-NU dwar il-Popli Indiġeni bħala plenarja ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali. L-UE kkontribwixxiet attivament għat-tħejjijiet tal-Konferenza billi appoġġat il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-popli indiġeni u billi pprovdiet kontributi koordinati għall-adozzjoni b'kunsens ta' dokument finali. L-UE organizzat avveniment sekondarju dwar il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-popli indiġeni. Waqt li bniet fuq ir-riżultati tal-Konferenza, l-UE bdiet il-ħidma fuq politika msaħħa tal-UE dwar il-popli indiġeni, kif previst mill-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fl-azzjoni interna kif ukoll dik esterna tagħha l-UE hija impenjata biex tippromwovi d-drittijiet ta' **persuni b'diżabilità** f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), li l-UE hija parti għaliha. Fl-2014 il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet l-ewwel rapport tal-UE kif mitlub mis-CRPD u ppreżentatu lin-NU għall-konsiderazzjoni. Ir-rapport jiddeskrivi kif l-UE qed timplimenta s-CRPD permezz ta' leġislazzjoni, azzjonijiet ta' politika u strumenti ta' finanzjament.

Bħala promotur tan-natura universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatata tad-drittijiet kollha tal-bniedem, l-UE tqis li d-**Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (DESK)** huma parti intergrali mill-politika esterna tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. Matul is-sena, l-UE tat dejjem aktar attenzjoni lil dan il-qasam waqt id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi ewlenin. Fil-livell multilaterali, l-UE appoġġat attivament u kkooperat ma' diversi Rapporteurs Speċjali tan-NU li jaħdmu fuq id-DESK.

Fl-2014 l-UE kompliet timplimenta internament u tippromwovi l-implimentazzjoni f'pajjiżi oħra tal-Prinċipji Gwida tan-NU (PGNU) tal-2011 dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Fl-UE, l-adozzjoni f'Settembru mill-Kunsill tad-Direttiva dwar id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar kienet pass 'il quddiem. Il-kumpanniji kkonċernati ser jiddivulgaw informazzjoni dwar politiki, riskji u eżiti b'rabta mar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fost affarijiet oħra. Bħala parti mill-azzjoni esterna tagħha, l-UE ddiskutiet il-kwistjoni ma' għadd dejjem akbar ta' pajjiżi sħab. Fis-sessjoni ta' Ġunju tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-UE appoġġat ir-riżoluzzjoni li ġġedded il-mandat tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intrapriżi oħra. F'Settembru waqt seminar konġunt f'Addis Ababa l-Unjoni Afrikana u l-UE ħadu impenn biex jippromwovu u jimplimentaw b'mod konġunt il-PGNU fiż-żewġ reġjuni u biex jaħdmu fuq oqsma ta' kooperazzjoni potenzjali.

4. Id-drittijiet tal-bniedem fil-politika esterna kollha

L-UE tat segwitu għall-impenn tagħha li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-azzjoni esterna kollha tagħha.

L-UE ħadet passi ulterjuri biex jiġi applikat approċċ aktar effettiv għal-**kooperazzjoni għall-iżvilupp**, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' April 2014 fassal sett ta' għodod li jipprovdi impetu politiku u gwida konkreta għal kif jiġi inkluż approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fi kwalunkwe programm jew proġett ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Wara dan, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE laqgħu dan il-pass sinifikanti. L-UE adottat l-istrumenti finanzjarji esterni l-ġodda (2014-2020), fejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija huma prinċipji ewlenin u/jew huma koperti minn programmi apposta. Hija kompliet issawwar il-pożizzjoni u l-istrateġija tagħha għas-segwitu għal Rio+20 u l-aġenda għall-iżvilupp wara l-2015. F'għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' politika, approvati mill-Kunsill, l-UE ppromwoviet l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u kwistjonijiet ta' governanza fl-aġenda għall-iżvilupp globali. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru, il-Kunsill enfasizza l-importanza ta' aġenda għal wara l-2015 li tinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem.

L-UE użat ukoll il-**politika kummerċjali** tagħha għall-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi. F'dan il-kuntest, taħt ir-Regolament il-ġdid dwar is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (GSP), li daħal fis-seħħ f'Jannar 2014, 13-il pajjiż⁶⁶ ingħata preferenzi GSP+. Ir-regolament il-ġdid isahha il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-konformità ta' dawn il-pajjiżi ma' konvenzjonijiet internazzjonali, inklużi l-konvenzjonijiet ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE bdiet iddaħħal fis-seħħ mezzi innovattivi addizzjonali kif tagħti appoġġ lill-pajjiżi GSP+ għall-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tat-trattati rilevanti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Fl-2014 l-UE u l-Istati Membri tagħha ppromwovew azzjoni fil-livell multilaterali biex jiżguraw kontrolli fuq l-esportazzjonijiet ta' teknoloġija ta' sorveljanza li tista' tintuża għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, billi nneozjaw proposti fil-kuntest ta' reġimi multilaterali ewlenin għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, bħall-Ftehim ta' Wassenaar. Bħala riżultat, l-UE introduċiet kontrolli ġodda fuq software speċifiku għall-intrużjonijiet u tagħmir għall-monitoraġġ fuq l-internet permezz ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2014. Fil-kuntest tar-rieżami ġenerali tar-Regolament 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali u t-tortura, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, kmieni fl-2014, proposta biex jiġi emendat ir-Regolament.

⁶⁶ L-Armenja, il-Bolivja, Cape Verde, il-Costa Rica, l-Ekwador, El Salvador, il-Georgia, il-Gwatemala, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù.

L-UE ħadet passi addizzjonali biex tintegra l-politiki tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tas-sessi fil-**missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK**. F'konformità mal-Proċeduri tal-2013 għall-Immaniġġar ta' Kriżijiet, il-konsiderazzjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem u mas-sessi ġew indirizzati waqt il-proċess ta' ppjanar għal missjonijiet u operazzjonijiet ġodda, u ġiet integrata analiżi tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sessi fid-dokumenti ta' ppjanar, inkluż għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna u l-EUFOR Repubblika Ċentru-Afrikana. Barra minn hekk, is-sistema ta' twissija bikrija (STB) dwar konflitti, li tinkludi bosta indikaturi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, ġiet implimentata gradwalment fil-livell globali. Fl-2014, kien hemm konsulenti jew punti ta' kuntatt għad-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tas-sessi fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK. Il-kompiti tagħhom kienu jinkludu kemm l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tas-sessi fil-ħidma tal-missjoni jew tal-operazzjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi. L-UE kompliet tagħmel progress fl-impenn tagħha għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà kemm internament - permezz tat-Taskforce Informali tal-Istati Membri tal-UE - kif ukoll billi tippromwovi l-iżvilupp tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali ma' pajjiżi terzi. It-Tieni Rapport dwar l-indikaturi tal-UE għall-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà ġie ppubblikat f'Jannar 2014.

Fl-isforzi tiegħu biex jinseġ il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-**attivitajiet tiegħu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu**, is-SEAE, f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, fassal Gwida għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu li għandha tiġi applikata fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' assistenza kontra t-terroriżmu ma' Pajjiżi Terzi. Il-Gwida, li ġiet approvata mill-SM f'Novembru, tqis id-Dritt Umanitarju Internazzjonali u d-Dritt Internazzjonali tar-Refuġjati.

5. Demokrazija u l-istat tad-dritt

L-UE kompliet l-isforzi tagħha biex tappoġġa r-riformi u l-valuri demokratiċi. Fl-2014, l-UE appoġġat proċessi elettoralji madwar id-dinja billi bagħtet Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u Missjonijiet ta' Esperti Elettorali, kif ukoll billi pprovdiet assistenza teknika u finanzjarja lil korpi ta' ġestjoni tal-elezzjonijiet u lill-osservaturi domestiċi. B'kolloxx, l-UE bagħtet 8 Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) biex josservaw total ta' 9 elezzjonijiet. Intbagħtu MOE fil-Maldivi (elezzjonijiet leġislattivi), fil-Guinea-Bissau (presidenzjali u leġislattivi), fil-Malawi (presidenzjali, leġislattivi u lokali), fl-Eġittu (presidenzjali) u l-Kosovo (leġislattivi), fil-Mozambique (leġislattivi), fit-Tuneżija (leġislattivi u presidenzjali). L-UE bagħtet Tim ta' Valutazzjoni Elettorali (TVE) fl-Afganistan għall-elezzjonijiet presidenzjali, li osserva wkoll il-verifika tal-voti, mwettqa skont il-ftehim innegożjat mis-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Kerry. Matul l-2014 intbagħtu tmien Missjonijiet ta' Esperti Elettorali fil-pajjiżi li ġejjin: l-Eġittu, il-Libja, it-Tajlandja, l-Iraq, l-Alġerija, il-Mauritania, il-Bolivja, u l-Fiġi. Filwaqt li l-UE ma tosservax l-elezzjonijiet fiż-żona tal-OSKE, hija appoġġat mill-qrib l-OSKE/ODIHR fil-kuntest tal-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari fl-Ukrajna.

B'mod aktar ġenerali, l-UE żiedet il-ħidma tagħha fuq l-appoġġ għad-demokrazija, bil-għan li żżid il-koerenza bejn l-istrumenti tal-UE u l-attivitajiet tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll biex issawwar fehim komuni tal-kuntest lokali, permezz ta' sħubiji msaħħa mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż il-gvern u s-soċjetà ċivili. F'dan il-kuntest, l-UE identifikat tnax-il delegazzjoni tal-UE għal tieni ġenerazzjoni ta' proġetti pilota ta' appoġġ għad-demokrazija f'Marzu 2014 u l-ħidma bdiet f'Ġunju. Mill-2014, xi finanzjament mill-EIDHR qed jappoġġa l-eżerċizzju pilota.

L-2014 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' attivitajiet għall-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED), Fondazzjoni taħt id-dritt privat Belġjan, iżda li tinkludi l-Istati Membri kollha tal-UE, is-SEAE, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew fil-Bord tal-Gvernaturi tagħha. Sa tard fl-2014, l-EED kien irċieva madwar 1200 applikazzjoni għal appoġġ, li minnhom 120 ġew aċċettati, distribwiti indaqs bejn il-Viċinat tal-Lvant u dak tan-Nofsinhar. Il-Kummissjoni Ewropea u 14-il stat parteċipant qed jikkontribwixxu għall-baġit tal-EED b'madwar EUR 27 miljun (2013-15). F'Diċembru 2014, il-Bord tal-Gvernaturi ddeċieda li l-EED jista' jimplimenta u jiffinanzja għadd limitat ta' attivitajiet barra mill-Viċinat tal-UE.

6. Promozzjoni tal-universalità, ħidma f'livelli multilaterali u reġjonali

L-UE kompliet l-isforzi u l-komunikazzjoni biex tħeġġeġ lil pajjiżi oħra biex jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). L-UE żammet il-kampanji ta' démarches sistematiki tagħha b'appoġġ għall-QKI, u l-politika tagħha ta' inklużjoni tal-klawżoli tal-QKI fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi. Bl-istess mod, il-kooperazzjoni ma' mekkaniżmi u korpi tan-NU (l-Eżami Perjodiku Universali, Rapporteurs Speċjali u Korpi previsti mit-Trattati) u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom issa saru elementi standard tal-impenn bilaterali tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi. Fil-kuntatti bilaterali tagħha, l-UE tħeġġeġ ukoll b'mod abitwali lill-pajjiżi terzi biex jagħmlu stedina permanenti lir-rapporteurs speċjali tan-NU.

L-UE mexxiet 'il quddiem il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-appoġġ tagħha lill-OSKE fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni.

E. Approċċ Komprensiv, Prevenzjoni tal-Konflitti, Medjazzjoni u Rispons għal Kriżijiet

1. Approċċ Komprensiv

Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni ta' Diċembru 2013⁶⁷ ġiet segwita minn Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Mejju 2014⁶⁸, li għamlu enfasi fuq analiżi bikrija u konġunta ta' sitwazzjonijiet ta' konflitt jew kriżi, il-ħtieġa għal involviment imsaħħaħ f'kull stadju taċ-ċiklu tal-konflitt, li jibda bil-prevenzjoni, l-ambizzjoni li jkun hemm rabta aħjar bejn l-istrumenti tal-UE fl-oqsma ta' politika differenti (kif ukoll fil-politiki interni u esterni) u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-isforzi fil-qasam tal-PSDK jibnu fuq l-impenji eżistenti tal-UE u li r-riżultati u l-impatt tagħhom jiġu sostnuti, pereżempju permezz ta' transizzjoni bla xkiel lejn strumenti tal-UE għall-iżvilupp. Il-Kunsill inkariga lir-RGħ u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw Pjan ta' Azzjoni biex jiddeskrivu fil-qosor kif azzjonijiet ewlenin għandhom jitmexxew 'il quddiem, inkluż f'każijiet ta' pajjiżi speċifiċi. F'Diċembru, l-prijoritajiet ewlenin ġew diskussi mal-Istati Membri, kif ukoll is-sitwazzjoni ta' pajjiżi possibbli.

⁶⁷ Ara l-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill: L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni, JOIN(2013) 30 final, 11.12.2013.

⁶⁸ Ara Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ komprensiv tal-UE, it-3312-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, 12.05.2014.

2. Prevenzjoni ta' konflitti u medjazzjoni

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni tal-Konflitti ta' Ġunju 2011 enfasizzaw l-importanza tat-tisħiħ tal-għodod għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-ikkombinar tagħhom u rreferew għal tliet oqsma speċifiċi: it-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċitajiet ta' twissija bikrija u l-azzjoni preventiva tal-UE, ir-rinfurzar tal-kapaċità ta' medjazzjoni tagħha u l-għodod tagħha għall-analiżi tal-konflitti u l-bini/l-intensifikar tas-sħubiji ma' organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali u l-istituzzjonijiet rilevanti.⁶⁹

F'dan il-qafas ta' politika, fl-2014 twettqu l-attivitajiet li ġejjin relatati mal-prevenzjoni tal-konflitti, il-bini tal-paċi u l-medjazzjoni.

F'termini ta' **twissija bikrija**, l-attenzjoni kienet fuq il-bini ta' sistemi, għodod u kultura komuni biex jiġu identifikati (1) pajjiżi f'riskju ta' konflitt vjolenti fuq perijodu medju u twil, u (2) għażliet għal azzjoni bikrija biex jiġu indirizzati r-riskji. Fl-2014 twettaq it-tieni test pilota u ġiet introdotta gradwalment is-Sistema ta' Twissija Bikrija għal Azzjoni Bikrija (STB) fil-livell globali, li ġġenerat sensiela ta' attivitajiet ta' azzjoni bikrija u attivitajiet oħra ta' segwitu. Din il-ħidma inkludiet kontribut mill-Istati Membri u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, inklużi d-Direttorati Ġenerali DEVCO, ELARG, FPI u ECHO, il-JRC u s-Segretarjat Ġenerali. Fl-2014 komplew żewġ proġetti ffinanzjati mill-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi relatati mat-titjib fil-kapaċitajiet ta' twissija bikrija tal-NGOs, b'mod partikolari: "Tisħiħ tat-Twissija Bikrija u Mobilizzazzjoni tal-Azzjoni Bikrija" (ICG fi sħubija mal-EPLO) u "Kapaċitajiet għall-Paċi" (Saferworld fi sħubija ma' Conciliation Resources).

F'termini ta' **kapaċità ta' medjazzjoni**, ir-RGħ/VP kienet impenjata attivament matul l-2014 fi sforzi biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet li ntlaħqu fil-qafas tad-djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Belgrad u Pristina. Ir-RGħ mexxiet ukoll taħditiet E3 +3 mal-Iran, li ser ikomplu fl-2015.

⁶⁹ Ara Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-konflitti, it-3101 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, 20.6.2011.

Ir-RSUE u l-Mibgħuta Speċjali komplew jimpenjaw ruħhom fi sforzi ta' medjazzjoni u djalogu, direttament u indirettament, skont il-kunċett ta' medjazzjoni tal-UE. L-UE appoġġat attivament it-taħditiet ta' paċi li għaddejjin, immexxija mill-Alġerija, rigward is-sitwazzjoni fil-Mali. Il-persunal tas-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE rilevanti komplew jaħdmu fuq it-tisħiħ tal-appoġġ għall-medjazzjoni u l-kapaċità ta' prevenzjoni tal-konflitti b'mod aktar ġenerali permezz ta' assistenza għall-analiżi tal-konflitti u l-ġhoti ta' parir minn esperti.

Tmexxiet 'il quddiem il-ħidma fuq l-iżvilupp ta' strateġija għall-ġustizzja tranżizzjonali għall-UE u ġie organizzat seminar dwar il-ġustizzja tranżizzjonali flimkien mal-Uffiċċju ta' Kollegament Ewropew għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (EPLO).

L-UE kompliet issaħħaħ is-sħubiji tagħha. L-UE u n-NU kellhom sessjoni ta' ħidma konġunta fuq il-prevenzjoni u l-analiżi ta' konflitti, biex jikkondividu t-tagħlimiet meħuda u jidentifikaw opportunitajiet għal kooperazzjoni futura. L-UE kompliet tikkooopera mal-Unità ta' Appoġġ għall-Medjazzjoni u t-Tim Standby tan-NU u tiffinanzjahom. Saru kuntatti u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali inklużi l-ASEAN, l-OAS, l-OIC, l-OSKE u l-Bank Dinji.

Is-sħubiji mas-soċjetà ċivili ssawru f'kooperazzjoni mill-qrib ma' żewġ konsorzji ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) fl-ġhoti ta' tagħrif espert għall-persunal tas-SEAE u partijiet terzi. Is-CSDN, amministrat mill-Uffiċċju ta' Kollegament Ewropew għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi, kien attiv fl-organizzazzjoni ta' 16-il avveniment fl-2014 dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet rilevanti. L-UE mexxiet 'il quddiem id-djalogu tagħha mal-Istati Uniti dwar is-sigurtà u l-iżvilupp u dwar il-prevenzjoni ta' atroċitajiet li jkopru, fost l-oħrajn, it-twissija bikrija, il-prevenzjoni ta' konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi.

3. Rispons għall-kriżijiet u koordinazzjoni operazzjonali

Fl-2014, is-SEAE ħadem attivament biex jiżviluppa analiżi koordinata u reazzjonijiet rapidi biex jiġu indirizzati l-bosta kriżijiet u sfidi li jaffettwaw is-sigurtà Ewropea. Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Approċċ Komprensiv adottata f'Diċembru 2013 kisbet rilevanza kbira.

Tlaqqgħu 13-il Pjattaforma ta' Kriżi⁷⁰ b'reazzjoni għall-kriżijiet prinċipalment fis-Sudan t'Isfel, ir-reġjun tas-Sahel, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, l-Ukrajna, l-Iraq, is-Sirja, u dwar l-Ebola. Il-gruppi ta' ħidma jew task forces ta' bejn is-servizzi żguraw valutazzjonijiet adatti kif ukoll l-implimentazzjoni rilevanti tad-deċiżjonijiet.

Is-SEAE organizza wkoll bosta **missjonijiet** bejn servizzi differenti **f'żoni milquta minn kriżi jew vulnerabbli għall-kriżijiet** li kellhom l-għan, fost l-oħrajn, li: jindirizzaw il-ħtiġijiet u jikkontribwixxu għal ippjanar konġunt flimkien mas-servizzi tal-Kummissjoni, isaħħu d-Delegazzjonijiet tal-UE jew jiżguraw preżenza tal-UE qrib kemm jista' jkun il-post fejn isseħħ il-kriżi, kif meħtiegħ; jikkomunikaw mas-sħab internazzjonali u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE. Fl-2014, twettqu missjonijiet fiż-żoni ta' kriżi li ġejjin: Ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, is-Sahel, il-fruntiera bejn it-Turkija u s-Sirja, l-Iraq, Gaża, il-Myanmar/Burma, il-Filippini, il-Georgia, il-Liberja, Sierra Leone u l-Guinea.

⁷⁰ Il-Pjattaforma ta' Kriżi tal-UE tista' titlaqqa' mir-RGħ/VP, is-Segretarju Ġenerali Eżekuttiv jew id-Direttur Ġenerali għar-Reazzjoni għall-Kriżijiet u l-Koordinazzjoni Operazzjonali. Din tlaqqa' flimkien rappreżentanti ċentrali tas-SEAE u tal-Kummissjoni biex janalizzaw u jevalwaw sitwazzjoni ta' kriżi u jaqblu dwar l-elementi prinċipali tar-reazzjoni tal-UE.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni konsulari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, is-SEAE - b'mod partikolari permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE - ħeġġeġ aktar ħidma biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni konsulari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi inkluż l-ippjanar ta' kontinġenza (eż. in-Nepal, Gaża, il-Libja, il-Lesoto, l-Indja). Huwa appoġġa wkoll il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Affarijiet Konsulari fuq dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll fuq pariri għall-ivvjaġġar. Barra minn hekk, huwa ħa sehem mal-SM fit-tħejjija tal-Inizjattivi ta' Kooperazzjoni Konsulari (IKK) li ser jitwettqu fl-2015 fil-Kambodja, ir-Repubblika Dominicana, in-Nepal, in-Niġerja u t-Tuneżija. L-għan tal-IKK hu li tiġi ttestjata l-kapaċità tas-SEAE li tappoġġa lill-SM fil-kompiti tagħhom ta' protezzjoni konsulari. Is-SEAE kompla wkoll jamministra l-paġna web Consular-on-Line (CoOL), li tiġbor flimkien id-diviżjonijiet konsulari u ċ-ċentri ta' kriżijiet tal-Istati Membri u ta' xi pajjiżi sħab (bħan-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Kanada u l-Istati Uniti) kif ukoll xi wħud mill-persunal militari tal-Istati Membri, għall-finijiet ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni u ppjanar ta' kontinġenza. Fl-2014 is-SEAE organizza jew ħa sehem ma' SM u sħab oħra feżerċizzji ta' kooperazzjoni konsulari bħall-Argonaut (Ċipru) u l-komponent konsulari ML14 (Nairobi).

F. Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

1. Aktar kapaċi

L-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-2013 dwar is-sigurtà u d-difiża kienu ċ-ċentru tal-attenzjoni fl-2014.

Għadd totali ta' 16-il missjoni u operazzjoni tal-PSDK tal-UE kienu operazzjonali fil-post. Ġew stabbiliti operazzjoni militari ġdida u żewġ missjonijiet ċivili ġodda: EUFOR CAR, EUCAP Sahel Mali u EUAM Ukraine. Total ta' madwar 7000 membru tal-persunal huwa skjerat taħt il-PSDK.⁷¹

⁷¹ B'segwitu għall-avvenimenti ta' Lulju 2014, EUBAM Libya ġiet evakwata minn Tripli b'għadd limitat ta' persunal jaħdem mit-Tuneżija.

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali jinsab fil-qalba tal-maġġoranza tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet. Fil-Mali, pereżempju, l-UE qed tgħaqqad missjoni militari (EUTM Mali) u ċivili (EUCAP Sahel Mali) biex tassisti lill-awtoritajiet tal-Mali biex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom li jipprovdu s-sigurtà u jergġu jistabbilixxu l-kontroll fuq it-territorju tagħhom. L-EUTM Mali ħarrġet madwar 3500 suldat. L-EUCAP Sahel Mali tiffoka fuq it-tisħiħ tal-effiċjenza operazzjonali tal-forzi għas-sigurtà interna (FSI) u fuq it-twaqqif mill-ġdid tal-linja ta' kmand għat-tliet FSI (jiġifieri Police, Gendarmerie u Garde Nationale).

Fil-Qarn tal-Afrika, kompiet il-koordinazzjoni bejn tliet missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK iffaċilitati permezz ta' EU OPCEN attivati, li tipprovdi rabta importanti bejn il-ġlieda kontra l-piraterija u l-bini tal-kapaċitajiet militari u ċivili.

Bħala operazzjonalizzazzjoni konkreta tal-Approċċ Komprensiv tal-UE, bħalissa qed jiġi żviluppat approċċ ta' politika b'mod konġunt mas-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ tal-UE għall-bini tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet reġjonali sabiex dawn ikunu jistgħu dejjem aktar jipprevjenu u jimmaniġġaw il-kriżijiet waħedhom (Train & Equip). Dan l-approċċ ta' politika jiffoka b'mod partikolari fuq il-każijiet pilota identifikati dwar il-Mali u s-Somalja, kif ukoll studju tal-każ dwar appoġġ għall-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà (APSA) mnedija f'Diċembru 2014 b'appoġġ għas-sigurtà u l-iżvilupp tas-sħab u li tippermettilhom jipprevjenu u jiġġestixxu l-kriżijiet huma stess.

Ta' min ifaħħar il-kontribut tas-sħab fil-PSDK. L-UE kompliet il-kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali inkluż in-NU, in-NATO, l-UA, l-OSKE. Din kienet ċentrali biex jiġu indirizzati l-kriżijiet fl-Afrika, il-Lvant Nofsani, l-Afganistan u l-Balkani b'mod komprensiv u komplementari. Matul l-2014, ħmistax-il pajjiż sieħeb ħa sehem f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, uħud minnhom għall-ewwel darba: il-Georgia f'EUFOR RCA, l-Awstralja f'EUCAP NESTOR, u r-Repubblika tal-Moldova f'EUTM Mali. L-UE ffirmat tliet Ftehimiet Qafas ġodda dwar il-parteeipazzjoni f'operazzjonijiet tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet, li bħalissa qed jiġu ratifikati rispettivament: maċ-Ċili, il-Kolombja u r-Repubblika tal-Korea.

Il-finanzjament tal-missjonijiet ċivili kien diffiċli fl-2014 minħabba n-nuqqas ta' ħlasijiet fil-baġit PESK/UE. Fil-każ tal-finanzjament tal-operazzjonijiet militari, sar rieżami tal-mekkaniżmu Athena fl-2014.

1.1. Kapaċitajiet

Tul l-2014, l-UE u l-Istati Membri tagħha wettqu xogħol intensiv biex iwieġbu għall-appell mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 biex isaħħu l-kapaċitajiet - ċivili u militari - essenzjali għall-iżvilupp ta' PSDK kredibbli u effettiva. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Novembru dwar il-PSDK, il-Kunsill laqa' l-passi meħuda u l-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dak il-kompitu, kif innutat fir-rapport tar-RGħ/VP ta' Lulju.

Ġew intensifikati l-isforzi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari, permezz tal-implimentazzjoni tal-proġetti kollaborattivi approvati mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE f'Diċembru 2013, kif ukoll it-trawwim ta' kooperazzjoni aktar sistematika u fit-tul fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa.

Barra minn hekk, ir-rikors frekwenti għal missjonijiet ċivili tal-PSDK (11 mis-16-il missjoni attwali), li jirrappreżentaw għodda importanti tal-azzjoni esterna tal-UE, isejjaħ għal żvilupp imtejjeb tal-kapaċitajiet ċivili. Il-ħidma f'dik id-direzzjoni kompliet, b'mod partikolari bi progress fl-oqsma differenti tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili.

1.1.1. Kapaċitajiet ċivili

L-2014 kienet sena oħra mimlija ġrajjet u sfidi, li inkludew it-tnedija ta' żewġ missjonijiet ġodda: EUCAP Sahel Mali u EUAM Ukraine.

Minkejja l-progress li sar, il-ħolqien ta' kapaċitajiet ċivili - speċjalment għall-iskjerament rapidu mill-UE - għadu sfida, b'mod partikolari rigward in-nuqqas ta' persunal imħarreġ sew b'karatteristiċi speċjalizzati. Ġiet riveduta s-sistema ta' rekrutaġġ għall-esperti ċivili, iżda l-proċess globali xorta għadu twil.

Is-Seminars rikorrenti ta' Livell Għoli dwar "Il-faċilitazzjoni tal-iskjerament ta' persunal ċivili għall-PSDK" jibqgħu opportunitajiet uniċi biex l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jiddiskutu dwar kapaċitajiet ċivili. Din is-sena ġiet organizzata s-sitt edizzjoni u kienet ikkaratterizzata minn preżenza saħansitra aktar qawwija mill-bliet kapitali. Hija enfasizzat, fost l-oħrajn, il-ġenerazzjoni ta' kapaċitajiet ċivili permezz ta' għodod bħal Goalkeeper (ara hawn taħt), u l-kwistjoni tas-sigurtà/il-protezzjoni tal-persunal f'missjonijiet ċivili tal-PSDK. L-Istati Membri esprimew appoġġ biex dan jitkompla s-sena d-dieħla, bis-seba' edizzjoni.

Ġiet ippreżentata stampa tal-kapaċitajiet speċjalizzati għall-2013-2014 (Settembru), skont it-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju dwar, fost l-oħrajn, l-Unitajiet Integrati tal-Pulizija, l-Unitajiet Iffurmati tal-Pulizija u t-timijiet ta' esperti tal-pulizija nazzjonali u multinazzjonali.

Komplet il-ħidma fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea. L-arranġament amministrattiv ġenerali bejn l-EUROGENDFOR u s-SEAE ġie ffirmat miż-żewġ partijiet f'Ottubru 2014.

Il-ħidma fuq l-istabbiliment ta' list ta' kompiti ġeneriċi (mhux speċifiċi għal missjoni) li jistgħu jirriżultaw f'missjonijiet ċivili tal-PSDK kompliet u għandha tiġi ffinalizzata sa nofs l-2015. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili hija prekontinwazzjoni, u ser tiffaċilita s-sinerġiji bejn il-PSDK ċivili u militari.

Ir-riżultati tal-Istudju tal-Fattibbiltà fuq Sistema Ċentralizzata u Integrata ta' Amministrazzjoni tar-Riżorsi għall-Missjonijiet u l-Kwartieri Ġenerali tal-PSDK ġew ippreżentati lill-Istati Membri f'Diċembru. Ir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Maħżen tal-PSDK ġiet posposta sa Marzu 2015, biex b'hekk setgħet tiġi integrata aħjar fid-diskussjonijiet li għaddejjin dwar Ċentru ta' Servizzi Kondiviżi. Fuq talba mill-Istati Membri, ġie żviluppat studju dwar l-użu possibbli tal-assi nazzjonali - inklużi unitajiet militari - għall-protezzjoni tal-missjonijiet u dan ser jitressaq għall-attenzjoni tagħhom kmieni fl-2015.

Sar progress - bl-appoġġ kontinwu mill-Istati Membri - lejn il-finalizzazzjoni tal-proġett tas-software Goalkeeper, li huwa previst għal nofs l-2015. Il-modulu Registrar huwa mfassal biex l-Istati Membri u s-SEAE jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jitrattaw u jamministraw ir-rosters tal-persunal skjerabbli li għandu jiġi rekrutat għall-missjonijiet tal-PSDK. It-tliet moduli li fadal għandhom jiġu aġġornati fl-2015 biex il-pjattaforma Goalkeeper kollha ssir operattiva.

1.1.2. Kapaċitajiet militari

Bi tweġiba għall-inkarigu mogħti lir-RGħ u l-EDA mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013, fit-18 ta' Novembru 2014 il-Kunsill u l-Bord ta' Tmexxija tal-EDA adottaw Qafas ta' Politika biex titrawwem kooperazzjoni aktar sistematika u fit-tul fil-qasam tad-difiża, li saret essenzjali biex jiġu preservati u żviluppati l-kapaċitajiet militari.

Dan ġie ppreżentat b'koerenza sħiħa mal-proċessi ta' ppjanar tan-NATO. Permezz ta' dan il-qafas, l-Istati Membri huma impenjati li japprofondixxu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa bħala mod biex jiġu żviluppati, użati u sostnuti l-kapaċitajiet militari orjentati lejn il-futur, li huma jqiegħdu għad-dispożizzjoni, fuq bażi volontarja, għal diversi impenji (nazżjonali, multinazzjonali, tal-PSDK, tan-NU jew tan-NATO). Filwaqt li l-Istati Membri għandhom rwol ewlieni, l-appoġġ mill-istrutturi tal-UE huwa strumentali biex titrawwem il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, inkluż billi jiġu stimolati l-inċentivi u s-sinerġiji ma' politiki aktar ġenerali tal-UE.

Inkiseb progress mill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-EDA, fl-implimentazzjoni tal-proġetti u l-programmi kollaborativi approvati mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013, f'oqsma ta' kapaċitajiet kruċjali (riforniment ta' fjuwil fl-ajru, Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod, Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita u Ċiberdifiża).

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Novembru, il-Kunsill ħeġġeġ lill-EDA tidentifika l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni u tappoġġa proġetti kooperattivi permezz ta' faċilitaturi u inċentivi, filwaqt li nnota f'dak ir-rigward il-ħidma kontinwa fuq l-akkwist akkomunat.

Ir-rieżami tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) tlesta f'Ottubru. Is-CDP, li jagħti lill-Istati Membri stampa aktar ġenerali tal-kapaċitajiet Ewropej tul perijodu ta' żmien (nuqqasijiet - l-aktar kritiċi fl-oqsma tal-Infurmazzjoni sigrieta, is-Sorveljanza, l-Akkwiżizzjoni ta' Bersalli u r-Rikonjizzjoni (ISTAR) / l-Infurmazzjoni, iċ-Ċiberdifiża, it-Trasport strateġiku u l-Operazzjonijiet bl-Ajru, il-faċilitaturi ewlenin għall-operazzjonijiet, id-dimensjoni tar-riċerka u t-teknoloġija, il-kapaċitajiet industrijali u l-pjanijiet ta' akkwist), huwa element essenzjali biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet kooperattivi.

F'konformità mar-rieżami tas-CDP, il-Kumitat Militari tal-UE (EUMC) wettaq aġġornament kbir tal-Proċess ta' Objettiv Primarju li rriżulta f'Katalogu tal-Forzi ġdid ta' kapaċitajiet potenzjalment disponibbli u Katalogu tal-Progress, li jenfasizza n-nuqqasijiet kritiċi biex jintlaħaq il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE. Eżerċizzju komprensiv ta' Tagħlimiet Meħuda kkompleta din il-ħidma.

Il-kooperazzjoni fuq l-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari bejn l-UE u n-NATO kompliet permezz ta' kuntatti intensivi bejn il-persunal fil-livelli kollha, u fi ħdan il-Grupp dwar il-Kapaċitajiet UE-NATO, u b'hekk seta' jkun hemm trasparenza u ġiet żgurata l-komplementarjetà kif ukoll it-tisħiħ reċiproku bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

1.1.3. Ċentru Satellitari tal-UE

Id-Deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill, adottata f'Ġunju 2014, hija sinjal tal-evoluzzjoni strutturali ta' Ċentru u tipprovdi possibiltajiet ġodda biex jiġu ffaċċjati l-isfidi futuri. Hija tippermetti li Ċentru jistabbilixxi kooperazzjoni mal-Kummissjoni u ma' aġenziji, korpi jew Stati Membri tal-UE fil-qasam tal-ispazju u s-sigurtà. L-għan hu li jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' attivitajiet oħra tal-UE li għandhom impatt fuq is-SatCen u fejn l-attivitajiet tas-SatCen huma rilevanti, pereżempju l-monitoraġġ tal-fruntieri tal-UE. Hija testendi wkoll l-ambitu tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż sabiex is-SatCen jingħata sorsi addizzjonali ta' finanzjament.

Fl-2014 kompliet ix-xejra lejn żieda fil-produzzjoni ta' Ċentru. Għall-ewwel darba twasslu aktar minn 1000 prodott. L-Istati Membri niżżlu aktar minn 25000 prodott, li jirrappreżenta żieda ta' aktar minn 1000% fl-aħħar 5 snin. Internament, is-SatCen kien ass ewlieni li ppermetta valutazzjoni awtonoma tal-kriżi fl-Ukrajna.

Esternament, l-2014 kkonfermat li l-kapaċità tas-SatCen kienet magħrufa sew mill-organizzazzjonijiet internazzjonali (NU, UA, OSKE, eċċ.).

Is-SatCen appoġġa l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) fis-Sirja (150 prodott mogħti lill-OPCW). L-OPCW talbet li l-mandat taċ-Ċentru jiġi estiż sa Settembru 2015, u dan wera l-valur miżjud u l-kwalità tal-appoġġ tas-SatCen. Barra minn hekk, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika talbet l-appoġġ mill-esperti tas-SatCen. Iż-żewġ azzjonijiet ġew iffinanzjati mill-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP).

1.2. Tagħlimiet meħuda u taħriġ

1.2.1. Tagħlimiet meħuda

Fi Frar 2014, il-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tagħlimiet fil-qasam tal-PSDK, inklużi l-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti fis-SEAE⁷² u l-Kummissjoni⁷³, ltaqa' għall-ewwel darba u qabel dwar rapport annwali dwar it-tagħlimiet li identifika ħames tagħlimiet ewlenin.⁷⁴

Dawn it-tagħlimiet mhumie x ġodda iżda għadhom ma "ttieħdux", jiġifieri għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ. Ir-rapport kien jinkludi 19-il rakkomandazzjoni ewlenija li rreferiet għall-ħames tagħlimiet ewlenin u ddeskriva passi konkreti li għandhom jittieħdu biex kull waħda minnhom tiġi implimentata.

⁷² Il-partijiet ikkonċernati tas-SEAE jinkludu d-Direttorat għall-Maniġġar ta' Kriżijiet u l-Ippjanar, il-Persunal Militari tal-UE, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija, iċ-Ċentru ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE, id-Direttorat għall-Politika ta' Sigurtà u l-Prevenzjoni tal-Konflitti, id-Dipartiment għar-Rispons għall-Kriżijiet u l-Koordinazzjoni Operazzjonali, il-President tal-Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet, il-President tal-Grupp Politiku-Militari, u d-dipartimenti ġeografiċi rilevanti. Barra minn hekk, il-President tal-Kumitat Militari tal-UE wkoll jipparteċipa f'dan il-grupp.

⁷³ Il-partijiet ikkonċernati tal-Kummissjoni jinkludu d-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni – EuropeAid, id-Direttorat Ġenerali għall-Għanġuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO), u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranġa.

⁷⁴ Il-KPS iddiskuta dawn it-tagħlimiet f'Marzu u approvahom f'Ġunju skont il-parir tal-gruppi ta' ħidma rilevanti. It-tagħlimiet ewlenin huma:

1. Approċċ Komprensiv itejjeb l-effiċjenza tal-missjonijiet u s-sostenibbiltà tar-riżultati tal-missjonijiet.
2. Pedament komuni ta' taħriġ qabel l-iskjerament għall-persunal kollu tal-missjonijiet tal-PSDK jista' jtejjeb ferm l-effikaċja u l-koerenza tal-missjoni.
3. Sjieda u appoġġ mill-pajjiż ospitanti huma meħtieġa biex il-missjoni tkun tassew ta' suċċess u sostenibbli.
4. L-użu ta' "miżuri ta' tħejjija" kien tassew għodda utli.
5. It-tagħlimiet għandhom jitqiesu sistematikament meta jithejjew missjonijiet godda.

Il-Grupp ta' Ġestjoni tat-Tagħlimiet assistit minn Grupp ta' Ħidma dwar it-Tagħlimiet fil-livell espert wettaq monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-tagħlimiet ewlenin fl-2014.

F'Novembru 2014 il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tagħlimiet kellu l-ewwel skambju ta' evalwazzjoni bejn il-pari dwar it-tagħlimiet mad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet għaż-Żamma tal-Paċi tan-NU. Dawn l-iskambji ser ikomplu.

1.2.2. Taħriġ u eżerċizzji

L-Istati Membri u l-atturi nazzjonali tagħhom fil-qasam tat-taħriġ ikomplu jkunu impenjati b'mod attiv, f'konformità mal-kunċett eżistenti ta' taħriġ u r-rekwiżiti l-ġodda fil-qasam tat-taħriġ. Kien hemm kontinwità fi kważi l-attivitàjiet kollha ta' taħriġ stabbiliti u sar progress fl-iżvilupp ta' korsijiet ġodda ta' taħriġ u moduli ta' taħriġ, inkluż it-Tagħlim mill-Bogħod permezz tal-Internet (TBI).

Saru sforzi kbar minn Frar 2014 fl-abbozzar ta' "Politika Ġdida ta' Taħriġ tal-UE taħt il-PSDK". Il-Politika l-ġdida ta' Taħriġ tal-UE fil-PSDK ser tissostitwixxi l-Politika attwali ta' Taħriġ fil-PESD (2003) u l-Kunċett ta' Taħriġ tal-UE fil-PESD (2004). Il-Politika ta' Taħriġ tal-UE fil-PSDK tindirizza u tintegra d-dimensjonijiet kollha tat-taħriġ ċivili u militari tal-PSDK fil-kuntest ta' approċċ komprensiv għall-maniġġar ta' kriżijiet fl-UE.

Seba' korsijiet ta' orjentazzjoni tal-PSDK, li din is-sena ffokaw fuq aspetti reġjonali u/jew tematiċi differenti (Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (FSJ), is-Sħab tal-Lvant, l-ASEAN u n-Nofsinhar tal-Mediterran) ġew organizzati fil-qafas tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) bħala mod kif wieħed jirreaġixxi għall-iżviluppi tematiċi speċifiċi fil-qasam tal-PSDK, inkluż l-iżvilupp ta' sħubiji tal-UE fil-PSDK.

F'Ġunju 2014 intemm il-perijodu ta' sentejn għall-implimentazzjoni tal-"Pjan ta' Azzjoni biex Jissaħħaħ l-Appoġġ tal-PSDK tal-UE għaż-Żamma tal-Paċi tan-NU" adottat mill-Kunsill f'Ġunju 2012. Rigward it-taħriġ (Azzjoni F.4), il-kooperazzjoni varjat mill-integrazzjoni u l-użu ta' standards ta' taħriġ tan-NU fl-iżvilupp ta' korsijiet, kurrikula u linji gwida tal-UE (eż. dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR, Mentoring, Monitoraġġ u Konsulenza (MMK)) għall-kondiviżjoni ta' standards żviluppati tal-UE bbażati fuq l-esperjenzi u l-prassi tan-NU (eż. moduli ta' taħriġ dwar is-Sessi, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protezzjoni tat-Tfal).

Mill-2011 sal-2014, il-Proġett ta' Taħriġ tas-Servizzi tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPST) għen biex jinbnew il-kapaċitajiet ta' aktar minn 2400 uffiċjal tal-pulizija minn 68 pajjiż. Biex jinbena fuq dan is-suċċess, id-Dokument ta' Strateġija tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) jipprevedi appoġġ għal proġett ta' segwitu, EUPST II. Is-CMPD ta u ser jipprovdi appoġġ qawwi biex jitkompla l-proġett.

F'Ottubru 2014, is-CMPD tas-SEAE organizza għat-tielet darba laqgħa kkaratterizzata minn skambju ta' esperjenzi, tagħlimiet u l-aħjar prassi f'dan il-qasam. Il-parteciċipanti indirizzati fil-laqgħa kienu membri tal-Missjoni/Operazzjoni (responsabbli għat-taħriġ tal-Missjoni/Operazzjoni) kif ukoll il-Kapijiet ta' Unitajiet ta' Taħriġ jew membri rilevanti oħra tal-Missjoni/Operazzjoni b'tali responsabbiltà kif ukoll rappreżentanti mill-komunità fornitur ta' taħriġ fost oħrajn l-KESD, is-CEPOL, l-ENTRi, l-EUPST u r-rappreżentanti mis-SEAE, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri.

Il-laqgħa kienet dwar sfidi attwali u futuri fir-rigward tat-taħriġ. Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-programm kienu sessjonijiet dedikati għall-feedback mill-Persunal tal-Missjonijiet/Operazzjonijiet tal-PSDK dwar missjonijiet/operazzjonijiet inkluż il-kondiviżjoni ta' esperjenzi u diskussjonijiet mal-fornituri ta' taħriġ dwar ħtiġijiet ta' taħriġ identifikati. L-avveniment ġie organizzat eżatt wara s-seminar dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Militari, organizzat mill-Persunal Militari tal-UE.

Fit-30 ta' Ottubru 2014, il-Persunal Militari tal-UE (EUMS) u l-Kwartieri Ġenerali Multinazzjonali Konġunti (MN JHQ), Ulm, il-Ġermanja, organizzaw b'mod konġunt it-tieni Seminar Annwali tal-UE dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Militari, li din is-sena ffoka fuq "L-iżvilupp tal-kompetenzi individwali u kollettivi għall-ippjanar tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK". Għas-seminar attendew 70 parteċipant mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza u konsorzji u istituti nazzjonali u multinazzjonali oħra ta' taħriġ ċivili u militari. L-għan tiegħu kien li jiddefinixxi aħjar ir-rekwiżiti ta' taħriġ għall-ippjanar tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK.

Kif rikonoxxut b'mod ġenerali, il-persunal internazzjonali kollu - kemm issekondat kif ukoll ikkuntrattat - għandu jirċievi taħriġ qabel l-iskjerament (PDT) qabel ma jiġi skjerat fiż-żona tal-missjoni. L-importanza ta' PDT xieraq ssemmiet bħala waħda mill-ħames sejbiet l-aktar importanti tar-Rapport Annwali tal-UE dwar it-Tagħlimiet tal-PSDK tal-2013. Minbarra t-Taħriġ PDT regolari organizzat fil-qafas tal-ENTRi, skont dan, il-KESD wettaq attività pilota "Taħriġ ta' Tħejjija għal Missjonijiet tal-PSDK" offerta wkoll permezz tan-netwerk KESD. Madankollu, il-korsijiet PDT qed ikopru primarjament persunal issekondat. Is-SEAE ser jaħdem fuq l-abbozz ta' Politika Ġdida ta' Taħriġ bil-għan li, fost l-oħrajn, jistabbilixxi soluzzjoni sostenibbli għat-taħriġ ta' qabel l-iskjerament kemm ta' persunal sekondat kif ukoll ta' dak internazzjonali kkuntrattat.

Attivitajiet ta' taħriġ importanti oħra indirizzaw, fost l-oħrajn, kwistjonijiet bħat-tħejjija ta' kapijiet għolja ta' missjonijiet futuri potenzjali għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, l-ippjanar strateġiku għal operazzjonijiet tal-PSDK u missjonijiet tal-PSDK, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, l-istat tad-dritt, l-analiżi ta' konflitti u s-sensittività tal-konflitti u standards internazzjonali għall-protezzjoni ta' individwi u gruppi.

Il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea (EUMC) kompli jimplimenta serje ta' azzjonijiet⁷⁵ bil-għan li jittejbu t-taħriġ u l-edukazzjoni militari bħala parti minn sistema usa' ta' taħriġ tal-PSDK, l-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS) żied id-djalogu strutturat mal-awtoritajiet tat-taħriġ tan-NATO fil-livell strateġiku fil-format ta' diskussjonijiet informali bejn il-persunal, sabiex jiġu identifikati oqsma ta' interess komuni għaż-żewġ organizzazzjonijiet u biex jiġi sfruttat bl-aħjar mod l-użu ta' riżorsi ta' taħriġ skarsi, fl-interess tal-Istati Membri kollha tal-UE. u l-prinċipju tal-inklużività. F'dan il-kuntest, l-EUMS żviluppa proċess qafas li jiddefinixxi r-rekwiżiti għat-taħriġ militari tal-PSDK⁷⁶, filwaqt li jieħu kont tal-ħidma eżistenti tan-NATO, li jiffoka l-isforzi fuq dixxiplini magħżula (eż. iċ-Ċiberdifiża, l-Ippjanar ta' Operazzjonijiet jew il-Kooperazzjoni Ċivili-Militari tal-PSDK).

L-eżerċizzju konġunt ippjanat bejn l-UE u n-NATO, CME-CMX 15, ġie pospost fl-2014 minkejja l-isforzi tal-UE biex dan jintlaħaq.

1.3. Kunċetti għall-attivitajiet tal-PSDK

L-iżvilupp ta' kunċetti, standardizzazzjoni u l-aħjar prattiki huwa kontribut importanti għat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali. F'dan il-kuntest, it-terminu 'kunċett' jinftehem b'mod speċifiku li jirreferi għal għodda li sservi ta' gwida għall-azzjoni tal-PSDK f'qasam partikolari. Għalhekk huwa importanti li sett ta' kunċetti, proċeduri operazzjonali standard, linji gwida u l-aħjar prattiki jinżammu taħt analiżi kostanti, u jiġu żviluppati mudelli ġodda, sabiex jiġu stabbiliti s-sisien għal ippjanar, tmexxija u appoġġ aktar effettivi tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet. Dan il-proċess huwa bbażat fuq lezzjonijiet meħuda mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE stess, kif ukoll mill-esperjenza ta' atturi internazzjonali oħra.

⁷⁵ Taħriġ u Edukazzjoni Militari fl-UE- Abbozz Finali ta' Pjan ta' Azzjoni għall-proposti għall-perijodu qasir, dok. EEAS 02648/2/14, datat l-4 ta' Frar 14.

⁷⁶ Proċess Qafas għall-Ġestjoni tar-Rekwiżiti għat-Taħriġ Militari tal-PSDK, dok. EEAS 000945/8/14 REV8.

Fil-qasam militari, dan il-kompitu huwa miksub permezz tal-Programm ta' Implimentazzjoni tal-Iżvilupp tal-Kunċett (PIŻK) li huwa mmexxi: mill-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-EDA, minn inizjattivi żviluppati fisem il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE jew l-Istati Membri; minn żviluppi li jirriżultaw minn proċessi ta' lezzjonijiet meħuda minn operazzjonijiet/missjonijiet tal-PSDK; u/jew minn ħidma żviluppata minn organizzazzjonijiet internazzjonali sħab.

Fl-2014, kienu għaddejjin 33 proġett ta' żvilupp ta' kunċetti, u 12-il kunċett tlestew b'suċċess.

Fil-qasam ċivili, is-CPCC iffinalizzat il-Linji Gwida għat-tnejn ta' regoli speċifiċi għall-missjoni ċivili tal-PSDK għall-użu tal-forza, li ġew maqbula mill-Istati Membri fit-18 ta' Settembru. L-Istati Membri qablu wkoll dwar Linji Gwida Operazzjonali għall-Monitoraġġ, Iggwidar u Konsulenza (MIK) f'Missjonijiet Ċivili tal-PSDK, kwistjoni li hija dejjem aktar importanti f'bosta mill-missjonijiet li għaddejjin.

Kemm fil-qasam militari kif ukoll f'dak ċivili, riflessjonijiet dwar kif jiġi żgurat skjerament rapidu komplew f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013.

Uħud mill-kwistjonijiet indirizzati kienu jnvolvu l-kooperazzjoni ċivili/militari. Il-kunċett tal-UE għal appoġġ loġistiku għal Operazzjonijiet u Missjonijiet Militari mmexxija mill-UE jista' eventwalment jiffaċilita kooperazzjoni eqreb ma' missjonijiet ċivili mmexxija mill-UE hekk kif tipprova tindirizza l-għażliet differenti għat-twertiq tal-funzjonijiet loġistiċi. Il-Kunċett tas-Saħħa u dak Mediku għall-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet ta' Maniġġar ta' Kriżijiet immexxija mill-UE ġie mfassal b'kooperazzjoni bejn l-istrutturi militari u ċivili, u għandu l-għan li jagħti gwida konċiża u konsistenti għall-aqwa għoti ta' appoġġ mediku kemm għall-missjonijiet ċivili u l-operazzjonijiet militari.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni man-NU, l-UE u n-NU qablu dwar modalitajiet għall-koordinazzjoni matul l-ippjanar ta' missjonijiet/operazzjonijiet, diġà applikati b'suċċess fil-każ tal-Mali. L-EUMS iffinalizza l-Kunċett tal-UE għall-iskjeramenti militari tal-UE b'appoġġ għall-operazzjonijiet tan-NU ta' żamma tal-paċi, li jipprovdi gwida għall-ippjanar għal skerjamenti tal-UE li jinvolvu l-għaqda tal-missjonijiet man-NU, it-teħid ta' missjonijiet min-NU jew skjeramenti konġunti man-NU. L-UE u n-NU qablu wkoll dwar modalitajiet dettaljati għall-ħidma ulterjuri fuq kunċetti u linji gwida, u kellhom diversi skambji dwar il-fondazzjonijiet kunċettwali għal ħidma fuq ir-RSS.

2. Aktar effettivi

2.1. Sħubiji

Għall-Unjoni Ewropea, il-ħidma mas-sħab hija parti integrali tal-approċċ komprensiv. Is-sħubiji jippermettu lill-UE tibni fuq it-tagħrif, l-għarfien espert u l-kapaċitajiet speċifiċi tas-sħab tagħha, filwaqt li wkoll iqarrbuhom lejn l-UE. Il-kooperazzjoni tal-PSDK mas-sħab ġiet żviluppata aktar fi ħdan l-oqfsa maqbula eżistenti u b'rispett sħiħ tal-prinċipju fundamentali ta' awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE. Ingħatat prijorità lil dawk li jikkondividu l-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE u li huma kapaċi u lesti jappoġġaw l-isforzi tal-UE għall-maniġġar tal-kriżijiet.

Missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK reċentement varati gawdew mill-appoġġ politiku u prattiku vast ta' diversi sħab. Il-Ġeorġja ngħaqdet mal-EUFOR RCA b'diviżjoni tal-infanterija ħafifa bħala t-tieni l-akbar kontributor; is-Serbja offriet ukoll kontributi lil din il-missjoni; il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Moldova, l-Iżvizzera u s-Serbja pparteċipaw fil-EUTM Mali; għall-ewwel darba l-Awstralja ngħaqdet mal-EUCAP Nestor; l-Ukrajna appoġġat il-Forza Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EU NAVFOR) Somalia – Operazzjoni Atalanta bi frejgata (l-akbar kontribut Ukren li qatt sar s'issa) u n-New Zealand permezz ta' inġenju tal-ajru tar-rikonjizzjoni.

Fl-2014, ħmistax-il pajjiż sħab (l-Awstralja, l-Albanija, il-Kanada, iċ-Ċili, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Ġeorġia, il-Montenegro, in-New Zealand, in-Norveġja, ir-Repubblika tal-Moldova, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti) ipparteċipaw f'għaxar missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK li jammontaw għal madwar 8% tat-total tal-persunal skjerat. Inizjattivi oħra ta' kooperazzjoni Prattika jinkludu l-kontribut mill-Ukrajna u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja lill-Gruppi Tattiċi tal-UE, l-iskorti navali taċ-Ċina ta' bastimenti tal-WFP u żewġ eżerċizzji navali mal-EUNAVFOR; l-eżerċizzju navali konġunt tal-Ġappun tal-EUNAVFOR u proġetti b'appoġġ għal diversi missjonijiet tal-PSDK, inkluż fin-Niġer; l-appoġġ kontinwu tal-Kanada għal proġett tal-EUTM Mali. Il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti kompliet inkluż fil-Kosovo, ir-RDK u l-Qarn tal-Afrika/Somalja, u fil-livell militari mal-EUCOM u l-AFRICOM.

In-netwerk tas-sħubiji tal-PSDK kiber aktar lejn l-Asja u l-Amerika Latina bl-iffirmar ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar il-parteeipazzjoni f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE maċ-Ċili u l-Kolombja (sħab ewlenin fl-Amerika Latina) u r-Repubblika tal-Korea (l-ewwel fl-Asja, it-tieni fl-Asja/il-Paċifiku wara New Zealand). Id-dħul fis-seħħ ta' dawk il-ftehimiet ser jiftaħ toroq ġodda għad-djalogu u kooperazzjoni operazzjonali konkreta.

Ir-rekord multilaterali tal-kooperazzjoni tal-PSDK dwar is-Sħubija tal-Lvant ikkomplementa relazzjonijiet bilaterali tajbin ħafna mal-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

Il-Bord tas-Sħubija tal-Lvant dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), stabbilit f'Ġunju 2013, ippermetta xi ħmistax-il attività ta' djalogu u taħriġ fl-2014, inklużi korsijiet u seminars fi Brussell u Kiev, sessjoni ta' ħidma dwar il-liġi, diskussjoni madwar mejda tonda dwar il-kapaċitajiet ċivili, osservazzjoni ta' eżerċizzju ta' grupp tattiku fl-Isvezja, żjara fuq il-post lill-missjoni tal-PSDK fil-Ġeorġja u konferenza mas-soċjetà ċivili f'Vilnius.

Is-sħubija u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar il-maniġġar ta' kriżijiet saret "stil ta' ħajja", li jibni fuq l-esperjenza ta' ħidma flimkien f'teatri differenti tal-operazzjonijiet (il-Mali; ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA); ir-RDK, is-Somalja), akkumpanjata minn djalogu flivell għoli regolari fil-Kumitat ta' Tmexxija UE/NU dwar il-Maniġġar ta' Kriżijiet u mill-persunal għal-laqgħat tal-persunal. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE b'appoġġ għaż-Żamma ta' Paċi tan-NU ġie fi tmiemu, li fost riżultati oħra miksuba, kien mexxa l-modalitajiet għall-koordinazzjoni dwar proċessi ta' ppjanar, kunċetti, taħriġ u eżerċizzji u lezzjonijiet meħuda bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet. Inizjattiva ta' segwitu biex tiddefinixxi l-prijoritajiet strateġiċi futuri qed tiġi diskussa biex jinżamm il-momentum eċċellenti.

Kemm l-UE u n-NATO jikkondividu l-valutazzjoni li l-kriżijiet fil-viċinati tal-Lvant u n-Nofsinhar biddlu b'mod sinifikanti r-realtà tas-sigurtà għall-Ewropa u l-komunità transatlantika usa'.

L-implikazzjonijiet ta' daww il-kriżijiet saħħew ulterjorment l-importanza tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013 dwar il-futur tal-aġenda Ewropea ta' sigurtà u ta' difiża, inkluża l-kooperazzjoni man-NATO.

L-UE attendiet is-Summit tan-NATO f'Wales fil-4-5 ta' Settembru 2014 u laqgħet l-eżiti rilevanti. Bħal fis-snin preċedenti, l-UE u n-NATO komplew bl-implimentazzjoni gradwali tal-proposti konkreti għal kooperazzjoni prattika bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, kif ippreżentati mir-RGħ lin-NATO fl-2011 u f'konformità mal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'Settembru 2010.

Din kienet tinkludi laqgħat regolari bejn ir-RGħ u s-Segretarju ġenerali tan-NATO, laqgħat ta' informazzjoni reċiproċi lil gruppi ta' ħidma rispettivi dwar materji ta' interess komuni (fost l-oħrajn il-kriżi fil-viċinati tal-Lvant u n-Nofsinhar, il-Kosovo, u s-sigurtà marittima, eċċ.), l-organizzazzjoni ta' żewġ laqgħat informali tan-NAK – KPS dwar l-Ukrajna, interazzjonijiet ma' allejati tan-NATO mhux mill-UE fil-format tal-KPS +7 u l-KPS +9 Il-kuntatti informali bejn il-persunal taż-żewġ naħat komplew jikkontribwixxu għat-tisħiħ ulterjuri tal-għarfien u l-fehim reċiproku ta' attivitajiet rispettivi, b'hekk jikkontribwixxu biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi u tiġi żgurata l-kumplimentarjetà u s-sinerġiji fiż-żoni fejn iż-żewġ organizzazzjonijiet huma impenjati b'mod attiv.

Il-Presidenza tal-UE b'suċċess tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja (CGPCS) fl-2014 offriet ċans uniku biex jiġu żviluppati aktar ir-rabtiet mal-pajjiżi preżenti fir-reġjun. L-attivitajiet tas-CGPCS ġew reġjonalizzati, bl-IOC, il-Mauritius, l-AED u s-Seychelles jassumu kopresidenza ta' gruppi differenti.

Mill-ħarifa tal-2013 sar-rebbiegħa tal-2014, l-UE kienet kopresident tal-Forum Reġjonali Intersessjonali tal-Grupp ta' Appoġġ tal-ASEAN dwar Miżuri ta' Bini tal-Fiduċja u d-Diplomazija ta' Prevenzjoni u d-Djalogu relatat tal-Uffiċjali tad-Difiża, li ssottolinjaw il-fatt li l-UE tinsab lesta li tintensifika l-kooperazzjoni mas-sħab Asjatiċi tagħha.

Sħubija tinkludi wkoll ħidma ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-soċjetà ċivili Is-SEAE kien qiegħed f'kollegament attiv mal-Uffiċċju ta' Kollegament Ewropew għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi (EPLO), netwerk ta' NGOs għall-bini tal-paċi u mal-Faċilità tan-Netwerk għad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili (CSDN) b'fokus fuq l-Ukrajna, il-Ġeorġja, l-Afganistan u s-Somalja. Is-SEAE fi Brussell, u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK fil-qasam ukoll qed jikkooperaw mas-soċjetà ċivili b'mod aktar wiesa', inkluż mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tan-nisa.

2.2. Gruppi tattiċi u reazzjoni rapida

Il-ħidma tmexxiet biex tirrispondi għas-sejħa mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013 biex jittejbu l-kapaċitajiet tal-UE ta' reazzjoni rapida - fost l-oħrajn billi tiżdied l-utilizzabbiltà u l-iskjerabbiltà tal-Gruppi Tattiċi tal-UE. Sar pass 'il quddiem bir-reviżjoni, mibdija mis-SEAE, tal-kunċett ta' Rispons Rapidu Militari ġenerali tal-UE u l-kunċetti subordinati tal-Ajru u Marittimi flimkien mal-ħolqien ta' kunċett ġdid ta' Rispons Rapidu fuq l-Art. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-modularità tal-Gruppi Tattiċi tal-UE biex isiru aktar adatti għall-firxa sħiħa ta' missjonijiet u kompiti possibbli. Barra minn hekk, komplew id-diskussjonijiet fil-livell Ministerjali dwar il-kwistjoni ewlenija tar-rieda politika, meqjusa essenzjali biex ittejjeb l-utilizzabbiltà operazzjonali tagħhom.

Matul l-2014, tjeib ir-Roster tal-Offerti u l-Impenji tal-Gruppi Tattiċi tal-UE, iffaċilitat ukoll bit-tnaqqis sinifikanti tal-impenji militari internazzjonali operazzjonali tal-Istati Membri f'żoni oħra tad-dinja (eż l-Afganistan).

3. Aktar Koerenti

3.1. Rabta bejn is-sigurtà interna u esterna

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK f'Novembru 2013 jistipulaw li "Il-Kunsill jenfasizza li d-dimensjoni interna u dik esterna tas-sigurtà huma dejjem aktar interkonnessi. Huwa jissottolinja l-importanza li jkomplu jissaħħu r-rabtiet bejn l-atturi tal-PSDK u dawk tal-Libertà/Sigurtà/Ġustizzja (LSĠ), sabiex jitravwem fehim aħjar tal-oġettivi rispettivi u jiġu żgurati benefiċċji reċiproċi. Fost l-oħrajn dan ser jgħin biex jiġu trattati kwistjonijiet orizzontali bħall-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. F'dan il-kuntest, il-kontribut akbar tal-aġenziji tal-UE (EUROPOL, FRONTEX, CEPOL) kif ukoll l-INTERPOL għall-PSDK għandhom jiġu aċċellerati aktar, kif adatt".

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014 isemmu li "r-risposta għal ħafna mill-isfidi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tinsab f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, li jitolbu titjib tar-rabta bejn il-politiki interni u esterni tal-UE".

Fil-qafas tal-pjan direzzjonali għat-'Tisħiħ tar-Rabtiet Bejn il-PSDK u l-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja',⁷⁷ ġie ppreżentat it-tielet rapport ta' progress annwali⁷⁸ lill-KPS u l-Kumitat Permanenti dwar is-Sigurtà Interna f'Novembru 2014.

Il-finalizzazzjoni tal-azzjonijiet identifikati f'dan il-qafas politiku tinsab għaddejja. Hija tirrappreżenta t-tlestija tal-parti kritika tal-pjan direzzjonali attwali tal-PSDK/LSĠ. L-implimentazzjoni tagħha segwiet ir-ritmu tal-konsolidazzjoni progressiva tas-servizzi tas-SEAE. Approċċ iffokat, minn fuq għal isfel ġie implimentat, partikolarment rigward l-Aġenziji tal-UE. B'konsegwenza, ġew stabbiliti arranġamenti ta' ħidma mal-Europol u l-Frontex.

It-titjib tal-kooperazzjoni mal-Interpol dwar il-PSDK għandu jikkontribwixxi għal din il-koerenza.

Il-Grupp ta' Appoġġ COSI u CIVCOM, f'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tas-SEAE u l-Kummissjoni u r-rappreżentanti rilevanti tal-Aġenziji tal-ĠAI, ġew mistiedna mill-KPS u l-COSI biex iqisu d-dibattitu li sar fil-laqgħa tal-KPS/COSI tal-11 ta' Novembru 2014 u biex jelaboraw il-proposti possibbli konkreti dwar kif tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-atturi tal-LSĠ.

Il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" li tippreżenta strateġija ta' Sigurtà Interna (ISS) imġedda għall-perijodu 2015-2020, tappella sabiex ir-rabta bejn is-sigurtà interna/esterna issir aktar operattiva u għat-tisħiħ ulterjuri tar-rabtiet bejn il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-PSDK.

⁷⁷ Ara l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Strengthening Ties between CSDP and FSJ – Draft Road Map, 18173/11, 5.12.2011.

⁷⁸ Dok 14854/14

3.2. Sinerġiji Ċivili-Militari

Il-ħidma dwar il-promozzjoni ta' sinerġiji fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili u militari kienet gwidata u ispirata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013. Il-ħtieġa għal aktar sinerġija fl-iżvilupp tal-kapaċità dehret b'mod prominenti.

Ta' importanza partikolari huwa r-rikonoxximent tan-natura dejjem tiżdied ta' użu doppju tal-kapaċitajiet u t-teknoloġija, u għalhekk anke tal-potenzjal konsiderevoli għal sinerġiji bejn ir-riċerka ċivili u tad-difiża, li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-kapaċità. F'dan ir-rigward, l-EDA u s-SEAE ġew assoċjati mal-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-Azzjoni Preparatorja għar-riċerka relatata mal-PSDK.

PARTI II: NĦARSU 'L QUDDIEM LEJN L-2015

Ħafna mill-kriżijiet akuti tal-2014 u s-snin ta' qabel ser ikompli, kważi fiċ-ċert, matul l-2015. Ser titwettaq ħidma importanti biex jiġu bbażati l-approċċi u l-ġhodod ta' azzjoni esterna tal-UE maħsuba biex jitrattaw Viċinat Ewropew li dejjem qed ikun ta' sfida akbar u dinja li dejjem qed tevolvi, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2013.

1. Viċinat

Matul is-sena ser isir il-proċess dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, bil-ġhan li din issir aktar effettiva u reattiva għal objettivi u sfidi varji fil-viċinat.

L-UE tirrikonoxxi li l-kuntest ġeografiku usa' tas-sħab tagħna u tar-relazzjonijiet tagħhom mal-ġirien tagħhom huma kunsiderazzjonijiet importanti, u dan iħalli impatt fuq l-ENP. Huwa d-dritt uniku tal-UE u tas-sħab tagħha li jiddeċiedu b'mod sovrani dwar kif jixtiequ jipproċedu fir-relazzjonijiet tagħhom.

L-UE ser tagħti attenzjoni konsiderevoli biex issaħħaħ il-komunikazzjonijiet strateġiċi b'appoġġ għall-politiki tal-UE, filwaqt li tiegħu miżuri proattivi biex tiżdied ir-reżiljenza pubblika kontra l-manipulazzjoni ta' informazzjoni minn partijiet terzi.

Fir-rigward tal-**Viċinat tal-Lvant**, sfidi relatati mar-relazzjonijiet ta' bejn l-**Ukrajna** u r-**Russja** ser ikunu fuq quddiem. Fl-Ukrajna, l-UE ser tkompli tappoġġa s-sovranietà u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u tkompli sforzi bil-ħsieb li tinkiseb soluzzjoni paċifika sostenibbli għall-konflitt fil-partijiet tal-Lvant tal-pajjiż abbażi tal-Ftehimiet ta' Minsk. L-UE ser tkompli tassisti lill-Gvern tal-Ukrajna dwar ir-riformi politiċi u ekonomiċi meħtieġa, bil-kundizzjoni ta' passi ta' riforma konkreti. L-UE tappoġġa wkoll lill-Ukrajna permezz tal-missjoni ċivili tal-EUAM Ukraine. Saru żewġ laqgħat ta' livell għoli ewlenin fl-ewwel nofs tas-sena: is-Summit UE-Ukrajna fi Kiev u konferenza internazzjonali b'appoġġ għall-Ukrajna fi Kiev.

Is-**Summit ta' Riga dwar is-Sħubija tal-Lvant** (21-22 ta' Mejju) kien opportunità importanti biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni attwali u tiġi stabbilita l-aġenda għal żvilupp ulterjuri tas-Sħubija tal-Lvant. L-UE hija impenjata bis-sħiħ lejn is-Sħubija tal-Lvant u tirriafferma l-oġettiv li jiġu żviluppati relazzjonijiet imsaħħa u differenzjati bejn l-UE u s-sitt sħab sovrani u indipendenti tagħha. L-ambitu u l-profondità tal-kooperazzjoni huma determinati mill-ambizzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-UE u tas-sħab kif ukoll il-pass tar-riformi. Għandhom isiru sforzi partikolari biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni fil-bini tal-istat, il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni, l-opportunitajiet tas-suq u l-interkonnessjonijiet. L-UE tistenna b'interess ir-ratifika l-aktar bikrija possibbli mill-Istati Membri kollha tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni/Żoni ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (AAs/DCFTAs) mal-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

L-UE tenfasizza li l-implimentazzjoni tagħhom, li tikkontribwixxi għall-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika fl-Unjoni, ser tkun prijorità ewlenija tal-UE u s-sħab ikkonċernati għas-snin li ġejjin.

Fir-Repubblika tal-Moldova, l-attenzjoni ser tkun fuq l-assistenza lill-gvern il-ġdid friformi ewlenin (il-ġustizzja, is-settur finanzjarju, il-kondizzjonijiet ta' investment, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni), kif ukoll ir-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Fil-Ġeorġja, ser tkun meħtieġa ħidma b'appoġġ għall-implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/DCFTA, inkluża indipendenza akbar tal-ġudikatura u l-Uffiċċju tal-Prosekutur li huma ewlenin għall-modernizzazzjoni tal-pajjiż. Ir-Reviżjoni Strateġika tal-2014 tal-EUMM Georgia rriżultat f'estensjoni ta' sentejn għall-mandat, fl-isfond tal-kriżi tal-Ukrajna. Fl-2015 mhu ser ikun hemm l-ebda bidla fis-saħħa awtorizzata, iżda bl-aħħar reviżjoni tal-OPLAN, l-istruttura tal-Missjoni hija ottimizzata biex tagħti riżultati aħjar fl-ambjent operazzjonali attwali (fost l-oħrajn attenzjoni fuq aktar rappurtar analitiku, flessibbiltà tat-timijiet fl-Uffiċċji fuq il-post, allokazżjoni ta' ċellula ta' proġetti biex isaħħaħ l-attivitajiet tal-Missjoni fil-qasam tal-bini ta' fiduċja).

Għat-tlett isħab l-oħra tal-Lvant, l-2015 ser tara r-riżultati tal-inizjattivi konkreti b'kamp ta' applikazzjoni mmirati lejn l-identifikazzjoni tal-opzjonijiet għal ftehim bilaterali ġdid mal-Armenja (li huma b'segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Vilnius tal-2013); u mal-Ażerbajġan, li ser jippreżenta abbozz ta' ftehim strateġiku bilaterali ġdid, biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u s-Sħubija Strateġika għall-Modernizzazzjoni. Tali abbozz ser jeħtieġ konsiderazzjoni dovuta. Mal-Belarusja, ser tkompli s-sensibilizzazzjoni bil-ħsieb ta' riżultati potenzjali (inklużi l-Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viżi u r-Riammissjoni u t-tneġġija ta' negozjati għal Sħubija għall-Mobbiltà). L-UE tinsab lesta li tkompli timpenja ruħha ma' Minsk f'konformità mad-29 pass maqbula mill-Kunsill, abbażi tal-progress dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni u l-priġunieri politiċi.

Il-ħidma fil-Bord tas-Sħubija tal-Lvant dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) ser titkompla f'konformità mat-termini ta' referenza tiegħu, bil-ħsieb ta' aktar żvilupp tal-kooperazzjoni.

L-avvenimenti fil-**Viċinat tan-Nofsinhar** ser jibqgħu fuq tal-aġenda tal-UE u dik internazzjonali. L-għadd ta' kunflitti li għaddejjin fir-reġjun ser jeħtieġu politika tal-Viċinat rieżaminata u sinerġiji akbar bejn l-Istati Membri u l-politiki u l-istrumenti tal-UE.

Il-Laqqha Ministerjali Informali mas-Sħab tan-Nofsinhar dwar il-futur tal-PEV li saret f'Barċellona fit-13 ta' April gābret 36 Ministru għall-Affarijiet Barranin flimkien mar-RGħ/VP u l-Kummissarju Hahn u rappreżentanti oħra ta' organizzazzjonijiet reġjonali. Hija offriet kemm lill-Istati Membri tal-UE kif ukoll lis-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar l-opportunità li jkollhom skambju utli dwar il-proċess ta' rieżami tal-PEV, biex b'hekk jiġi żgurat il-prinċipju ta' sjieda.

Is-sitwazzjoni fis-Sirja u l-Iraq ser titlob sforz u attenzjoni sostnuti, inkluż biex jiġu appoġġati l-isforzi biex jingħeleb l-ISIL/Da'esh. Bħala parti minn dak, ser tkun prijorità l-implimentazzjoni tal-"istrateġija reġjonali għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll it-theddida mill-ISIL/Da'esh" tal-UE. Fl-Iraq l-isforzi ser jiffokaw fuq l-appoġġ lill-gvern Iraq l-ġdid fl-isforzi tiegħu biex jistabbilizza u jġib il-paċi fl-Iraq u jibni ambjent politiku inklużiv. Fil-każ tas-Sirja, l-UE ser tappoġġa l-isforzi ta' Staffan de Mistura tal-UNSE mmirati lejn it-tnaqqis inkriminali tal-vjolenza u l-ħolqien ta' ambjent favur proċess li jwassal għal transizzjoni politika. Dan ser jinkludi l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti fid-dispożizzjoni tagħna. Il-Kummissjoni ħabbret EUR 1 biljun għall-implimentazzjoni tal-istrateġija msemmija hawn fuq fl-2015-2016. Fil-kuntest tar-reviżjoni tal-baġit, l-esplorazzjoni tal-possibilitajiet ser tkun prijorità biex issir prijoritizzazzjoni aħjar favur għajnuna ulterjuri umanitarja, ta' stabilizzazzjoni u ta' żvilupp fil-perijodu qasir u dak medju sabiex tgħin jiġu indirizzati l-kriżijiet li għaddejjin.

L-UE ser tkompli taħdem ukoll ma' sħab internazzjonali u reġjonali biex timmitiga l-effetti ta' destabbilizzazzjoni tal-konflitti fis-Sirja u l-Iraq fuq pajjiżi ġirien, inkluż dak ta' wasliet ta' refuġjati fuq skala kbira. Il-Libanu jibqa' partikolarment f'riskju, u l-UE ser tibqa' impenjata mal-awtoritajiet u tappoġġa l-komunitajiet ospitanti u l-Forzi Armati Libaniżi. Fil-Ġordan, l-UE ser tkompli tinkoraġġixxi r-riforma politika, tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u tappoġġa l-komunitajiet ospitanti. Il-kontribut tat-Turkija li tilqa' r-refuġjati ser ikollu jkompli jiġi rikonoxxut u appoġġat kif xieraq.

Jeħtieġ progress urġentement rigward il-**Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani**.

Il-bosta avvenimenti traġċi tal-2014 enfasizzaw il-ħtieġa li jinħoloq mill-ġdid qafas politiku ġdid li jippermetti tkomplija ta' taħditiet. L-UE ser tibqa' involuta attivament u ser tissokta l-ħidma għall-paċi, inkluż fi ħdan il-Kwartett, maż-żewġ partijiet kif ukoll mal-istati Għarab u membri oħra tal-komunità internazzjonali. L-objettiv jibqa' soluzzjoni ta' żewġ stati bbażata fuq ftehim dwar il-kwistjonijiet finali kollha dwar l-istatus, u li tissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi kollha kemm tal-Iżraeljani kif ukoll tal-Palestinjani. Fil-każ ta' ftehim ta' status finali, l-UE qed toffri pakkett mingħajr preċedent ta' appoġġ politiku, ekonomiku u ta' sigurtà, inkluż 'Sħubija Privileġġata Speċjali' għaż-żewġ naħat.

Huwa fl-interess fundamentali tal-UE li jintemm il-konflitt u jiġu żviluppati simultanjament ir-relazzjonijiet mill-qrib tagħha maż-żewġ partijiet. Ir-Reviżjoni Strateġika ta' EUBAM Rafah fil-bidu tal-2015 tenfasizza x-xewqa tal-UE, u tal-komunità internazzjonali usa', li tnaqqas ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess u l-moviment fl-Istrixxa ta' Gaża u 'l barra minnha. Il-PSDK jista' jkollu rwol abilitanti importanti f'dan ir-rigward u għalhekk skjerament mill-ġdid ta' EUBAM Rafah, bi rwol ġeografiku potenzjalment usa', għandu jiġi kkunsidrat malli jippermettu l-kondizzjonijiet politiċi u ta' sigurtà. EUPOL COPPS ser tkompli tagħti assistenza ewlenija fl-istabbiliment ta' Pulizija Ċivili Palestinjana u settur tal-ġustizzja Palestinjan awtosuffiċjenti. Ir-Reviżjoni Strateġika, ukoll fil-bidu tal-2015, ser tara li l-mandat tagħhom ikompli.

L-impenn mal-pajjiżi tal-Golf irid jiżdied, kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak bilaterali, b'mod partikolari biex jindirizza sfidi komuni fil-viċinat kondiviż tagħna, notevolment il-pjaga ta' estremiżmu u terroriżmu vjolenti. Il-laqgħa Ministerjali UE-GCC saret f'Doha fl-24 ta' Mejju 2015.

Fil-Jemen, l-UE ser tkompli tippressa lill-partijiet kollha biex tinkiseb soluzzjoni politika sostenibbli f'konformità mal-qafas inklużiv eżistenti għat-transizzjoni. Dan huwa l-uniku mod kif jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-pajjiż, kemm fil-livell tas-sigurtà kif ukoll dak ekonomiku u biex jiġu salvagwardjati l-unità u l-integrità territorjali tal-Jemen. Kunsens wiesa' fost l-atturi politiċi għandu jwassal għall-finalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' Kostituzzjoni ġdida. Iżda dan il-proċess x'aktarx li ser jibqa' kumpless u fraġli matul is-sena kollha, b'riskji politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà ewlenin jikkontribwixxu għal inċertezza politika. B'mod partikolari, it-theddida b'riżultat tal-attivitajiet terroristiċi jeħtieġ li tiġi indirizzata mill-awtoritajiet b'mod urġenti.

Attenzjoni u impenn akbar mill-**Marokk** u t-**Tuneżija** ser ikunu kruċjali. Kemm il-Marokk kif ukoll it-Tuneżija għamlu avvanzi sostanzjali fit-transizzjoni lejn demokrazija akbar, u ser ikun kritiku li jingħata inkoraġġiment u appoġġ biex jitrawwem il-proċess importanti tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi demokratiċi, kif ukoll biex jintwera rikonoxximent ċar tal-istatus privileġġjat tagħhom u l-importanza strateġika ta' din is-sħubija għall-UE. Il-pass il-prinċipali li jmiss għaż-żewġ pajjiżi huwa l-implimentazzjoni tas-Sħubija għall-Mobbiltà u l-avvanz fin-negozjati dwar Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Profond u Komprensiv. Fir-rigward tar-relazzjoni intensiva mat-Tuneżija, matul l-2015 l-UE ser tniedi d-Djalogu dwar is-Sigurtà u t-Terroriżmu mal-Awtoritajiet Tuneżini. Barra minn hekk, it-Tuneżija dalwaqt ser tibda negozjati bl-għan li tiġi assoċjata ma' Orizzont 2020 mill-2016.

Prijorità oħra ser tkun li jiġi rivedut l-impenn tal-UE fl-Eġittu. Jinsab għaddej l-issoktar gradwali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif ukoll ħidma preparatorja għan-negozjar ta' Pjan ta' Azzjoni (PEV). L-oġettiv huwa li l-Eġittu jiġi impenjat bil-ħsieb li jappoġġa lill-pajjiż u lill-poplu tiegħu fit-transizzjoni tiegħu filwaqt li jiddiskuti kwistjonijiet kontenzjużi notevolment fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali.

Fil-Libja, l-UE qed tappoġġa l-isforzi tan-NU biex tinnegozja ftehim bejn il-partijiet bil-għan li jiġi ffurmat gvern ta' għaqda nazzjonali bħala l-mezz ewlieni biex jintemm l-istaġnar politiku u ta' sigurtà li ħakem lill-Libja dan l-aħħar. Il-proċess ta' transizzjoni politika, li jistabbilixxi waqfien mill-għied dejjem, sigurtà mtejbja (inkluż ix-xoljiment tal-milizzji) u l-bini ta' istituzzjonijiet pubbliċi ser jibqa' jiddependi mill-progress f'dan ir-rigward. Jistgħu jintużaw għadd ta' opzjonijiet potenzjali tal-PSDK, b'mod konġunt mal-appoġġ mill-istrumenti tal-UE, biex f'dan ir-rigward jgħinu lil gvern ta' għaqda Libjan. Ippjanar prudenti dwar il-PSDK jinsab għaddej u ser ikun hemm aktar informazzjoni bir-riżultat tad-djalogu man-NU (inkluż talbiet speċifiċi possibbli għal appoġġ mill-UE) u riflessjonijiet mill-Istati Membri fil-livell tal-Kunsill. Jeħtieġ li tittieħed ukoll deċiżjoni dwar il-futur ta' EUBAM Libya li bħalissa qed tnaqqas il-membri tal-persunal għal 3 fit-Tuneżija u jekk tistax tiġi riġenerata, kif adatt, biex terġa' tibda twassal il-kapaċità ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠIF) lil-Libja. Ladarba jiġi ffurmat il-gvern ta' għaqda nazzjonali, l-UE ser tagħtih l-appoġġ adatt.

L-UE ser tkompli taħdem fuq id-dinamika pożittiva tar-relazzjonijiet li qed jiżviluppaw mal-Alġerija. It-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ser tkun ta' prijorità. Id-djalogu UE-Alġerija dwar kwistjonijiet tal-enerġija tnieda fl-2015. L-UE ser timpenja ruħha aktar mal-Alġerija dwar kwistjonijiet tas-sigurtà u l-għieda kontra t-terroriżmu.

L-UE ser tkompli tippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Mediterran, b'mod partikolari billi tinkoraġġixxi t-tnedija ta' proġetti konkreti u sinifikanti fil-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran, it-tisħiħ tad-djalogu mal-Lega tal-Istati Għarab u l-promozzjoni ta' aktar djalogu u kooperazzjoni reġjonali fil-Magreb.

Rigward il-Viċinat tan-Nofsinhar, l-indirizzar tal-migrazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, u l-isfidi rilevanti ta' sigurtà, ser ikunu prijorità ewlenija fil-Mediterran. Ir-rispons għandu jibni rabtiet effettivi bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-politika dwar il-migrazzjoni, abbażi tal-istrumenti diġà stabbiliti, inklużi t-Task Force għall-Mediterran u l-azzjoni prevista skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni f'Ottubru 2014.

2. Ewropa u Asja Ċentrali

Mar-Russja, l-UE ser ikollha tgħaddi minn triq diffiċli u ssib modi ġodda kif timmaniġġja r-relazzjoni. B'segwitu tal-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u d-destabilizzazzjoni kontinwa tagħha tal-Lvant tal-Ukrajna, ma jistax ikun hemm iż-żamma tal-istatus quo. Il-politika tal-UE ta' nonrikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea ser tibqa' u l-Unjoni ser tkompli bil-politika tagħha fuq żewġ binarji ta' impenn diplomatiku b'appoġġ għal soluzzjoni politika abbażi tal-ftehimiet ta' Minsk flimkien ma' miżuri restrittivi mmirati kif meħtieġ. Il-progress lejn soluzzjoni tal-kriżi tal-Ukrajna ser jibqa' prerekwiżit għall-impenn mill-ġdid f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni.

Fl-istess ħin ir-Russja tibqa' attur ġeopolitiku prinċipali, għalkemm wieħed li jsegwi politiki aggressivi fil-viċinat tiegħu u jsofri minn problemi domestiċi maġġuri, li magħhom l-UE għandha għadd ta' interessi kondiviżi. L-UE ser tkompli ssegwi s-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-approċċ irid jirrifletti din l-isfida tar-realtà. L-UE u r-Russja ser jeħtieġ li jkomplu l-kooperazzjoni fil-G20, dwar kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima u t-terroriżmu, u dwar kwistjonijiet ta' sigurtà internazzjonali bħas-Sirja, il-Libja, il-programm nukleari tal-Iran u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.

Fl-istess waqt, l-UE ser tkompli tappella wkoll lir-Russja biex tirrispetta l-impenji internazzjonali tagħha bħal dawk dwar ir-rispett tas-sovranià u l-integrità territorjali ta' pajjiżi oħra, id-WTO, l-istat tad-dritt u kwistjonijiet ta' governanza tajba. Fuq perijodu ta' żmien twil, żona usa' ta' prosperità ekonomika bbażata fuq ir-regoli tad-WTO u l-għażliet sovrani madwar l-Ewropa u lil hinn minnha tista' tkun ta' benefiċċju għal kulħadd.

Matul l-2015, l-UE ser tibqa' impenjata bis-sħiħ fil-Balkani tal-Punent f'konformità mal-oġettivi tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill f'dan il-qasam, l-aktar reċenti fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2014. Fil-bidu tal-2015 qed nipprevedu l-ewwel sessjoni tad-djalogu bejn Belgrad u Pristina, wara l-formazzjoni tal-Gvern il-ġdid fi Pristina. In-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet huwa l-oġettiv ġenerali u l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' April 2013 ser ikun prijorità matul is-sena kollha. Fil-Bożnija-Herzegovina, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-15 ta' Diċembru 2014, l-UE tistenna l-konferma fl-ispettru politiku sħiħ kollu tal-Impenn bil-Miktub dwar ir-riformi, li huma meħtieġa sabiex jibda jintuża l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), id-dħul fis-seħħ u l-progress konkret fir-rigward tal-mixja ta' dan il-pajjiż lejn l-UE.

L-impenn tal-UE mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ser jibqa' viċin kif kien fis-snin reċenti; ser tingħata attenzjoni partikolari lid-djalogu politiku domestiku fejn ir-riskju ta' deterjorazzjoni ulterjuri jeħtieġ sforzi ta' mitigazzjoni dedikata min-naħat kollha. B'segwitu tad-Deċiżjoni f'Ġunju 2014 li tagħti status ta' kandidat lill-Albanija, l-2015 ser tkun sena importanti għall-approfondiment tal-isforzi tar-riforma. Barra minn hekk, l-elezzjonijiet municiċipali qabel is-sajf ser jeħtieġu tħejjija bir-reqqa u maniġġar tajjeb. Fil-Montenegro, l-implimentazzjoni tar-riformi ser jeħtieġ li tingħata prijorità ewlenija matul l-2015.

Rigward **konflitti fit-tul** l-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

Mat-**Turkija**, il-prijorità immedjata hija li timpenja ruħha f'aktar kooperazzjoni dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u li tinkoraġġixxi riformi ulterjuri. L-UE ser tkompli tappoġġa l-proċess ta' paċi Kurd. Fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ISIL/Da'esh, it-Turkija ser tibqa' sieħba importanti biex jiġi indirizzat l-estremiżmu fis-Sirja u l-Iraq, u t-theddida kondiviża ta' ġellieda barranin.

L-UE ser tuża wkoll opportunitajiet biex tfakkar li t-Turkija hija mistennija tappoġġa b'mod attiv in-negozjati immirati għal soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru.

Ser issir ħidma dwar ir-**reviżjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali** fil-bidu tas-sena, li ser twassal f'konklużjonijiet tal-Kunsill ġodda f'Ġunju. Il-ħatra ta' RSUE ġdid għall-Asja Ċentrali tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE lejn ir-reġjun, u ser tagħti xi momentum f'dak ir-rigward. Djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà ser isir f'Dušanbe f'Marzu.

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) Imsaħħaħ ġie inizjalat fl-20 ta' Jannar 2015. Il-Kazakistan ser jospita laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, possibbilment f'Lulju.

Finalment, matul dan l-ewwel semestru ser nimmiraw li nikkonkludu n-negozjati dwar it-tiġdid taż-**ŻEE u l-Mekkaniżmi Finanzjarji Norveġiżi**. Ser nibdew ukoll negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma' Andorra, Monaco u San Marino. Il-Kunsill Federali Żvizzeru huwa mistenni j avviċina lill-Kummissjoni b'segwitu tal-adozzjoni tagħhom tal-abbozz ta' liġi ta' implimentazzjoni għall-artikoli kostituzzjonali tad-9 ta' Frar 2014 u tal-mandat ta' negozjar għal negozjar mill-ġdid tal-ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni.

L-**Artiku** huwa reġjun ta' importanza strateġika li qed tikber. L-UE qed tfittex li tifformalizza l-istatus tagħha ta' osservatur fil-Kunsill tal-Artiku, issa li ġiet irtirata l-oġġezzjoni Kanadiża, sakemm jasal il-Kunsill Artiku Ministerjali f'April 2015. Diskussjoni fi ħdan il-Grupp ta' Kummissarji dwar l-Azzjoni Esterna (CGEA) tista' tiġi prevista fir-rebbiegħa, segwita minn konsultazzjonijiet ta' atturi esterni. It-tnejn jistgħu imbagħad jitmexxew 'il quddiem għal Komunikazzjoni fil-bidu tal-2016.

3. Afrika

L-UE ser jibqa' jkollha żewġ prijoritajiet ewlenin fir-rigward tal-Afrika: li tinkoraġġixxi kontinent paċifiku permezz tal-prevenzjoni tal-konflitt u t-terroriżmu; u li tiġġenera l-prosperità permezz ta' aċċellerazzjoni tat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli. Fl-aħħar nett, l-UE u l-Afrika jikkondividu interess komuni dwar kwistjonijiet globali bħat-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni u l-aġenda ta' wara l-2015.

L-UE ser taħdem biex iżżomm djalogu politiku intensiv mal-Afrika; b'mod partikolari mal-UA, fil-livelli kollha u dwar l-implimentazzjoni tal-oqsma ta' prijorità li kienu identifikati fil-pjan direzzjonali tal-2014-2017: paċi u sigurtà; demokrazija; governanza tajba u drittijiet tal-bniedem; żvilupp tal-bniedem; żvilupp u tkabbir sostenibbli u inklużivi u integrazzjoni kontinentali; kwistjonijiet globali u emerġenti. L-UE tilqa' t-tema tal-UA għas-sena 2015 (it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa u l-Iżvilupp lejn l-Aġenda tal-Afrika 2063) kif ukoll għas-sena 2016 (drittijiet tal-bniedem b'attenzjoni lill-kwistjoni tal-ġeneru). L-Approċċ Komprensiv u l-missjonijiet tal-PSDK ser jibqgħu fil-qalba tal-attività tal-UE, b'disa' missjonijiet tal-PSDK skjerati fil-kontinent Afrikan.

Il-Qarn tal-Afrika ser jibqa' prijorità ewlenija, u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE Alexander Rondos u d-Delegazzjonijiet tal-UE ser ikomplu jaħdmu bla heda għall-istabbilizzazzjoni. Fis-Somalja, ser ikunu essenzjali t-tkomplija tal-progress miksub fl-oqsma tal-istabbiltà politika u s-sigurtà u l-ġhajjnuna għal aktar konsolidazzjoni tal-proċess politiku fuq il-livell federali u reġjonali. Fis-Sudan t'Isfel l-UE ser tkompli tappoġġa l-proċess ta' medjazzjoni mmexxi mir-reġjun u taħdem mal-partijiet kollha sabiex tinkiseb soluzzjoni sostenibbli għal dan il-konflitt fit-tul.

Ir-reġjun tas-Saħel ser ikompli jiffoka l-attenzjoni tal-UE peress li s-sigurtà u l-iżvilupp f'dik iż-żona huma ta' interess kruċjali. F'dak ir-rigward, l-UE hija impenjata li timplimenta l-Istrateġija għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel tagħha, permezz ta' Pjan ta' Azzjoni Reġjonali. B'mod partikolari, l-enfasi ser tkun fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, iż-żgħażaġħ, il-migrazzjoni u l-mobilità, u l-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali, bl-użu tal-istrumenti rilevanti kollha, inklużi l-missjonijiet tal-PSDK fin-Niġer u l-Mali.

Fil-**Mali**, bħala komedjatur, l-UE, b'mod partikolari permezz tar-RSUE għas-Saħel tagħha, hija lesta li tassisti l-partijiet fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw il-ftehim ta' paċi ffirmat fil-15 ta' Mejju 2015 f'Bamako. Fil-kuntest tal-approċċ komprensiv tagħha, l-UE hija impenjata sabiex tkompli tuża l-istrumenti rilevanti tagħha, inklużi l-missjonijiet tagħha ta' PSDK, EUTM Mali u EUCAP Sahel Mali.

Fil-Golf tal-Guinea, ser tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Golf tal-Guinea, flimkien mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Golf tal-Guinea li għandu jiġi adottat dalwaqt. Il-koordinazzjoni attwali ma' sħab Afrikani u internazzjonali ser tkun essenzjali fid-dawl tas-Summit tal-UA dwar is-sigurtà marittima u l-iżvilupp ippjanat għal Novembru 2015 f'Togo.

Fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar, l-UE, f'koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab Afrikani u internazzjonali, ser tikkonċentra l-azzjoni tagħha fuq żewġ oqsma essenzjali għall-istabbiltà: elezzjonijiet kredibbli, paċifiċi u inklużivi fil-Burundi u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) u n-newtralizzazzjoni tal-gruppi armati kollha fil-Lvant tar-RDK, b'mod partikolari l-FDLR.

Fir-RDK, il-missjoni EUSEC RDC ser tittrasferixxi parti mill-kompiti tagħha lill-programm PROGRESS tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, waqt li tkompli l-mandat simplifikat tagħha b'sostanzjalment inqas persunal. Il-missjoni ser tagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2016.

Fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), l-UE ser tkompli ttipprovdi sigurtà ("hard security") u appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-pajjiż, inkluż billi tikkontribwixxi għall-elezzjonijiet fl-ambitu tal-programm ta' appoġġ tan-NU. L-operazzjoni pont EUFOR RCA rriżultat estremament utli bħala appoġġ għall-MINUSCA fl-istabbilizzazzjoni tal-qagħda tas-sigurtà f'Bangui. Bħalissa, l-EUFOR RCA qed tgħaddi r-responsabbiltajiet tagħha għal żewġ distretti tal-belt lill-MINUSCA. L-operazzjoni ser tintemm fil-15 ta' Marzu 2015. Ser tkun segwita mill-EUMAM RCA, li hija missjoni konsultattiva awtonoma li tappoġġa l-awtoritajiet tar-Repubblika Ċentru-Afrikana fit-tħejjija tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà li ser issir dalwaqt, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-MINUSCA. Ser tassisti lill-Forzi Armati tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (FACA) jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni eżistenti tagħhom u jibnu l-kapaċità u l-kwalità meħtieġa biex jilħqu l-għan għall-ġejjieni – Forzi Armati modernizzati, effettivi u kontabbli. Hu previst mandat tal-missjoni ta' sena.

4. Kontinent Amerikan

Il-Kontinent Amerikan fih għadd ta' opportunitajiet għall-UE, b'rabta mal-prijoritajiet ġodda tal-Kulleġġ, li jgħinu fit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE iżda wkoll fir-rigward tal-aġenda multilaterali tal-UE u l-aspetti esterni tal-politiki interni (eż. tibdil fil-klima, enerġija, ekonomija diġitali). L-2015 huwa opportunità biex jittejbu s-sħubijiet mal-alleati prinċipali kif ukoll jintbagħat sinjal qawwi ta' impenn politiku miżjud mal-Amerika Latina bis-Summit UE-CELAC f'Ġunju. L-impenn tal-UE mal-gruppi reġjonali ser itejjeb ir-relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom.

L-UE u l-Istati Amerikani jikkondividu għadd ta' interessi ewlenin ta' politika barranija (il-klima, il-migrazzjoni, id-drogi, is-sigurtà, il-kooperazzjoni finanzjarja internazzjonali). Il-kooperazzjoni, b'mod partikolari mal-Istati Uniti, hija essenzjali. Madankollu, dan ser ikun jeħtieġ impenn politiku estensiv kontinwu fil-każijiet kollha, inkluż vis-a-vis fora multilaterali. Iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri ta' sħubijiet strateġiċi huma kruċjali.

Huwa mistenni approfondiment ulterjuri tal-kollaborazzjoni fil-**PSDK**, wara s-suċċessi mill-passat inkluż permezz ta' kontributi lill-missjonijiet ta' PSDK tal-UE (l-Istati Uniti, il-Kanada iżda wkoll il-Kolombja u ċ-Ċili).

Il-prijorità tal-UE fil-kooperazzjoni tagħha mal-**Kanada** ser tkun l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kemm tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv kif ukoll tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika, u biex isir progress dwar il-Kunsill tal-Artiku u l-kooperazzjoni fil-politika barranija u ta' sigurtà. Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika li jmiss ser jistabbilixxi fis-sod il-valuri komuni tal-UE u l-Kanada u għandu l-għan li jwassal ir-relazzjonijiet fuq livell ġdid. Huwa jippromwovi l-approfondiment tar-rabtiet fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni, inkluż fl-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni tal-politika tas-sigurtà (fost oħrajn b'appoġġ għall-maniġġar ta' kriżijiet u l-bini ta' kapaciċitajiet f'pajjiżi terzi).

L-UE ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-**Istati Uniti** fl-oqsma tal-politika barranija, eż. dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet Minsk, is-sanzjonijiet kontra r-Russja, kif ukoll l-assistenza lill-Ukrajna, inkluża r-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Il-ġlieda kontra l-ISIL/Da'esh, ikkoordinata fost l-oħrajn permezz ta' koalizzjoni anti-ISIL/Da'esh, kif ukoll ħidma oħra fil-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, anke dwar miżuri miftiehma fil-laqgħa f'Washington tad-19 ta' Frar 2015 dwar il-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti, ser jieħdu ħafna mill-attenzjoni tagħna.

L-UE ser tipprowa twassal għal konklużjoni l-"Umbrella Agreement" (inkluż ir-rimedju ġudizzjarju li jiddaħħal b'liġi fl-Istati Uniti) u l-iskema "Safe Harbour". L-UE u l-Istati Uniti ser ikomplu jikkooperaw mill-qrib ukoll dwar l-enerġija, b'mod partikolari dwar is-sigurtà tal-enerġija, u ser jikkooperaw dwar it-tibdil fil-klima fid-dawl tal-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil tal-Klima li ser issir f'Pariġi.

Ser ikun importanti li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-PSDK bl-inkoraġġiment ta' kontributi mill-Istati Uniti għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE, li jtejjeb il-kooperazzjoni fil-qasam militari, inkluż fil-loġistika.

Is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) hija waħda mill-prijoritajiet prinċipali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti. Minbarra l-qligħ purament ekonomiku miksub permezz ta' aktar kummerċ u investiment bilaterali u l-kooperazzjoni regolatorja, it-TTIP għandha l-potenzjal li ssaħħaħ sostanzjalment il-pożizzjoni tal-UE fl-iffissar tal-istandards globali u li tikkontribwixxi għall-iffissar tal-aġenda ekonomika dinjija.

Saħħa ekonomika ikbar tal-UE, integrazzjoni ekonomika trans-Atlantika u sħubija ġeo-ekonomika kollha kemm huma jsaħħu l-kapaċitajiet tal-UE li twieġeb għall-isfidi li hija taffronta fl-Ewropa. It-TTIP issaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Istati Uniti b'mod parallel mar-rabtiet profondi politiċi u ta' sigurtà.

Il-kapaċitajiet tal-UE fil-Kontinent Amerikan għal **assistenza u medjazzjoni wara konflitt** jistgħu wkoll jagħtu suċċessi oħra fl-2015, pereżempju fil-Kolombja. L-UE ser tkun impenjata wkoll fit-tisħiħ tas-sigurtà taċ-ċittadini fl-Amerika Ċentrali u l-Karibew, u fl-appoġġ għal riformi interni f'Kuba. Hawnhekk, l-UE ser tkompli bin-negozjati attwali għal Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni.

5. Asja-Paċifiku

Fl-2015 ser ikun hemm konsolidazzjoni dinamika ulterjuri tar-relazzjonijiet li l-Unjoni Ewropea għandha minn żmien twil ilu mal-**Asja u l-Paċifiku**. L-azzjonijiet u l-inizjattivi politiċi tal-UE ser jirriflettu l-interessi strateġiċi tal-UE u x-xewqa tagħha li r-reġjun isegwi t-triq tal-paċi, id-demokratizzazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ekonomiku.

L-UE tinsab lesta biex issaħħaħ il-preżenza tagħha fir-reġjun permezz ta' inizjattivi politiċi u aktar impenn personali mill-mexxejja tal-UE.

Linji gwida tal-UE bħal-Linji Gwida Politiċi dwar l-Asja tal-Lvant, l-Aġenda għall-Kooperazzjoni Strateġika UE-Ċina 2020, il-Pjanijiet ta' Azzjoni UE-ASEAN u UE-Indja, l-Istrateġija tal-UE għall-Afganistan 2014 u l-Qafas għall-politika u l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-Myanmar/Burma ser ikomplu jipprovdu gwida siewja. Uħud minn dawn il-linji gwida politiċi jistgħu jiġu aġġornati matul is-sena.

Żoni fl-Asja u l-Paċifiku b'periklu persistenti li jfaqqa' konflitt jaffettwaw direttament l-interessi tal-UE, waqt li sfidi mhux tradizzjonali għas-sigurtà, bħall-klima, il-ġestjoni tal-ilma (b'mod partikolari fir-reġjun tal-Mekong), l-enerġija, it-traffikar tal-bnedmin, pandemiji u riskji marbuta ma' diżastri jinsabu dejjem aktar fuq l-aġenda tas-sigurtà tar-reġjun. Iż-żieda fid-domanda għall-enerġija u l-kompetizzjoni għar-riżorsi jistgħu jkabbru t-tensjoni.

Dawn l-isfidi għas-sigurtà spiss jikkontrastaw mal-prosperità ekonomika, b'interess kruċjali għal kulħadd, inkluż l-UE, li tibqa' tinżamm is-sigurtà tal-investimenti u r-rotot tal-provvista. Il-Kunsill ser jibqa' jsegwi l-aspetti kollha tas-sigurtà fl-Asja matul l-2015.

F'termini prattiċi, il-preokkupazzjonijiet tal-UE ser jiġu indirizzati aktar permezz ta' impenn proattiv - kooperazzjoni mal-pajjiżi Asjatiċi fil-qasam tar-riżoluzzjoni ta' kriżijiet, il-medjazzjoni u r-rikonċiljazzjoni wara l-konflitti kif ukoll is-sigurtà u d-difiża (Aceh, Myanmar/Burma, Mindanao, Nepal, Timor Leste) iżda wkoll fi kwistjonijiet transfruntiera bħaċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra l-kriminalità transnazzjonali u s-sigurtà marittima.

Fuq il-front bilaterali, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-**PESK/PSDK** ser tkompli tiżviluppa b'ritmu tajjeb mal-Awstralja, iċ-Ċina, il-Ġappun, New Zealand u r-Repubblika tal-Korea. Kwistjonijiet ta' sigurtà reġjonali ser jingħataw prominenza fis-summits tal-UE maċ-Ċina, il-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea kif ukoll fil-Laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-ASEM. L-Afganistan jibqa' l-uniku post fl-Asja fejn l-UE attwalment tiskjera, sa mill-2007, missjoni tal-PSDK (EUPOL Afghanistan). Fid-dawl tal-esperjenza tagħha stess, huwa naturali li l-UE tappoġġa sforzi favur il-ħolqien fl-Asja ta' ordni tas-sigurtà multilaterali robust, kooperattiv u bbażat fuq ir-regoli. L-adeżjoni tal-UE mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-2012 intensifikat l-impenn fil-**Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF)** u l-mexxejja tal-UE attendew laqgħat multilaterali ta' livell għoli importanti dwar is-sigurtà fir-reġjun, mid-Djalogu ta' Shangri-La dwar is-Sigurtà fl-Asja sa Laqgħat Ministerjali annwali tal-ARF. Fl-2015 dan ser ikompli.

L-UE ser tibqa' d-donatur ewlieni fir-reġjun. Minkejja l-limiti ekonomiċi, il-pakkett finanzjarju allokat lill-Asja taħt il-qafas finanzjarju l-ġdid għall-2014-2020 żdied sostanzjalment.

F'dan il-kuntest, ir-reġjun ser jikseb sehem sostanzjali tal-fondi disponibbli permezz tal-"Istrument ta' Sħubija" l-ġdid, li għandu l-għan jippromwovi l-interessi strateġiċi tal-UE (aċċess għas-suq imtejjeb, appoġġ għall-istrateġiji ta' sħubija tal-Unjoni, preżenza ekonomika, implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali ta' "Ewropa 2020" u diplomazija pubblika).

L-**ASEM** ser ikollu rwol importanti fl-approċċ proattiv tal-UE lejn l-Asja – wara s-suċċess tal-Għaxar Summit tal-ASEM f'Milan u bi tnejn għat-Tnax-il Laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-ASEM li għandha ssir fil-Lussemburgu, preseduta mir-RGħ/VP, fil-5 u s-6 ta' Novembru 2015.

Bil-ħatra imminenti tal-ewwel Ambaxxatur dedikat tal-UE għall-**ASEAN** stazzjonat f'Jakarta, l-UE ser tipprovdi rappreżentanza tar-relazzjoni profonda tagħha mal-organizzazzjoni reġjonali u l-għaxar stati membri tagħha.

L-ASEAN, li fl-2015 ser tkun preseduta mill-Malasja, qed iżżomm mal-oġettiv tagħha li tistabbilixxi Komunità Ekonomika tal-ASEAN fl-2015. L-UE hija t-tieni l-ikbar sieħeb kummerċjali tal-ASEAN, wara ċ-Ċina. L-UE kkonkludiet Ftehim ta' Kummerċ Ħieles u Investiment ma' Singapore u qed tinnegozja Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u ta' Investiment ma' membri oħra tal-ASEAN inklużi l-Vjetnam, il-Malasja u t-Tajlandja.

Fl-2015 jaħbat l-40 anniversarju tar-relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-UE u ċ-**Ċina**. Il-priorità ċentrali għall-UE u ċ-Ċina ser tkun is-sostenn tal-kooperazzjoni abbażi tal-Aġenda għal Kooperazzjoni Strateġika UE-Ċina 2020, miftiehma fis-Summit UE-Ċina ta' Novembru 2013 f'Bejġing. Il-ħames ċiklu tad-Djalogu Strateġiku bejn l-UE u ċ-Ċina u s-17-il Summit UE-Ċina ser ikunu passi importanti lejn il-progress fil-kooperazzjoni tagħna fl-2015.

L-UE ser tkompli timpenja ruħha mal-Gvern **Indjan** il-ġdid, inkluż permezz ta' possibiltà ta' Summit UE-Indja. Fl-istess ħin, l-UE ser tibqa' f'kuntatt mal-Indja fuq kwistjonijiet globali importanti, bħall-enerġija/it-tibdil fil-klima hekk kif toqrob il-Konferenza ta' Pariġi u l-aġenda għall-iżvilupp ta' wara l-2015.

L-UE ser tkompli tqajjem mal-interlokutori Indjani l-każ mhux solvut taż-żewġ morini detenuti Taljani li ilu għaddej għal żmien twil.

L-UE ser taħdem biex tавvanza n-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Ġappun, mhux l-inqas minħabba l-għan dikjarat tal-Ġappun li jikkonkludi n-negozjati sa tmiem l-2015. Fid-dawl tal-interess tal-Ġappun biex jikkontribwixxi aktar għall-isforzi ta' paċi u stabbiltà fid-dinja, ser infittxu kif insaħħu l-kooperazzjoni mal-Ġappun fil-qasam tas-sigurtà. Is-Summit UE-Ġappun fi Brussell fit-tieni kwart tal-2015 ser ikun opportunità importanti biex nindirizzaw tħassib komuni u objettivi politiċi kondiviżi bħall-irkupru ekonomiku, is-sigurtà internazzjonali u t-tibdil fil-klima.

Fl-2015, fis-sħubija tal-UE mar-**Repubblika tal-Korea** ser issir enfasi partikolari fuq l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tat-tliet ftehimiet prinċipali li hemm fis-seħħ (Ftehim Qafas, Ftehim ta' Kummerċ Ħieles u Ftehim Qafas ta' Parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE) u fuq it-tisħiħ tad-djalogi politiċi u settorjali eżistenti. Is-Summit UE-Korea għandu jsir f'Seoul.

Gvern ta' Għaqda Nazzjonali fl-**Afganistan** joffri dinamika ġdida li tista' ġġib bidla ġewwa l-pajjiż u tgħin biex tistabbilizza r-reġjun. Jekk il-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali Afgani jirnexxielhom iżommu s-sigurtà, dan jagħti lok għar-riformi ekonomiċi u politiċi ambizzjużi ppreżentati fil-konferenza ta' Londra, u għal proċess ta' paċi kostruttiv. L-istrateġija tal-UE għall-Afganistan, sostnuta b'allokazzjoni ta' EUR 1.4 biljun permezz tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), missjoni estiża tal-EUPOL u Ftehim ta' Kooperazzjoni ppjanat dwar Sħubija u Żvilupp li għandu jiġi finalizzat fl-2015, tipprovdi qafas sabiex l-UE u l-Istati Membri jappoġġaw dan il-proċess fit-tul. Għandu jintlaħaq ftehim dwar qafas rivedut ta' kontabbiltà reċiproka f'Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja sa nofs l-2015.

Għall-**Pakistan**, waħda mill-prijoritajiet ser tkun li jitkompla l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Impenn ta' 5 snin UE-Pakistan, taħt is-sorveljanza tad-Djalogu Strateġiku. It-tielet Djalogu Strateġiku UE-Pakistan qed jiġi ppjanat għall-2015 f'Islamabad. Fl-2015 ser isir monitoraġġ mill-qrib tal-progress fl-implimentazzjoni effettiva mill-Pakistan tas-27 konvenzjoni ċentrali taħt il-GSP+, sabiex jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Barra minn hekk l-UE ser tkompli d-djalogu tagħha mal-Pakistan dwar kwistjonijiet speċifiċi, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, l-enerġija, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-migrazzjoni.

Fil-**Bangladesh**, l-UE ser tkompli ssegwi s-sitwazzjoni tal-governanza u tad-drittijiet tal-bniedem u tibqa' f'kuntatt mal-gvern, mal-Istati Uniti u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma fil-Patt ta' Sostenibbiltà għat-titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sikurezza fil-fabbriki fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti fil-Bangladesh.

L-UE ser tkompli timpenja ruħha fis-Sri Lanka, il-Myanmar, it-Tajlandja u l-Kambodja, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet fejn l-UE għandha influwenza sostanzjali u fejn sitwazzjonijiet politiċi instabbli jew rikoniġjazzjoni fraġli ta' wara konflitt jistgħu jeħtieġu attenzjoni partikolari.

L-2015 tista' tkun sena partikolarment favorevoli biex inwettqu progress fir-relazzjonijiet tagħna mal-**Awstralja** u **New Zealand**. Mal-Awstralja, il-prijorità fl-2015 ser tkun l-iffirmar tal-Ftehim dwar Maniġġar ta' Kriżijiet lejn il-bidu tas-sena u l-iffirmar tal-Ftehim Qafas aktar tard fl-istess sena. L-UE ser tkompli tikkoopera fuq kwistjonijiet ta' sigurtà li jinkludu d-Djalogu annwali dwar is-Sigurtà u d-Djalogu dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Fir-rigward ta' New Zealand, il-prijorità ser tkun l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija għar-Relazzjonijiet u l-Kooperazzjoni (PARC) u li titkompla l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà inkluż permezz tad-Djalogu dwar is-Sigurtà annwali.

L-UE ser tissokta bis-sħiħ il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tagħti ħajja mill-ġdid lid-djalogu politiku mal-gvern demokratiku l-ġdid fil-**Fiġi**. L-UE ser tibqa' impenjata mal-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku (PIF).

6. Sigurtà Internazzjonali

Il-ħidma kontra l-proliferazzjoni ser tibqa' prijorità għall-UE. Il-Konferenza għar-Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (TNP) tal-2015 ser issir fi New York fis-27 - 22 ta' Mejju, li ser tkun opportunità biex tiġi promossa aktar koeżjoni bejn l-istati li għandhom armi nukleari u dawk li ma għandhomx. L-UE ser tkompli bir-rwol tagħha bħala sponsor ewlieni taż-żona mingħajr armi ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani.

Tibqa' l-ħtieġa għal qafas internazzjonali b'saħħtu biex jindirizza dawn l-isfidi, u l-UE ser tkompli tinsisti fuq l-implimentazzjoni effettiva u universali tal-istrumenti internazzjonali (Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari, Konvenzjoni fuq il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal, Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi, eċċ.). L-appoġġ tal-UE ser jiffoka fuq l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi, l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari, u l-implimentazzjoni effettiva tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.

Il-proċess diplomatiku maħsub biex tinstab soluzzjoni komprensiva għall-**kwistjoni nukleari Iranjana** ser jibqa' prijorità prinċipali internazzjonali u tal-UE fl-ewwel nofs tas-sena.

Huma previsti diversi ċikli ta' taħditiet fuq livell politiku u ta' esperti, immexxija mill-UE. B'mod parallel, l-UE ser tkompli tagħmel pressjoni fuq l-Iran biex jiżvolġi rwol kostruttiv fir-reġjun (kif ukoll jirrispetta l-obbligi internazzjonali tiegħu internament fir-rigward, fost affarijiet oħra, tad-drittijiet tal-bniedem).

Jekk jintlaħaq ftehim dwar il-kwistjoni nukleari, il-probabbiltà tal-iżvilupp ta' relazzjoni mtejbja u produttiva tal-UE mal-Iran tiżdied bil-bosta.

L-Unjoni Ewropea ser ikollha żżomm l-attenzjoni tagħha fuq ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea bħala sors ta' instabbiltà fir-reġjun u fid-dawl tal-programmi attwali illegali tagħha ta' armi ta' qerda massiva u missili ballistiċi. L-UE ser tkompli tagħmel kulma tista' biex tappoġġa u tippromwovi djalogu inter-Korean u biex jergġhu jibdew it-taħditiet bejn 6 partijiet fuq bażi kredibbli, b'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab prinċipali kollha tagħha. L-UE ser tkompli tieħu azzjoni wkoll biex titjieb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK.

Jibqa' t-tħassib, li jista' jikber maż-żmien, dwar kwistjonijiet ta' **proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (AQM)** b'rabta mal-konflitt fis-Sirja, wara suġġerimenti li ħażniet mhux dikjarati ta' materjal għal armi ta' qerda massiva jistgħu jiġu f'idejn gruppi estremisti Iżlamiċi bħall-ISIL. B'mod aktar ġenerali, il-konflitt jibqa' jservi ta' punt fokali għall-feġġ ta' gruppi terroristiċi estremisti, inkluż il-fenomeni tal-ġellieda barranin (mill-Ewropa u bnadi oħra) u aktar settarjaniżmu. Iż-żieda potenzjali ta' rabtiet bejn il-gruppi estremisti differenti mil-Lvant Nofsani għat-Tramuntana, il-Lvant u l-Punent tal-Afrika ser tkun teħtieġ skrutinju akbar.

Fir-rigward tas-**sigurtà Ewropea**, it-theddiet ġodda u kumplessi li haġu dan l-aħħar jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar sinerġiji u koperazzjoni aktar mill-qrib fil-livelli kollha. It-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità huma t-tliet prioritajiet ewlenin li huma ssottolinjati għal azzjoni immedjata fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà adottata mill-Kummissjoni f'April 2015. Biċ-ċar dawn huma theddiet marbutin u transfruntieri, u d-dimensjoni multidimensjonali u internazzjonali tagħhom turi l-ħtieġa għal reazzjoni effettiva u kkoordinata fil-livell tal-UE. L-aġenda tistabbilixxi l-ġhodod u miżuri konkreti li ser jintużaw f'din il-ħidma konġunta biex tiġi żgurata s-sigurtà u jiġu indirizzati dawn it-tliet theddiet l-aktar urġenti b'mod aktar effettiv. L-UE ser tkompli taħdem permezz ta' strateġiji reġjonali integrati u fi djalogi ma' sħab ewlenin, kif ukoll fuq il-livell multilaterali.

Il-progress li sar fiż-żieda tal-effett, l-impatt u l-viżibilità tal-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni** (PSDK) jeħtieġ li jibqa' jinżamm.

Il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta progress konkret dwar il-kwistjonijiet kollha f'Ġunju 2015 u ser jipprovdi aktar gwida, abbażi ta' rapport mill-Kunsill ibbażat fuq kontributi mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Ġholi u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

Ser jinħtieġ li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-infiq għad-difiża u l-kapaċitajiet Ewropej tad-difiża, kif ukoll il-ħidma ta' tħejjija għal għadd ta' oqsma bħall-appoġġ għall-kapaċità tas-sħab fil-maniġġar ta' kriżijiet u s-sigurtà (inkluż "taħriġ u tagħmir"), u r-relazzjoni UE-NATO.

Il-missjonijiet u l-operazzjonijiet ser jibqgħu fil-qalba tal-PSDK. Il-komunikazzjoni mas-sħab u l-promozzjoni tal-parteciċipazzjoni f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK, id-djalogi regolari dwar is-sigurtà u d-difiża, it-tisħiħ ta' sħubijiet multilaterali/reġjonali u l-organizzazzjoni ta' seminars konġunti ma' sħab strateġiċi ser ikomplu.

Ser ikun hemm opportunitajiet ta' promozzjoni għall-aspetti esterni tal-**Pjan ta' Azzjoni għas-Sigurtà Marittima**, adottat fis-16 ta' Diċembru, waqt Summit tal-Unjoni Afrikana (Addis Ababa, 30 ta' Jannar 2015) u matul is-Sħubija Strateġika UE-Ċina (Frar jew Marzu 2015).

L-UE ser taħdem ukoll sabiex ittejjeb il-**kapaċitajiet ta' reazzjoni rapida** tagħha biex tistazzjona l-assi ċivili u militari adatti.

B'mod partikolari, hu ta' importanza kritika li jiġu żviluppati reazzjonijiet għal tekniki ta' hekk imsejħa "theddiet ibridi" - jiġifieri kif tittratta theddid li jħarbat u tiddestabilizza minn wara maskra ta' ċaħda, sostnut b'operazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet aggressivi.

Il-Konferenza Dinjija dwar iċ-Ċiberspazju fl-Aja fis-16-17 ta' April 2015 ifformulat politiki strateġiċi dwar iċ-ċiberspazju, kif ukoll opportunità għall-promozzjoni ta' viżjoni ta' ċiberspazju liberu, miftuħ u sigur, li fih il-partijiet ikkonċernati kollha huma involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet. B'mod ġenerali, kienet importanti għall-UE li tkompli tindirizza kemm it-theddidiet għaċ-ċibersigurtà kif ukoll il-benefiċċji pożittivi li jistgħu jinkisbu miċ-ċiberspazju – inklużi l-libertà u l-privatezza, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-aċċess. L-UE ser tmexxi prijoritajiet fis-sena d-dieħla li jinkludu l-iżvilupp ta' Miżuri għall-Bini tal-Fiduċja fiċ-ċibersigurtà biex titjieb il-prevedibbiltà tal-imġiba tal-istati fiċ-ċiberspazju, l-appoġġ għall-konsolidazzjoni ċibernetika f'pajjiżi terzi u l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħala parti mill-governanza tal-internet.

Fl-aħħar nett, fl-2015, l-UE ser tibqa' tthabbat wiċċha ma' konflitti li jeħtieġu **rispons komprensiv tal-UE**, li jibda bil-prevenzjoni tal-konflitti, l-identifikazzjoni bikrija ta' sitwazzjonijiet ta' konflitt emerġenti u l-medjazzjoni. Ser inkompli nsaħħu l-kooperazzjoni Prattika dwar il-prevenzjoni tal-konflitti ma' sħab bħan-NU, inkluż dwar il-medjazzjoni, l-analiżi kondiviża tal-konflitti u permezz tan-Netzwerk ta' Dialogu tas-Soċjetà Ċivili ffinanzjat mill-UE.

Ser tkun meħtieġa ħidma sabiex tinkorpora s-**Sistema ġdida tal-UE ta' Twissija Bikrija ta' Konflitt** fit-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi. Biex titjieb il-prevenzjoni, iżda wkoll ir-riżoluzzjoni tal-konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi, ser tkun meħtieġa analiżi strutturata tal-konflitti biex tiggwida l-azzjoni konġunta tal-UE flimkien mal-Istati Membri tal-UE, ma' sħab internazzjonali, u bl-għajnuna ta' għarfien espert mis-soċjetà ċivili. B'dan il-mod, jiġi implimentat titjib fit-taħriġ u l-gwida fis-servizzi rilevanti biex fl-azzjoni esterna tiżdied l-effettività u s-sensittività għall-konflitti.

L-investiment fl-appoġġ għall-medjazzjoni minn entitajiet oħra u l-konsolidament ulterjuri tal-kapaċitajiet tal-UE huma prijorità. Il-Grupp ta' **Appoġġ għall-Medjazzjoni** tas-SEAE ser ikompli jippromwovi l-medjazzjoni bħala strument tal-ewwel reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi emerġenti jew attwali. Dwar il-ġustizzja tranżizzjonali, ser jiġi finalizzat u implimentat dokument ta' politika ġdid tal-UE, u ser jissaħħaħ il-mod kif l-UE tittratta r-riforma tas-settur tas-sigurtà, bl-għoti ta' gwida operazzjonali biex ittejjeb l-effikaċja fis-sistema kollha tal-UE.

63. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa l-isforzi għal aktar operazzjonalizzazzjoni tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni taħt it-tliet Pilastrri tagħha, ta' importanza ugwali.

64. Fl-2015 ser jitwettqu revizzjonijiet maġġuri fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, b'mod partikolari f'operazzjonijiet ta' paċi tan-NU, l-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi u tar-riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà. Dan jippreżenta opportunità f'waqtha sabiex ikun hemm valutazzjoni kritika tal-arkitettura attwali tal-paċi u s-sigurtà tan-NU u jwitti t-triq 'il quddiem. L-interkonnessjonijiet ta' daww ir-reviżjonijiet huma importanti.

65. Fl-2015 ser titwettaq revizzjoni tal-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU.

Panel indipendenti ta' livell għoli fir-rebbiegħa mistenni jibgħat rapport lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, li wara jipproċedi bil-proċess. L-UE u xi Stati Membri tal-UE diġà ressqu kontributi lill-panel u ser ikunu qed isegwu l-iżviluppi mill-qrib.

Fl-2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ser iwettqu **evalwazzjoni ta' 10 snin tal-istruttura tan-NU għall-konsolidazzjoni tal-paċi**. Dan ser ikun ibbażat fuq il-ħidma ta' grupp konsultattiv ta' esperti li ser iwettaq studji tal-pajjiż fil-Burundi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, Sierra Leone, is-Sudan t'Isfel u Timor Leste. Ser iwettaq revizzjoni dwar politika u istituzzjonali l-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi, u ser jiżviluppa s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet abbażi ta' din il-ħidma. L-UE ser tagħti kontribut għal dan il-proċess.

Fl-okkażjoni tal-15-il anniversarju tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, f'Ottubru 2015 ser issir **evalwazzjoni ta' livell għoli** biex tivvaluta l-progress fuq il-livelli globali, reġjonali u nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325, jiġġeddu l-impenji, u jiġu indirizzati l-ostakoli li feġġew. L-UE ser tagħti kontribut għal dan il-proċess.

7. Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija

L-UE ser tkompli tippromwovi u tiddefendi d-**Drittijiet tal-Bniedem** fuq il-livell bilaterali u dak multilaterali u tintegra d-Drittijiet tal-Bniedem fil-politiki kollha tal-UE.

Wara l-iskadenza tal-Pjan ta' Azzjoni 2012 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fi tmiem l-2014, ser jiġi adottat wieħed ġdid fit-tieni semestru tal-2015.

Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid ser ikopri għalkollox il-mandat 2015-2019 tar-RGħ u tal-Kummissjoni Ewropea, u ser jinkludi klawżola ta' evalwazzjoni ta' nofs it-term (2017) biex tikkoinċidi mal-evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-istrumenti finanzjarji esterni.

L-UE ser tkompli l-azzjoni tagħha fuq livell multilaterali, b'mod partikolari fin-NU, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, adottati bħal kull sena qabel il-bidu tas-sessjoni prinċipali tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra f'Marzu 2015.

Ir-Rapport Annwali 2014 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja ser jitħejja fl-ewwel semestru tal-2015. Bħal fis-snin ta' qabel, ir-rapport ser ikun fih taqsima tematika u oħra dwar il-pajjiżi.

Il-**Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE)** ser jibqgħu strumenti importanti għall-kisba ta' objettiv fundamentali tal-azzjoni esterna tal-UE: il-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja.

Dwar l-**Emanċipazzjoni tan-Nisa** l-2015 ser tkun sena importanti għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, hekk kif niċċelebraw l-20 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fil-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW), kif ukoll il-15-il anniversarju tal-UNSCR 1325 dwar il-kontribut tan-nisa għall-paċi u s-sigurtà.

8. Kwistjonijiet Globali

Dwar il-**Għieda kontra t-Terroriżmu (CT)** il-Konklużjonijiet tal-Kunsil dwar is-CT adottati fid-9 ta' Frar ser iservu bħala l-bażi għal aktar integrazzjoni tal-Azzjoni Esterna ġenerali tal-UE u jżidu l-politika u l-azzjonijiet tas-CT li jikkonċentraw fuq it-temi li ġejjin: it-tisħiħ tas-sħab ma' pajjiżi ewlenin; l-appoġġ għall-konsolidazzjoni tal-kapaċità; il-għieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti; il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali; u l-indirizzar ta' fatturi sottostanti u kriżijiet li għaddejjin

Il-proċess finali ta' negozjati intergovernattivi dwar l-**aġenda għall-iżvilupp wara l-2015** ser jibda f'Jannar 2015, u ser jibni fuq proċessi preċedenti li jirriżultaw mir-Rio+20, speċjalment il-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), li f'Lulju 2014 ħoloq proposta għal 17-il għan u 169 mira, kif ukoll il-Kumitat Intergovernattiv ta' Esperti dwar il-Finanzjament tal-Iżvilupp Sostenibbli.

Fil-proċess li għaddej ta' riflessjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet **UE-AKP wara l-2020**, l-UE tissottolinja l-ħtieġa li wieħed jibqa' miftuħ u realistiku dwar il-forma futura tal-arkitettura ta' wara Cotonou li għandha toħloq relazzjoni tassew moderna bejn l-UE u l-pajjiżi tal-AKP.

Qabel tmiem l-ewwel kwart tal-2015 ser jiġi elaborat **Pjan ta' Azzjoni għal Approċċ Komprensiv**.

Qafas strateġiku madwar l-UE għal Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (SSR) għandu jiġi żviluppat mir-RGħ u l-Kummissjoni, sa nofs l-2015, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

Matul din is-sena jista' jkollha tiġi elaborata strateġija għal **Politika Barranija Preventiva dwar Kwistjonijiet Globali** – inizzjattiva ta' DE/IT/NL.

It-tibdil fil-klima ser ikompli jkun ta' prijorità strateġika ġeopolitika għall-UE fl-2015. L-għan immedjat huwa li jintlaħaq qbil dwar ftehim ambizzjuż u legalment vinkolanti skont l-UNFCCC applikabbli għall-Partijiet kollha, fil-COP21 ta' Diċembru f'Pariġi. Il-miri tal-UE sar qbil dwarhom fil-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014.

Hekk kif it-tibdil fil-klima fl-**Artiku** huwa ta' importanza fundamentali għall-Ewropa, l-UE għandha rwol kruċjali fl-appoġġ għall-kooperazzjoni b'suċċess dwar l-Artiku. Huwa previst li sa tmiem l-2015 tiġi adottata strateġija tal-UE għall-Artiku.

L-**Enerġija** ser tibqa' element importanti tal-politika esterna tal-UE. L-adozzjoni ta' Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija u tal-Unjoni tal-Enerġija ser jeħtieġu kontributi mill-politika barranija biex isostnu l-implimentazzjoni tagħhom, speċjalment fl-oqsma ta': 1) Diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot tal-enerġija tal-UE, 2) Promozzjoni ta' governanza globali tal-enerġija miftuħa, trasparenti u bbażata fuq ir-regoli, u 3) Komunikazzjoni komuni u konsistenti mas-sħab fl-enerġija.

Il-**Migrazzjoni** ser tibqa' prijorità għolja għall-2015 u wara. Is-SEAE ser ikollu jipprijoritizza l-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni (EAM) – strateġija ewlenija adottata f'Mejju 2015.

Is-SEAE ser jikkoopera ma' pajjiżi ewlenin ta' orġini u ta' transitu dwar il-politika u l-proċessi inklużi fl-EAM, bħall-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-Proċess ta' Rabat, il-Proċess ta' Kartum u oħrajn, speċjalment fir-reġjuni l-aktar ikkonċernati.

L-epidemija tal-**Ebola** ssottolinjat il-ħtieġa għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa ta' bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw iżda wkoll għat-titjib tal-kapaċità tal-komunità internazzjonali li tistabbilixxi proċeduri ta' emerġenza effettivi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Ser ikomplu l-isforzi internazzjonali li jittrattaw il-**problemi tad-drogi** madwar id-dinja bil-għan li jindirizzaw kemm in-naħa tal-provvista (marbuta mat-traffikar u l-kriminalità organizzata) kif ukoll in-naħa tad-domanda (is-saħħa, l-integrazzjoni soċjali tal-vittmi tal-abbuż tad-drogi). L-2015 ser tkun kruċjali għat-tħejjija tas-Sessjoni Speċjali dwar id-Drogi tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li ser issir f'April 2016.

ANNESI

Anness I: Sintesi ta' atti legali fil-qasam tal-PESK (miżuri restrittivi) 2014⁷⁹

Afganistan/Taliban

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/142/PESK tal-14 ta' Marzu 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 76, 15.3.2014, p. 46*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/140/PESK tal-14 ta' Marzu 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 76, 15.3.2014, p. 42*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/701/PESK tat-8 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (*ĠU L 293, 9.10.2014, p. 37*)

Belarussja

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/24/PESK tal-20 ta' Jannar 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (*ĠU L 16, 21.1.2014, p. 32*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/439/PESK tat-8 ta' Lulju 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (*ĠU L 200, 9.7.2014, p. 13*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/750/PESK tat-30 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (*ĠU L 311, 31.10.2014, p. 39*)

⁷⁹ Il-lista tirrigwarda biss Deċiżjonijiet tal-PESK li jimponu miżuri restrittivi. L-implimentazzjoni tal-miżuri li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi wkoll il-preparazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill jew Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill kif adatt.

Bożnija-Herzegovina

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/157/PESK tal-20 ta' Marzu 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Herzegovina (*ĠU L 87, 22.3.2014, p. 95*)

Repubblika Ċentru-Afrikana

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/125/PESK tal-10 ta' Marzu 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (*ĠU L 70, 11.3.2014, p. 22*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/382/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (*ĠU L 183, 24.6.2014, p. 57*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/863/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru Afrikana (*ĠU L 346, 2.12.2014, p. 52*)

Kosta tal-Avorju

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/271/PESK tat-12 ta' Mejju 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (*ĠU L 138, 13.5.2014, p. 108*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/460/PESK tal-14 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (*ĠU L 207, 15.7.2014, p. 17*)

Krimea/Sevastopol

Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (*ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/507/PESK tat-30 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (*ĠU L 226, 30.7.2014, p. 20*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/933/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (*ĠU L 365, 19.12.2014, p. 152*)

Repubblika Demokratika tal-Kongo

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/147/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (*ĠU L 79, 18.3.2014, p. 42*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/862/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (*ĠU L 346, 2.12.2014, p. 36*)

Eġittu

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/153/PESK tal-20 ta' Marzu 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (*ĠU L 85, 21.3.2014, p. 9*)

Eks-Repubblika tal-Jugoslavja (Milosevic)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/742/PESK tat-28 ta' Ottubru 2014 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2000/696/PESK fuq il-manteniment ta' miżuri speċifiċi restrittivi indirizzati kontra s-Sur Milosevic u persuni assoċjati miegħu u l-Pożizzjonijiet Komuni relatati 98/240/PESK, 98/326/PESK, 1999/318/PESK u 2000/599/PESK (*ĠU L 308, 29.10.2014, p. 99*)

Repubblika tal-Guinea

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/213/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea (*ĠU L 111, 15.4.2014, p. 83*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/728/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea (*ĠU L 301, 21.10.2014, p. 33*)

Iran (armi ta' qerda massiva)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/21/PESK tal-20 ta' Jannar 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (*ĠU L 15, 20.1.2014, p. 22*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/222/PESK tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (*ĠU L 119, 23.4.2014, p. 65*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/480/PESK tal-21 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (*ĠU L 215, 21.7.2014, p. 4*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (*ĠU L 325, 8.11.2014, p. 19*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/829/PESK tas-25 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (*ĠU L 338, 25.11.2014, p. 1*)

Iran (drittijiet tal-bniedem)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/205/PESK tal-10 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (*ĠU L 109, 12.4.2014, p. 25*)

Iraq

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/484/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2003/495/PESK dwar l-Iraq (*ĠU L 217, 23.7.2014, p. 38*)

Korea ta' Fuq (Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/212/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (*ĠU L 111, 15.4.2014, p. 79*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/700/PESK tat-8 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (*ĠU L 293, 9.10.2014, p. 34*)

Liberja

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/141/PESK tal-14 ta' Marzu 2014 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri imposti kontra l-Liberja (*ĠU L 76, 15.3.2014, p. 45*)

Libja

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/41/PESK tat-28 ta' Jannar 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (*ĠU L 26, 29.1.2014, p. 41*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/380/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (*ĠU L 183, 24.6.2014, p. 52*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/487/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (*ĠU L 217, 23.7.2014, p. 48*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/727/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (*ĠU L 301, 21.10.2014, p. 30*)

Repubblika tal-Moldova

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/381/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova (*ĠU L 183, 24.6.2014, p. 56*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/751/PESK tat-30 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/573/PESK li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra t-tmexxija tar-reġjun Transnistrijan tar-Repubblika tal-Moldova (*ĠU L 311, 31.10.2014, p. 54*)

Myanmar/Burma

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/214/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/184/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma (*ĠU L 111, 15.4.2014, p. 84*)

Russja

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (*ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (*ĠU L 271, 12.9.2014, p. 54*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK (*ĠU L 349, 5.12.2014, p. 58*)

Somalja

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/270/PESK tat-12 ta' Mejju 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja (*ĠU L 138, 13.5.2014, p. 106*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/729/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja (*ĠU L 301, 21.10.2014, p. 34*)

Sudan u Sudan t'Isfel

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/40/PESK tat-28 ta' Jannar 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/423/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sudan u s-Sudan t'Isfel (*ĠU L 26, 29.1.2014, p. 38*)

Sudan t'Isfel

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/449/PESK tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel (*ĠU L 203, 11.7.2014, p. 100*)

Sudan

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/450/PESK tal-10 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/423/PESK (*ĠU L 203, 11.7.2014, p. 106*)

Sirja

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/74/PESK tal-10 ta' Frar 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 40, 11.2.2014, p. 63*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/309/PESK tat-28 ta' Mejju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 160, 29.5.2014, p. 37*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/387/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 183, 24.6.2014, p. 72*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 217, 23.7.2014, p. 49*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK tas-26 ta' Settembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 283, 27.9.2014, p. 59*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/730/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 301, 21.10.2014, p. 36*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/901/PESK tat-12 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (*ĠU L 358, 13.12.2014, p. 28*)

Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/72/PESK tal-10 ta' Frar 2014 li taġġorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/395/PESK (*ĠU L 40, 11.2.2014, p. 56*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/483/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 li taġġorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/72/PESK (*ĠU L 217, 23.7.2014, p. 35*)

Tuneżija

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/49/PESK tat-30 ta' Jannar 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (*ĠU L 28, 31.1.2014, p. 38*)

Ukraina

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/151/PESK tal-21 ta' Marzu 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 86, 21.3.2014, p. 30*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/238/PESK tat-28 ta' April 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 126, 29.4.2014, p. 55*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/265/PESK tat-12 ta' Mejju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 137, 12.5.2014, p. 9*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/308/PESK tat-28 ta' Mejju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 160, 29.5.2014, p. 33*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/455/PESK tal-11 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 205, 12.7.2014, p. 22*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/475/PESK tat-18 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 214, 19.7.2014, p. 28*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK tal-25 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 221, 25.7.2014, p. 15*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/508/PESK tat-30 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 226, 30.7.2014, p. 23*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/658/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 271, 12.9.2014, p. 47*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/801/PESK tas-17 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 331, 18.11.2014, p. 26*)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/855/PESK tat-28 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (*ĠU L 344, 29.11.2014, p. 22*)

Ukrajna (Miżapproprjazzjoni)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (*ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26*)

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK tal-14 ta' April 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (*ĠU L 111, 15.4.2014, p. 91*)

Jemen

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen (*ĠU L 365, 19.12.2014, p. 147*)

Żimbabwe

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/98/PESK tas-17 ta' Frar 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (*ĠU L 50, 20.2.2014, p. 20*)

Annex II: Appearances before the European Parliament in 2014

1. Appearances of the High Representative/Vice-President before the European Parliament in 2014

Date	Meeting	Subject
11-Feb	Committee on Foreign Affairs	Debriefing on the Foreign Affairs Council of 10 Feb.2014
03-Apr	Plenary	Main aspects and basic choices of the common foreign and security policy and the common security and defence policy (art 36 TEU) – EU comprehensive approach and coherence of EU external action
06-Nov	Interparliamentary Conference (Rome)	Interparliamentary Conference (Rome)
12-Nov	Committee on Foreign Affairs Enlarged Bureau	Meeting ahead of the Foreign Affairs Council of 17-18 November
26-Nov	Plenary	Recognition of Palestine statehood
26-Nov	Plenary	25th anniversary of the UN Convention on the Rights of the Child
01-Dec	Committee on Foreign Affairs	Exchange of views
11-Dec	Committee on Foreign Affairs Enlarged Bureau	Meeting ahead of the Foreign Affairs Council of 15 December

2. Appearances on behalf of the High Representative/Vice-President before the European Parliament in 2014

Date	Meeting	HR/VP representative	Subject
15-Jan	Plenary	EL Presidency	Situation in South Sudan
16-Jan	Plenary	Commissioner Kallas	Human Rights debate - Situation of rights defenders and opposition activists in Cambodia and Laos
16-Jan	Plenary	Commissioner Kallas	Human Rights debate - Recent elections in Bangladesh
16-Jan	Plenary	Commissioner Kallas	Human Rights debate - Recent moves to criminalise LGBTI people
20-Jan	Committee on Budgetary Control	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	EEAS budgetary discharge 2012
05-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Situation in Ukraine
05-Feb	Plenary	IT Presidency	EU's role in Central African Republic (CAR)
05-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Situation in Syria
05-Feb	Plenary	IT Presidency	Situation in Egypt
06-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Human Rights debate - The situation in Thailand
06-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Human Rights debate - Right to education in Transnistrian region
06-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Human Rights debate - Bahrain, in particular the case of Nabeel Rajab, Abdulhadi al-Khawaja and Ibrahim Sharif
26-Feb	Plenary	Commissioner Füle	Situation in Ukraine

Date	Meeting	HR/VP representative	Subject
26-Feb	Plenary	EL Presidency	Situation in Iraq
26-Feb	Plenary	EL Presidency	Use of armed drones
27-Feb	Plenary	Commissioner Semeta	Venezuela
10-Mar	Plenary	Commissioner Borg	Eradication of torture in the world
10-Mar	Plenary	Commissioner Borg	Saudi Arabia
10-Mar	Plenary	Commissioner Füle	Priorities for EU relations with the Eastern Partnership countries
12-Mar	Plenary	IT Presidency	EU's priorities for the 25th session of the UN Human Rights Council
13-Mar	Plenary	Commissioner Lewandowski	Human Rights debate - Russia: sentencing of demonstrators involved in the Bolotnaya Square events
13-Mar	Plenary	Commissioner Lewandowski	Human Rights debate - Launching consultations to suspend Uganda and Nigeria from the Cotonou Agreement in view of recent legislation further criminalising homosexuality
13-Mar	Plenary	Commissioner Lewandowski	Human Rights debate - Security and human trafficking in Sinai
18-Mar	Committee on Foreign Affairs	Commissioner Füle	Strategic dialogue on the programming priorities under the Instrument for Pre-accession Assistance (IPA II) and of the European Neighbourhood Instrument (ENI)

Date	Meeting	HR/VP representative	Subject
31-Mar	EP-PAP Parliamentary Summit	EL Presidency	Policy Headlines of the European Union with regard to Africa
03-Apr	Plenary	EL Presidency	Situation in Iran
16-Apr	Plenary	Commissioner Füle	Situation in Ukraine and the Russian pressure on Eastern Partnership countries and in particular destabilisation of eastern Ukraine
16-Apr	Plenary	EL Presidency	Religious freedoms and cultural diversity
17-Apr	Plenary	Commissioner Almunia	EU-Japan strategic partnership agreement
17-Apr	Plenary	Commissioner Almunia	Human Rights debate - Pakistan
17-Apr	Plenary	Commissioner Almunia	Human Rights debate - Syria
17-Apr	Plenary	Commissioner Almunia	Human Rights debate - North Korea
15-Jul	Plenary	Commissioner Füle	Situation in Ukraine
16-Jul	Plenary	IT Presidency	Violence between Israel and Palestine
16-Jul	Plenary	IT Presidency	Crime of aggression
16-Jul	Plenary	IT Presidency	Destruction of Syria's chemical weapons
16-Jul	Plenary	IT Presidency	Situation in Iraq

Date	Meeting	HR/VP representative	Subject
17-Jul	Plenary	Commissioner Vassiliou	Human Rights debate - Case of Meriam Yahia Ibrahim in Sudan
17-Jul	Plenary	Commissioner Vassiliou	Human Rights debate - The recent attacks by Boko Haram in Nigeria
17-Jul	Plenary	Commissioner Vassiliou	Human Rights debate - Freedom of expression and assembly in Egypt
17-Sep	Plenary	IT Presidency	Situation in Libya
17-Sep	Plenary	IT Presidency	Situation in Iraq and Syria and the IS offensive including the persecution of minorities
17-Sep	Plenary	IT Presidency	Israel-Palestine after the Gaza war and the role of the EU
18-Sep	Plenary	Commissioner Mimica	Human Rights debate - Persecution of human rights defenders in Azerbaijan
18-Sep	Plenary	Commissioner Mimica	Human Rights debate - Burundi and in particular on the case of Pierre Claver Mbonimpa
18-Sep	Plenary	Commissioner Mimica	Human Rights debate - Human rights violations in Bangladesh
22-Oct	Plenary	IT Presidency	Situation in Kobane and the threat of IS
22-Oct	Plenary	IT Presidency	Situation in Hong-Kong
22-Oct	Plenary	IT Presidency	Death penalty in Pakistan and the case of Asia Bibi
23-Oct	Plenary	Commissioner Borg	Human Rights debate - Closing of the NGO "Memorial" in Russia

Date	Meeting	HR/VP representative	Subject
23-Oct	Plenary	Commissioner Borg	Human Rights debate - Situation of human rights in Uzbekistan
23-Oct	Plenary	Commissioner Borg	Human Rights debate - Disappearance of 43 teaching students in Mexico
12-Nov	Plenary	Commissioner Hahn	Humanitarian situation in South Sudan
12-Nov	Plenary	Commissioner Hahn	Turkish actions creating tensions in the exclusive economic zone of Cyprus
27-Nov	Plenary	Commissioner Stylianides	Human Rights debate - Pakistan: blasphemy laws
27-Nov	Plenary	Commissioner Stylianides	Human Rights debate - Case of accused war criminal Seseli in Serbia
27-Nov	Plenary	Commissioner Stylianides	Human Rights debate - Kidnapping and mistreatment of women in Iraq
03-Dec	Subcommittee on Security and Defence	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Debriefing on the FAC Defence of 18 November
17-Dec	Plenary	IT Presidency	Freedom of expression in Turkey
18-Dec	Plenary	IT Presidency	Human Rights debate - Persecution of the democratic opposition in Venezuela
18-Dec	Plenary	IT Presidency	Human Rights debate - Mauritania, in particular the case of Biram Dah Abeid
18-Dec	Plenary	IT Presidency	Human Rights debate - Sudan: the case of Dr Amin Mekki Medani

3. Appearances of Senior EEAS Representatives⁸⁰ before the European Parliament in 2014 and Exchanges of views with newly appointed Heads of Delegation

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
20-Jan	Committee on Foreign Affairs	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Debriefing on the negotiations for an Institutional Framework Agreement governing EU-Switzerland relations
20-Jan	Committee on Development	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Public Hearing on: " Place of humanitarian aid in EU external relations: the importance of respecting the humanitarian principles"
22-Jan	Subcommittee on Security and Defence	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Public hearing "European Council on Defence: What's next for CSDP?"
22-Jan	Subcommittee on Security and Defence & Committee on Foreign Affairs	EU Special Representative for the Sahel Mr Reveyrand	Exchange of views on situation in Sahel
23-Jan	Subcommittee on Human Rights	EU Special Representative for Human Rights Mr Lambrinidis	Exchange of views
23-Jan	Subcommittee on Security and Defence & Committee on Foreign Affairs & Committee on Development	Managing Director for Africa Mr Westcott	Exchange of views on the current status of operations in the Central African Republic (CAR)

⁸⁰ Members of Corporate Board, Managing Directors, EUSRs, PSC Chair

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
23-Jan	Subcommittee on Security and Defence & Committee on Foreign Affairs & Committee on Development	Managing Director for Africa Mr Westcott	Exchange of views on the latest developments in South Sudan
27-Jan	Committee on Foreign Affairs Enlarged Bureau	Executive Secretary General Mr Vimont	Debriefing on the Geneve II Conf. (on Syria)
30-Jan	EPP Group	Managing Director for Asia and the Pacific Mr Isticioaia-Budura	Hearing on EU-Japan Strategic Partnership Agreement
04-Feb	Breakfast meeting with members of the Committee on Foreign Affairs	EU Special Representative for South Mediterranean Mr Leon	Briefing on the situation in Egypt
17-Feb	Committee on Foreign Affairs	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Exchange of views on the implications of the Swiss referendum on mass immigration
18-Feb	Parliamentary Forum	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Europe's Parliaments in multinational organisations and international fora: From back seat to front row?
03-Mar	Committee on Foreign Affairs	Executive Secretary General Mr Vimont	FAC Debriefing (on Ukraine)
03-Mar	Committee on Foreign Affairs	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Exchange of views on the situation in Libya

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
05-Mar	Joint Consultation Meeting	Political and Security Chair Mr Stevens	CSDP missions, political updates on Libya, Mali, CAR, Afghanistan
10-Mar	Committee on Foreign Affairs	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Strategic dialogue with Commissioner Piebalgs on the programming under the European Instrument for Democracy and Human Rights, the Instrument contributing to Stability and Peace and the Partnership Instrument
10-Mar	Committee on Foreign Affairs	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Exchange of views on the international assistance package to Ukraine
18-Mar	Committee on Foreign Affairs	Managing Director for the Americas Mr Leffler	Debriefing on the state of play in negotiations of a Political Dialogue and Co-operation Agreement with Cuba and other developments in Latin America
18-Mar	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of Delegation in Ankara Mr Manservigi	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
18-Mar	Committee on Foreign Affairs Enlarged Bureau	Executive Secretary General Mr Vimont	Debriefing on the Foreign Affairs Council of 17 March
19-Mar	Subcommittee on Security and Defence	EU Special Representative for Horn of Africa Mr Rondos	Exchange of views on the situation in the Horn of Africa
08-Apr	Western Balkans WG	EU Special Representative Mr Sorensen	Exchange of views on the current situation in Bosna and Herzegovina
09-Apr	Delegation for relations with USA	Managing Director for the Americas Mr Leffler	Debriefing on the EU-US Summit of 26 March in Brussels
10-Apr	SME Global & SME Europe	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Breakfast debate about the EU-Switzerland relations

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
04-Jun	Committee on Foreign Affairs	Executive Secretary General Mr Vimont	Exchange of views on the presidential elections in Egypt of 26 and 27 May 2014
04-Jun	Committee on Foreign Affairs	Executive Secretary General Mr Vimont	Exchange of views on the findings and conclusions of the presidential elections in Ukraine on 25 May 2014, and on the latest developments in Ukraine
14-Jul	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation in Washington Mr David O'Sullivan	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
14-Jul	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation to the Council of Europe Mr Vilen	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
22-Jul	Committee on Foreign Affairs Enlarged Bureau	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Crisis in the Middle East
22-Jul	Committee on Development	Chief Operating Officer Mr O'Sullivan	Exchange of views on EU development policy principles, state of play of programming and the role of the EP
28-Aug	Enlarged Bureau of the Committee on Foreign Affairs jointly with the Bureaus of external committees (DEVE, INTA, SEDE, DROI)	Executive Secretary General Mr Vimont	Latest crisis developments in Ukraine, Iraq, Libya and Gaza.

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
01-Sep	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation in Georgia Mr Herman	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
01-Sep	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation to China and Mongolia, Mr Schweisgut	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
02-Sep	Plenary Session followed by three parallel thematic sessions	Third Annual Conference of EU Heads of Delegation	- Revamping EU policy; - Toward and EU economic, political and security strategy in Asia-pacific; Challenges for EU development cooperation in Africa and Latin America
11-Sep	Subcommittee on Security and Defence	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Debriefing on the informal Defence Council
17-Sep	Delegation to the Euro-Latin American Parliamentary Assembly	Managing Director for the Americas Mr Leffler	Exchange of views on the state of play in EU-LAC relations
22-Sep	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation in Albania Mrs Vlahutin	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP
23-Sep	Committee on Foreign Affairs	Newly appointed Head of the EU Delegation in Japan Mr Isticioaia-Budura	Exchange of views with newly appointed Head of Delegations, in compliance with the Declaration on Political Accountability of the HR/VP

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
23-Sep	Joint meeting of the Committee on Budgetary Control and the Committee on Foreign Affairs	Managing Director Mr Child	Special Report No 11/2014 (2013 Discharge) "The establishment of the European External Action Service"
13-Oct	Subcommittee on Human Rights	EU Special Representative for Human Rights Mr Lambrinidis	Exchange of views
03-Nov	Committee on Foreign Affairs	EU Special Representative Mr Salber	Exchange of views
04-Nov	Committee on Foreign Affairs	EU Special Representative for Human Rights Mr Lambrinidis	Exchange of views on his recent visits to Egypt and Pakistan
05-Nov	Committee on Budgetary Control	Managing Director Mr Child	Special Report No 11/2014 (2013 Discharge) "The establishment of the European External Action Service"
05-Nov	Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs	Managing Director Mrs Marinaki	Exchange of views on terrorism, foreign fighters and presentation of TE-SAT report
05-Nov	Others - Spring forward for women Conference	EU Special Representative for Human Rights Mr Lambrinidis	Keynote speaker at the opening session
05-Nov	Subcommittee on Security and Defence	Political and Security Chair Mr Stevens	CSDP priorities in the context of evolving security environment

Date	Meeting	EEAS Representative	Subject
11-Nov	Delegation for relations with Israel	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Current situation in the region
13-Nov	36th EP-Canada Interparliamentary meeting	Managing Director for the Americas Mr Leffler	State of play of the bilateral EU-Canada relationship
17-Nov	Committee on Foreign Affairs	Executive Secretary General Mr Vimont	Debriefing on the Foreign Affairs Council of 17 November 2014
17-Nov	Committee on Foreign Affairs	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Latest developments in Syria and Iraq
11-Dec	Delegation for relations with Maghreb countries	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Situation in Libya
11-Dec	Delegation for relations with the Maghreb countries	Managing Director for North Africa, Middle East, Arabian Peninsula, Iran and Iraq Mr Mingarelli	Exchange of views on Libya
11-Dec	Joint Consultation Meeting	Political and Security Chair Mr Stevens	Joint Consultation Meeting
17-Dec	Committee on Development Coordinators' Meeting	Deputy Secretary-General Mr Popowski	Debriefing on the Foreign Affairs Council of 12 December 2014

Anness III: Stqarrijiet u Dikjarazzjonijiet

Fl-2014 inħarġu total ta' 539 *stqarrija u dikjarazzjoni*, li jagħmlu parti minn waħda mill-erba' kategoriji li ġejjin:

- **Dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE:** jirriflettu l-pożizzjoni uffiċjali tal-UE u jinħarġu taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli b'konsultazzjoni preċedenti mal-Istati Membri. Fejn ma tittieħed ebda pożizzjoni uffiċjali, dawn id-dikjarazzjonijiet jiġu maqbula mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill. Pajjiżi terzi jistgħu jallinjaw meta mistiedna.
- **Stqarrijiet tar-RGħ/VP:** l-aktar li jintużaw biex jagħtu tweġiba għall-avvenimenti li jkun jeħtieġu reazzjoni rapida mill-UE u jinħarġu taħt l-awtorità tar-RGħ/VP mingħajr konsultazzjoni formali tal-Istati Membri.
- **Stqarrijiet mill-Kelliem tar-RGħ/VP:** użati għal reazzjoni rapida mill-UE f'każijiet meta l-involvement personali tar-RGħ/VP mhux neċessarjament ikun meħtieġ.
- **Dikjarazzjonijiet lokali tal-UE:** użati fil-kuntest ta' kwistjoni lokali/reġjonali speċifika.

Ripartizzjoni skont il-kategorija

Kategorija	Numru (parti tat-total)
Dikjarazzjonijiet tar-RGħ	49 (9.09%)
Stqarrijiet tar-RGħ/VP	173 (32.10%)
Stqarrijiet tal-Kelliem	235 (43.60%)
Stqarrijiet lokali	82 (15.21%)
Total	539 (100%)

Ripartizzjoni ġeografika

Reġjun	Numru (parti tat-total)
Afrika	117 (21.71%)
Asja	85 (15.77%)
Ewropea tal-Lvant / Balkani tal-Punent	136 (25.23%)
Amerika Latina	18 (3.34%)
Afrika ta' Fuq	44 (8.16%)
Lvant Nofsani / Golf	107 (19.85%)
Multilaterali / Amerika ta' Fuq	32 (5.94%)

Ripartizzjoni tematika

Reġjun	Numru (parti tat-total)
Drittijiet tal-Bniedem	110 (20.4%)
Elezzjonijiet / riforma	83 (15.4%)
Konflitt / proċessi ta' stabbilizzazzjoni	181 (33.6%)
Inċidenti ta' sigurtà	49 (9.09%)
Messaġġi ta' awguri / kondoljanzi	43 (7.98%)
Nonproliferazzjoni	9 (1.67%)
Oħrajn	64 (11.9%)

Stqarrijiet konġunti

Total ta' 9 stqarrija saru b'mod konġunt ma' Kummissarju ieħor jew oħrajn. Sitt stqarrijiet saru b'mod konġunt ma' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. It-tabella turi n-numru ta' stqarrijiet konġunti li pparteċipa fihom kull Kummissarju.

Kummissarju	Numru
Johannes Hahn	4
Andris Piebalgs	1
Kristalina Georgieva	1
Andris Piebalgs/Kristalina Georgieva	2
Christos Stylianides	1

Anness IV: Baġit tal-PESK 2014

19.030101 EUMM Georgia

2014/35/PESK EUMM Georgia – CD 2014/915/PESK 18,300,000.00

Subtotal 18,300,000.00

19.030102 EULEX Kosovo

PESK/2014/15/EULEX Kosovo – CD 2014/349/PESK 34,000,000.00

PESK/2014/32/EULEX Kosovo – CD 2014/685/PESK 55,820,000.00

Subtotal 89,820,000.00

19.030103 EUPOL Afghanistan

PESK/2013/07/EUPOL Afghanistan – CD 2013/240/PESK 17,633,790.14

PESK/2015/01/EUPOL Afghanistan – CD 2014/922/PESK 57,750,000.00

Subtotal 75,383,790.14

19.030104 Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' maniġġar ta' kriżi

PESK/2014/05/EUCAP Sahel Mali – CD 2014/219/PESK 5,500,000.00

PESK/2014/12/EUBAM Libya – CD 2014/294/PESK 26,200,000.00

PESK/2014/13/EUBAM RAFAH – CD 2014/430/PESK 940,000.00

PESK/2014/16/EUPOL COPPS – CD 2014/447/PESK 8,975,000.00

PESK/2014/27/EUCAP SAHEL Niger – CD 2014/482/PESK 9,155,000.00

PESK/2014/25/ESDC – CD 2014/491/PESK 756,000.00

PESK/2014/26/EUAM Ukraine – CD 2014/486/PESK 2,680,000.00

PESK/2014/31/EUSEC RD Congo – CD 2014/674/PESK	4,600,000.00
--	--------------

PESK/2014/29/EUCAP NESTOR – CD 2014/726/PESK	17,900,000.00
---	---------------

PESK/2014/33/EUAM Ukraine – CD 2014/800/PESK	13,100,000.00
--	---------------

Subtotal	89,806,000.00
-----------------	----------------------

19.030105 Miżuri ta' emerġenza	0.00
---------------------------------------	-------------

19.030106 Miżuri preparatorji u ta' segwitu

328,776.63

Subtotal	328,776.63
-----------------	-------------------

19.030107 Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea

PESK/2014/02/RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil- Ġeorġja – CD 2014/22/PESK	1,040,000.00
PESK/2014/04/RSUE Saħel – CD 2014/130/PESK	1,350,000.00
PESK/2014/17/EUSR Afghanistan – CD 2014/383/PESK	3,760,000.00
PESK/2014/24/EUSR Bosnia u Herzegovina – CD 2014/384/	5,250,000.00
PESK/2014/22/RSUE Drittijiet tal-Bniedem – CD 2014/385/PESK	550,000.00
PESK/2014/21/RSUE Kosovo– CD 2014/400/PESK	1,450,000.00
PESK/2014/20/RSUE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil- Ġeorġja – CD 2014/438/PESK	1,380,000.00
PESK/2014/30/RSUE Qarn tal-Afrika – CD 2014/673/PESK	890,000.00
Subtotal	15,670,000.00

19.0302 Nonproliferazzjoni u diżarm

PESK/2014/03/WHO II – CD 2013/668/PESK	1,727,000.00
PESK/2014/01/BAFA - ATT IV - CD 2013/768/PESK	5,200,000.00
PESK/2014/06/Think Tank II – CD 2014/129/PESK	3,600,000.00
PESK/2014/36/HCoC III - CD 2014/913/PESK	990,000.00
PESK/2014/34/ SALW Sahel-Libya - CD 2014/912/PESK	3,561,257.06

Subtotal	15,078,257.06
-----------------	----------------------

TOTAL	304,386,823.83
--------------	-----------------------

Approprjazzjonijiet ta' impenn riportati għall-2015⁸¹:**19.030104 Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' maniġġar ta' kriżi**

PESK/2015/02/EUCAP Sahel Mali – CD (PESK) 2015/76 (l-impenn totali jammonta għal EUR 11,400,000)	11,250,000.00
--	---------------

19.0302 Nonproliferazzjoni u diżarm

PESK/2015/10/OPCW VI - CD (PESK) 2015/259	2,528,069.00
PESK/2015/05/OUTER SPACE-UNIDIR u PESK/2015/06/OUTER SPACE-UNODA - CD (PESK) 2015/203	1,274,398.85

Total	15,052,467.85
--------------	----------------------

⁸¹ Approprjazzjonijiet ta' impenn riportati għall-2015 f'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Finanzjarju

Anness V: Valutazzjoni tal-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-PESK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-UE

Għall-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-PESK/PSDK mal-istrumenti finanzjarji esterni l-oħra tal-UE, l-istrumenti esterni prinċipali l-oħra tal-UE taħt l-Intestatura IV tal-baġit tal-UE li huma ta' rilevanza għall-Approċċ Komprensiv huma: l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), l-Istrument ta' Sħubija (PI) u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). Ta' importanza wkoll huwa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), finanzjat barra mill-baġit tal-UE.

Inkorporati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, dawn l-istrumenti kienu mfassla bħala appoġġ għall-politika esterna tal-Unjoni Ewropea, kull wieħed minn angolu differenti u jirrinforzaw lil xulxin reċiprokament. Il-komplementarjetà tal-istrumenti kienet żgurata b'mod partikolari matul il-proċess kollu tal-adozzjoni tal-istrumenti.

L-ippjanar strateġiku u operazzjonali tal-missjonijiet tal-PSDK sar ikun komprensiv, bħala prattika komuni, u dan jgħodd ukoll għall-2014. Rappreżentanti tas-SEAE u tas-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-UE huma involuti mill-qrib fl-istadji kollha tal-proċess tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, eż. matul il-proċess tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi (CMC), il-Kunċett tal-Operazzjonijiet (CONOPS), il-Pjan Operazzjonali (OPLAN) u l-Analiżi Strateġika (SR). Isiru wkoll missjonijiet konġunti fuq il-post ma' rappreżentanti minn servizzi differenti tal-UE. Id-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-Approċċ Komprensiv, mhux biss waqt l-eżerċizzji kartografiċi u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sigurtà, iżda wkoll matul l-identifikazzjoni ta' proġetti speċjalment fil-qasam tar-*riforma tas-settur tas-sigurtà* (eż. governanza, pulizija, ġustizzja) f'komplementarjetà sħiħa mal-PSDK.

Madankollu, meta jsir tqabbil bejn il-PESK/PSDK u l-istrumenti tal-UE taħt l-Intestatura IV (u l-FEŻ) huwa importanti li jitqiesu d-differenzi bejn l-oqfsa legali, il-proċeduri u l-atturi tal-implimentazzjoni. Pereżempju r-Regolamenti dwar l-IcSP, l-ENI, id-DCI, l-IPA, il-PI u l-EIDHR jiġu adottati skont it-TFUE (proċedura legiſlattiva ordinarja). Deċiżjonijiet ta' PSDK tal-Kunsill għal missjonijiet ċivili u operazzjonijiet militari jiġu adottati skont it-TUE. Barra minn hekk, l-iskali taż-żmien u d-dati tal-bidu/it-tmiem fl-istadji tal-programmazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp spiss iwarjaw ferm minn dawk tal-ippjanar ta' missjoni fl-immaniġġar ta' kriżijiet. Għalhekk it-tqabbil tal-ħtiġijiet kollha u l-kisba tal-oġettivi kollha bl-istrumenti ġusti fil-mument ġust jibqa' diffiċli. Fl-aħħar nett, proġetti ta' għajnuna għall-iżvilupp jiġu implimentati minn għadd ta' organizzazzjonijiet bħal aġenziji ta' implimentazzjoni, filwaqt li għall-missjonijiet tal-PSDK, il-maġġoranza tal-atturi tal-implimentazzjoni huma esperti tal-gvernijiet tal-Istati Membri.

It-tabella ta' hawn taħt turi eżempji ta' komplementarjetà ta' missjonijiet tal-PSDK ma' strumenti esterni oħra tal-UE. Fir-realtà l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà jħaddnu l-firxa sħiħa tal-attivitajiet u l-proġetti ffinanzjati mill-UE kif ukoll l-attivitajiet mill-atturi nazzjonali u internazzjonali (eż. NU, OSKE, UA, NATO, Stati Uniti, Ċina, azzjonijiet bilaterali ta' Stati Membri tal-UE, eċċ.).

MISSJONI JEW OPERAZZJONI TA' PSDK	STRUMENTI ESTERNI RELATATI TAL-UE - SPEĊIFIĊI GĦALL- PAJJIŻ	EŻEMPJI TA' AZZJONI KOORDINATA U KOMPLEMENTARI TAL-UE
EUBAM Libya	ENI, IcSP	Fl-2014, għaż-żoni pilota identifikati għall-azzjoni tal-EUBAM, kienu maħsuba programmi u proġetti ta' PEV u IcSP biex jipprovdu approċċ komprensiv. Eż. taħriġ dwar il-ġestjoni tal-fruntieri jkun akkumpanjat bi programmi li jippromwov u l-impjeg taż-żgħażaġħ, itejbu l-kura tas-saħħa u t-taħriġ vokazzjonali u jipprovdu direzzjoni essenzjali fuq il-livell komunitarju. Sfortunatament, minħabba s-sitwazzjoni tas-sigurtà, dawn il-programmi ma setgħux iseħħu.

EUPOL Afghanistan	DCI, IcSP	Finanzjament mid-DCI kompli jipprovdi appoġġ sostanzjali lill-Fond Fiduċjarju għall-Ordni Pubbliku fl-Afganistan (LOTFA) bħala sostenn għall-pulizija u bini ta' kapaċità u jikkomplementa għalkollox l-attivitajiet ta' taħriġ, konsulenza u monitoraġġ fl-ambitu tal-EUPOL. Permezz tal-IcSP, l-UE ffinanzjat żewġ ċentri ta' taħriġ.
EUAM Ukraine	ENI, IcSP	Qabel ġiet deċiża l-missjoni ta' PSDK dwar ir-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà ċivili, saret evalwazzjoni tal-istrumenti u l-programmi eżistenti tal-UE. Il-missjoni ta' PSDK tkopri hteġa li ma setgħux ikopru strumenti oħra tal-UE. Ser tkompli l-koordinazzjoni ma' strumenti oħra u l-EUAM ser tappoġġa l-identifikazzjoni ta' programmi futuri tal-UE fis-Settur tas-Sigurtà ċivili.

EUCAP Sahel Niger	FEŻ, IcSP	Id-Delegazzjoni tal-UE tikkoordina l-interventi kollha tal-UE fis-settur tas-sigurtà. Din il-kordinazzjoni ssir permezz ta' laqgħat regolari u skambju kontinwu ta' informazzjoni li jfittxu sinerġiji u impatt miżjud tal-UE. Eżempji ta' dawn il-kordinazzjoni u l-kooperazzjoni huma l-bosta korsijiet ta' taħriġ organizzati flimkien bejn żewġ proġetti jew aktar tal-UE u l-intervent konġunt EUCAP-PAJED għat-twaqqif u t-tisħiħ tal-kapaċità taċ-ċentri ta' maniġġar ta' kriżi fir-reġjuni kollha. Il-komponent tas-sigurtà tal-Programm ta' Appoġġ tal-FEŻ għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt (PAJED) jinkludi proġett wieħed implimentat mal-EUCAP maħsub biex jipprovdi tagħmir u taħriġ lil Ċentri Operazzjonali Konġunti. Proġett tal-FEŻ għall-iżvilupp lokali ta' tliet reġjuni fit-tramuntana (EUR 25.6 miljun) qed ikompli; żewġ interventi fil-qasir tal-IcSP (EUR 29 miljun) bl-oġettiv li jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni ta' reġjuni li qed jiffaċċjaw theddidiet serji għas-sigurtà permezz ta' azzjonijiet strutturali u fit-tul. L-EUCAP bdiet tiegħu ħsieb xi attivitajiet tal-programm CT-Sahel (IcSP fit-tul), u l-komponent nazzjonali tagħha ntemm f'Ottubru 2014.
------------------------------	-----------	---

EUCAP Sahel Mali	FEŻ, IcSP	Kuntratt tal-FEŻ għall-bini tal-istat jappoġġa lill-Gvern tal-Mali sabiex jipprovdi servizzi bażiċi permezz tal-proċess ta' tranżizzjoni u rikoniċiljazzjoni nazzjonali. B'żieda ma' dan, proġett tal-FEŻ ta' EUR 12-il miljun għandu l-għan li jappoġġa r-riforma tal-ġustizzja. Barra minn hekk, l-ewwel programm tal-IcSP ta' EUR 9 miljun witta t-triq għall-istazzjonament tal-EUCAP Sahel Mali billi pprovda tagħmir lill-unitajiet tal-pulizija u l-Gendarmerie li x'aktarx jibbenefikaw mit-taħriġ tal-EUCAP. Qed jiġi kkunsidrat it-tieni programm (EUR 5 miljun), bl-għan tar-restawr u t-tagħmir ta' stazzjon ċentrali tal-pulizija f'Bamako. L-assistenza teknika u l-monitoraġġ tal-istruttura l-ġdida jkunu pprovduti mill-EUCAP.
EUFOR RCA	FEŻ, IcSP	Wara missjoni konġunta fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, l-istrumenti tal-UE (l-aktar il-FEŻ u l-IcSP) iffokaw mill-ġdid fuq programmi attwali sabiex jinkisbu s-sinerġiji mal-isforzi tal-Missjoni biex jikkontribwixxu għal ambjent sikur u mingħajr periklu f'postijiet fejn hemm l-inkwiet f'Bangui. Dan kien jinkludi deċiżjoni ġdida tal-IcSP (EUR 4 miljun) favur komunitajiet fil-periklu, li tiffoka fuq inħawi fejn qed issir pattulja mill-EUFOR.

EUTM Somalia EUNAVFOR Atalanta EUCAP Nestor Qarn tal-Afrika	FEŻ, IcSP	It-tliet operazzjonijiet ta' PSDK, li huma integrati fil-Patt Somalu, qed ikollhom saff speċifiku ta' koordinazzjoni pprovdut miċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet Attivat li jabilita l-interazzjoni ma' strumenti oħra tal-UE. Biex jitjiebu l-koerenza, l-impatt u l-viżibilità tal-UE, inġenjar Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) biex jikkontribwixxi għall-approċċ reġjonali tal-UE għall-isfidi marbutin ma' xulxin fil-Qarn tal-Afrika. Ir-RSUE kien strumentali għall-iżviluppi speċifiċi fis-Somalja. Il-programm tal-IcSP, Rotot Marittimi Kritiċi, ilu mill-2009 jwettaq attivitajiet biex jiżviluppa sigurtà marittima sostenibbli u kapaċitajiet ta' governanza marittima fir-reġjun. Il-proġett tal-FEŻ - Programm li Jippromwovi s-Sigurtà Marittima Reġjonali (MASE) - ifittex ukoll l-iżvilupp ta' kapaċità fit-tul fil-qasam tas-sigurtà marittima. Il-missjoni ta' taħriġ tal-UE (EUTM) għandha l-għan li tiżviluppa l-forzi tal-pulizija Somali. Barra minn hekk, l-UE tikkontribwixxi għat-titjib fil-qagħda tas-sigurtà fis-Somalja billi tipprovdi appoġġ finanzjarju sostanzjali lill-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM) (sa issa kważi EUR 771 miljun) permezz tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika (FPA) fil-qafas tal-FEŻ.
---	------------------	---

EU BAM Rafah EUPOL COPPS	ENI	L-isforzi tal-EUPOL COPPS biex jitmexxew 'il quddiem riformi ewlenin kemm fis-settur tal-ġustizzja kriminali kif ukoll f'tas-sigurtà huma konformi mal-enfasi fuq l-Istat tad-Dritt tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-Palestina⁸² (settur fokali numru 1: Appoġġ għall-Governanza fil-livell lokali u nazzjonali). Ir-riallokazzjoni ta' EUBAM RAFAH f'punti ta' qsim f'Gaza ser ikunu fattur importanti li jippermetti l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti ta' żvilupp tal-UE fil-post (speċjalment bl-iffaċilitar tad-dħul tal-materjal tal-kostruzzjoni fl-Istrixxa)
---	-----	--

L-UE hija impenjata biex ittejjeb il-koordinazzjoni u l-komplementarjetà tal-azzjoni esterna tagħha. B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ komprensiv⁸³, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni f'April 2015.

Anke r-rwol imsaħħaħ tal-Viċi Presidenti taħt il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker ser jinkoraġġixxi applikazzjoni koerenti u komplementari tal-istrumenti esterni tal-UE. F'dan ir-rigward ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni/Viċi President tal-Kummissjoni ser tidderieġi u tikkoordina l-ħidma tal-Kummissjoni kollha għar-relazzjonijiet esterni b'konnessjoni mal-azzjoni esterna.

⁸² Din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

⁸³ Ara Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ komprensiv tal-UE, it-3312-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin, 12.05.2014.